

Paġna ewlenija>Proċeduri tal-qorti>Kawżi ċivili>Smigħ ta' xhieda

## Smigħ ta' xhieda

Jekk tibda proċedimenti legali, huwa normalment kruċjali li tippreżenta provi lill-qorti biex tipprova t-talba tiegħek.

### Jekk jogħġbok agħżel il-bandiera tal-pajjiż rilevanti biex tikseb informazzjoni nazzjonali dettaljata.

Is-smigħ ta' xhieda fil-proċeduri ta' qorti ċivili mhux ristrett għall-fruntieri ta' Stat Membru. Xi kultant, jista' jkun meħtieġ li tinstema' xhieda fi Stat Membru li ma jkunx dak li inti residenti fih. Pereżempju, jista' jkun neċessarju li jinstemgħu xhieda fi Stati Membri oħra, jew il-qorti jista' jkollha żżur post fi Stat Membru ieħor fejn ikunu seħħew il-fatti. Fir-rigward tal-kumpilazzjoni ta' xhieda transfruntiera fl-Unjoni Ewropea, il-kooperazzjoni ġudizzjarja bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali hija rregolata mir-Regolament (UE) 2020/1783 ta' L-25 ta' Novembru 2020, li ssostitwixxa r-Regolament (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 mill-1 ta' Lulju 2022.

Madankollu, is-sistema tal-IT deċentralizzata bħala mezz obbligatorju ta' komunikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni u l-wasla ta' talbiet, formoli u komunikazzjoni oħra se tibda tapplika biss mill-1 ta' Mejju 2025 (l-ewwel jum tax-xahar wara l-perjodu ta' tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 25 (għal aktar dettalji ara l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2020/1783)).

### Links relatati

[Is-smigħ ta' xhieda - notifiċi tal-Istati Membri u għodda ta' tftixxija li tgħin fl-identifikazzjoni tal-qorti /qorti /awtorità/ awtoritajiet kompetenti](#)

[Il-ġbir ta' provi permezz ta' vidjokonferenza](#)

[Gwida Prattika għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-2001 dwar is-Smigħ ta' Xhieda](#)  (74 Kb) 

[Gwida Prattika dwar l-użu tal-vidjokonferenzi biex tinġabar l-evidenza f'materji ċivili u kummerċjali](#)  (724 Kb) 

L-aħħar aġġornament: 03/04/2024

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.

## Smigħ ta' xhieda - Belġju

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Is-sistema legali Belġjana tiddistingwi bejn il-liġi ċivili u l-liġi kummerċjali. Il-liġi kummerċjali hija l-liġi speċifika li tapplika għan-negozjanti, filwaqt li l-liġi ċivili hija l-liġi ordinarja.

Ir-regoli dwar l-evidenza skont il-liġi ċivili jinsabu fl-Artikolu 1315 et seq. tal-Kodiċi Ċivili (*Code civil/Burgerlijk Wetboek*). Din hija sistema magħluqa, fejn il-forom ta' evidenza huma regolati b'mod strett (ara l-mistoqsija 5a hawn taħt għal aktar dettalji).

Ir-regoli dwar l-evidenza skont il-liġi kummerċjali jinsabu fl-Artikolu 25 tal-Kodiċi Kummerċjali (*Code de commerce/Wetboek van Koophandel*). Il-karatteristiċi prinċipali tagħhom huma l-ftuħ tas-sistema u l-libertà relattiva fir-rigward tal-forom ta' evidenza fi kwistjonijiet kummerċjali. L-Artikolu 25 tal-Kodiċi Kummerċjali jistipula: "Flimkien mal-forom ta' evidenza permessi skont il-liġi ċivili, l-impenji kummerċjali jistgħu jiġu ppruvati b'evidenza ta' xhieda fil-każijiet kollha fejn il-qorti tqis li dan għandu jkun permess, soġġett għall-eċċezzjonijiet magħmula għal każijiet speċifiċi. Ix-xiri u l-bejgħ jistgħu jiġu ppruvati permezz ta' fattura aċċettata, mingħajr preġudizzju għal forum oħra ta' evidenza permessi skont il-liġi kummerċjali".

L-aspetti proċedurali u tekniċi tal-evidenza fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali huma regolati mill-Artikolu 870 et seq. tal-Kodiċi Ġudizzjarju (*Code judiciaire/Gerechdelijk Wetboek*). L-Artikolu 876 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jeħtieġ li l-qorti tiġġudika t-tilwima quddiemha skont ir-regoli dwar l-evidenza li japplikaw għat-tip ta' tilwima. It-tilwima hija ċivili jew kummerċjali.

L-evidenza ta' fatt, premissa jew allegazzjoni trid tiġi sottomessa mill-parti li tibbaża fuqha. Il-parti li titlob it-tweġġta ta' obbligu għandha tipprovdi evidenza ta' dak l-obbligu. Għall-kuntrarju, il-parti li titlob li tiġi meħlusa minn obbligu għandha tissottometti evidenza tal-fil-aspett jew tal-att li jtemm l-obbligu (l-Artikolu 1315 tal-Kodiċi Ċivili). Fi proċedimenti legali, kull parti għandha tissottometti l-evidenza tal-fatti li hija tallega (l-Artikolu 870 tal-Kodiċi Ġudizzjarju: "*actori incumbit probatio*"). Imbagħad hija l-parti opposta li trid tikkonfuta l-valur probatorju ta' dawn il-fatti, fejn dan huwa possibbli u permess.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'lema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Sakemm ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà nazzjonali, tista' tiġi ppreżentata evidenza għal kwalunkwe fatti materjali. Madankollu, hemm tliet restrizzjonijiet fuq id-dritt li tiġi ppreżentata evidenza matul il-proċedimenti. L-ewwel nett, il-fatt li għandu jiġi ppruvat għandu jkun rilevanti għall-każ. It-tieni, il-fatt għandu jkun konvinċenti, fi kliem ieħor għandu jkun tali li jissodisfa lill-qorti dwar id-deċiżjoni li għandha tittieħed. It-tielet, l-evidenza tal-fatt trid tkun legalment ammissibbli: il-privatezza, il-kunfidenzjalità professjonali u l-kunfidenzjalità tal-korrispondenza m'għandhomx jinkisru.

Il-preżunzjonijiet jistgħu ġeneralment jiġu kkonfutati mill-parti opposta. Huma biss il-preżunzjonijiet inkonfutabbli (*juris et de jure*) li ma jistgħux jiġu kkontestati; fil-fatt huwa illegali li tiġi ppreżentata evidenza biex jiġu kkonfutati. Il-preżunzjonijiet konfutabbli ("*juris tantum*") jistgħu jiġu kkontestati b'evidenza li turi l-kuntrarju. Il-forom ta' evidenza li huma aċċettabbli f'dan il-każ huma regolati mill-liġi ċivili, iżda mhux skont il-liġi kummerċjali.

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Il-qorti trid tkun sodisfatta bl-evidenza ppreżentata mill-partijiet fuq il-bażi tal-valur u l-kredibbiltà tagħha. Jekk il-qorti tasal għall-konklużjoni li l-evidenza ppreżentata tista' tgħin biex tissolva t-tilwima u li tirrifletti b'mod affidabbli l-verità tal-kwistjoni, hija tassenjalha valur probatorju. Huwa biss ladarba l-qorti tkun assenjatilha valur probatorju li l-evidenza tista' titqies kif xieraq bħala prova.

Il-valur probatorju (*valeur probante/bewijswaarde*) huwa kemmxejn suġġettiv, filwaqt li l-istatus tal-prova mogħti lil klassi ta' evidenza (*force probante/bewijskracht*) huwa strettament oġġettiv. L-istatus tal-prova jkun ɠej mill-livell ta' affidabbiltà li jista' jkun mistenni minn dik il-klassi ta' evidenza. Il-liġi tagħti l-istatus tal-prova lil ċerta evidenza, imma biss meta tikkunsidra li l-klassi ta' evidenza għandha livell suffiċjenti ta' affidabbiltà, minħabba li billi tagħmel hekk, tkun qed tneħħi d-diskrezzjoni tal-qorti. Dan huwa l-każ tal-evidenza dokumentata. Jekk il-qorti tinterpreta l-kontenut ta' dokument miġsub legalment b'mod inkompatibbli mal-kliem attwali tiegħu, tkun qed tikser l-istatus tal-prova li għandha l-evidenza dokumentata. Il-parti milquta tista' tuża dan il-ksur biex tappella fuq punti ta' liġi quddiem il-Qorti tal-Kassazzjoni (*Cour de cassation/Hof van Cassatie*).

### 2 Is-smigħ tal-provi

2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Il-parti li tagħmel l-allegazzjoni għandha tkun tista' tipprova dan. F'xi każijiet, il-qorti tista' tordna lil parti biex tipproduċi evidenza, pereżempju billi tqiegħed persuna taħt ġurament (l-Artikolu 1366 tal-Kodiċi Ċivili). Soġġett għal kundizzjonijiet stretti, il-qorti tista' titlob lil parti biex tagħti dikjarazzjoni ġuramentata, minnha b'li l-eżitu tal-każ jiddependi fuqha jew sempliċement biex tiddetermina l-ammont tal-għotja.

Il-qorti tista' tinterroga lill-partijiet u tordna lix-xhieda jiġu interrogati, flief fejn dan huwa pprojbit bil-liġi (l-Artikolu 916 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Tista' wkoll tordna lill-esperti biex jagħmlu sejbiet ta' fatt jew jagħtu opinjoni teknika (l-Artikolu 962 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

## **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Ir-rikorsi għall-ġbir tal-evidenza jridu isiru minn waħda mill-partijiet fir-rikors prinċipali tagħhom jew fir-rikors addizzjonali matul il-proċedimenti. Il-qorti tista' tapprova jew tiċħad r-rikors, billi tagħti r-raġunijiet tagħha.

Meta dokument irid jiġi vverifikat (l-Artikolu 883 tal-Kodiċi Ġudizzjarju) jew jiġi ddkjarat li dokument huwa falz (l-Artikolu 895 tal-Kodiċi Ġudizzjarju), il-qorti tordna lill-partijiet biex jidher quddiemha, b'rappreżentanza legali jew mingħajrha, u biex jiproduċu kwalunkwe dokument u karta biex jitqabblu, jew id-dokument li ġie allegat li huwa falz. Il-qorti tista' tisma' u tiddeċiedi dwar il-kwistjoni minnufih jew tordna li d-dokument jiġi ppreżentat lir-reġistru, biex wara hija stess tkun tista' tordna miżuri ta' inkjesta jew titlob li jitwettqu minn esperti. Il-qorti mbagħad tiddeċiedi dwar il-verifika tad-dokumenti jew l-allegazzjoni tal-falsità.

Meta parti tipproponi li tipprovi evidenza ta' fatt permezz ta' xhieda waħda jew aktar, il-qorti tista' tippermetti li din l-evidenza tittieħed fejn tkun ammissibbli (l-Artikolu 915 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Flief fejn il-liġi tipprojbiha, il-qorti tista' tordna lix-xhieda jiġu interrogati. Ix-xhieda jissejħu mill-iskrivan tal-qorti mill-inqas tmint ijiem qabel id-data tas-smiġ tagħhom. Huma għandhom jieħdu ġurament u jiġu interrogati individwalment mill-imħallief. L-imħallief jista' jagħmel mistoqsijiet lix-xhieda fuq inizjattiva tiegħu jew tagħha stess jew fuq talba ta' waħda mill-partijiet. Ix-xhieda titniżżel bil-miktub, tinqara, tiġi kkoreġuta u miżjuda jekk ikun hemm bżonn, u s-smiġ tax-xhud imbagħad jingħalaq.

Il-qorti tista' tordna rapport ta' espert sabiex issolvi jew tevita tilwima. Ir-rapport ta' espert għandu jillimita ruħu għas-sejbiet tal-fatti u għall-opinjoni teknika (l-Artikolu 962 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). L-espert iwettaq ix-xogħol tiegħu jew tagħha taħt is-superviżjoni tal-qorti. Il-partijiet jipprovdu lill-espert bid-dokumenti kollha meħtieġa u jissodisfaw it-talbiet raġonevoli kollha tal-espert. Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat sad-data stabbilita bl-ordni tal-qorti. Jekk il-qorti tkun sodisfatta għall-kuntrarju, mhijiex obligata tosserva l-opinjoni tal-espert.

Fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba tal-partijiet, il-qorti tista' tordna spezzjoni ta' post imsemmi fil-proċedimenti (l-Artikolu 1007 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Din l-ispezzjoni, li tista' titwettaq jew ma titwettaqx fil-preżenza tal-partijiet, titmexxa mill-imħallief li jkun ordnaha jew minn persuna maħtura uffiċjalment għal dan il-għan. Jiġi mħejji u notifikat lill-partijiet rekord uffiċjali tal-azzjonijiet kollha meħuda u tas-sejbiet li jkunu saru.

## **2.3 F'lema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Il-qorti m'għandha l-ebda obbligu li tilqa' ir-rikors ta' parti għat-teħid tal-evidenza. Madankollu, jekk qorti tintalab tiegħu miżura ta' inkjesta minn awtorità ġudizzjarja oħra hija għandha tagħmel hekk (l-Artikolu 873 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

## **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Hemm tliet tipi ta' evidenza skont il-liġi ċivili ordinarja: evidenza dokumentata, evidenza tax-xhieda, preżunzjonijiet, ammissjonijiet mill-partijiet, u dikjarazzjonijiet ġuramentati (l-Artikolu 1366 tal-Kodiċi Ċivili).

L-evidenza dokumentata (l-Artikolu 1317 tal-Kodiċi Ċivili) tista' tiegħu l-forma ta' dokument pubbliku (*acte authentique/authentieke akte*) jew dokument privat (*acte sous seing privé/onderhandse akte*). Dokument pubbliku huwa dokument imfassal fil-forma preskritta minn uffiċjal pubbliku awtorizzat għal dan il-għan (pereżempju nutar jew reġistratur) u jikkostitwixxi prova sħiħa, bejn il-partijiet u fir-rigward ta' partijiet terzi, tal-ftehim li jkun fiha. Dokument privat li huwa rikonoxxut u ffirmat mill-partijiet kollha kkonċernati, f'numru ta' kopji daqs kemm hemm partijiet, jikkostitwixxi prova sħiħa bejn il-partijiet. Irid jifassal dokument pubbliku jew privat għall-kwistjonijiet kollha li jinvolvu somma jew valur ta' aktar minn EUR 375 (l-Artikolu 1341 tal-Kodiċi Ċivili).

L-evidenza tax-xhieda (l-Artikolu 1341 tal-Kodiċi Ċivili) li tikkontradixxi jew iżżid mal-kontenut tad-dokumenti formali hija inammissibbli. Madankollu, fejn hemm biss evidenza rudimentali bil-miktub jew fejn l-evidenza dokumentata ma tistax tiġi ppreżentata, l-evidenza tax-xhieda hija ammissibbli.

Il-preżunzjonijiet (l-Artikolu 1349 tal-Kodiċi Ċivili) huma konklużjonijiet li permezz tagħhom il-liġi jew il-qorti tiddeduċi fatt mhux magħruf minn fatt magħruf. Il-preżunzjonijiet ma jistgħux iżidu mal-kontenut tad-dokumenti, iżda jistgħu, bħall-evidenza tax-xhieda, jiffurmaw evidenza *prima facie* li għandha tkun issupplimentata b'evidenza bil-miktub u tissostitwixxi dokumenti li ma jistgħux jiġu ppreżentati.

L-ammissjonijiet mill-partijiet (l-Artikolu 1354 tal-Kodiċi Ċivili) huma ġudizzjarji jew extraġudizzjarji. L-ammissjoni ġudizzjarja (*aveu judiciaire/gerechtelijke bekentenis*) hija dikjarazzjoni magħmula quddiem il-qorti minn parti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha, u tikkostitwixxi prova sħiħa kontra l-persuna li tagħmilha. L-ammissjoni extraġudizzjarja (*aveu extrajudiciaire/buitengerechtelijke bekentenis*), madankollu, mhijiex soġġetta għal xi rekwiżiti formali.

Parti waħda tista' tintalab mill-oħra biex tiegħu ġurament ("ġurament deċiżiv" (*serment décisoire / beslissende eed*)) (l-Artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili), jew tista' tiġi ordnata tagħmel hekk mill-qorti. Fil-każ ta' ġurament deċiżiv, id-dikjarazzjoni hija evidenza konklużiva biss favur jew kontra l-persuna li tagħmilha.

L-evidenza f'materji kummerċjali mhix regolata (l-Artikolu 25 tal-Kodiċi Kummerċjali), imma hemm forma waħda ta' evidenza speċifika għal kwistjonijiet kummerċjali, jiġifieri l-fattura aċċettata fil-każ ta' kuntratti ta' bejgħ. In-negożjant jista' dejjem juża fattura aċċettata bħala evidenza valida, filwaqt li d-dokumenti bil-miktub l-oħra kollha jistgħu jservu bħala evidenza biss jekk joħorġu mill-parti opposta.

## **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jingħabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jingħabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

L-evidenza tax-xhieda hija meqjusa bħala forma ta' evidenza indipendenti mill-Kodiċi Ċivili. L-aspetti proċedurali u teknika huma regolati mill-Kodiċi Ġudizzjarju. Ir-rapport ta' espert huwa biss forma waħda ta' evidenza fost l-oħrajn u huwa regolat mill-Kodiċi Ġudizzjarju. Il-partijiet jistgħu jitolbu lill-qorti biex tissejjaħ xhieda, iżda ma jistgħux jaħtru esperti fuq inizjattiva tagħhom stess; il-qorti biss tista' tagħmel dan.

L-evidenza dokumentata għandha l-istatus tal-prova, u l-qorti għandha tirrispetta l-kontenut tagħha, iżda l-istess ma japplikax għal rapporti u opinjonijiet ta' esperti. Jekk il-qorti tkun sodisfatta għall-kuntrarju, din ma tkunx marbuta bis-sejbiet ta' rapport jew opinjoni (l-Artikolu 962 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

## **2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Hemm ġerarkija fost il-forom regolati ta' evidenza. L-ammissjonijiet u d-dikjarazzjonijiet ġuramentati huma l-oġhla. Id-dokumenti bil-miktub dejjem jikklassifikaw oġhla mill-evidenza tax-xhieda u mill-preżunzjonijiet. Id-dokumenti pubbliċi jikkostitwixxu prova sħiħa bejn il-partijiet u fir-rigward ta' partijiet terzi, filwaqt li dokument privat rikonoxxut jikkostitwixxi prova sħiħa bejn il-partijiet. L-evidenza tax-xhieda u l-preżunzjonijiet jistgħu jiġu invokati biss jekk l-evidenza dokumentata ma tkunx kompluta jew jekk ma tkunx tista' tiġi ppreżentata l-evidenza dokumentata tal-ftehim li għandu jiġi ppruvat.

## **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Skont jekk il-każ huwiex wieħed ċivili jew kummerċjali, il-forom ammissibbli ta' evidenza huma regolati jew mhux regolati. Skont il-liġi ċivili, dokument pubbliku jew privat għandu jifassal għall-kwistjonijiet kollha li jinvolvu somma jew valur ta' aktar minn EUR 375 (l-Artikolu 1341 tal-Kodiċi Ċivili). Dawk id-dokumenti biss jistgħu jservu bħala evidenza; l-evidenza tax-xhieda u l-preżunzjonijiet mhumiex ammissibbli. F'materji kummerċjali, b'kuntraż, l-evidenza tax-xhieda u l-preżunzjonijiet li jikkontradixxu jew iżidu mal-kontenut tad-dokumenti huma ammissibbli.

## **2.8 Ix-xhieda huma obligati bil-liġi li jixhdu?**

Ix-xhieda jinstemgħu fuq talba tal-partijiet jew b'ordni tal-qorti (l-Artikoli 915 u 916 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Id-dehra tax-xhieda hija regolata mill-Artikolu 923 *et seq.* tal-Kodiċi Ġudizzjarju.

### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Jekk xhud jissejjaħ biex jidher, imma jiddikjara li hemm raġuni leġittima biex jiġi/tiġi skużat/a, il-qorti tiddeċiedi dwar il-kwistjoni. Raġuni waħda leġittima, pereżempju, tista' tkun li x-xhud huwa marbut b'obbligu ta' kunfidenzjalità professjonali (l-Artikolu 929 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

### **2.10 Jekk persuna tiffirjgħa li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Il-persuna msejjaħa bħala xhieda hija obbligata li tidher. Jekk hu jew hi tonqos milli tidher, il-qorti tista' fuq talba ta' waħda mill-partijiet tordna lix-xhud jiġi mħarrek permezz ta' avviż notifikat minn uffiċjal ġudizzjarju (*huissier de justice/gerechtsdeurwaarder*) (l-Artikolu 925 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). Ix-xhud li jkun għe mħarrek u jonqos milli jidher jista' jeħel multa kriminali (l-Artikolu 926 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

### **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

L-evidenza tax-xhieda mhix valida meta tingħata minn xi ħadd li ma jkunx legalment kapaċi li jixhed (l-Artikolu 961(1) tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Minuri taħt l-età ta' 15-il sena ma jistax jixhed taħt ġurament. Kwalunkwe dikjarazzjoni li jagħmlu tista' sservi biss bħala informazzjoni (l-Artikolu 931, l-ewwel paragrafu, tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Il-minuri għandhom id-dritt li jinstemgħu minn qorti fi kwistjonijiet li jikkonċernaw l-eżerċizzju tal-awtorità tal-ġenituri, l-arranġamenti tal-għajxien u d-drittijiet ta' aċċess. Meta l-qorti tiddeċiedi li tisma' minuri, il-minuri jista' jirrifjuta li jixhed (l-Artikolu 1004/1 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

It-tfal u qraba oħra fil-linja dixxendenti ma jistgħux jixhdu f'każijiet fejn il-ġenituri jew il-qraba tagħhom fil-linja axxendenti għandhom interessi opposti (l-Artikolu 931, it-tieni paragrafu, tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

### **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Il-partijiet ma jistgħux jinterrompu lix-xhieda matul ix-xhieda tagħhom jew jinterrogawhom direttament, imma għandhom dejjem jindirizzaw lill-imħallef (l-Artikolu 936 tal-Kodiċi Ġudizzjarju). L-imħallef jista', *ex officio* jew fuq talba ta' parti, jagħmel kwalunkwe mistoqsija lix-xhieda li tista' tiċċara jew tissupplimenta x-xhieda tax-xhieda (l-Artikolu 938 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

L-evidenza fuq kliem ħaddieħor hija ammissibbli; mhijex ipprojbata minn xi dispożizzjoni jew prinċipju legali. Barra minn hekk, l-Artikolu 924 tal-Kodiċi Ġudizzjarju jawtorizza qorti biex tiddeċiedi li jekk xhud jista' juri li ma jistgħux jidher personalment l-evidenza tagħhom tista' tittieħed kull fejn ikunu.

## **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

### **3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

L-evidenza li nkisbet illegalment ma tistax tintuża fi proċedimenti legali. Fid-deċiżjoni tagħha, għalhekk, il-qorti għandha tinjora tali evidenza. L-evidenza miksuba b'mod li jikkostitwixxi ksur tal-privatezza, tal-kunfidenzjalità professjonali jew tal-kunfidenzjalità tal-korrispondenza hija illegali u inammissibbli.

### **3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?**

Id-dokumenti maħruġa minn parti ma jistgħux jintużaw bħala evidenza favur dik il-parti. Taħt il-liġi kummerċjali, madankollu, fattura għal tranżazzjoni kummerċjali li kienet maħruġa minn negozjant imma aċċettata mill-klijent tista' tintuża bħala evidenza valida min-negozjant biex tipprova l-fatti rilevanti. Il-kontijiet miżmuma kif xieraq jistgħu jiġu aċċettati mill-qorti bħala evidenza ta' tranżazzjonijiet bejn in-negozjanti.

L-ammissjoni ġudizzjarja hija dikjarazzjoni magħmula quddiem il-qorti minn parti jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħha, u tikkostitwixxi prova sħiħa kontra l-persuna li tagħmel dik l-ammissjoni.

L-aħħar aġġornament: 29/10/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **Smiġħ ta' xhieda - Bulgarija**

### **1 L-oneru tal-provi**

#### **1.1 X'inhuwa r-regoli dwar l-oneru tal-provi?**

Sabiex dikjarazzjoni li ssir minn litigant tkun rikonnoxuta mill-qorti, trid tiġi ppruvata mill-parti li tagħmel referenza għaliha b'kull mezz ammissibbli ta' prova previst mil-liġi. Dan ifisser li hemm numru ta' azzjonijiet proċedurali ta' tipi differenti, miġbura f'kategoriji skont l-istadju tal-proċedimenti ġudizzjarji.

L-Artikolu 153 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (GPK) jirrikjedi li l-fatti kollha ta' rilevanza disputabbli biex tingħata deċiżjoni dwar tilwima u r-rabtiet bejniethom jiġu ppruvati, u l-Artikolu 154 tal-GPK jirrikjedi li kull parti tistabbilixxi l-fatti li fuqhom ikunu bbażati l-pretensjonijiet u l-oġġezzjonijiet tagħha.

#### **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

Skont il-liġi nazzjonali atwali, il-fatti li għalihom preżunzjoni legali tkun ġiet stabbilita bil-liġi huma eżentati mill-oneru tal-provi. Evidenza prodotta sabiex tagħti prova li preżunzjoni legali speċifika ma tkunx valida hija ammissibbli fil-każijiet kollha, ħlief meta pprojbata mil-liġi (l-Artikolu 154(2) tal-GPK).

Barra minn hekk, l-eżenzjoni mill-oneru tal-provi tapplika għal fatti li huma magħrufa sew mill-pubbliku u mill-qorti fuq bażi *ex officio* li dwarha l-qorti trid tinforma lill-partijiet (l-Artikolu 155 tal-GPK).

B'rabta ma' dan, mal-bidu tal-proċedimenti l-qorti trid tfassal lista li tiddettalja l-fatti li għandhom jiġu ppruvati, u tindika l-partijiet li jridu jippruvawhom u fuq min jinsab l-oneru tal-provi. Il-qorti tiddeċiedi wkoll dwar l-applikazzjonijiet għall-evidenza ppreżentata mill-partijiet u taċċetta evidenza li tikkostitwixxi prova pertinenti, ammissibbli u neċessarja (l-Artikolu 146 tal-GPK).

#### **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Il-fatti li għalihom il-partijiet jagħmlu referenza biex isostnu l-pretensjonijiet tagħhom iridu jkunu sostanzjali bil-mezzi rilevanti ta' prova preskritti mil-liġi. Il-qorti trid tikkunsidra kull evidenza sabiex tiddetermina l-piż tagħha fil-każ (jiġifieri d-differenza bejn dokument uffiċjali u wieħed privat).

## **2 Is-smiġħ tal-provi**

### **2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

L-evidenza f'kawża tittieħed fuq il-bażi ta' applikazzjoni bil-miktub mill-parti rilevanti jew fuq mozzjoni magħmula verbalment f'seduta skont ir-regoli għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' dispożizzjoni libera.

Madankollu, meta l-qorti ssib li ċerti provi jkunu rilevanti għal tilwima, din tista' tordna li dawk il-provi jittieħdu *ex officio*.

Fl-applikazzjoni tagħha għall-evidenza, il-parti tindika l-fatti u l-mezzi ta' prova li tkun se tuża biex tissostanza dawk il-fatti.

Fl-applikazzjoni li tkun qed tftitex permess biex tintervista xhud il-parti trid tindika l-mistoqsijiet li jkunu se jitressqu quddiem ix-xhud, l-isem sħiħ u l-indirizz tax-xhud, u d-data li fiha l-parti tkun tixtieq li x-xhud jiġi mħarrek.

L-applikazzjoni biex tagħmel mistoqsijiet lill-parti li tkun qegħda toponi trid tinkludi l-mistoqsijiet li l-parti tkun se tintalab tirispondi.

L-applikazzjoni għall-ammissjoni ta' xhieda ta' esperti trid tindika l-qasam ta' għarfien espert speċjali, is-suġġett tal-opinjoni esperta u x-xogħol tax-xhud espert.

## **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Meta l-qorti tagħti l-mozzjoni ta' evidenza, toħroġ deċiżjoni li tistabilixxi perjodu għall-kumpilazzjoni ta' xhieda. Il-perjodu jibda fiż-żmien tas-seduta tal-qorti li jkun ġie stabbilit fiha, inkluż għal parti li ma tkunx dehret fil-qorti minkejja li tkun ġiet imħarrka.

Skont l-Artikoli 131(1) u 127(2) tal-GPK, il-partijiet għandhom jindikaw l-evidenza u ċ-ċirkostanzi konkreti ssostanzjati b'dik l-evidenza u jippreżentaw l-evidenza bil-miktub kollha disponibbli għalihom fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni u fil-ħin tal-wasla tal-kontroll tal-konvenut.

Skont l-Artikolu 158 tal-GPK, meta l-ġbir ta' ċerti elementi ta' evidenza jkun dubjuż jew jippreżenta sfida partikolari, il-qorti tista' tistabilixxi perjodu għall-ġbir ta' evidenza u tipproċedi biex tisma' l-każ mingħajr l-evidenza inkwistjoni, jekk din ma tingħatax fil-perjodu speċifikat. L-evidenza tista' tittejjed aktar tard fil-proċedimenti, sakemm ma tikkawżax dewmien mhux raġonevoli fil-proċedimenti.

## **2.3 F'lema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Il-qorti tista' tirrifjuta l-applikazzjonijiet biex tikseb evidenza b'deċiżjoni speċifika jekk il-fatti li l-parti tixtieq tipprova ma jkollhomx effett fuq il-każ u jekk l-applikazzjonijiet għall-kisba ta' evidenza ma jkunux ġew ippreżentati fil-ħin. Meta parti titlob li jinstemgħu bosta xhieda sabiex jiġi stabbilit fatt, il-qorti tista' taċċetta biss uħud mix-xhieda proposti. Jekk il-fatt inkwistjoni ma jkunx stabbilit, jissejñu x-xhieda l-oħra (l-Artikolu 159 tal-GPK).

## **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi għall-mezzi ta' evidenza li ġejjin:

dikjarazzjonijiet ta' xhieda, li huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 163 sa 174;

spjegazzjonijiet tal-partijiet;

li jirrikonossu fatt speċifiku;

ipprovduti bi tweġiba għal mistoqsijiet speċifiċi;

id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-partijiet huma rregolati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli minn 175 sa 177 tal-GPK;

evidenza bil-miktub, li hija rregolata mid-dispożizzjonijiet tal-Artikoli minn 178 sa 194 tal-GPK;

dokumenti uffiċjali;

dokumenti privati.

Tista' tiġi ppreżentata evidenza bil-miktub miż-żewġ partijiet, iżda tista' wkoll tkun meħtieġa mill-qorti. L-evidenza bil-miktub tista' tiġi ppreżentata fuq karta jew f'forma elettronika. Fl-aħħar każ, minbarra verżjoni stampata, il-qorti tista' titlob li d-dokument jiġi sottomess f'forma elettronika. Jekk parti tippreżenta kopja ta' dokument, tista' tingħata struzzjonijiet biex tippreżenta wkoll il-verżjoni oriġinali tad-dokument (l-Artikolu 183 tal-GPK).

Id-dokumenti normalment jiġu ppreżentati bil-Bulgaru. Meta jiġu ppreżentati b'lingwa barranija, id-dokumenti jridu jkun akkumpanjati minn traduzzjoni preċiża bil-Bulgaru, li l-parti tkun iċċertifikat.

Skont l-Artikolu 187 tal-GPK, jekk il-qorti tkun tista' tikseb materjal stampat mingħajr diffikultà, huwa biżżejjed li tindika l-post fejn ikun ippubblikat il-materjal.

Il-qorti tista' tordna li tiġi pprovduta evidenza bil-miktub mill-partijiet jew partijiet terzi mhux involuti fil-każ. Skont l-Artikoli 190 u 192 tal-GPK, kull parti tista' titlob lill-qorti biex tagħmel dan, u l-qorti tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq l-evidenza kollha disponibbli għaliha. Sabiex tikseb evidenza bil-miktub minn parti barranija, għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni speċifika bil-miktub lill-qorti. Kopja tal-applikazzjoni tkun disponibbli għall-parti terza inkwistjoni.

Għalkemm il-partijiet għandhom obbligu legali li jippreżentaw l-evidenza, huma jistgħu jirrifjutaw li jagħmlu dan jekk dokument ikun jikkonċerna l-ħajja personali tagħhom jew dik ta' membru tal-familja tagħhom, jew jekk il-preżentazzjoni tal-evidenza tesponihom għal opprobru jew prosekuzzjoni kriminali. F' dan il-każ, jekk jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, il-qorti tista' tagħti struzzjonijiet lill-parti biex tippreżenta siltiet mid-dokument.

Skont il-liġi nazzjonali, il-partijiet jistgħu jikkontestaw l-awtentiċità ta' dokument bil-miktub ippreżentat mill-parti li tkun qiegħda toponi iżda iridu jagħmlu hekk sa meta tasal tweġiba għall-preżentazzjoni tagħhom. Jekk id-dokument jiġi ppreżentat waqt seduta, għandu jiġi kkontestat qabel it-tmiem tas-seduta. Jekk il-parti li tkun qed toponi tkun tixtieq tuża d-dokument ikkontestat, il-qorti tordna investigazzjoni dwar l-awtentiċità tiegħu. L-oneru tal-provi huwa fuq il-parti li tikkontesta l-awtentiċità tad-dokument. Jekk id-dokument ikkontestat ma jkollux il-firma tal-parti li tikkontesta l-awtentiċità tiegħu, l-oneru tal-provi jkun fuq il-parti li tkun ippreżentat id-dokument. Wara li tkun wettqet investigazzjoni biex tivverifika l-awtentiċità tad-dokument ikkontestat, il-qorti tiddeċiedi jekk ikunx ġenwin jew falz. Il-qorti tista' tinkorpora din id-determinazzjoni fis-sentenza tagħha fil-każ (l-Artikoli 193 u 194 tal-GPK).

Ir-regoli dwar l-esperti huma stabbiliti fl-Artikoli 195 sa 203 tal-GPK.

L-esperti jinħatru fuq talba tal-partijiet jew mill-qorti li taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess. L-esperti jippreżentaw ir-rapporti tagħhom mill-inqas ġimgħa qabel id-data skedata tas-seduta li fiha jrid jiġi ammess ir-rapport.

Jekk il-konklużjoni tax-xhud espert tiġi kkontestata, il-qorti tista' taħtar xhud espert wieħed jew aktar. Il-qorti tista' titlob ukoll li x-xhud espert jirrevedi jew jipprovdi t-tieni opinjoni dwar il-kwistjoni.

Ir-regoli għall-ispezzjoni viżiva u ċ-ċertifikazzjoni huma stabbiliti fl-Artikoli minn 204 sa 206 tal-GPK.

Fuq talba tal-partijiet jew b'diskrezzjoni tagħha stess, il-qorti tista' tordna li l-proprjetà mobbli jew immobbli tiġi spezzjonata viżwalment jew li persuna tiġi ċċertifikata bl-involvement jew mingħajru ta' xhieda u esperti maħtura mill-qorti.

L-ispezzjonijiet viżivi u ċ-ċertifikazzjoni huma metodi għall-ġbir u l-verifika tal-evidenza. Huma jaqgħu taħt il-kompetenza tal-qorti kollha u jistgħu jiġu delegati lil membru tal-qorti jew lil qorti oħra.

Il-qorti tgħarraf lill-partijiet bid-data u l-post tal-ispezzjoni viżiva. Jifassal rekord tal-ispezzjoni viżiva li jagħti dettalji dwar is-sejbiet tal-ispezzjoni, l-ispezzjonijiet ipprovduti mill-esperti u d-dikjarazzjonijiet magħmula mix-xhieda intervistati fis-sit tal-ispezzjoni.

## **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

L-evidenza mix-xhieda tinkiseb permezz ta' intervisti tax-xhieda. Id-dikjarazzjonijiet tax-xhieda mressqa bil-miktub huma inammissibbli. Il-konklużjonijiet tal-esperti jiġu ppreżentati bil-miktub mill-inqas ġimgħa qabel id-data skedata tas-seduta u wara jinstemgħu fil-qorti u jiġu ammessi bħala evidenza. Il-qorti u l-partijiet jistgħu jagħmlu mistoqsijiet lill-esperti.

## **2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Il-liġi proċedurali nazzjonali ma tagħtix piż akbar lil xi tipi ta' evidenza minn oħrajn. L-evidenza tiġi kkunsidrata fuq il-mertu tagħha stess u fl-intier tagħha dak inhar tal-valutazzjoni tal-fatti ppruvati, li jiddeterminaw il-kawża tar-rikors.

## **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

F'ċerti każijiet espressament stipulati bil-liġi, pereżempju l-validazzjoni ta' tranżazzjonijiet legali li għalihom huwa meħtieġ att bil-miktub, hija permissibbli biss evidenza bil-miktub. Id-dikjarazzjonijiet tax-xhieda huma inammissibbli fil-każijiet li ġejjin: rifjut tal-kontenut ta' dokument uffiċjali; aċċertament ta' ċirkostanzi li għalihom trid tingħata evidenza fil-forma ta' att bil-miktub; validazzjoni ta' kuntratti ta' valur li jaqbeż BGN 5000, sakemm il-kuntratt ma jkunx ġie konkluż bejn

il-konjuġi, axxendenti jew dixxendenti fil-linja diretta, qraha sar-raba' grad ta' parentela mid-demem jew qraha biż-żwieġ sa u inkluż il-tieni grad ta' affinità; ħlas ta' obbligazzjonijiet monetarji stabbiliti b'deċiżjoni bil-miktub; validazzjoni ta' ftehimiet bil-miktub li jkun parti għalihom il-litigant li jkun qed ifittex l-ammissjoni ta' xhud jkun parti jew il-modifika jew tħassir ta' dawn il-ftehimiet; rifjut tal-kontenut ta' dokument privat li jorjginaw mill-parti.

## **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Ħadd ma jista' jirrifjuta li jagħti xhieda sakemm ma jkunx espressament eżentat milli jagħmel hekk mil-liġi.

## **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Minbarra l-avukati tal-partijiet jew il-medjaturi fit-tilwima, il-partijiet li ġejjin jistgħu jirrifjutaw li jixhdu: l-axxendenti jew id-dixxendenti tal-partijiet fil-linja diretta tal-parentela, l-aħwa tagħhom, qraha biż-żwieġ fl-ewwel grad ta' affinità, konjuġi, ex konjuġi jew sħab tal-liġi komuni (l-Artikolu 166 tal-GPK). Il-qorti tivvaluta d-dikjarazzjoni tax-xhud fid-dawl tal-informazzjoni l-oħra kollha disponibbli fil-każ, filwaqt li tqis kwalunkwe interess personali li x-xhud jista' jkollu fil-każ.

## **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sforzata tixhed?**

Skont l-Artikolu 163 tal-GPK, ix-xhieda għandhom jidher fil-qorti u jixhdu. Jekk xhud ikollu raġunijiet validi biex ma jixhedx jew iwieġeb ċerti mistoqsijiet, huwa irid jiddikjara dawn ir-raġunijiet quddiem il-qorti bil-miktub qabel is-seduta li fiha jkollu jixhed, filwaqt li jipprovdi l-evidenza ta' sostenn meħtieġa. (l-Artikolu 167 tal-GPK). In-nuqqas ta' konformità ma' taħrika u preżenza fil-qorti jwassal għal multa u l-qorti tista' tordna wkoll li x-xhud jittressaq quddiem il-qorti mill-pulizija ġudizzjarja.

## **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

L-evidenza tista' tinkiseb mill-partijiet kollha minbarra dawk imniżżla fil-punt 6B, anke jekk dawn ikunu inabilitati jew ma jkollhom l-ebda interess fl-eżitu tal-tilwima. Il-qorti tivvaluta d-dikjarazzjoni tax-xhud billi tqis l-inabilità jew l-interess personali tax-xhud.

## **2.12 X'inhu r-rol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġh ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstitma' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Ix-xhieda jiġu ammessi fuq talba tal-partijiet jew mill-qorti li taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess. It-taħrika tax-xhieda tiġi nnotifikata fl-indirizz mogħti mill-parti li tkun qed titlob għax-xhud. Jekk l-indirizz ma jkunx korrett, il-qorti tistabbilixxi skadenza sa meta dik il-parti trid tindika indirizz ġdid.

Kull xhud li jkun ġie debitament mħarrek u jidher fil-qorti jiġi intervistat separatament fil-preżenza tal-partijiet. Ix-xhud jista' jiġi intervistat aktar minn darba. Il-qorti tivvaluta d-dikjarazzjoni tax-xhud fid-dawl tal-evidenza l-oħra kollha miġbura f'dan il-każ. Skont l-Artikolu 170 tal-GPK, qabel is-smiġh ta' xhud, il-qorti tgħarrafhom dwar l-obbligazzjoni għal ġurament falz u tiegħu d-dettalji personali tagħhom. Meta l-qorti jkollha raġuni qawwija biżżejjed biex tagħmel dan, tista' tisma' x-xhud qabel id-data skedata tas-seduta jew twestaq l-eżami barra mill-qorti. Il-partijiet jiġu mħarrika biex jattendu l-eżami. Ma hemm l-ebda dispożizzjoni fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili għall-eżami ta' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew mezzi tekniċi oħra. Meta tkun trid tingħabar evidenza f'distrett ġudizzjarju ieħor, il-qorti tista' tiddeloga dan il-kompitu lill-qorti tad-distrett lokali (*rayonen sad*) (l-Artikolu 25 tal-GPK).

## **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

### **3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

L-evidenza miksba illegalment jew li tkun ġiet ippruvata bħala falza wara kontestazzjoni mressqa kontra skont il-proċedura għall-kontestazzjoni ta' dokumenti bil-miktub tiġi injorata fid-deliberazzjoni tas-sentenza. Evidenza bħal din tista' tiġi eskluża mill-każ. L-istess proċedura tapplika għall-evidenza ppreżentata li tinstab li tkun irrilevanti għat-tilwima.

### **3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?**

Dikjarazzjoni magħmula minn parti tista' tiddaħħal bħala evidenza jekk tingħata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 176 tal-GPK, jiġifieri meta l-qorti tkun ordnat lill-parti biex tidher personalment u tipprovdi spjegazzjonijiet rilevanti għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

L-aħħar aġġornament: 11/02/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **Smiġh ta' xhieda - l-Ċekja**

### **1 L-oneru tal-provi**

#### **1.1 X'inhu r-regoli dwar l-oneru tal-provi?**

L-oneru tal-provi jirriżulta mill-"piż ta' allegazzjoni", li essenzjalment jiġi determinat mid-dispożizzjoni legali li fuq il-bażi tagħha d-dritt għandu jiġi infurzat quddiem qorti; b'mod partikolari, huwa l-ġabra ta' fatti li jridu jintalbu f'każ speċifiku. Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistipula li kull parti hija meħtieġa tagħti prova tal-affermazzjonijiet tagħha billi tispeċifika l-evidenza rilevanti - dan l-obbligu huwa magħruf bħala "l-oneru tal-provi". Bħala regola ġenerali, il-persuni kollha li jagħmlu affermazzjoni li tkun rilevanti għal każ partikolari huma soġġetti għall-oneru tal-provi.

Il-partijiet kollha jridu jissodisfaw l-obbligi tal-piżijiet ta' allegazzjoni u tal-provi għall-affermazzjonijiet tagħhom. Jekk il-fatti mitluba minn parti u l-evidenza proposta ma jkunux kompluti, il-qorti hija obbligata li tgħarraf lill-parti dwar dan il-fatt.

Jekk il-qorti ssostni li l-fatti mitluba minn xi waħda mill-partijiet ma jkunux ġewx ippruvati fi proċedimenti kontenzjużi, huwa meħtieġ li tgħarraf lill-dik il-parti li l-evidenza trid tkun proposta b'sostenn għall-affermazzjonijiet kollha u li jekk il-parti tonqos milli tissodisfa dan l-obbligu tista' titlef il-każ. Madankollu, il-qorti hija meħtieġa tgħarraf b'dan waqt is-seduti biss, mhux f'dokumenti tal-qorti miġbħuta lill-partijiet (eż. f'ċitazzjoni).

#### **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

M'hemm għalfajn tinħareġ evidenza għal fatti li ġeneralment ikunu magħrufa (jiġifieri fatti magħrufa għal grupp kbir ta' nies f'post partikolari u f'fin partikolari) jew ikunu magħrufa mill-qorti mill-attivitajiet tagħha, kif ukoll minn leġiżlazzjoni ppubblikata jew notifikata fil-Ġabra ta' Liġijiet tar-Repubblika Ċeka. Il-qorti tista' ssir taf bil-liġi barranija permezz tal-istudju tagħha stess, permezz ta' dikjarazzjoni mill-Ministeru tal-Ġustizzja fuq talba tal-qorti jew permezz ta' opinjoni esperta, jew permezz ta' talba skont it-trattati internazzjonali. Dawn il-fatti kollha jistgħu jiġu konfutati bil-proposta tal-evidenza.

Għal ċerti kategoriji ta' fatti, il-liġi tista' tistabbilixxi preżunzjoni. Jista' jkun hemm preżunzjonijiet konfutabbli li jammettu evidenza kuntrarja u, eċċezzjonalment, suppożizzjonijiet mhux konfutabbli li ma jammettux evidenza kuntrarja. Fil-każ ta' preżunzjoni konfutabbli, il-qorti għandha tikkunsidra ppruvata jekk l-ebda waħda mill-partijiet ma tipproponi evidenza biex tirribatti l-preżunzjoni u b'hekk tipprova fatti kuntrarji fil-proċedimenti. B'xi preżunzjonijiet konfutabbli, il-kuntrarju jista' jiġi ppruvat biss f'limitu ta' żmien statutorju.

Il-qorti hija marbuta bid-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti li reat, offiċja jew ksar amministrattiv ieħor li jkunu twettqu jkunu punibbli skont regolamenti speċjali, u deċiżjonijiet għal min ikun wettaqhom. Il-qorti hija wkoll marbuta bid-deċiżjonijiet dwar l-istatus personali. Madankollu, il-qorti mhijiex marbuta b' deċiżjoni rigward reat li jkun twettaq jew b' deċiżjoni dwar min wettqu jekk id-deċiżjoni tkun saret fi proċedimenti fuq il-post. Ebda verdett ieħor taħt sentenza kriminali jew deċiżjonijiet dwar delitti amministrattivi ma jorbot lill-qorti.

Tip speċjali ta' preżunzjoni konfutabbli hija fatti li jallegaw li parti kienet direttament jew indirettament soġġetta għal diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' sess, razza, fidi jew ċirkostanzi oħra. L-oneru tal-provi mbagħad jitħallas mill-kontroparti, li hija meħtieġa li tagħti prova li l-parti ma ġietx diskriminata.

L-istrumenti maħruġa mill-qrati tar-Repubblika Ċeka jew minn awtoritajiet oħra tal-Istat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza u l-istrumenti tagħhom iddikjarati pubbliċi bil-leġiżlazzjoni jikkonfermaw li jikkostitwixxu regolament jew dikjarazzjoni tal-awtorità li tkun f'arġent l-istrument (sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor), u jikkonfermaw ukoll il-veraċità tal-fatti ċertifikati jew ikkonfermati fihom. Meta l-fatti jiġu ppruvati minn strumenti pubbliċi, l-oneru tal-provi jiġihallas mill-parti li tkun trid tirrifjuta l-awtentiċità ta' dawn l-istrumenti. B'kuntra, meta jkun involuti strumenti privati, l-oneru tal-provi jiġihallas mill-parti li tinvokahom. Jekk parti tissostanzja l-affermazzjonijiet tagħha bi strument privat u l-kontroparti tikkontesta l-awtentiċità jew il-korrettezza tiegħu, l-oneru tal-provi jiġhaddi lura għand il-parti fit-tilwima li tkun ipproponiet din l-evidenza, li mbagħad trid tissostanzja l-affermazzjonijiet tagħha b'xi mod ieħor. Bħala regola, affermazzjonijiet identiċi mill-partijiet m'għandhomx għalfejn jiġu ppruvati u l-qorti tqishom bħala s-sejbiet tagħha.

### **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissesjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Il-prinċipju ta' evalwazzjoni ħielsa tal-evidenza huwa applikat fi proċedimenti ġudizzjarji, jiġifieri l-liġi ma tipprovdi il-limiti preċiżi li jiddeterminaw meta qorti għandha taċċetta fatt kif ippruvat jew le. Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprevedi li "l-qorti tevalwa evidenza fid-diskrezzjoni tagħha, kull xhieda separata u l-evidenza kollha fil-kuntest reċiproku tagħha; il-qorti għandha tqis dak kollu li joħroġ fid-deher fi proċedimenti, inklużi l-fatti ppreżentati mill-partijiet".

Il-qorti taqta' s-sentenza fuq il-bażi tas-sejbiet tagħha. Is-sejbiet jirrappreżentaw sitwazzjoni li fir-rigward tagħha ma jkun hemm l-ebda dubju raġonevoli jew leġittimu.

B'mod ġenerali, jekk il-kunsiderazzjonijiet fl-evalwazzjoni tal-evidenza jwasslu għall-konklużjoni li l-veraċità tal-affermazzjonijiet ma tkunx tista' tiġi kkonfermata jew miċħuda, is-sentenza ma tkunx favorevoli għall-parti li kellha tagħti prova tal-veraċità tal-affermazzjonijiet tagħha.

## **2 Is-smiġh tal-provi**

### **2.1 Għas-smiġh tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Fi proċedimenti kontenzjużi, il-prinċipju ġenerali huwa li l-qorti tiegħu biss evidenza proposta mill-partijiet. Madankollu, il-qorti tista' tiddeċiedi li ċerta evidenza ma titteħiedx – tipikament jekk tqis li l-fatt inkwistjoni jkun ġie ppruvat. Il-qorti tista' wkoll tiegħu evidenza għajr dik proposta mill-partijiet f'każijiet fejn ikun meħtieġ li jiġu stabbiliti l-fatti u jekk tirriżulta mill-kontenut tal-fajl. Jekk il-partijiet ma jidentifikawx l-evidenza meħtieġa biex jissostanzjaw l-affermazzjonijiet tagħhom, il-qorti għandha tibbaża l-eżami tagħha tal-fatti fuq l-evidenza li tkun ittieħdet. Il-qorti tista' wkoll tikkunsidra affermazzjonijiet identiċi mill-partijiet skont is-sejbiet tagħha.

Għall-kuntrarju, fi proċedimenti mhux kontenzjużi, jiġifieri fi kwistjonijiet li fihom il-proċedimenti jkun jistgħu jinbnew ex officio, kif ukoll f'ċerti proċedimenti oħra, il-qorti hija obbligata wkoll li tiegħu l-evidenza meħtieġa biex tistabbilixxi l-fatti għajr dik proposta mill-partijiet.

### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Il-qorti tiegħu l-evidenza matul is-seduti ta' smiġh. Jekk ikun prattiku, qorti oħra tista' tintalab tiegħu l-evidenza, jew l-imħallef li jippresjedi, bil-mandat tal-kamra, jista' jieħu l-evidenza barra mis-seduti ta' smiġh (dan jiddependi wkoll mit-tip ta' evidenza, eċċ.). Il-partijiet għandhom id-dritt li jkun preżenti meta titteħied l-evidenza. Ir-riżultati tat-teħid tal-evidenza jridu dejjem jiġu kkomunikati wara s-seduta ta' smiġh. Il-partijiet għandhom id-dritt li jikkumentaw dwar kwalunkwe evidenza li tkun ittieħdet.

### **2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Liema evidenza tiegħu l-qorti jiddependi minnha stess. Id-deċiżjoni tal-qorti li ma tiegħu l-evidenza proposta partikolari trid tkun debitament sostanzjata. Ġeneralment, il-qorti ma tiegħu evidenza li, fl-opinjoni tal-qorti, ma tkunx tista' tgħin biex jiġi ċċarat il-każ (jiġifieri biex tevita li tiegħu evidenza bla bżonn), u l-qorti ma tiegħu lanqas evidenza li tkun tirrikjedi spejjeż sproporzjonati għall-ammont tal-pretensjoni li tkun is-suġġett tat-tilwima, jew jekk l-ammont tal-pretensjoni ma jkunx jista' jiġi stabbilit għalkollox. Sabiex il-qorti tevalwa b'mod ċar liema evidenza għandha tiegħu, il-partijiet huma obbligati jipproponu evidenza speċifika, jiġifieri jispeċifikaw ix-xhieda bl-isem u l-informazzjoni ta' identifikazzjoni oħra, u li jiddikjaraw l-affermazzjonijiet li dwarhom ikun se jixhed ix-xhud propost; il-partijiet huma wkoll obbligati jispeċifikaw evidenza dokumentarja jew jiddikjaraw il-kamp ta' applikazzjoni ta' kwistjoni li għandu jindirizzaha espert b'opinjonijiet esperta.

### **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Il-mezzi kollha li jistgħu jintużaw biex jiddeterminaw il-fatti ta' każ jistgħu jintużaw bħala evidenza. Dawn jinkludu, b'mod partikolari, l-intervisti tax-xhieda, opinjonijiet esperti, rapporti u dikjarazzjonijiet ta' awtoritajiet u persuni fiżiċi u ġuridiċi, reġistri ta' uffiċjal notarili u ta' infurzar u strumenti oħra, eżami u intervisti tal-partijiet.

### **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-perti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

Kull persuna fiżika li ma tkunx parti għall-proċedimenti hija obbligata tidher fil-qorti jekk tiġi mħarrka, u li tidher bħala xhud. Xhud jagħti xhieda dwar dak li jkun esperjenza u osserva. Irid jgħid il-verità u ma jaħbi xejn. Ix-xhieda jistgħu jirrifjutaw li jixhdu biss f'każijiet fejn tali xhieda tirriżulta fir-riskju ta' prosekuzzjoni kriminali għalihom jew għall-persuni qrib tagħhom; il-qorti tiddeċiedi jekk ir-raġunijiet għar-rifjut li tingħata xhieda humiex ġustifikati. Fil-bidu tal-eżaminazzjoni, trid tiġi ddeterminata l-identità tax-xhud flimkien ma' ċirkostanzi li jistgħu jaffettwaw il-kredibilità tiegħu. Jenħtieġ li x-xhieda jiġu mgħarrfa wkoll dwar is-sinifkat tax-xhieda tagħhom, dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u dwar il-konsegwenzi kriminali ta' xhieda falza. L-imħallef li jippresjedi jitleb lix-xhieda jiddeskrivu kull ma jafu dwar is-suġġett taħt eżami. L-imħallef imbagħad jistaqsi l-mistoqsijiet meħtieġa li jissupplimentaw u jiċċaraw ix-xhieda tagħhom. Jistgħu jsiru mistoqsijiet ukoll mill-membri tal-kamra u, bil-permess tal-imħallef li jippresjedi, mill-partijiet u l-esperti.

Il-preżentazzjoni tal-evidenza mill-esperti hija differenti prinċipalment minnha b'li f'hafta każijiet l-esperti jħejju opinjonijiet esperta bil-miktub imbagħad tipikament jipprovdu kummenti bil-fomm dwar din l-opinjoni. Tittieħed evidenza permezz ta' opinjonijiet esperta fil-każijiet fejn dan ikun meħtieġ sabiex jiġu evalwati ċirkostanzi li jkun jirrikjedu għarfien espert. Bħala regola, l-esperti jindirizzaw mistoqsijiet speċifiċi definiti mill-qorti, sakemm opinjonijiet ma tkunx soġġetta għal rekwiżiti statutorji (speċjalment fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji). L-esperti jinħatru mill-qorti li tagħżilhom minn reġistru ta' esperti u interpreti (miżmuma mill-qrati reġjonali). L-esperti huma intitolati għal kumpens finanzjarju għat-tnejjja ta' valutazzjoni esperta jew opinjonijiet esperta, jekk dan ikun stipulat mil-leġiżlazzjoni rilevanti.

L-imħallef li jippresjedi jista' jordna li parti jew persuna oħra tidher quddiem espert, tippreżentaw l-oġġetti meħtieġa, tagħti l-ispejjeż tagħhom, u jgħid minn eżami mediku jew test tad-demem, jew tagħmel jew iġġarrab xi ħaġa jekk dan ikun meħtieġ għas-sottomissjoni ta' opinjonijiet esperta.

Tista' tiġi sottomessa wkoll opinjonijiet esperta minn parti għall-proċedimenti. Jekk opinjonijiet esperta sottomessa minn parti għall-proċedimenti jkollha l-elementi statutorji kollha u tkun tinkludi klawnsola ta' espert li tiddikjara li jkun konxju mill-konsegwenzi ta' opinjonijiet esperta li tkun xjentament falza, l-evidenza għandha titteħied daqslikienu kienet opinjonijiet esperta mitluba mill-qorti. Il-qorti għandha tippermetti espert li waħda mill-partijiet tkun talbitu opinjonijiet esperta biex jikkonsulta l-fajl jew inkella tippermettilu jsir familjari mat-tagħrif meħtieġ biex ifassal l-opinjoni esperta.

Ix-xhieda jagħtu xhieda dwar il-fatti li jkun nnutaw direttament, filwaqt li l-esperti jesprimu opinjonijiet biss f'oqsma fejn il-valutazzjoni tal-fatti tkun tiddependi fuq għarfien espert. Il-konklużjonijiet mil-ħuqa minn espert mhumiex soġġetti għal evalwazzjoni tal-qorti f'termini tal-korrettezza tagħhom; il-qorti tevalwa l-persważività tal-opinjoni fir-rigward tal-kompletezza tagħha fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti, il-konsistenza interna u l-konformità ma' evidenza oħra li tkun ittieħdet.



L-evidenza dokumentarja tittieħed b'tali mod li d-dokument jew parti minnu tinqara, jew il-kontenut jiġi kkomunikat, waqt is-seduta ta' smiġh mill-imħallef li jippresjedi. L-imħallef li jippresjedi jista' jitlob li parti li jkollha strument li jkun meħtieġ bħala evidenza tippreżenta dan l-istrument, jew jista' jikseb dan l-istrument minn qorti oħra, awtorità jew persuna ġuridika.

## 2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

M'hemm l-ebda preferenza f'termini tal-metodi applikati, għalkemm xi mezzi ta' evidenza jistgħu jiġu applikati biss wara li t-teħid ta' evidenza statutorja jsir impossibbli (bħala regola, diversi atti f'forma obbligatorja bil-miktub – biss jekk, pereżempju, jiġu meqruda, tkun tista' tinkiseb evidenza b'mezzi oħra, eż. billi jiġu eżaminati x-xhieda). L-evidenza miksuba mill-eżami ta' parti fir-rigward tal-affermazzjonijiet tagħha tista' tiġi ordnata f'każijiet kontenzjużi biss jekk il-fatt inkwistjoni ma jkunx jista' jiġi ppruvat b'mezzi oħra (flief għal kunsens għal eżami). Għalhekk evidenza oħra tiegħu preċedenza.

## 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

F'xi każijiet, il-liġi tista' tistipula liema evidenza tenfitegħ li tinkiseb; dan jiddependi fuq it-tilwima speċifika (eż. fi proċedimenti dwar il-permess għal żwieġ, iż-żewġ għarajjes għandhom jiġu eżaminati).

Ċerti fatti jistgħu jiġu ppruvati biss b'mod partikolari, eż. kont jew ordni ta' kont jistgħu jinħarġu biss mal-produzzjoni tal-kont oriġinali, deċiżjoni dwar il-ħlas lura tal-kont jew strument ieħor; mandat ta' eżekuzzjoni jista' jiġi infurzat biss mal-produzzjoni ta' deċiżjoni infurzabbli jew titolu ta' eżekuzzjoni eċċ.). Għall-istabbiliment ta' ċerti obbligi jew drittijiet *in rem* (speċjalment fir-rigward ta' proprjetà), il-liġi tirrikjedi kuntratt bil-miktub - il-metodu tal-preżentazzjoni tal-evidenza mbagħad jiġi minn dan ir-rewżit.

## 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Iva, il-persuni kollha huma rikjesti bil-liġi li jidhru quddiem qorti bħala xhud jekk jiġu mħarrka, u li jixhdu; ma jistgħux ikunu irrappreżentati minn persuna oħra. Ix-xhieda li jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jixhdu huma intitolati għal "indennizz tax-xhieda" (ir-rimborż ta' spejjeż fi flus u qligħ mitluf).

## 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifutaw li jixhdu?

Ix-xhieda jistgħu jirrifutaw li jixhdu f'każijiet fejn tali xhieda tkun tista' twassal għar-riskju ta' prosekuzzjoni kriminali tax-xhud jew persuni viċin tiegħu; il-qorti tiddeċiedi jekk ir-raġunijiet għar-rifut ta' xhieda jkunux ġustifikati. Il-qorti għandha wkoll tirrispetta l-obbligu statutorju tax-xhieda li jżommu l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni klassifikata protetta minn liġi speċjali u obbligi oħra ta' kunfidenzjalità pprovduti mil-liġi jew rikonoxxuti mill-Istat (eż. fatti speċifikati fid-dokumentazzjoni tas-saħħa ta' pazjent – "sigriet mediki", sigriet bankarji, eċċ.). F'dawn il-każijiet, persuna tista' tiġi eżaminata biss jekk l-eżaminatur ikun inħeles minn dak l-obbligu mill-awtorità kompetenti jew mill-persuna li fl-interess tagħha jkun jeżisti dak l-obbligu.

## 2.10 Jekk persuna tirrifuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

L-issodisfar tal-obbligu tax-xhieda jista' jiġi infurzat billi l-persuna titressaq quddiem il-qorti mill-Pulizija tar-Repubblika Ċeka jew, f'każijiet estremi, billi teħel multa.

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

B'mod ġenerali, m'hemmxi kategoriji ta' persuni li jistgħu ma jkunux rikjesti jagħtu xhieda; madankollu, hemm tipi ta' fatti li ċerti persuni ma jistgħux jixhdu dwarhom (ara l-mistoqsija 2.9).

## 2.12 X'inhu r-rol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġh ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Huwa biss imħallef (l-imħallef li jippresjedi) li għandu d-dritt li jeżamina xhud u jmessi l-eżami. Membri oħra tal-kamra u partijiet jew esperti oħra jistgħu jagħmlu aktar mistoqsijiet lix-xhud biss bil-permess tal-imħallef li jippresjedi; l-imħallef li jippresjedi jista' jirrifuta mistoqsija speċifika li, pereżempju, tkun mistoqsija li twassal għal twegība unika, waħda li tkun intenzjonata li tpoġġi lil dak li jkun dahru mal-ħajt, jew mistoqsija li ma tkunx xierqa jew Prattika. L-użu ta' teknoloġiji moderni (inkluż il-vidjokonferenzjar) li jippermetti eżami mill-bogħod attwalment huwa permess f'dawk il-qrati li għandhom it-tagħmir tekniku meħtieġ.

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Iva. Jekk parti tressaq evidenza biex tagħti prova tal-pretensjonijiet tagħha li jkunu inkisbu jew ġew akkwistati mill-parti bi ksur ta' leġiżlazzjoni ġeneralment vinkolanti, u l-kisba jew l-akkwist tal-evidenza jkunu rriżultaw fi ksur tad-drittijiet ta' persuna fiżika jew ġuridika oħra, il-qorti ma għandhiex tilqa' dik l-evidenza minħabba l-inammissibbiltà tagħha.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Il-qorti tista' tordna li evidenza tittieħed billi jiġu eżaminati l-partijiet jekk il-fatt inkwistjoni ma jkunx jista' jiġi ppruvat mod ieħor u jekk il-parti li tkun se tiġi eżaminata taqbel ma' dan kollu. Din ir-regola ma għandhiex tapplika fi proċedimenti mhux kontenzjużi, jiġifieri fi proċedimenti li jistgħu jinbdeu ex officio (ara l-paragrafu 2.1), u fi proċedimenti ta' divorzju jew proċedimenti dwar ix-xoljiment, l-invalidazzjoni jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' sħubija. L-eżami tal-partijiet li l-qorti tkun ordnat separatament bħala evidenza proċedurali biex tingħata prova għall-fatti ddikjarati biss jitqies bħala mezz ta' evidenza.

## 4 Dan l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda speċifika awtoritajiet oħra li huma kompetenti li jiġbru l-provi għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji materji ċivili jew kummerċjali skont ir-Regolament? Jekk iva, dawn f'liema proċedimenti huma kompetenti li jiġbru l-provi? Jistgħu jitlobu biss il-ġbir tal-provi jew jassistu wkoll fil-ġbir tal-provi abbażi ta' talba mingħand Stat Membru ieħor? Ara wkoll in-notifika skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda.

M'hemmxi korpi bħal dawn fir-Repubblika Ċeka.

L-aħħar aġġornament: 14/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhrix fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [de](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: [en](#) diġà ġew tradotti.

## Smiġh ta' xhieda - Ġermanja

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Fil-prinċipju, fi proċedimenti ċivili, kull parti terfa l-piż tal-oneru tal-prova għal fatti dwar ir-rewżiti ta' regola tal-liġi favoriha. Għal din ir-raġuni, id-distribuzzjoni tal-oneru tal-prova ta' spiss hija bbażata fuq il-liġi ċivili sostantiva, għalhekk din fiha il-bażi għat-talbiet, ir-regoli awżiljarji, id-difiża u oġġezzjonijiet

oħra. Jekk jiġi sodisfatt prinċipju legali li jassenja fatti bħala konsegwenza legali għal talba (pereżempju: il-konklużjoni ta' kuntratt ta' bejgħ), ġeneralment hija l-parti li qiegħda tibbaża t-talba tagħha fuq (pereżempju l-ħlas tal-prezz tal-akkwist) li għandha tippreżenta dawk il-fatti (il-prinċipju tal-produzzjoni tal-provi) u - jekk il-parti avversarja tikkonstestahom - trid tippruvahom.

Min-naħa l-oħra, il-parti avversarja għandha tasserixxi u turi li hija intitolata għal kull dritt jew oġġezzjoni opposti (pereżempju l-prestazzjoni). Jekk ikun għad hemm dubju dwar punt fattwali essenzjali wara li l-evidenza proċeduralment ammissibbli kollha tkun ġiet eżawrita, trid tittieħed deċiżjoni dwar min għandu l-oneru tal-provi. Il-parti li, skont ir-regoli dwar l-oneru tal-provi, trid tagħti prova tal-fatti kkonċernati tittieħed il-kawża jekk ma tħarisx dan l-oneru.

## **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

Il-liġi Ġermaniża tipprovdi għal diversi forum ta' eċċezzjonijiet għall-oneru tal-prova, sal-inverżjoni tal-oneru tal-provi B'mod partikolari:

### **1. L-inverżjoni tal-oneru tal-provi**

Fi proċedimenti ċivili, l-oneru tal-provi jista' jinqaleb jekk tinqaleb ir-regola bażika li kull parti trid tagħti prova tal-fatti favuriha. Bl-inverżjoni tal-oneru tal-provi l-parti avversarja jkollha tirribatti fatt favur il-parti l-oħra. Pereżempju, l-Artikolu 476 tal-Kodiċi Ċivili (*Bürgerliches Gesetzbuch*) fi klawżola dwar l-inverżjoni tal-oneru tal-provi fil-liġi dwar il-bejgħ ('Jekk, fi żmien sitt xhur wara d-data li jkun seħħ ir-riskju, jimmanifesta ruħu difett materjali, huwa preżunt li l-oġġett diġà kien difettuż meta għadda r-riskju, sakemm din il-preżunzjoni mhix kompatibbli man-natura tal-oġġett jew tad-difett.') F'dan il-każ, l-akkwist ma għandux għalfejn juri li d-difett kien ġa preżenti dak il-ħin tal-konsenja, iżda l-oneru jaqqa' fuq il-bejgħ biex juri li d-difett ma kienx preżenti mill-ewwel.

### **2. L-iffaċilitar tal-oneru tal-provi**

a. Il-preżunzjoni statutorja (*gesetzliche Vermutung*) teżiġi bil-liġi li, f'ċerti ċirkostanzi (il-bażi għall-preżunzjoni), l-eżistenza ta' ċirkostanzi oħra għandha tiġi preżunta u li dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala bażi għall-valutazzjoni legali. a. Il-preżunzjonijiet statutorji jiffaċilitaw l-oneru tal-provi fuq waħda mill-partijiet, li jkollha tesponi u tipprova biss il-fatti li jiġġustifikaw il-preżunzjoni. L-oppost jista' jiġi ppruvat b'mod ammissibbli skont l-Artikolu 292 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Zivilprozessordnung*, ZPO). Il-preżunzjonijiet statutorji jistgħu jkunu relatati mal-fatti, pereżempju l-preżunzjoni li ċertifikat ta' ipoteka ġie trasferit lill-kreditur bis-saħħa tal-pussess taċ-ċertifikat (l-Artikolu 1117(3) tal-Kodiċi Ċivili). Jistgħu jirreferu wkoll għal drittijiet, pereżempju l-preżunzjoni li d-detentur ta' ċertifikat ta' wirt jkollu l-istatus ta' eredi (l-Artikolu 2365 tal-Kodiċi Ċivili).

B. Teżisti preżunzjoni fattwali (*tatsächliche Vermutung*) jekk qorti - *ex officio* jew b'tagħrif espert - tista' tikkonkludi fatti mhux pruvati minn dawk pruvati ([☞ provi indizjarji](#)). Pereżempju, jista' jiġi konkluż mill-provi indizjarji li t-temperatura f'ħin speċifiku kienet ħafna iktar għolja minn żero, u għalhekk, mill-esperjenza ġenerali, li dik il-persuna speċifika ma setgħetx żelqet fuq silġ iswed dak il-ħin. Il-kontropartijiet tista' tikkontesta din il-preżunzjoni abbażi ta' fatti li jixħtu dubju serju dwar jekk l-okkorrenza kinitx fil-fatt okkorrenza tipika fil-kors ordinarju tal-avvenimenti.

3. Il-ġurisprudenza dejjem aktar qed tiddefinixxi l-oneru tal-provi skont raġunijiet ta' ekwità u bilanċ ġust ta' interessi f'oqsma speċifiċi ta' riskju. L-aktar eżempji sinifikanti huma kif ġej:

Ir-responsabbiltà tal-prodott (l-Artikolu 823(1) tal-Kodiċi Ċivili)

L-oneru tal-provi li prodott ikun difettuż, li nkisru d-drittijiet legali u li hemm relazzjoni kawżali bejn it-tnejn jaqqa' fuq ir-rikorrent. Min-naħa l-oħra, l-oneru tal-provi jaqqa' fuq il-manifattur li jkun ħares l-obbligi li jaqgħu fuq f'termini ta' organizzazzjoni, struzzjonijiet, sorveljanza wara t-tqegħid fis-suq u l-prevenzjoni ta' riskji, u b'hekk li l-ebda difett ma jista' jiġi attribwit lilu.

Obbligi tal-għoti ta' informazzjoni u ta' pariri

Jekk obbligi speċifiċi ta' qabel jew waqt il-kuntratt għall-għoti ta' informazzjoni u ta' pariri ma jiġux sodisfatti, il-parti li jkollha t-tort għandha l-oneru li turi li d-dannu kien iseħħ anki li kieku hi kienet ikkonformat mal-obbligi tagħha. Hemm preżunzjoni li l-parti li ġarrbet il-ħsara tkun aġixxiet skont l-informazzjoni pprovduta.

## **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

L-Artikolu 286 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jistabbilixxi l-prinċipju fundamentali skont il-liġi ta' proċedura ċivili tal-valutazzjoni libera tal-provi (*Freiheit der Beweiswürdigung*). Skont dan il-prinċipju, il-Qorti trid tieħu deċiżjoni hija stess dwar jekk fatt allegat ikunx veru jew falz fid-dawl tal-kontenut kollu tal-proċedimenti u tal-konklużjonijiet li tasal għalihom minn kull prova.

Probabbiltà preponderanti jew ta' grad għoli mhix biżżejjed biex tipprova fatt, iżda min-naħa l-oħra ma hemmx għalfejn jiġi eskluż kull dubju. Għandu jkun hemm grad ta' ċertezza li b'biżżejjed fil-prattika u li jdgħajf kull dubju li jifdal, iżda mingħajr ma dan neċessarjament jiġi eskluż għal kollox.

Hemm eċċezzjoni rigward il-grad meħtieġ ta' prova f'każijiet fejn il-liġi taċċetta li evidenza *prima facie* hija biżżejjed (pereżempju, fil-każ ta' miżuri provviżorji). Allegazzjoni tkun korretta *prima facie* jekk teżisti probabbiltà preponderanti li hija korretta. Għall-prova tal-korrettezza *prima facie*, il-partijiet mhumiex obbligati li jsegwu r-regoli stretti ta' prova (xhieda, dokumenti, spezzjoni mill-Qorti, evidenza ta' esperti jew interrogazzjonijiet tal-partijiet). Pereżempju, affidavit ukoll ammissibbli (l-Artikolu 294 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

## **2 Is-smiġħ tal-provi**

### **2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Il-prinċipju fil-proċedimenti ċivili huwa li l-partijiet biss jistgħu jressqu l-kwistjonijiet u l-provi rilevanti. Il-Qorti ma tistax hija nnifisha tidentifika materjal u tużah bħala bażi għad-deċiżjoni tagħha. L-iktar iktar huwa dmir tal-Qorti li tinforma u tagħti pariri skont l-Artikolu 139 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

F'xi każijiet, il-Qorti tista' tieħu evidenza *ex officio*, għall-kuntrarju tal-prinċipju tal-preżentazzjoni tal-parti, iżda għandha tagħmel hekk bl-għan li l-preżentazzjoni tal-każ mill-partijiet ikollha bażi tajba, u ma tistax tfitex li tinvestiga l-fatti hija stess.

Għaldaqstant il-Qorti tista', *ex officio* tordna spezzjonijiet u rapporti u l-konsultazzjoni ta' esperti (l-Artikolu 144 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), il-preżentazzjoni ta' dokumenti (l-Artikolu 142) u l-mistoqsijiet ulterjuri lil parti (l-Artikolu 448). Il-Qorti tista' wkoll tagħmel mistoqsijiet lill-partijiet *ex officio* (l-Artikolu 448).

Madankollu, għandu jkun hemm ċertu grad ta' probabbiltà inizjali għall-fatt li jrid jiġi ppruvat.

Fi proċedimenti mhux kontenzjużi u fi kwistjonijiet tal-familja li mhumiex tilwimiet (jiġifieri mhumiex regolati mil-liġi dwar il-provi skont il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), il-prinċipju tal-investigazzjoni *ex officio* japplika skont l-Artikolu § 26 tal-Att dwar il-Proċedimenti fi Kwistjonijiet tal-Familja u fi Proċedimenti Mhux Kontenzjużi (*Gesetz über das Verfahren in Familiensachen und in den Angelegenheiten der freiwilligen Gerichtsbarkeit*, FamFG). Dan ifisser li l-qorti nnifisha, *ex officio*, trid tistabbilixxi il-fatti rilevanti għad-deċiżjoni u tiġbor provi li hija tqis xierqa jekk iqumu dubju dwar il-preċiżjoni ta' ċerti fatti. F'dan ir-rigward, il-qorti mhux marbuta mir-rikorsi għal provi sottomessi mill-partijiet.

### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Provi formali:

Fejn il-fatti jiġu kkontestati mill-partijiet, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jordna l-proċedura formali tal-provi, li tippermetti l-kumpilazzjoni tal-provi b'dawn il-mezzi: xhieda tal-esperti, spezzjoni viżwali mill-qorti, dokumenti, xhieda tax-xhud u eżami tal-partijiet (ara iktar 'il quddiem). Wara li parti tkun ippreżentat provi, il-qorti tordna l-kumpilazzjoni tal-provi għall-fatti li jridu jiġu ppruvati. Ġeneralment dan isir mingħajr formalitajiet speċifiċi waqt is-seduta jew permezz ta' ordni



għal provi skont l-Artikolu 358 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Skont l-Artikolu 359 tal-Kodiċi, din għandha tispeċifika l-fatti inkwistjoni li għalihom trid issir kumpilazzjoni tal-provi, għandha tispeċifika l-evidenza li għandha tittieħed, tiddikjara l-ismijiet tax-xhieda, l-esperti u l-parti li għandhom jiġu interrogati, u għandu jispeċifika l-parti li qed tibbaża ruħha fuq il-provi.

Il-kumpilazzjoni tal-provi mbagħad issir skont id-dispożizzjonijiet legali rilevanti (l-Artikoli 355 sa 484 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). B'mod partikolari, il-prinċipji li l-provi għandhom jinġabru direttament (l-Artikolu 355) u li l-partijiet jistgħu jattendu (l-Artikolu 357) għandhom jiġu osservati.

L-ewwel minn dawn il-prinċipji jipprovdi li l-provi għandhom jinġatabu quddiem il-qorti kriminali nnifisha, minħabba li hija din il-qorti li għandha tevalwa l-provi. Eċċezzjoni tapplika biss meta, skont l-istatut, ir-responsabilità għall-kumpilazzjoni tal-provi tista' tiġi trasferita lil membru wieħed tal-qorti kriminali (l-Artikolu 361 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) jew għal qorti oħra (l-Artikolu 362). Skont il-prinċipju li l-partijiet jistgħu jattendu, il-partijiet għandhom id-dritt li jkunu preżenti matul is-smiġħ ta' xhieda u għandhom ukoll id-dritt li jinterrogaw lix-xhieda (l-Artikolu 397).

Skont l-Artikolu 285 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, ir-riżultati tal-provi mbagħad jiġu diskussi waqt il-proċedimenti orali. Skont l-Artikolu 286 tal-Kodiċi, il-Qorti għandha tistabbilixxi l-fatti fuq il-bażi tal-kontenut kollu tal-proċedimenti, inkluż il-provi miġbura; meta tagħmel dan, hija tevalwa l-provi liberament.

Il-kumpilazzjoni informali tal-provi:

Għall-kuntrarju ta' provi formali, il-kumpilazzjoni informali tal-provi tippermetti li l-fatti jiġu stabbiliti bi kwalunkwe provi meqjusa meħtieġa mill-qorti u fil-biċċa l-kbira tista' ssir mingħajr rekwiżiti formali. Skont l-Artikolu 284 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-kumpilazzjoni informali tal-provi fi proċedimenti ċivili hija ammissibbli biss jekk il-partijiet ikunu taw il-kunsens tagħhom.

Jekk, fil-proċedimenti skont l-Att dwar il-Proċedimenti fi Kwistjonijiet tal-Familja u fi Proċedimenti Mhux Kontenzjużi, ma ssir talba għall-ebda provi formali skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili skont l-Artikoli 30(2) u (3) tal-Att, il-qorti tiġbor il-provi meħtieġa b'mod xieraq, skont l-Artikolu 29(1) tal-Att. Il-partijiet jistgħu jippreżentaw ċertu provi lill-qorti, iżda hija l-qorti stess li tiddetermina l-fteġja, il-firxa u n-natura tal-kumpilazzjoni tal-provi fid-diskrezzjoni tagħha.

### 2.3 F'lema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Rikors għall-ammissibilità tal-provi jista' jiġi miċċud għal raġunijiet proċedurali, jew skont ir-regoli dwar il-provi, jekk:

il-fatti ma jkunux iridu jiġu pprovati bil-provi, jiġifieri l-fatti jkunu diġà ġew ippruvati, jew huma ovvjati jew mhux kontestati;

il-fatti mhumiex materjali, jiġifieri ma jista' jkollhom l-ebda influwenza fuq id-deċiżjoni;

il-provi mhumiex adattati biex jippruvaw il-fatt allegat (dan huwa rari, għaliex il-provi ma jistgħux jiġu evalwati qabel jinġabru);

il-provi ma jistgħux jinkisbu;

il-provi huma inammissibbli, pereżempju bħala riżultat ta' allegazzjoni mhux sostanzjata b'abbuż ta' proċess jew obbligu ta' kunfidenzjalità konfliġġenti tax-xhieda (sakemm ma jinħelsux minn dan l-obbligu);

il-kumpilazzjoni tal-provi hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti, pereżempju fl-evalwazzjoni tad-danni skont l-Artikolu 287 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili;

il-fatt ġie stabbilit finalment fi proċedimenti oħra u jorbot liż-żewġ partijiet;

ir-rikors ma ġiex ippreżentat fil-ħin (l-Artikolu 296(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);

il-kumpilazzjoni tal-provi hija mfixkla minn ostakolu ta' tul inċert, il-limitu taż-żmien rilevanti skada u l-proċedimenti jkunu mdewma f'aspetti oħra (l-Artikolu 356 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Il-ħames tipi ta' kumpilazzjoni tal-provi stretta huma:

Spezzjoni viżwali mill-qorti, l-Artikoli 371 sa 372a tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

Dan jikkonsisti minn kull spezzjoni diretta, sensorjali mill-imħallef għal finijiet ta' provi. Kuntrarjament għat-terminu kemxejn qarrieqi użat, it-terminu '*Augenschein*', "spezzjoni viżwali" tista' tinkludi wkoll spezzjoni permezz tas-sensi tal-mess, ix-xamm, is-smiġħ u t-toġhma. Konsegwentement, reġistrazzjonijiet tal-awdjo u l-vidjow u mezzi għall-ħażna ta' *data* huma inklużi wkoll.

Xhieda, l-Artikoli 373-401 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

Ix-xhieda jistgħu jixhdu għal avvenimenti fil-passat li huma stess ikunu osservaw. Persuna li mhijiex parti mit-tilwima biss tista' tkun xhud.

Jekk ix-xhud irid ikollu għarfien speċjalizzat biex jifhem il-fatti, ix-xhud jissejjaħ esperti (*sachverständiger Zeuge*, l-Artikolu 414 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili): eżempju ta' dan huwa l-istqarrija ta' tabib tal-emerġenza fil-każ ta' ġrieħi mġarrba f'aċċident.

Xhieda tal-esperti, l-Artikoli 402-414 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

L-espert (*Sachverständiger*) jipprovdi lill-imħallef bl-għarfien speċjalizzat li dan tal-aħħar jeħtieġ biex jevalwa l-fatti. L-esperti ma jstabbilixxux il-fatti huma stess. Huma mistennija li jagħtu l-evalwazzjoni tagħhom purament fuq il-bażi tal-fatti irreferuti lilhom (*Anschlussstatsachen*)

Huwa meta jkun meħtieġ għarfien speċjalizzat biex jiġu stabbiliti l-fatti biss li l-esperti jistgħu jintalbu jagħtu l-konklużjonijiet tagħhom stess. Eżempju ta' dan huwa d-dijanjożi ta' tabib.

Rapport ta' espert privat ikkummissjonat minn waħda mill-partijiet jista' jiġi ammess bħala prova esperta biss f'każijiet eċċezzjonali u bil-kunsens taż-żewġ partijiet biss.

Provi dokumentarji, l-Artikoli 415-444 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

Id-dokumenti fi ndan it-tifsira tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili huma dikjarazzjonijiet bil-miktub, li kapaċi jagħtu prova għas-sottomissjonijiet kontestati ta' parti. Il-liġi tagħmel distinzjoni bejn il-valur probatorju ta' dokumenti pubbliċi (l-Artikoli 415, 417 u 418 tal-Kodiċi) u ta' dokumenti privati (l-Artikolu 416).

L-eżami tal-partijiet, l-Artikoli 445-455 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili

L-eżami ta' partijiet huwa sussidjarju għal forum oħra ta' provi u ammissibbli biss sabiex jiġu ppreżentati l-provi ewlenin (l-Artikolu 445(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Fil-prinċipju, il-parti bl-obbligu li tagħti prova tista' tippreżenta biss rikors għall-eżami tal-parti avversarja (l-Artikolu 445, l-ewwel sentenza). Barra minn hekk, il-partijiet jistgħu jiġu interrogati biss bil-kunsens tal-parti l-oħra jew tal-qorti.

Fil-kumpilazzjoni informali tal-provi, il-qorti tista' tiġbor il-provi meħtieġa b'mod xieraq. L-ebda deċiżjoni dwar il-provi mhi meħtieġa għall-attivitajiet investigattivi tal-qorti u l-kumpilazzjoni tal-provi biex dawn jaħdmu id f'id. Il-mezzi formali tal-provi jistgħu jinkludu, pereżempju, informazzjoni uffiċjali mill-awtoritajiet, mistoqsijiet informali bit-telefown jew bil-miktub, l-użu tar-rekordings awdjo jew bil-vidjow u tad-*data*. Ir-riżultati tal-kumpilazzjoni tal-provi għandhom jiddaħħlu fl-atti tal-kawża, l-Artikolu 29(3) tal-Att dwar il-Proċedimenti fi Kwistjonijiet tal-Familja u fi Proċedimenti Mhux Kontenzjużi.

### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

Il-provi kollha għandhom l-istess status, minħabba l-prinċipju li l-Qorti hija libera li tevalwa l-provi; ma hemmx differenzi fil-valur probatorju. L-uniċi differenzi huma fit-tip ta' kumpilazzjoni:

Xhieda

Kull xhud għandu jiġi eżaminat individwalment u mhux fil-preżenza ta' xhieda li għandhom ikunu mismugħa sussegwentement (l-Artikolu 394(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Xhieda li t-testimonjanza tagħhom tkun f'kunflitt jistgħu jinġiebu wiċċ imb'wiċċ (l-Artikolu 394 (2)).

Qabel ma x-xhieda jiġu interrogati, dawn jiġu mwissija li jridu jgħidu l-verità u li jistgħu sussegwentement ikunu meħtieġa jieħdu ġurament (l-Artikolu 395(1)). Ix-xhieda huma l-ewwel mistiedna jagħtu d-dettalji personali tagħhom (l-Artikolu 395(2)) u mbagħad jiġu mistoqsija dwar is-suġġett tal-kawża (l-Artikolu 396). Il-qorti tipprova tiżgura li x-xhieda tagħhom tibqa' rilevanti għall-kwistjoni li dwarha huma qed jiġu interrogati. Tista' wkoll tpoġġi aktar mistoqsijiet lix-xhieda biex tiċċara xi punti jew tiżgura li t-testimonjanzi tagħhom huma kompluti.

Il-partijiet għandhom id-dritt li jkunu preżenti meta x-xhieda jiġu interrogati u li jagħmlulhom xi mistoqsijiet. Ġeneralment, il-partijiet infushom, fi proċedimenti b' rappreżentazzjoni obbligatorja minn avukat, jistgħu jissottomettu biss id-domandi għax-xhieda, filwaqt li l-konsulenti legali jistgħu jinterrogaw xhud direttament (l-Artikolu 397).

Ir-regoli li jirregolaw l-interrogazzjoni ta' xhieda japplikaw ukoll għall-provi pprovduti minn xhieda esperti u għall-interrogazzjoni tal-partijiet infushom (l-Artikoli 402 u 451).

Dokumenti

Fil-prinċipju, il-provi dokumentarji jiġu ppreżentati bis-sottomissjoni tad-dokument. Jekk il-parti li tippreżenta l-evidenza ma jkollhiex id-dokument inkwistjoni, iżda d-dokument qiegħed fil-pussess tal-kontroparti jew ta' parti terza, il-parti li tippreżenta l-provi tista' titlob sabiex il-kontroparti jew il-parti terza jkollhom jippreżentaw id-dokument (l-Artikolu 421 u 428). L-obbligu li jippreżentaw id-dokumenti huwa rekwiżit tal-liġi ċivili u japplika fejn il-persuna li tippreżenta l-provi tkun intitolata li titlob li l-kontroparti jew parti terza oċedi jew tippreżenta dokument (l-Artikolu 422). Għandu jkun hemm raġunijiet *prima facie* li jiġġustifikaw dan l-obbligu (l-Artikolu 424(5), it-tieni sentenza). Ir-rapporti jew l-opinjoni ta' esperti bil-miktub huma dokumenti fi ħdan il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

## 2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Skont il-prinċipju li l-Qorti hija libera li tevalwa l-provi, skont l-Artikolu 286 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, il-provi kollha għandhom status ugwali. Il-provi kollha miġbura jipprovdu bażi għall-valutazzjoni li trid issir mill-qorti. L-imħallfin jridu josservaw ir-regoli vinkolanti dwar il-provi f'każijiet eċċezzjonali biss: eżempji huma dawk li japplikaw għall-valur probatorju tar-rendikont tal-proċedimenti skont l-Artikolu 165 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jew tas-sentenza skont l-Artikolu 314, jew ta' dokumenti oħra skont l-Artikoli 415 sa 418.

## 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Le, il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma jistipula l-ebda formoli obbligatorji ta' provi biex jiġu ppruvati fatti partikolari.

Hemm eċċezzjonijiet f'ċerti tipi ta' proċedimenti. Fi proċedimenti marbuta ma' kuntratti u kambjali, provi li jstabilixxu l-fatti li fuqhom hija bbażata t-talba jistgħu jingħataw biss fil-forma ta' dokumenti, u provi tal-fatti l-oħra kollha biss fil-forma ta' dokumenti jew permezz ta' interrogazzjoni lill-partijiet (l-Artikoli 592 *et seq.* tal-Kodiċi).

F'ċerti proċedimenti li jinvolvu intervent fil-fond f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet fundamentali, l-Att dwar il-Proċediment fi Kwistjonijiet tal-Familja u Proċedimenti Mhux Kontenzjużi jipprovdi għal l-kisba obbligatorja ta' opinjoni esperta, pereżempju qabel il-ħatra ta' kuratur skont l-Artikolu 280 tal-Att jew qabel miżura ta' ċaħda ta' libertà involontarja skont l-Artikolu 312 tal-Att.

## 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Ix-xhieda kollha li huma soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-qorti Ġermaniżi u li ġew imsejja kif suppost huma meħtieġa jattendu għas-seduti ta' smiġh tal-qorti, biex jixhdu u jieħdu ġurament.

Id-dmir ta' xhud biex jixhed jinkludi wkoll id-dmir li jivverifika dak li hu jkun jaf abbażi ta' dokumenti u li jiffriska l-memorja (l-Artikolu 378 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Ix-xhieda mhumiex obbligati jidħlu f'fatti li mhumiex konxji minnhom.

## 2.9 F'lema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jagħmel distinzjoni bejn id-dritt ta' xhud li jibqa' sieket għal raġunijiet personali (l-Artikolu 383 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) u għal raġunijiet materjali (l-Artikolu 384). Id-dritt ta' xhud li jirrifjuta li jixhed skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili huwa bbażat fuq ir-relazzjoni familjari jew l-obbligu tal-fiducia professjonali. Huwa maħsub biex jiġu evitati kunflitti ta' interess.

Id-dritt ta' xhud li jibqa' sieket minħabba raġunijiet personali japplika għall-ġharajjes, (Nru 1), għall-konjuġi (Nru 2) u għall-isħab f'unjoni ċivili (Nru 3) għad-durata ta', u anki wara t-tmiem taż-żwieġ jew tal-unjoni ċivili tagħhom. Kull persuna li tiġi jew li kienet tiġi direttament minn parti, jew bid-demm jew biż-żwieġ, jew li hija jew li kienet tiġi mill-persuna bħal qarib kollaterali sat-tielet grad, jew li hija jew li kienet qarib kollaterali permezz taż-żwieġ sat-tieni grad, ma tistax tiġi obbligata tixhed l-anqas (Nru 3). Relazzjoni kollaterali tfisser li ma tiġix direttament mill-persuna, iżda li hija dixxendenti mill-istess terza persuna. Il-grad ta' relazzjoni bid-demm jew biż-żwieġ huwa stabbilit mill-għadd ta' twelid intermedjarji.

Skont l-Artikolu 383(1) Nru 4 tal-Kodiċi, membri tal-kleru, persuni li huma jew li kienu involuti professjonalment fil-preparazzjoni, il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni ta' perjoċi jew programmi tar-radju u tat-TV (Nru 5), u persuni li, permezz ta' dmirijiet, il-pożizzjoni jew il-professjoni tagħhom, huma fdati b'informazzjoni li ma tistax tiġi żvelata minħabba n-natura tagħha jew bis-saħħa ta' dispożizzjoni legali (Nru 6), mhumiex obbligati jixhdu.

Id-dritt ta' xhieda li jirrifjutaw li jixhdu għal raġunijiet professjonali jkopri l-informazzjoni kollha magħrufa lill-persuni msemmija hawn fuq minħabba l-pożizzjoni partikolari tagħhom.

Min-naħa l-oħra, id-dritt ta' xhud li ma jixhidx skont l-Artikolu 384 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili huwa maħsub biex jiproteġi lix-xhieda minn konsegwenzi avversi tal-obbligu li jixhdu. Għandhom id-dritt ma jwiġbux għal domandi partikolari, imma mhux li jirrifjutaw li jixhdu għalkollox.

Id-dritt li ma jixhdux skont l-Artikolu 384 japplika fejn l-għoti ta' risposta għal domanda jikkawża dannu finanzjarju dirett lix-xhud jew lil persuna b'waħda mir-relazzjonijiet familjari elenkati fl-Artikolu 383 tal-Kodiċi (Nru 1), jew ikun jesponihom għad-diżunur jew għar-riskju ta' prosekuzzjoni kriminali jew amministrattiva (Nru 2). Ix-xhieda lanqas ma huma obbligati jwieġbu għal mistoqsijiet jekk dan ikun jobbligahom jiżvelaw sigriet ta' negozju jew ta' kummerċ (Nru 3).

L-Artikolu 385 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jstabilixxi għadd ta' eċċezzjonijiet għad-dritt tax-xhieda li ma jixhdux. Ta' min jinnota b'mod partikolari l-Artikolu 385(2), li jeħles lill-membri tal-kleru u lill-persuni li mhux mitluba jixhdu skont il-liġi sostantiva taħt l-Artikolu 383(1) Nru 6 mill-obbligu tagħhom li jibqgħu siekta, u li konsegwentement jerġa jimponi fuqhom l-obbligu li jixhdu.

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Iva. Jekk xhud li ġie msejja b'mod xieraq biex jixhed ma jattendix, il-qorti timponi multa amministrattiva skont l-Artikolu 380(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, u jekk din ma tiffallasx hija timponi sentenza ta' ħabs. L-ammont tal-multa jvarja bejn EUR 5 u EUR 1,000 (l-Artikolu 6(1) tal-Att li jintroduċi l-Kodiċi Kriminali (Einführungsgesetz zum Strafgesetzbuch)), u s-sentenza ta' ħabs hija minn jum sa sitt ġimgħat (l-Artikolu 6(2) tal-istess Att). Ix-xhieda huma wkoll meħtieġa jħallsu l-ispejjeż li jirriżultaw minn nuqqas tagħhom li jattendu.

Xhud li jonqos milli jattendi għat-tieni darba jista' jiġi sfurzat jattendi s-seduta ta' smiġh skont l-Artikolu 380(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, kif ukoll li jġarrab penali amministrattiva. Dawn il-miżuri ma jiġux infurzati jekk ix-xhud jipprovdi spjegazzjoni adegwata għall-assenza tiegħu fil-ħin. Jekk l-ebda spjegazzjoni ma tasal fi żmien xieraq, ix-xhud irid juri li ma kienu responsabbli għad-dewmien (l-Artikolu 381 tal-Kodiċi).

Jekk xhud jirrifjuta li jixhed jew li jieħu ġurament mingħajr ma jagħti raġuni, jew jagħti raġuni li ġiet finalment iddikjarata irrilevanti, l-istess miżuri jistgħu jittieħdu skont l-Artikolu 390(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili bħal dawk li japplikaw għal xhud li jonqos milli jattendi mingħajr spjegazzjoni. Jekk xhud jirrifjuta li jixhed għat-tieni darba, jista', fuq rikors, jinżamm sabiex jiġi mgieġhel jixhed, iżda biss għat-tul ta' żmien tal-ġuri li jkun għaddej (l-Artikolu 390(2) tal-Kodiċi).

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Le, ma hemm l-ebda skwalifika ġenerali biex wieħed ikun xhud. Kull persuna li hija matura biżżejjed biex tagħmel osservazzjonijiet fattwali u li tifhem u li twieġeb mistoqsijiet dwarhom tista' tkun xhud, tkun xi tkun l-età jew il-kapaċità tagħha li tidħol fi tranżazzjonijiet legali.

Ma hemmx regoli speċjali għal persuni li preċedentement kienu ġew ikkastigati minħabba li deliberatament ikunu għamlu dikjarazzjonijiet foloz jew taw xhieda falza.

Madankollu, persuna ma tistax tkun xhud jekk tkun direttament involuta fil-proċedimenti, bħala parti jew bħala r-rappreżentant legali ta' parti. Hemm eċċezzjoni għal partijiet koŋunti fir-rigward ta' fatti li jikkonċernaw biss partijiet koŋunti oħra. F'ċerti ċirkostanzi, aġent jista' jkun xhud jekk is-suġġett tal-eżami ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tar-relazzjoni tal-aġenzija. Rappreżentant irregiŋtrat jista', pereżempju, jixhed fir-rigward ta' fatti li ma jkunux relatati ma' dmirijietu fi proċedimenti fejn il-persuna li jirrappreżenta hija parti.

Iż-żmien rilevanti li fih persuna trid tikkwalifika biex tidher bħala xhud huwa dejjem iż-żmien li fih għandha tinstema'.

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Ix-xhieda jiġu interrogati mill-imħallef jew l-imħallfin. L-eżami tax-xhieda jista' jsir ukoll minn membru wieħed tal-qorti jew minn qorti oħra, jekk, b'mod partikolari jista' jiġi preżunt mill-bidu li l-qorti kriminali se tkun tista' tevalwa l-eżitu tal-provi b'mod xieraq anke mingħajr impressjoni diretta tal-andament tal-kompilazzjoni tal-provi.

Kull xhud għandu jiġi eżaminat individwalment u mhux fil-preżenza ta' xhieda li għandhom ikunu mismugħa sussegwentement (l-Artikolu 394(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Xhieda li t-testimonjanza tagħhom tkun f'kunflitt jistgħu jinġiebu wiċċ imb'wiċċ (l-Artikolu 394 (2)).

Il-partijiet għandhom id-dritt li jkun preżenti meta x-xhieda jiġu interrogati u li jaqblu mal-qorti. Ġeneralment, il-partijiet infushom, fi proċedimenti b' rappreżentazzjoni obbligatorja minn avukat, jistgħu jissottomettu biss id-domandi għax-xhieda, filwaqt li l-konsulenti legali jistgħu jinterrogaw xhud direttament (l-Artikolu 397).

Ix-xhieda jistgħu jinstemgħu b'vidjokonferenza b'permess tal-qorti fuq rikors minn xi ħadd mill-partijiet (biss), l-Artikolu 128a(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Fil-prinċipju, leġiżlazzjoni li tipprojbixxi l-qorti milli tikkunsidra provi partikolari ma teżistix fil-proċedura ċivili. L-unika eċċezzjonijiet huma li qorti ma tistax tikkunsidra sentenzi li tneħħew jew li għandhom jitneħħew mir-Reġistru Ċentrali Federali (l-Artikolu 51 tal-Att li jirregola r-Reġistru Ċentrali Federali ( Bundeszentralregistergesetz)).

Madankollu, il-qorti tista' titwaqqaf milli tikkunsidra provi fi proċedimenti ċivili skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali Federali (Bundesverfassungsgericht) jekk ikun hemm interferenza illegali fil-pożizzjonijiet fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni tal-parti li qiegħda toponni l-provi - b' mod partikolari id-dinjità tal-bniedem u drittijiet personali ġenerali - li mhuma ġustifikati bl-ebda mod. Irid isir bilanċ tal-benefiċċji u l-interessi, u jitqiesu ċ- ċirkostanzi kollha tal-każ individwali.

Skont il-ġurisprudenza, pereżempju, il-qorti ġeneralment ma tistax tisma' provi miksuba permezz ta' reġistrazzjonijiet awdjo sigrieta, bl-użu ta' trażmettituri żgħar, mikrofonni direzzjonali jew intercoms biex wieħed jissemma fuq konverżazzjonijiet, u l-użu ta' provi ta' rekords personali miksuba illegalment, pereżempju djarji jew ittri intimi.

Madankollu, f'dawn il-każijiet kollha, jista' jiġi deċiż fuq bażi ta' każ b'każ li b'mod eċċezzjonali hemm drittijiet ta' kontrobalanċ li jiġġustifikaw l-ammissjoni ta' provi miksuba b'mod illegali, dejjem sakemm dan ma jinfluwenzax il-qalba tal-ħajja privata.

Il-kwistjoni jekk provi għandhomx jiġu esklużi bħala riżultat ta' regola proċedurali trid tiġi deċiża separatament għal kull regola bħal din. In-nuqqasijiet li jolqtu l-proċedimenti u, b'mod partikolari, il-mod kif isir is-smiġħ jistgħu jiġu rrimedjati skont l-Artikolu 295(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. L-eżami ta' parti partikolari bħala xhud huwa, pereżempju, nuqqas proċedurali li jista' jiġi rrinunzjat, jiġifieri l-provi jistgħu jintużaw jekk il-partijiet jirrinunzjaw ir-regola jew ma jkunux qajmu oġġezzjoni kontra l-iżball sa tmien is-smiġħ sussegwenti. In-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni dwar id-dritt ta' xhud li jirrifjuta li jixhed jista' wkoll jiġi rrimedjat skont l-Artikolu 295(1) tal-Kodiċi.

Il-konformità mar-regoli fl-interess pubbliku ma tistax, madankollu, tiġi rrinunzjata (l-Artikolu 295(2)). Eżempji jinkludu l-punti kollha li għandhom jitqiesu ex officio mill-Qorti, bħar-rekwiżiti għall-proċedimenti, l-ammissibbiltà ta' appell jew l-iskwalifika ta' persuni biex ikunu mħallfin.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Kif diġà ġie spjegat fi 2.4, l-eżami tal-partijiet jista' taħt ċerti ċirkostanzi jiġi ammess bħala prova. Il-piż li jingħata lil tali prova jitħalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti (l-Artikolu 286 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-aħħar aġġornament: 11/03/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew deġta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [et](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Smiġħ ta' xhieda - Estonja

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhu r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

L-oneru tal-prova huwa regolat mill-Artikolu 230 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*tsiviilkohutumenetluse seadustik*), li jgħid li, fil-kawża, kull parti trid tipprova l-fatti li fuqhom huma bbażati t-talbiet u l-oġġezzjonijiet tagħhom, sakemm mhux provdut mod ieħor bil-liggi. Barra minn hekk, sakemm mhux provdut mod ieħor bil-liggi, il-partijiet jistgħu jaqblu li jaqsmu l-oneru tal-prova b'mod differenti minn dak stabbilit mil-liggi, u jaqblu dwar in-natura tal-provi biex juru ċerti fatti. Sakemm mhux provdut mod ieħor bil-liggi, il-qorti tista' tiġbor il-provi *ex officio* fi kwistjonijiet matrimonjali, ta' filjazzjoni, tilwim marbut mal-interessi tat-tfal jew proċedimenti fuq talba.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Fatt li l-qorti tqis li jaf bihom kulħadd mhemmx għalfejn jiġu ppruvati. Fatt dwar liema informazzjoni hija affidabbli minn sorsi barra l-proċedimenti jista' jiġi ddiġjarat li jaf bih kulħadd mill-qorti. Barra minn hekk, argument magħmul minn parti dwar fatt mhemmx għalfejn jiġi ppruvat jekk il-parti l-oħra tammetti l-fatt. L-ammissjoni tfisser ftehim mhux kundizzjonat u espress dwar allegazzjoni fattwali permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub indirizzata lill-qorti, jew magħmula f'seduta tal-qorti fejn il-ftehim trid fil-minuti. L-ammissjoni tista' tiġi rtirata biss bil-kunsens tal-parti l-oħra jew jekk il-parti li qed tirtira l-ammissjoni turi li l-allegazzjoni dwar l-eżistenza jew in-nuqqas tal-fatt mhix korretta, u dik l-ammissjoni kienet f'ħajja ta' fehma mhux korretta ta' dak il-fatt. F'dawn il-każijiet il-fatt

ma jitqiesx ammissibbli. L-ammissjoni tiġi preżunta sakemm il-parti l-oħra ma tkunx ikkontestat b'mod espress talba li tkun saret rigward ċirkostanza fattwali, u l-ħsieb li jiġi kkontestat il-fatt mhux evidenti mid-dikjarazzjonijiet tal-parti l-oħra.

### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Il-qorti tevalwa l-provi kollha skont il-liġi mill-perspettivi kollha, b'mod komplut u oġġettiv, u tiddeċiedi, skont id-diskrezzjoni tagħha, jekk l-argument imressaq mill-parti fil-proċediment ġie pruvat jew le, wara li tqis, fost fatturi oħra, kull ftehim bejn il-partijiet dwar il-ġbir tal-provi.

## 2 Is-smiġh tal-provi

### 2.1 Għas-smiġh tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Għalkemm l-Artikolu 236(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jgħid li, b'mod ġenerali, il-partijiet konċernati għandhom iressqu talba lill-qorti biex tiġbor il-provi, l-Artikolu 230(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdni għal każijiet fejn il-qorti tista' tiġbor provi *ex officio*. B'mod partikolari, sakemm mhux provvdut mod ieħor bil-liġi, il-qorti tista' tiġbor il-provi *ex officio* fi kwistjonijiet matrimonjali, ta' filjazzjoni, tilwim marbut mal-interessi tat-tfal jew proċedimenti fuq talba.

### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Jekk il-ġbir ta' provi addizzjonali huwa meħtieġ sabiex jiġu evalwati l-provi, il-qorti tagħmel dan permezz ta' deċiżjoni li tiġi kkomunikata lill-partijiet fil-proċedimenti. Jekk il-provi jridu jinġabru barra l-ġurisdizzjoni territorjali tal-qorti li qed tmexxi l-proċedimenti dwar kwistjoni partikolari, il-qorti li qed tisma' l-kawża tista' tibgħat ittra ta' talba sabiex tagħti deċiżjoni għat-tweġġ ta' att proċedurali mill-qorti li fil-ġurisdizzjoni territorjali tagħha jistgħu jinġabru l-provi. Barra minn hekk, il-provi jistgħu jittieħdu barra l-Estonja.

Wara li tagħti deċiżjoni, il-provi jridu jinġabru skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ġbir tal-provi, skont it-tip ta' prova, fil-Kapitoli 27-32 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Il-qorti tista' tiċħad talba għall-ġbir tal-provi jekk:

il-provi ma għandhomx rilevanza mal-kawża (l-iktar jekk il-fatt pruvat m'hemmx għalfejn jiġi pruvat jew jekk il-qorti taħseb li hemm biżżejjed provi miġbura li jsostnu l-fatt);

jekk skont il-liġi jew skont ftehim bejn il-partijiet, fatt irid jiġi pruvat b'provi ta' ċertu tip jew forma, iżda huwa mitlub il-ġbir ta' provi ta' tip jew forma oħra; il-provi mhumiex aċċessibbli, l-iktar jekk id-dettalji tax-xhieda jew il-post fejn qiegħed id-dokument mhux magħruf, jew jekk ir-rilevanza tal-provi mhix proporzjonali mal-ħin meħtieġ biex jinġabru jew diffikultajiet relatati oħra;

it-talba għall-ġbir tal-provi saret tard;

il-bżonn għall-ġbir tal-provi mhix pruvata;

il-parti fil-proċedimenti li qed titlob il-ġbir tal-provi naqset milli tħallas bil-quddiem kif mitluba mill-qorti sabiex jiġu koperti l-ispejjeż tal-ġbir tal-provi.

### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Skont l-Artikolu 229(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-provi fi kwistjoni ċivili huma kull informazzjoni li tinsab f'formola proċedurali provvduta mil-liġi u li fuq il-bażi tagħha l-qorti, skont il-proċedura prevista mil-liġi, taċċerta l-eżistenza jew in-nuqqas ta' fatti li fuqhom huma bbażati t-talbiet u l-oġġezzjonijiet tal-partijiet u fatti oħra rilevanti għas-soluzzjoni ġusta tal-kawża.

Skont is-sottotaqsima 2, il-provi jistgħu jkunu x-xhieda ta' xhud, dikjarazzjonijiet mogħtija bil-ġurament mill-partijiet tal-proċedimenti, dokumenti, evidenza fiżika, spezzjoni jew opinjoni esperta. Fi proċedimenti mħallta jew proċedimenti li jibdeu b'talba, il-qorti tista' tqis ukoll forum oħra ta' provi, inkluż dikjarazzjoni ta' parti fil-proċedimenti li ma ngħatatx bil-ġurament, bħala suffiċjenti biex jippruvaw il-fatti.

### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjonijiet ta' esperti?

#### 1) Xhieda tax-xhud

Skont l-Artikolu 251(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, kull persuna li tista' tkun taf b'fatti rilevanti għall-kawża tista' tinstema' bħala xhud sakemm il-persuna mhix parti fil-proċedimenti jew rappreżentant ta' parti fil-proċedimenti fuq il-kwistjoni. Ix-xhieda jridu jagħtu informazzjoni dwar il-fatti li raw huma nfusom. Persuna li tittella' bħala xhud trid tidher quddiem il-qorti u tagħti xhieda veritiera quddiem il-qorti rigward il-fatti li taf bihom. Ix-xhieda, minflok jattendu seduta, jistgħu jiġu mitluba jagħtu dikjarazzjonijiet bil-miktub, jekk id-dehra l-qorti tkun piż mhux raġonevoli fuq ix-xhud u, meta tqis il-kontenut tal-mistoqsijiet u l-karatteristiċi personali tax-xhud, l-għoti ta' xhieda bil-miktub hija, fil-fehma tal-qorti, mezz suffiċjenti għall-produzzjoni tal-provi. Alternattivament, il-qorti tista' tuża l-atti ta' seduta ta' smiġh fi proċedimenti oħra l-qorti, jekk dan verament jissimplifika l-proċedimenti u l-qorti hija meqjusa li tista' tevalwa l-atti sa fejn ikun meħtieġ mingħajr ma tagħmel mistoqsijiet diretti lix-xhud.

Kull xhud jinstema' individwalment u x-xhieda li ma jinstemgħux ma jistgħux ikunu preżenti fl-awla matul is-smiġh. Jekk il-qorti hija tal-fehma li xhud qed jibża' jew għandu xi raġuni oħra biex ma jgħidx il-verità quddiem il-qorti fil-preżenza ta' parti fil-proċedimenti jew jekk il-parti tmexxi x-xhieda tax-xhud b'indfiel jew b'kull mezz ieħor, il-qorti tista' tofroġ lil dik il-persuna mill-awla sakemm ikun qed jinstema' x-xhud. F'dawn il-każijiet, wara r-ritorn ta' dik il-persuna x-xhieda tax-xhud tinqara lill-parti fil-proċedimenti li wara għandha dritt tagħmel xi mistoqsijiet lix-xhud. Jekk ix-xhieda tax-xhud hija kontradittorja, il-qorti tista' tisma' u tpoġġi mistoqsijiet lix-xhud għal numru ta' drabi fl-istess seduta ta' smiġh.

F'każ ta' dikjarazzjonijiet bil-miktub, il-partijiet fil-proċedimenti għandhom id-dritt jagħmlu mistoqsijiet bil-miktub lix-xhieda permezz tal-qorti. Il-qorti tiddeċiedi liema mistoqsijiet irid iwieġeb ix-xhud. Jekk ikun hemm bżonn, il-qorti tista' tħarrek xhud għal seduta sabiex jagħti x-xhieda tiegħu oralment.

Jekk il-persuna ma tkunx tista' titla' l-qorti minħabba mard, età avvanzata jew diżabbiltà jew għal xi raġuni valida oħra, jew jekk hija meħtieġa għal xi raġuni oħra, il-qorti tista' żżur lix-xhud biex tisma' x-xhieda tiegħu.

Il-qorti teżamina l-provi direttament (l-Artikolu 243(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Sabiex tivverifika l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet tax-xhieda, il-qorti tista' tistrieħ fuq diversi metodi speċifikati fl-Artikoli 262(1) u (8) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, pereżempju skont is-sottotaqsima 1 il-qorti taċċerta ruħha mill-identità tax-xhud u mill-qasam tal-attività, edukazzjoni, post ta' residenza, konnessjoni mal-kwistjoni u r-relazzjoni tiegħu mal-partijiet fil-proċedimenti. Qabel ma jixhed, il-qorti tispjega lix-xhud l-obbligu li jgħid il-verità u l-proċedura f'każ li jirrifjuta li jixhed; skont is-sottotaqsima 8, il-qorti, jekk ikun meħtieġ, tista' tagħmel mistoqsijiet addizzjonali matul is-sessjoni ta' mistoqsijiet sabiex tiċċara jew tikkumplementa x-xhieda, jew biex tistabbilixxi l-bażi għall-għarfien tax-xhud.

#### 2) Opinjoni esperta

Sabiex tiċċara ċ-ċirkostanzi rilevanti għal kwistjoni li teħtieġ għarfien espert, il-qorti għandha dritt tikseb l-opinjoni ta' esperti fuq talba ta' parti fil-proċedimenti. Sabiex taċċerta l-liġi fis-seħħ barra r-Repubblika tal-Estonja, id-dritt internazzjonali jew il-common law, il-qorti tista' titlob l-opinjoni ta' espert fi kwistjonijiet ġuridiċi fuq talba ta' parti fil-proċedimenti jew *ex officio*. Id-dispożizzjonijiet dwar is-smiġh tax-xhieda japplikaw għas-smiġh ta' persuni b'għarfien speċifiku (periti) bl-għan li tiġi pruvata ċirkostanza jew avveniment li jeħtieġ għarfien speċifiku sabiex jiġi interpretat korrettament. Jekk parti fil-proċedimenti ppreżentat l-opinjoni bil-miktub ta' periti lill-qorti u l-persuna mhix qed tinstema' bħala xhud, dawn l-opinjonijiet jiġu meqjusa bħala provi dokumentarji. Minflok tordna

perizja, il-qorti tista' tuża l-opinjoni ta' perit ippreżentata fuq ordni ta' qorti fi proċedimenti oħra jew opinjoni esperta fuq ordni tal-korp li qed imexxi l-proċedimenti kriminali jew dwar aġir ħażin jekk dan jissimplifika l-proċedimenti u jekk il-qorti hija preżunta li tista' tevalwa l-opinjoni esperta sa fejn ikun meħtieġ mingħajr ma terġa' tordna perizja. F'dawn il-każijiet, il-perit jista' jagħmel aktar mistoqsijiet jew jiġi mitlub jitle' l-qorti għal aktar mistoqsijiet. Il-perizja titmexxa minn espert forensiku jew persuna kwalifikata oħra li taħdem ma' istitut forensiku tal-Istat, minn espert uffiċjalment iċċertifikat jew minn persuna oħra b'għarfien speċifiku maħtura mill-qorti. Il-qorti tista' taħtar persuna bħala espert jekk hija jkollha l-għarfien u l-esperjenza meħtieġa biex tagħti l-opinjoni tagħha. Jekk huwa disponibbli espert uffiċjalment iċċertifikat biex imexxi l-perizja, jistgħu jinħatru persuni oħra biss għal raġuni tajba. Jekk il-partijiet jaqblu fuq espert, il-qorti tista' taħtar lil dik il-persuna bħala espert jekk huma jistgħu jaġixxu fil-kapaċità ta' espert skont il-liġi. Parti fil-proċedimenti għandha d-dritt tagħmel mistoqsijiet lill-espert permezz tal-qorti. Il-qorti tiddeċiedi liema mistoqsijiet jeħtieġu opinjoni esperta. Il-qorti trid tagħti r-raġunijiet tagħha jekk tiċħad uħud minn dawn il-mistoqsijiet. L-esperti jridu jippreżentaw l-opinjoni esperta tagħhom lill-qorti bil-miktub, sakemm il-qorti ma tordnalhomx biex jippreżentawha oralment jew, bil-kunsens tal-espert, f'xi forma oħra. Opinjoni esperta jrid ikollha deskrizzjoni dettaljata ta' kull eżami li sar, il-konklużjonijiet milħuqa bħala riżultat ta' dawn l-eżamijiet u tweġibiet bir-raġunijiet għall-mistoqsijiet tal-qorti. Il-periti jridu jaqblu opinjoni korretta u bir-raġunijiet fuq il-mistoqsijiet li jsirulhom. Sabiex jagħti opinjoni esperta, l-espert jista' jeżamina kull materjali mill-każ li huwa jeħtieġ, jieħu sehem fl-eżami tal-provi fil-qorti u jittlob materjali ta' referenza u informazzjoni addizzjonali mill-qorti. Opinjoni esperta tingħata matul seduta l-qorti. Sakemm l-opinjoni esperta ma tiġix ippreżentata bil-miktub jew f'forma li tista' tinqaleb bil-miktub, l-esperti jesprimu l-opinjoni tagħhom f'seduta l-qorti. Il-qorti tista' ttella' espert li jkun ippreżentat opinjoni esperta bil-miktub jew f'forma li tista' tinqaleb bil-miktub għal seduta l-qorti biex tagħmillu xi mistoqsijiet. Il-qorti tista' ttella' wkoll espert li ppreżenta opinjoni esperta għal seduta l-qorti jekk din tintalab minn waħda mill-partijiet konċernati. Wara li tkun eżaminat opinjoni esperta, il-partijiet fil-proċedimenti jistgħu jpoġġu xi mistoqsijiet lill-espert f'seduta l-qorti sabiex tiġi ċċarata l-opinjoni, sakemm il-qorti tkun talbet lill-espert biex jitle' l-qorti. Il-mistoqsijiet jistgħu jiġu ppreżentati lill-qorti minn qabel u mbagħad mogħtija lill-espert mill-qorti. Il-qorti teskludi kull mistoqsija li hija irrilevanti jew mhux fil-kompetenza tal-espert. Id-dispożizzjonijiet dwar is-smiġ tax-xhieda japplikaw ukoll għas-smiġ tal-esperti.

### 3) Provi bil-miktub

Il-provi dokumentarji għandhom l-għamla ta' dokument bil-miktub jew kull dokument ieħor jew mezz ta' dejta simili li jiġi rekordat permezz tal-fotografija, vidjow, awdjo, rikording elettroniku jew rikording ta' dejta ieħor, li fihom informazzjoni dwar il-fatti rilevanti għall-aġġudikazzjoni tal-kwistjoni u li jistgħu jiġu preżentati f'seduta tal-qorti f'forma konkreta. Il-korrispondenza uffiċjali u personali, id-deċiżjonijiet minn kawżi oħra u l-opinjoni ta' persuni oħra b'għarfien speċifiku ppreżentati l-qorti mill-partijiet fil-proċedimenti jitqiesu wkoll bħala dokumenti. Id-dokumenti miktuba ppreżentati l-qorti jridu jkunu l-oriġinali jew traskrizzjonijiet. Jekk il-partijiet fil-proċedimenti jissottomettu dokumenti oriġinali flimkien ma' traskrizzjoni, il-qorti tista' tagħti lura d-dokumenti oriġinali u tinkludi fil-fajl kopja tat-traskrizzjoni iċċertifikata mill-imħallef. B'talba ta' persuni li jippreżentaw dokumenti bil-miktub, id-dokumenti oriġinali inklużi fil-fajl jistgħu jiġu mogħtija lura wara d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-qorti u wara t-tmiem tal-proċedimenti. It-traskrizzjoni tinżamm fil-fajl. Il-qorti tista' tistabbilixxi skadenza għall-eżami ta' dokument ippreżentat, u wara ritornat mill-qorti. F'dawn il-każijiet, it-traskrizzjoni tad-dokument trid tinżamm fil-fajl. Jekk id-dokument ikun ġie ppreżentat fil-forma ta' traskrizzjoni, il-qorti għandha dritt titlob li jiġi ppreżentat id-dokument oriġinali jew li jiġu ppruvati ċ-ċirkostanzi li mhux jippermettu li jiġi ppreżentat id-dokument oriġinali. Jekk ir-rikjesti tal-qorti ma jiġux osservati, il-qorti trid tiddeċiedi dwar il-valur probatorju tat-traskrizzjoni tad-dokument.

### 2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Fi proċeduri ċivili, applika r-regola ġenerali tal-evalwazzjoni ħielsa tal-provi, iżda jistgħu japplikaw xi limitazzjonijiet bil-ftehim tal-partijiet konċernati. B'mod partikolari, l-Artikolu 232(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jgħid li l-ebda provi ma għandha ebda importanza stabbilita minn qabel għall-qorti, sakemm mhux miftiehem mod ieħor mill-partijiet. Għalhekk il-partijiet jistgħu jaqblu li jassenjaw importanza deċiżiva lill-ċerti provi.

### 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Iva. Jista' joħroġ minn liġi jew ftehim bejn il-partijiet li ċertu fatt jista' jiġi ppruvat biss b'ċertu tip ta' prova jew f'ċertu forma.

### 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Iva. Skont l-Artikolu 254 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, persuna li tittella' bħala xhud trid tidher quddiem il-qorti u tagħti xhieda veritiera quddiem il-qorti rigward il-fatti li taf bihom.

### 2.9 F'lema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Il-persuni li ġejjin għandhom id-dritt jirrifjutaw li jixhdu bħala xhieda:

id-dixxendenti u l-axxendenti tar-rikorrent jew tal-konvenut;

l-aħwa jew aħwa minn żwiġijiet sussegwenti tar-rikorrent jew il-konvenut, jew persuna li hija jew kienet miżżewwġa lil huħom jew huħom minn żwiġijiet sussegwenti;

ġenitur minn żwieġ sussegwenti jew foster carer jew tfal li qed jieħdu ħsieb bil-fostering jew wild il-konjuġi tar-rikorrent jew tal-konvenut;

ġenitur adottiv jew wild adottat tar-rikorrent jew tal-konvenut;

il-konjuġi jew koabitant tar-rikorrent jew tal-konvenut, u l-ġenituri tal-konjuġi jew koabitant, anki jekk iż-żwieġ jew koabitazzjoni ntemmu.

Xhud jista' jirrifjuta li jixhed ukoll jekk ix-xhieda tiegħu tista' tinkrimina lilu jew lil xi persuna speċifikata aktar 'il fuq f'każ ta' reat kriminali jew aġir ħażin.

Xhud għandu dritt jirrifjuta li jixhed dwar fatti li għalihom japplika l-Att dwar Is-Sigriet tal-Istat u l-Informazzjoni Klassifikata tal-Istati Barranin (*riġisaladuse ja salastatud välisteabe seadus*).

Kull persuna li tipproċessa informazzjoni għal skopijiet ta' ġurnaliżmu għandha d-dritt jirrifjuta li tixhed dwar fatti li jkunu jistgħu jgħinu fl-identifikazzjoni tal-informatur tagħhom.

Minkejja dak li ntqal hawn qabel, xhud ma jistax jirrifjuta li jixhed dwar:

it-twettiq u l-kontenut ta' tranżazzjoni li għaliha ġie mistieden jattendi;

it-twelid jew il-mewt ta' xi membru tal-familja;

fatt marbut ma' relazzjoni ta' proprjetà ġejja minn relazzjoni skont il-liġi tal-familja;

att marbut ma' relazzjoni ġuridika kontestata, li x-xhud wettaq huwa nnifsu bħala l-predeċessur jew rappreżentant legali ta' parti.

### 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Iva. Jekk ix-xhud jirrifjuta li jixhed mingħajr raġuni valida, il-qorti tista' twaħħlu multa jew iżommu f'kustodja sa massimu ta' ġimagħtejn. Ix-xhud għandu jiġi rilaxxat immedjatament jekk jixhed jew jekk is-smiġ tal-kwistjoni jintemm jew jekk ma jibqax ikun hemm bżonn li jinstema' x-xhud.

Barra minn hekk, ix-xhud jeħel l-ispejjeż proċedurali kkawżati minħabba r-rifjut tiegħu li jixhed mingħajr raġuni valida.

### 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?



L-Artikolu 256 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi liema persuna ma jistgħux jinstemgħu bħala xhieda. B'mod partikolari, il-ministri ta' assoċjazzjoni reliġjuża reġistrata l-Estonja jew il-persunal ta' appoġġ tagħhom ma jistgħux jixhdu jew isirulhom il-mistoqsijiet dwar ċirkostanzi li ġew mqerra magħhom f'kuntast ta' kura spiritwali. Dawn li ġejjin ma jistgħux jixhdu mingħajr il-permess tal-persuna li fl-interessi tagħha huma impost l-obbligu tal-kunfidenzjalità: ir-rappreżentanti fi kwistjonijiet ċivili jew amministrattivi, l-avukati fi kwistjonijiet kriminali jew dwar aġir ħażin u n-nutara fejn jidhru fatti li saru jafu bihom fit-tweġiq tad-dmijiet professjonali tagħhom; it-tobba, l-ispiżjara jew fornituri tas-saħħa oħra, dwar fatti li l-pazjent f'dahom bihom, inklużi fatti dwar id-dixxendenza, l-inseminazzjoni artifiċjali, il-familja jew is-saħħa ta' persuna; persuni oħra li, minħabba x-xogħol jew l-attivitajiet professjonali jew ekonomiċi tagħhom, saru jafu b'informazzjoni kunfidenzjali li ma jistgħux jiddikjaraw skont il-liġi. Il-persunal ta' appoġġ professjonali msemmija hawn fuq ma jistgħux jixhdu wkoll mingħajr il-permess tal-persuna li fl-interessi tagħha huma impost l-obbligu tal-kunfidenzjalità:

## **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

L-Artikolu 262 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistabbilixxi l-proċedura għas-smiġħ tax-xhieda. Is-smiġħ ta' xhud irid jibda bil-qorti li tispejga l-għan tas-smiġħ lix-xhud u tteġġeg lix-xhud biex jistqarr kull ma jkun jaf dwar l-oġġett tas-smiġħ. Wara, il-partijiet fil-proċedimenti għandhom d-dritt jagħmlu mistoqsijiet tagħhom lix-xhud permezz tal-qorti. Bil-permess tal-qorti, il-partijiet fil-proċedimenti jistgħu jagħmlu l-mistoqsijiet direttament.

Il-qorti teskludi kull mistoqsija diretta fl-eżami u mistoqsijiet li mhumiex rilevanti għall-kwistjoni, kif ukoll mistoqsijiet li jsiru bl-għan li jiġu żvelati fatti ġodda li ma ġewx ippreżentati qabel u mistoqsijiet ripetuti. Jekk ikun hemm bżonn, il-qorti, tista' tagħmel mistoqsijiet addizzjonali matul is-sessjoni ta' mistoqsijiet sabiex tiċċara jew tikkumpla x-xhieda, jew biex tistabbilixxi l-bażi għall-għarfien tax-xhud.

Skont l-Artikolu 350 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-qorti tista' torganizza sedura fil-forma ta' konferenza proċedurali sabiex il-partijiet fil-proċedimenti jew ir-rappreżentant jew konsulent tagħhom ikollhom l-opportunità jkun f'post ieħor dak inhar tas-seduta u jkun jistgħu jwettqu l-atti proċedurali f'fin reali f'dak il-post. Xhud jew espert li jkun post ieħor jista' jinstema' wkoll, u parti fil-proċedimenti li qiegħda f'post ieħor tista' tagħmillhom il-mistoqsijiet permezz ta' seduta tal-qorti bħala konferenza proċedurali.

F'seduta tal-qorti organizzata bħala konferenza proċedurali, id-dritt ta' kull parti fil-proċedimenti biex tippreżenta talbiet u rikors u biex tfassal il-pożizzjoni tagħha dwar it-talbiet u r-rikors tal-partijiet l-oħra fil-proċedimenti għandu jiġi garantit b'mod teknikament sikur, u l-kundizzjonijiet tas-seduta tal-qorti rigward it-trażmissjoni f'fin reali tal-istampi u l-awdjo mill-partijiet fil-proċedimenti mhux preżenti fl-awla tal-qorti u viċe versa jridu jkun teknikament sikuri. Bil-kunsens tal-partijiet u x-xhieda u, fi proċedimenti fuq talba, bil-kunsens tax-xhud biss, ix-xhud jista' jixhed bit-telefown waqt din il-konferenza. Il-Ministru tal-Ġustizzja jista' jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi speċifiċi sabiex titmexxa kif suppost seduta tal-qorti bħala konferenza proċedurali.

## **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

### **3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

Skont l-Artikolu 238(3)(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili l-qorti tista' tirrifjuta li taċċetta provi u terġa' tirritornahom jekk il-provi nkisbu permezz ta' reat kriminali jew ksar illegali ta' dritt fundamentali.

### **3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?**

Skont l-Artikolu 267 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, parti li ma tkunx ippruvat, permezz ta' provi oħra, fatt li jrid jiġi ppruvat minnha jew li pprovdiet provi oħra, għandha d-dritt titlob li l-parti l-oħra jew parti terzi jinstemgħu bil-ġurament sabiex jiġi ppruvat il-fatt. F'każ ta' persuna ġuridika, jista' jinstema' bil-ġurament rappreżentant tagħha.

Il-qorti tista' tisma' wkoll, bil-ġurament, parti li trid tipprovi provi dwar fatt kontestat jekk waħda mill-partijiet titlob dan u l-parti l-oħra taqbel magħha.

Minkejja r-rikjesti tal-partijiet u d-diviżjoni tal-oneru tal-prova, il-qorti tista' *ex officio* tisma' bil-ġurament jew lil waħda jew liż-żewġ partijiet jekk, fuq il-bażi ta' proċedimenti li seħħew aktar kmieni u l-provi provduti u miġbura, il-qorti ma tistax tiegħu pożizzjoni fuq il-verità ta' fatt dikjarat li jrid jiġi ppruvat. Il-qorti tista' tisma' wkoll *ex officio* bil-ġurament parti jekk dik il-parti li trid tipprovi provi tixtieq tagħmel dikjarazzjonijiet bil-ġurament, mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra.

Fi proċedimenti simplifikati u proċedimenti fuq talba, il-qorti tista' tqis li dikjarazzjoni minn parti fil-proċedimenti li ma ngħatax bil-ġurament hija suffiċjenti biex fatt jiġi ppruvat, sakemm skont ir-regoli tat-tip rilevanti ta' proċedimenti fuq talba, dikjarazzjonijiet li ngħataw mill-partijiet bil-ġurament biss huma ammissibbli. F'kawża, deċiżjoni ma tistax tkun ibbażata fuq xi dikjarazzjoni mogħtija minn parti li ma ngħatax bil-ġurament.

L-aħħar aġġornament: 18/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **Smiġħ ta' xhieda - Irlanda**

### **1 L-oneru tal-provi**

#### **1.1 X'inhu r-regoli dwar l-oneru tal-provi?**

L-oneru tal-provi ta' dikjarazzjoni partikolari ġeneralment jaqa' fuq il-parti li tagħmel l-asserzjoni jew id-dikjarazzjoni inkwistjoni. Pereżempju, f'kawża ta' negliġenza, l-onus għall-wiri bil-provi tan-negliġenza jaqa' fuq ir-rikorrent u l-oneru tal-provi tan-negliġenza kontributorja jaqa' fuq il-konvenut. Ġeneralment, prova tal-fatti neċessarji biex tiġi stabbilita raġuni għal kawża taqa' taħt ir-responsabbiltà tar-rikorrent filwaqt li prova ta' difiża għall-azzjoni taqa' taħt il-konvenut u jekk il-konvenut jagħmel kontrotalba, il-konvenut iġarrab l-oneru tal-provi fir-rigward ta' dik it-talba. Madankollu, ċertu rekwiżit statutorju kultant jixhed l-onus tal-provi fuq konvenut. Pereżempju, f'talbiet dwar sensja inġusta, l-oneru tal-provi jaqa' fuq l-impjegatur konvenut, jiġifieri l-impjegatur irid juri li kien hemm raġunijiet sostanzjali li jiġġustifikaw l-għoti tas-sensja. [Ara l-[Att dwar is-Sensji Inġusti 1977](#) kif emendat].

#### **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

Ma hemmx bżonn li jingħataw provi ta' fatti li jkun ammessi. L-imħallfin jistgħu jibbażaw irwiehom fuq l-għarfien ġenerali tagħhom jew jieħdu nota ġudizzjarja tal-fatti li jkun stabbiliti biċ-ċar jew magħrufa sew jew parti mill-għarfien komuni, u għalhekk ma jkun hemm bżonn ta' evidenza tat-tali fatti. Il-liġi tagħmel ċerti preżunzjonijiet li jstgħu jitwaqqgħu b'evidenza li turi bil-kontra. Dawn jinkludu preżunzjonijiet dwar il-leġittimità tat-tfal, il-validità taż-żwiġijiet, il-kapaċità mentali tal-adulti u l-preżunzjoni tal-mewt meta persuna tkun ilha ma tidher jew tinstema' għal aktar minn 7 snin minkejja li jkun saru l-inkjesti xierqa kollha. Ir-regola ta' *res ipsa loquitur* tapplika meta preżunzjoni ta' negliġenza ssir f'ċirkostanzi li fihom jintwera li l-kawża tal-aċċident kienet taħt il-kontroll tal-konvenut jew tal-ħaddiema jew tal-aġenti tiegħu fil-mument tal-aċċident u l-aċċident kien tali li fil-perkors normali tal-avvenimenti ma kienx iseħħ li kieku daww fil-kontroll kienu attenti kif suppost. Meta tiġi invokata l-massima ta' *res ipsa loquitur*, din taqleb jew tmexxi l-oneru tal-provi għall-konvenut u dan imbagħad

ikun irid juri li hu ma kiex negliġenti. Madankollu, l-oneru tal-provi dwar il-kawżazzjoni jibqa' fuq ir-rikorrent. Ta' min jinnota l-fatt li d-duttrina *res ipsa loquitur* m'għandhiex bżonn tintalab jew tiġi stabbilita fit-talba tar-rikorrent biex rikorrent ikun jista' jibbaża fuqha matul is-smiġħ tal-kawża jekk il-fatti juru li jkun ċar li d-duttrina hi applikabbli.

### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

F'kawża ċivili, parti timexxi fi kwistjoni jekk hi tissodisfa lill-qorti b'rabta ma' dik il-kwistjoni fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet. B'hekk, jekk parti tonqos milli tissodisfa lill-qorti li l-verżjoni tagħha tal-avvenimenti hi aktar probabbli mill-verżjoni tal-opponent tagħha, din titlef il-kawża. Dan hu standard flessibbli u l-qorti ġeneralment ikunu jeħtieġu aktar provi f'ċerti każijiet, bħal f'każijiet li jinvolvu dikjarazzjoni ta' frodi, minħabba s-serjetà tal-allegazzjoni.

## 2 Is-smiġħ tal-provi

### 2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

L-evidenza tinkiseb fi proċedimenti ċivili permezz tal-iżvelar ta' dokumenti, permezz tad-divulgazzjoni u permezz tax-xhieda.

**Żvelar:** F'kawżi quddiem il-Qorti Superjuri, l-iżvelar jinkiseb b'applikazzjoni minn parti għall-oħra bil-miktub li titlob li l-iżvelar isir b'mod volontarju. Il-qorti tordna l-iżvelar biss meta l-parti l-oħra tonqos jew tiċħad milli tagħmel l-iżvelar b'mod volontarju jew tinjora t-talba għall-iżvelar. [Ara r-Regoli tal-Qrati Superjuri, Ord. 31, r. 12 kif emendata]. Kwalunkwe żvelar imfittex irid ikun rilevanti u neċessarju għall-fatti inkwistjoni fil-kawża. Hu possibbli wkoll li jintalab l-iżvelar ta' dokumenti mingħand entità li mhix parti għall-azzjoni.

**Divulgazzjoni:** Kwalunkwe parti għal kawża dwar danni personali trid tiddivulga lill-parti l-oħra, mingħajr il-ħtieġa ta' xi applikazzjoni quddiem il-qorti, kwalunkwe rapport mediku m'ħejji minn esperti li jintalbu jixhdu fil-proċess. [Ara r-Regoli tal-Qrati Superjuri, Ord. 39, r. 46 kif emendata]. Iż-żewġ partijiet iridu jiskambjaw ukoll il-listi tal-isimijiet u l-indirizzi tax-xhieda kollha li jkollhom l-għan li jsejju biex jidheru u r-rikorrent irid jipprovi dikjarazzjoni sħiħa tal-elementi kollha tad-danni speċjali jew tal-ispejjeż li ħallas minn butu assoċjati mat-telf jew mad-dannu li jkun is-suġġett tat-talba.

**Xhieda tal-Fatt:** Il-partijiet m'għandhomx bżonn il-permess tal-qorti biex iġibu evidenza tax-xhieda b'appoġġ tal-kawżi tagħhom, bl-eċċezzjoni ta' proċedimenti fil-Lista Kummerċjali tal-Qorti Superjuri, fejn parti li titlob li tibbaża fuq l-evidenza ta' xhud trid tinnotifika dikjarazzjoni lix-xhud iffirmata mix-xhud li tistabbilixxi l-evidenza tax-xhud u trid tistieden lix-xhud biex jagħti l-evidenza orali fil-proċess. Jekk parti tonqos milli ttipprovi dikjarazzjoni tax-xhud qabel il-proċess fil-Lista Kummerċjali tal-Qorti Superjuri, dik il-parti ma tistax issejjaħ lix-xhud mingħajr il-permess tal-qorti. Il-qorti għandha wkoll setgħat estensivi biex tikkontrolla l-evidenza li tiġi ammassa u tista' teskludi evidenza li normalment tkun ammissibbli jew tillimita l-kontroeżami ta' xhud. F'ċerti ċirkustanzi, parti tista' applika wkoll għal ordni mill-qorti biex din tippermetti lil xhud jagħti l-evidenza f'xhieda taħt gürament meħuda minn eżaminatur maħtur mill-qorti qabel is-smiġħ tal-kawża. B'mod ġenerali, xogħol l-imħallef hu li jisma' l-evidenza kollha miġjuba mill-partijiet u ma jwettaqx missjoni ta' sejbien tal-fatti.

Ġeneralment, imħallef ma jkollu ebda dritt li jsejjaħ lil xhud biex jidher mingħajr il-kunsens tal-partijiet, għad li jista' jagħmel dan f'każijiet ta' disprezz ċivili jew f'ċerti proċedimenti dwar il-kura tat-tfal. Imħallef għandu wkoll is-setgħa li jsejjaħ lil xhud li jkun issejjaħ preċedentement minn parti.

**Xhieda Esperti:** Il-partijiet ġeneralment ma jkollhomx bżonn il-permess tal-qorti biex iġibu evidenza minn esperti b'appoġġ tal-kawżi tagħhom. Meta tkun se tinġieb evidenza minn esperti, il-partijiet għandhom jiskambjaw kwalunkwe perizja minn qabel il-proċess. Fi proċedimenti fil-Lista Kummerċjali tal-Qorti Superjuri, imħallef, bħala parti mill-proċedura ta' qabel il-proċess, jista' jordna lix-xhieda esperta biex jikkonsultaw ma' xulxin għall-finijiet ta' identifikazzjoni tal-kwistjonijiet li fir-rigward tagħhom ikun biħsiebhom jixhdu, jilhq u ftehim dwar dak li biħsiebhom jixhdu fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet u jikkunsidraw kwalunkwe materja li l-imħallef jista' jordnalhom jikkunsidraw. It-tali xhieda esperti jistgħu jiġu ordnati mill-qorti biex iħejju memorandum li jrid jiġi ppreżentat b'mod konġunt minnhom lir-Registar u notifikat minnhom lill-partijiet, li jkun fih l-eżitu tal-laqqgħat u tal-konsultazzjonijiet tagħhom. Kwalunkwe eżitu bħal dan tal-konsultazzjonijiet tax-xhieda esperti ma jkunx vinkolanti fuq il-partijiet. [Ara r-Regoli tal-Qrati Superjuri, Ord. 63A, r. 6(1)(ix)].

Fuq inizjattiva tagħha stess, il-qorti tista' taħtar espert bħala assessur biex jassisti lill-qorti b'rabta mal-kwistjoni li tkun se tiġi proċessata. Il-qorti tista' tordna lill-assessur iħejji rapport, li kopji tiegħu jiġu pprovduti lill-partijiet, u jattendi l-proċess biex jagħti pariri jew assistenza lill-qorti.

### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintalab, x'isir wara?

**Żvelar:** Ordni għal żvelar issir minn qorti biss meta l-parti li minnha qed jintalab l-iżvelar tkun naqset jew ċaħdet milli tawtaq l-iżvelar jew injorat talba biex isir dan l-iżvelar mixtieq fuq bażi volontarja. Għaldaqstant, jekk il-qorti tordna l-iżvelar, il-parti li titlob l-iżvelar normalment tingħata kumpens għall-ispejjeż talli ppreżentat ir-rikors. Jekk parti għal kawża tiġi ordnata tiżvela ċerti dokumenti fis-setgħa jew fil-pussess tagħha, din trid tagħmel kopji ta' dawk id-dokumenti disponibbli għall-parti l-oħra. Ordni għal żvelar tiġi rrispettata bil-gürament ta' affidavit tal-iżvelar li jstabbilixxi d-dokumenti rilevanti permezz ta' esibiti għall-affidavit. Nuqqas ta' rispett ta' ordni għal żvelar jista' jwassal biex il-kawża tiġi miċħuda jew biex id-difiża titwaqqa' bl-għan li jiġi żgurat li l-partijiet għall-litigazzjoni jirrispettaw l-ordnijiet għal żvelar.

**Xhieda tal-fatt:** Il-partijiet ma għandhomx bżonn il-permess tal-qorti biex iġibu evidenza tax-xhieda b'appoġġ għall-kawżi tagħhom. F'ċirkustanzi li fihom il-qorti tordna li evidenza ta' xhud tiġi kkompilata f'xhieda, ix-xhud jixhed oralment quddiem eżaminatur maħtur mill-qorti. L-eżami jsir bħallikieku kien proċess, b'opportunità sħiħa li jsir kontroeżami tax-xhud u bi traskrizzjoni tal-evidenza li tiġi prodotta.

**Xhieda Esperti:** Il-partijiet ġeneralment ma jkollhomx bżonn il-permess tal-qorti biex iġibu evidenza minn esperti b'appoġġ tal-kawżi tagħhom. L-esperti jistgħu iħejju rapporti bil-miktub fejn huma jstabbilixxu s-sejbiet tagħhom u jagħtu l-opinjoni esperta u imparzjali tagħhom. Meta jitħejjew il-perizji, dawn għandhom jiġu skambjati minn qabel il-proċess. Id-dmir prevalenti tal-espert hu lejn il-qorti u mhux lejn xi waħda mill-partijiet tal-proċedimenti, għad li l-espert jitħallas mill-parti li taħtru.

### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Il-qorti tista' tiċħad rikors ta' parti li ffittef li tikseb jew iġġib ċerta evidenza jekk il-qorti tkun tal-fehma li l-evidenza hi irrilevanti, żejda jew inammissibbli. Skont ir-"regola dwar l-aħjar evidenza", l-aħjar evidenza u l-aktar evidenza diretta ta' fatt trid tinġieb jew jekk l-aħjar evidenza ma tkunx disponibbli, in-nuqqas ta' din irid jiġi spjegat. Pereżempju, l-aħjar evidenza għall-kontenut ta' ittra partikolari tkun il-produzzjoni tal-ittra nfisha, minflok ma tingħata evidenza orali tal-kontenut tagħha. B'mod ġenerali, l-evidenza kollha rilevanti għal kwalunkwe wieħed mill-fatti inkwistjoni tkun ammissibbli. Madankollu, ċerta evidenza tkun inammissibbli bħal komunikazzjoni privileġġata (pereżempju evidenza ta' komunikazzjoni kunfidenzjali bejn klient u avukat). Għaldaqstant, l-ammissibbiltà tal-evidenza tiġi deċiża f'kull każ mill-imħallef.

### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Il-fatti jistgħu jintwerew bil-provi permezz ta' evidenza, ta' preżunzjonijiet u ta' inferenzi li jirriżultaw mill-evidenza, u mill-qorti li tiegħu nota ġudizzjarja ta' ċerti fatti magħrufa. It-tipi ta' evidenza li fuqhom jista' jiġi bbażat fi proċedimenti ċivili huma testimonjanza tax-xhieda, dokumenti u evidenza reali. Id-dokumenti jistgħu jinkludu dokumenti fuq karti, rekords tal-komputer, ritratti, u reġistrazzjonijiet vidjo u awdjo.

### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

Fil-prinċipju, xhieda tal-fatt jixhdu oralment fil-proċess fejn jintalbu jikkonfermaw il-verità u l-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet tagħhom.

Ix-xhieda esperti jixhdu fir-rapporti miktubin sakemm il-qorti ma tordnax xi mod ieħor. Perizja trid tistabbilixxi l-konklużjonijiet, il-fatti u s-suppożizzjonijiet tagħha li fuqhom tkun ibbażata, u s-sustanza tal-istruzzjonijiet tal-espert. Il-qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm bżonn ukoll li espert jattendi l-proċess biex jixhed oralment.

## 2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Il-qorti għandha diskrezzjoni estensiva rigward l-importanza jew il-kredibilità li għandha tingħata lil kwalunkwe biċċa evidenza. Pereżempju, evidenza bbażata fuq għajdut, filwaqt li tista' tkun ammissibbli fi proċedimenti ċivili, spiss iġġorri importanza inferjuri minn testimonjanza diretta, b'mod partikolari jekk min jagħmel id-dikjarazzjoni seta' jissejjaħ biex jixhed hu stess.

Ċerti dokumenti u rekords jiġu aċċettati bħala awtentiċi. Pereżempju, ir-rekords tan-negożji u tal-awtoritajiet pubbliċi jiġu aċċettati bħala awtentiċi jekk ikunu ċċertifikati bħala tali minn uffiċjali tan-negożju jew tal-awtorità pubblika u diversi tipi ta' dokumenti uffiċjali (bħal leġiżlazzjoni, ordinamenti, ordnijiet, trattati u rekords tal-qorti) jistgħu jintwerew bil-provi permezz ta' kopji stampati jew iċċertifikati mingħajr ebda prova ulterjuri.

## 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Ċerti tranżazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub u, għaldaqstant, l-evidenza bil-miktub u dokumentarja tkun meħtieġa għall-prova tat-tali tranżazzjonijiet. L-eżempji jinkludu kuntratti għall-bejgħ tal-art.

## 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Bħala regola ġenerali, jekk xhud ikun kompetenti, hu jista' jintalab jitle' l-qorti u jixhed. Parti li tixtieq tigarantixxi l-attenzanza ta' xhud fi proċess tnejn taħrika tax-xhud li teħtieġ li x-xhud jitle' l-qorti biex jixhed. Ladarba tinħareġ mill-qorti u tiġi notifikata kif xieraq, it-taħrika torbot lix-xhud biex jattendi għas-seduta. Persuna li ma tobdix taħrika għal xhud tkun taħta ta' disprezz lejn il-qorti.

## 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Ir-regola ġenerali li x-xhieda kompetenti jistgħu jintalbu jixhdu ma tapplikax għal sovrani barranin u għall-familji tagħhom, għal aġenti diplomatiċi barranin u għal uffiċjali konsulari, għal rappreżentanti ta' ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali u għal imħallfin u għal ġurati, b'rabta mal-attivitajiet tagħhom f'dawk il-kapaċitajiet. Konjuġi u qraha tal-partijiet jistgħu jintalbu jixhdu fi proċedimenti ċivili. Xhud jiġi obligat iwieġeb mistoqsija ħliet fiċ-ċirkostanzi li fihom ikun jitlef il-privileġġ kontra l-awtoinkriminazzjoni. Fi kliem ieħor, xhud hu obligat iwieġeb mistoqsija sakemm ma jkunx jista' jstabilixxi li hemm motivazzjonijiet raġonevoli biex jibża' li t-tweġiba ser ikollha tendenza li tinkrimina.

Ix-xhieda li ġeneralment jistgħu jkunu meħtieġa jixhdu xorta waħda jkunu intitolati jipprejvju ċerti dokumenti milli jiġu spezzjonati u jiċħdu milli jwieġbu ċerti mistoqsijiet fuq il-bażi tal-privileġġ. It-tipi ewlenin ta' privileġġ huma privileġġ professjonali legali, komunikazzjoni "mingħajr preġudizzju", u, kif intqal aktar 'il fuq, il-privileġġ kontra l-awtoinkriminazzjoni.

L-evidenza tista' titrażżan ukoll fuq il-bażi tar-raġunijiet ta' immunità għall-interess pubbliku jekk il-produzzjoni tagħha tmur kontra l-interess pubbliku. L-evidenza li tista' tkun koperta mill-immunità tinkludi evidenza relatata mas-sigurtà nazzjonali, ma' relazzjonijiet diplomatiċi, mal-ħidma tal-gvern ċentrali, mal-benessri tat-tfal, mal-investigazzjoni ta' reat u mal-protezzjoni ta' kollaboraturi. Barra minn hekk, il-ġurnalisti mhumiex meħtieġa jiddivulgaw is-sorsi tagħhom sakemm id-divulgazzjoni ma tkunx neċessarja fl-interessi tal-ġustizzja jew tas-sigurtà nazzjonali jew għall-prevenzjoni ta' disturb jew ta' reat.

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Xhud li jiċħdu milli jixhed, wara li jkun ġie notifikat b'taħrika għax-xhieda, jista' jintbagħat il-ħabs għal disprezz tal-qorti sakemm ma jpatix għad-disprezz tiegħu, jew inkella jista' jkun meħtieġ iħallas multa. Nuqqas ta' konformità ma' taħrika għax-xhieda fil-fatt hu nuqqas ta' konformità ma' ordni tal-qorti u, b'hekk, kwalunkwe kaħda ta' għoti tax-xhieda tista' tkun disprezz tal-qorti.

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

L-adulti mhumiex kompetenti biex jidheru fi proċedimenti ċivili jekk ma jkunux kapaċi jifhem l-ħalfa jew ma jkunux kapaċi jagħtu testimonjanza razzjonali. Xhud minorenni jaf ma jkunx kompetenti biex jixhed jekk hu ma jkunx jifhem id-dmir li jgħid il-verità jew ma jkollux biżżejjed għarfien biex jiġġustifika s-smiġħ tal-evidenza tiegħu u jkun f'idejn l-imħallef partikolari tal-proċess li jiddeċiedi fuq din il-kwistjoni.

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Ix-xhieda għall-ewwel jagħtu x-xhieda ewlenija tagħhom u mbagħad jiġu kontroeżaminati mill-avukat tal-parti opposta. Matul il-kontroeżami, jistgħu jsiru mistoqsijiet li jwasslu għal tweġibiet ippanati lix-xhud. Kultant, ix-xhud jerġa' jiġi eżaminat mill-parti li tkun sejhiltu biex jixhed inizjalment wara li jintemm il-kontroeżami. L-imħallef ukoll jista' jagħmel mistoqsija lix-xhud, pereżempju biex jirċievi kjarifika fuq ċerti materji.

Hu possibbli li x-xhieda jixhdu b'xandira televiżiva diretta f'ċerti każijiet. Fi proċedimenti li jikkonċernaw il-benessri ta' minorenni jew ta' persuna b'diżabbiltà mentali, il-qorti tista' tisma' x-xhieda ta' minorenni permezz ta' xandira televiżiva diretta u l-mistoqsijiet lill-minorenni jistgħu jsiru permezz ta' intermedjarju. L-evidenza b'xandira televiżiva diretta tista' tiġi riċevuta wkoll meta x-xhud inkwistjoni jkun jgħix barra mill-ġurisdizzjoni tal-Irlanda.

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Evidenza miksuba b'mod illegali mhux bilfors tkun inammissibbli. Tkun ammissibbli jekk tkun rilevanti iżda l-imħallef tal-proċess għandu diskrezzjoni biex jeskludiha. Jekk l-imħallef tal-proċess jidheru li l-ordni pubbliku jeħtieġ li l-evidenza tiġi eskluża, anki jekk tkun rilevanti għall-fatti inkwistjoni, l-evidenza ma tiġix ammessa.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Dikjarazzjonijiet tax-xhieda mogħtija mill-partijiet għall-proċedimenti huma ammissibbli bħala evidenza daqs dikjarazzjonijiet mogħtija minn entitajiet li ma jkunux partijiet.

#### Links relatati

<https://www.courts.ie>

L-aħħar aġġornament: 16/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Smiġħ ta' xhieda - Greċja

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Fi kwistjonijiet ta' prova, il-liġi Griega ssegwi l-prinċipju tal-prosekuzzjoni tal-parti (*archi tis diáthesis*). Dan ifisser li l-qorti tagħxi biss fuq ir-rikors ta' parti u tiddeċiedi fuq il-bażi tad-dikjarazzjonijiet fattwali li jsiru u jintwerew mill-partijiet u tar-rikorsi li jippreżentaw. Il-passi proċedurali jittieħdu wara r-rikors ta' parti, sakemm il-liġi ma tipprevedix mod ieħor. Kull parti tkun meħtieġa turi biss il-fatti li jkollhom importanza għall-ġudizzju tal-kawża u li jkunu neċessarji biex isostnu t-talba jew il-kontrotalba indipendenti tagħha. Rikors li ma jkunx sostnut bil-provi jiġi miċħud.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Meta l-liġi tkun teħtieġ prova dwar l-eżistenza ta' fatt, kontroprova tkun awtorizzata sakemm ma jkunx hemm regola li tgħid bil-kontra. Fatti li tant ikunu magħrufa sew li ma jkun hemm ebda dubju raġonevoli li huma veri, jew li jkunu magħrufa mill-qorti minħabba proċedimenti ġudizzjarji oħra, jiġu kkunsidrati b' mod awtomatiku, u m'hemm b'żonn li jingħataw provi tagħhom. Il-qorti tieħu f'kunsiderazzjoni b'mod awtomatiku t-tagħlimiet mill-esperjenza komuni, bla ma tkun teħtieġ prova. Bl-istess mod, il-qorti tieħu nota tal-liġijiet, tad-drawwiet u tal-użanzi f'pajjiżi oħra fuq inizjattiva tagħha stess, għad li jaf tkun teħtieġ prova jekk ma tkunx midħla tagħhom.

### **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Il-qorti tiġġudika l-provi liberament u tiddeċiedi fid-diskrezzjoni tagħha stess jekk id-dikjarazzjonijiet li jsiru humiex veri. Fid-deċizzjoni tagħha din tistabbilixxi r-raġunijiet li wassluha biex tikkonkludi b'ċertu mod. Meta l-liġi tistabbilixxi li l-kawża tista' tiġi ddeterminata fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet biss, eż. f'rikors għal miżuri provviżorji (*asfalistiká métra*), il-qorti ma hijiex obligata tapplika r-regoli li jirregolaw il-kumpilazzjoni ta' xhieda, il-forom ammissibbli ta' provi u l-forza tal-provi li jistgħu jitressqu, iżda tista' tieħu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe ħaġa li hi tqis li tkun xierqa biex tasal għal opinjoni rigward il-fatti.

## **2 Is-smiġħ tal-provi**

### **2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Il-prinċipju bażiku hu li l-provi jiġu proposti u pprovduti mill-partijiet. Madankollu, il-qorti tista' tordna *ex officio*-preżentazzjoni ta' kwalunkwe prova awtorizzata bil-liġi, anke jekk ma tkunx tressqet minn parti.

### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Wara l-kumpilazzjoni tax-xhieda, il-qorti tiddeċiedi dwar il-mertu tal-kawża, sakemm ma ssibx li l-provi kienu insuffiċjenti, f'liema każ tista' tordna l-preżentazzjoni ta' provi addizzjonali ġodda.

### **2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Jekk hija ssib li l-provi eżistenti huma suffiċjenti jew jekk il-parti ma rrexxilhiex tippreżenta l-provi sal-iskadenza legali.

### **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Il-provi, skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Kódika Politikís Dikonomías*) jinkludu ammissjonijiet, spezzjonijiet, perizji, provi dokumentarji, is-smiġħ tal-partijiet, id-dikjarazzjonijiet tax-xhieda, preżunzjonijiet ta' fatti u affidavits.

### **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jingħabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jingħabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

Il-periti (*pragmatognómones*) jassistu lill-qorti billi jagħtu opinjoni mistoqsijiet li jsirulhom mill-qorti. Jekk ikun hemm b'żonn, il-qorti teħtieġ li l-periti jkunu preżenti meta jitwettqu l-passi ġudizzjarji kollha jew uħud minnhom. Kull qorti żżomm lista ta' periti. Ordnijiet maħruġa fuq proposta mill-Ministru għall-Ġustizzja jstabbilixxu kif jittfasslu u jinżammu l-listi. Il-qorti li tisma' l-kawża tagħti lill-periti l-istruzzjonijiet neċessarji dwar kif għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom, u tistabbilixxi b'mod partikolari

jekk hi tqis li hemm b'żonn li dawn ikunu preżenti fi kwalunkwe stadju fil-proċedimenti ġudizzjarji, u

jekk il-perizja għandhiex tingħata fil-qorti jew titfassal mill-periti waħedhom.

Sakemm ma jiġix stipulat mod ieħor mill-qorti li tisma' l-kawża, l-istess setgħat jistgħu jiġu eżerċitati minn qorti oħra li taġixxi fuq talba jew fuq referenza biex tieħu xi pass ġudizzjarju b'rabta mal-perizja, jew minn imħallef delegat (*entetalménos dikastís*). Jekk tiġi ordnata perizja, il-qorti tistabbilixxi terminu perentorju sa meta l-periti jridu jagħtu l-perizja tagħhom. L-imħallef jew, fil-każ ta' diversi mħallfin, il-President tal-qorti, jista' jestendi t-terminu perentorju fuq talba tal-periti u mingħajr ma l-partijiet ikunu ġew imħarrka qabel, jekk il-periti jqisu li ż-żmien permess ma jkunx adegwat għat-tnejjja tal-perizja. Jekk ikun hemm aktar minn perit wieħed, dawn iwettqu l-azzjonijiet meħtieġa kollha għat-tnejjja tal-perizja u jiktbu l-perizja tagħhom fil-miktub. Dawn jiltaqgħu wara l-istedina ta' xi wieħed minnhom. Perizja bil-miktub trid tiddikjara l-azzjonijiet li huma wettqu u tagħti l-fehmiet ta' kull wieħed minnhom, bir-raġunijiet, u trid tkun iffirmata minnhom. Jekk xi wieħed mill-periti ma jkunx preżenti meta tinkiteb il-perizja, jew jirrifjuta li jiffirmaha, dan jiġi ddikjarat fil-perizja. Il-periti jew persuna awtorizzata minnhom għal dan l-għan jippreżentaw il-perizja bil-miktub lir-reġistru tal-qorti li taħtarhom u l-fatt jiġi rreġistrat. Jekk il-perizja tiġi ppreżentata lir-reġistru ta' qorti fuq talba jew fuq referenza mill-qorti tal-imħallef delegat, ir-rapport jingħadda minnufih lir-reġistru tal-qorti li tkun qed tisma' l-kawża. Il-qorti dejjem tivvaluta l-perizja tal-provi liberament.

### **2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Ammissjoni orali jew bil-miktub (*omología*) li ssir minn parti f'qorti jew quddiem l-imħallef delegat tikkostitwixxi prova sħiħa kontra l-persuna li tagħmilha; ammissjonijiet li jsiru barra mill-qorti, b'ħaġa kull prova oħra, jiġu vvalutati liberament.

### **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Il-kuntratti u atti ta' natura kollettiva ma jistgħux jiġu pprovati b'depożizzjoni tax-xhud jekk il-valur tat-tranżazzjoni jkun ogħla minn EUR 20 000, u d-depożizzjoni tax-xhud ma hijiex permessa kontra l-kontenut ta' prova dokumentarja anke jekk il-valur tat-tranżazzjoni jkun anqas minn GRD 2 miljun jew EUR 20 000. Iżda d-depożizzjonijiet tax-xhieda xorta waħda jintlaqgħu fil-każijiet li ġejjin:

meta jkun hemm prova bażika pprovduta minn dokument b'valur probatorju li jagħmilha tidher anqas probabbli li t-tranżazzjoni tabilħaqq twettqet (il-"bidu tal-prova bil-miktub", *archi éngrafis apódeixis*);

jew jekk ikun hemm raġuni fiżika jew morali għalhekk id-dokument ma jistax jiġi prodott;

jekk jintwera li dokument ġie fformulat iżda ntilef b'mod aċċidentali;

jekk id-depożizzjonijiet tax-xhieda jkunu ġustifikati min-natura tat-tranżazzjoni jew mill-kundizzjonijiet speċjali li taħthom tkun saret, u speċjalment jekk ikunu jikkonċernaw negozjati kummerċjali.

### **2.8 Ix-xhieda huma obligati bil-liġi li jixhdu?**

Kull min jintalab jidher biex jiġi eżaminat b'ħaġa xhud irid jidher u jiddikjara l-fatti li jafhom. Jekk il-persuna tonqos milli tidher, mingħajr ġustifikazzjoni, il-qorti tordnalha tħallas l-ispejjeż ikkawżati mill-assenza tagħha, u tista' timponi multa wkoll.

### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Il-persuni li ġejjin għandhom id-dritt li jirrifjutaw li jiġu eżaminati b'ħaġa xhieda:

membri tal-kleru, avukati, nutara, tobba, spiżjara, infirmiera, qwiebel, l-assistenti tagħhom, u l-avukat tal-parti, fir-rigward ta' fatti li jsiru jafu bihom meta jipprattikaw il-professjoni tagħhom;

il-persuni relatati mal-partijiet bid-demem, biż-żwieġ jew b'adozzjoni sat-tielet grad ta' parentela, f'linja diretta jew f'linja kollaterali, sakemm ma jkunux relatati bl-istess mod mal-partijiet kollha, u konjuġi, eks konjuġi, u għarajjes li se jiżżewġu.

Barra minn hekk, xhud ma jkunx obligat jixhed dwar

fatti li jistgħu jwasslu għall-prosekuzzjoni ta' reat imwettaq mix-xhud jew minn persuna li tiġi minnu skont it-tifsira tal-Artikolu 401(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jew li jistgħu jirriflettu fuq l-unur tax-xhud jew fuq l-unur ta' persuna b'ħaġa din,

fatti li jikkostitwixxu sigriet professjonali.

### **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Xhud li jidher iżda li jirrifjuta li jixhed, anke meta jkun meħtieġ jagħmel dan, jista' jiġi ordnat iħallas multa mill-qorti.

### 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixdu?

Dawn li ġejjin ma jistgħux jiġu eżaminati bħala xhieda:

qassisin, fir-rigward ta' kull ħaġa li jsiru jafu biha matul is-sigriet tal-qrar;

persuni li, fiż-żmien tal-avvenimenti inkwistjoni, ma kellhomx il-kapaċità mentali li jifhemuhom jew ma humiex kapaċi jikkomunikaw dak li jipperċepixxu;

persuni li, fiż-żmien tal-avvenimenti inkwistjoni, kienu fi stat ta' disturb mentali li effettivament illimita t-tħaddim tal-ġudizzju u r-rieda tagħhom jew li jinsabu f' dak l-istat meta jkunu se jiġu eżaminati;

avukati, nutara, tobbja, spiżjara, infirmiera, qwiebel, l-assistenti tagħhom, u l-avukat tal-parti, fir-rigward ta' fatti li ntqalu lilhom b'mod kunfidenzjali jew li saru jafu bihom matul it-tweġġ tal-professjoni tagħhom li għalihom għandhom dmir ta' kunfidenzjalità, ħlief jekk il-persuna li tkun fetħet qalbha magħhom li fil-konfront tagħha jkollhom id-dmir tal-kunfidenzjalità tippermettilhom jixdu;

uffiċjali pubbliċi u persunal li jservi fil-militar fir-rigward ta' fatti li għalihom għandhom dmir ta' kunfidenzjalità, ħlief jekk il-ministru responsabbli jippermettilhom li jiġu eżaminati;

persuni li jista' jkollhom interess fl-eżitu tal-kawża.

### 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'lema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Qabel ma jiġi eżaminat, xhud irid jieħu l-ġurament (billi jaħlef halsa reliġjuża jew billi jagħmel affermazzjoni). Ix-xhieda jiġu eżaminati b'mod separat u biss jekk jitqies li jkun essenzjali li dawn jiġu kkonfrontati ma' xhieda oħra jew mal-partijiet. Ix-xhieda jagħtu d-depożizzjoni tagħhom oralment. Ix-xhieda jridu jiddikjaraw kif id-depożizzjoni li jkunu qed jagħtu saru jafu biha, u fil-każ ta' xhieda fuq kliem ħaddieħor, dawn iridu jiddikjaraw min hi l-persuna li wasslililhom l-informazzjoni. Il-qorti tista' tipprobbixxi mistoqsijiet li jsiru lil xhieda minn partijiet jew mill-avukat tagħhom jekk ikun ċar li jkunu inutili jew irrilevanti, u tiddikjara l-eżami ta' xhud bħala mitmum meta hi tqis li jkun iddikjara dak kollu li jaf dwar il-fatti li jridu jiġu pprova. Il-qorti tista' tiddeċiedi li għandha ssir vidjokonferenza f'każ speċifiku, *ex officio* jew fuq rikors minn parti. Il-qorti tiddeċiedi jekk taċċettax rikors bħal dan wara li tistabbilixxi jekk l-użu tat-teknoloġija huwiex neċessarju għat-tmexxija effettiva tal-proċedimenti. B'kunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-kawża, il-qorti tista' tilqa' rikors għal vidjokonferenza filwaqt li teżiġi garanzji addizzjonali għat-tmexxija xierqa tal-proċedimenti. L-imħallef, ir-reġistrar u l-persuni l-oħra li jieħdu sehem fil-vidjokonferenza jridu jkunu preżenti fil-kmamar rispettivi qabel il-ħin skedat tal-konnessjoni. Il-qorti tikkunsidra fuq bażi ta' każ b'każ jekk għandux ikun hemm imħallef involut fil-post remot. It-tagħmir jiġi mmaniġġjat mill-imħallef jew minn persunal awtorizzat tal-qorti. Fil-każ ta' awtorità konsulari, it-tagħmir jiġi mmaniġġjat minn persuna awtorizzata mill-kap tad-delegazzjoni. Smiġħ b'vidjokonferenza jsir f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li jirregolaw il-pass ġudizzjarju kkonċernat. L-imħallef jiddetermina n-numru ta' persuni li jistgħu jkunu preżenti fil-kmamar. Huwa jmexxi s-seduta u jipprovi l-gwida neċessarja lill-persuni li jkunu preżenti fiż-żewġ postijiet. Kull membru tal-qorti jew parteċipant fil-proċess huwa intitolat, bil-permess tal-imħallef li jmexxi s-seduta, li jagħmel mistoqsijiet lill-partijiet, lix-xhieda u lill-periti preżenti. Biex tiġi stabbilita l-identità tal-persuna fil-kamra remota, l-imħallef jiġi assistit mir-reġistratur jew minn persuna fil-post remot li tkun għet awtorizzata mill-avukat. L-imħallef li jmexxi s-seduta jiddeċiedi meta l-vidjokonferenza tkun waslet fi tmiehma. Is-smiġħ tax-xhieda, tal-periti u tal-partijiet b'vidjokonferenza jitqies li jkun seħħ quddiem il-qorti u jkollu l-istess saħħa ta' prova bħal seduta f'qorti miftuħa.

### 3 Il-valutazzjoni tal-provi

#### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Il-qorti tista' tikkunsidra provi legali biss. Il-kunċett ta' provi "legali" (*nómima endeiktiká méssa*) jinkludi l-mezzi li bihom jinkisbu l-provi. Provi miksuba illegalment huma illegali, u ma jiġux ikkunsidrati.

#### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Iva, l-eżami tal-partijiet jiġi aċċettat bħala prova.

#### 4 Dan l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda speċifika awtoritajiet oħra li huma kompetenti li jiġbru l-provi għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali skont ir-Regolament? Jekk iva, dawn f'lema proċedimenti huma kompetenti li jiġbru l-provi? Jistgħu jitolbu biss il-ġbir tal-provi jew jassistu wkoll fil-ġbir tal-provi abbażi ta' talba mingħand Stat Membru ieħor? Ara wkoll in-notifika skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda.

Il-Greċja ma nnominat l-ebda awtorità oħra kompetenti biex tikkumpila x-xhieda fi proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali skont ir-Regolament. L-aħħar aġġornament: 12/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [es](#) għet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

### Smiġħ ta' xhieda - Spanja

#### 1 L-oneru tal-provi

Biex dritt jiġi rikonoxxut quddiem qorti, trid tiġi pprovuda l-evidenza tal-fatti li jkunu qed jiġu allegati. Dan jinvolvi t-tweġġ ta' attivitajiet proċedurali, li l-istadju u t-tempestività tagħha huma regolati.

Il-partijiet li jieħdu sehem fil-proċedimenti jridu juru bil-provi l-fatti li qed jallegaw u li fuqhom huma bbażati t-talbiet tagħhom. Għaldaqstant, ir-rikorrent irid jipprovi evidenza tal-fatti fir-rikors tiegħu, filwaqt li l-konvenut irid ikun kapaċi juri bil-provi fatti li jipprevjenu, iħassru jew idgħajfu l-effettività legali tal-fatti fir-rikors.

Il-parti bl-oneru tal-provi ġġarrab il-konsegwenzi preġudizzjarji ta' nuqqas ta' provi. B'hekk, jekk meta jasal il-waqt biex tinqata' s-sentenza jew deċiżjoni simili, il-parti ma tkunx uriet bil-provi l-fatti li hi tkun qed tallega, il-qorti tiċħad it-talbiet. Biex tattribwixxi nuqqas ta' prova ta' ċertu fatt lil waħda mill-partijiet, il-qorti tqis il-faċilità li biha parti tista' turi provi ta' dak il-fatt.

Hu essenzjali li l-persuni kollha li jixtiequ jirrikorru għall-qorti janalizzaw minn qabel il-possibiltajiet tagħhom li jirnexxilhom juru bil-provi dak li qed jallegaw biex jevitaw milli jaħlu żmien u flus (spejjeż legali) jekk ma jirnexxilhomx jagħmlu dan. Għal dan l-għan, hemm bżonn li wieħed ikollu xi għarfien, anki jekk ferm ġenerali u bażiku, dwar ir-regoli li jirregolaw l-istadju evidenzjali tal-proċedimenti.

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

L-istadju evidenzjali fil-liġi Spanjola hu regolat mill-Kapitolu V u VI ta' Titolu I, Volum II (Artikoli 281 sa 386) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Ley de Enjuiciamiento Civil*) (Liġi 1/2000 tas-7 ta' Jannar 2000). Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili fih kummenti ġenerali dwar l-evidenza fit-Taqsima XI tal-introduzzjoni (teknikament magħrufa bħala l-preambolu) li jistgħu jkunu ta' interess għal kull min jixtieq isir jaf kif il-leġiżlatur Spanjol jara l-istadju evidenzjali tal-proċedimenti.



Ċerti proċedimenti għandhom regoli speċjali dwar il-kumpilazzjoni ta' xhieda li jbiddu r-regoli ġenerali, bħall-proċedimenti li jinvolvu lil minorenni jew lil familji. L-evidenza tista' tiġi kkompilata wkoll fil-Qorti tat-Tieni Istanza (*Juzgado de Segunda Instancia*). Normalment din tkun evidenza li ma setgħet tiġi kkompilata fil-Qorti Ġenerali (*Juzgado de Primera Instancia*) għal raġunijiet li ma jkunux attribwibbli għar-rikorrent.

## **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

Tradizzjonalment issir distinzjoni fil-livell teoriku bejn provi tal-fatti u provi tal-liġi, għad li fil-verità l-liġi mhix kwistjoni li trid tintwera bil-provi peress li trid tkun magħrufa mill-imħallef. Eċċezzjoni għal din hi l-liġi barranija, li jaf ikollha bżonn tintwera bil-provi. L-għoti ta' prova ta' liġi barranija hu regolat mil-Liġi dwar il-kooperazzjoni legali internazzjonali f'materja ċivili (*Ley de cooperación jurídica internacional en materia civil*), li skont din l-imħallef jista' jitlob rapporti dwar materja relatata ma' liġi barranija, normalment permezz tal-awtorità ċentrali Spanjola. Jekk il-liġi barranija ma tintwerix bil-provi, tista' tiġi applikata l-liġi Spanjola, għad li l-imħallef juża din is-setgħa f'ċirkustanzi eċċezzjonali biss.

Ma hemmx bżonn li jintwerew bil-provi fatti li jkunu magħrufa fis-sħuħija tagħhom u b'mod ġenerali jew fatti li fuqhom il-partijiet jaqblu, ħlief f'każijiet li fihom is-suġġett tal-proċedimenti jkun barra mill-kontroll tal-partijiet; fi kliem ieħor, il-proċedimenti dwar il-kapaċità ġuridika tal-persuni, il-parentela, iż-żwieġ u minorenni.

Il-preżunzjonijiet stabbiliti bil-liġi jeżentaw lill-parti li tibbenefika mill-preżunzjoni milli tipprovi prova tal-fatt preżunt. Fil-każ ta' preżunzjonijiet bħal dawn, evidenza li turi bil-kontra tiġi ammessa sakemm ma tkunx projbita b'mod espliċitu mil-liġi. Preżunzjonijiet stabbiliti bil-liġi jinkludu s-sjeda konġunta ta' proprjetà u ta' flus miksuba minn wieħed mill-konjuġi jew mit-tnejn wara ż-żwieġ, ħlief meta jkun jista' jintwera bil-provi li dawn ikunu jappartjenu b'mod esklużiv għal wieħed/waħda minnhom, il-preżunzjoni li l-konjuġi jgħixu flimkien, u l-preżunzjoni li persuna nieqsa kienet haġja sal-mument meta ġiet dikjarata mejta.

Bħala regola ġenerali, in-nuqqas ta' tweġiba mill-konvenut għar-rikors u nuqqas milli jidher ma jeżentawx lill-konvenut mill-oneru tal-provi tal-fatti biex isostni d-dikjarazzjonijiet tiegħu. Madankollu, hemm eċċezzjonijiet li fihom nuqqas ta' oġġezzjonijiet mill-konvenut iwassal biex l-imħallef joħroġ sentenza li ssostni t-talbiet tar-rikorrent. Dan hu l-każ, pereżempju, fi proċedimenti ta' talbiet żgħar u fi proċedimenti għat-tkeċċija mid-dar minħabba nuqqas ta' ħlas.

## **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Il-fatti allegati mill-partijiet fid-dikjarazzjonijiet tat-talba u tad-difiża tagħhom iridu jintwerew bil-provi, u l-qorti trid tettaq l-evalwazzjoni tagħha fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi tal-każ, filwaqt li tikkunsidra l-evidenza kollha kkompilata u n-natura ta' din (pereżempju, dokument pubbliku ma jkollux l-istess valur bħal dikjarazzjoni minn waħda mill-partijiet). L-evalwazzjoni tal-evidenza u r-raġunijiet għaliex l-imħallef jasal għal ċerti konklużjonijiet iridu jiġu stabbiliti fis-sentenza. Minbarra l-evidenza diretta, hemm ukoll evidenza indiretta, li tfisser li ladarba fatt jiġi ammess jew muri bil-provi fis-sħuħija tiegħu, il-qorti tista' tippreżumi li fatti ieħor hu minnu dment li jkun hemm rabta preċiża u diretta bejn iż-żewġ fatti. Il-qorti trid tistabbilixxi fid-deċiżjoni r-raġunijiet li washuha mill-fatt muri bil-provi għall-fatt preżunt.

## **2 Is-smiġħ tal-provi**

### **2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Skont il-prinċipju li l-qorti trid tiġġudika biss fuq il-kwistjonijiet ippreżentati lilha (*principio dispositivo*) li jirregola l-proċedimenti ċivili, il-partijiet iridu jipproponu lill-qorti l-evidenza li biħsiebhom jippreżentaw matul il-proċedimenti. Madankollu, il-qorti tista' tiddeċiedi minn jeddha li ċerta evidenza tista' tiġi kkompilata biss fil-każijiet stabbiliti bil-liġi. B'hekk, matul is-seduta preliminari fil-proċedimenti ċivili ordinarji, jekk l-imħallef iqis li l-evidenza proposta mill-partijiet ma tkunx suffiċjenti biex jiġu ċċarati l-fatti kkontestati, dan jista' jinforma lill-partijiet bil-fatt li jista' jkun affettwat mill-insuffiċjenza tal-evidenza, u jindika wkoll l-evidenza li l-partijiet jistgħu jipproponu.

Fi proċedimenti li jikkonċernaw il-kapaċità legali tal-persuni, il-parentela, iż-żwieġ u minorenni, l-imħallef jista', indipendentement mill-evidenza li l-partijiet jew is-servizz tal-prosekuzzjoni jitolbu, jikkumpila kwalunkwe xhieda li hu jqis neċessarja biex jiddeċiedi l-proċedimenti skont it-tip ta' proċedimenti inkwistjoni.

### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Fil-proċedimenti orali (talbiet sa €6 000), wara l-proposta u l-ammissjoni tal-evidenza matul is-seduta, l-imħallef jipproċedi biex jikkumpila x-xhieda fil-proċedimenti propji.

Fil-proċedimenti ordinarji (talbiet li jsbqu s-€6 000), wara l-ammissjoni tal-evidenza fis-seduta preliminari (li fiha jiġu solvuti l-kwistjonijiet proċedurali wkoll), tiġi stabbilita data għall-proċedimenti u l-kumpilazzjoni ta' xhieda tiġi posposta għal dak iż-żmien. Il-partijiet jiġu mħarrka biex jagħmlu dikjarazzjonijiet, ix-xhieda li l-partijiet stess ma setgħux iġibu magħhom quddiem il-qorti jiġu mħarrka, l-esperti jiġu mħarrka meta l-partijiet ikunu jixtiequ jiksbu kjarifika jew spjegazzjonijiet rigward l-opinjoni espressi, u l-istituzzjonijiet li jkunu fil-pussess tad-dokumenti li l-partijiet ma setgħux jiddivulgaw mat-talba u mad-difiża jiġu kkuntattjati, dment li l-partijiet ikunu indikaw l-arkivji fejn jinsabu d-dokumenti. Kwalunkwe xhieda li ma jkollhiex bżonn tiġi kkompilata matul il-proċedimenti (bħal żjarat f'ċerti postijiet) tiġi kkompilata qabel il-proċedimenti. F'każ li l-unika evidenza ammessa fis-seduta preliminari tkun fil-forma ta' dokumenti, u dawn ma jkunux ġew ikkontestati, jew meta tiġi prodotta perizja u ebda parti ma titlob il-preżenza tal-espert fis-seduta preliminari, il-qorti toħroġ sentenza wara s-seduta preliminari, mingħajr ma tistabbilixxi data għall-proċedimenti.

Ir-regola ġenerali hi li l-evidenza tiġi kkompilata mill-istess imħallef jew qorti li jisingħu l-kawża, anki meta x-xhud ma jkunux resident fid-distrett u jkollu jivvjaġġa għall-awla tal-qorti dakinhar li jiġi mħarrek (għad li bid-dritt li jitlob il-kumpens korrispondenti mingħand il-parti li tipproponih kif stipulat mill-iskrivan tal-qorti u mingħajr ħsara għad-dritt sussegwenti ta' dik il-parti li titlob kumpens mingħand il-parti l-oħra jekk tirbaħ l-ispejjeż legali). Hu biss f'każijiet eċċezzjonali, bħad-distanza konsiderevoli li tkun involuta, li tkun tista' tintalab assistenza ġudizzjarja biex tiġi riċevuta d-dikjarazzjoni fil-qorti tal-posta ta' residenza tax-xhud. F'dan il-każ, ittra ta' talba tiġi indirizzata lill-qorti l-oħra (fil-livell nazzjonali) jew jintuża mekkaniżmu stabbilit permezz tar-regoli dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, skont fejn tkun trid tiġi riċevuta d-dikjarazzjoni. F'dan l-aħħar każ, il-partijiet iridu jgħaddu l-mistoqsijiet li jridu jsiru bil-miktub. Il-vidjokonferenza qed tintuża dejjem aktar u, f'dawn il-każijiet, ma jkunux hemm bżonn li l-mistoqsijiet jiġu formulati minn qabel. Hu biżżejjed li tintalab vidjokonferenza mingħand il-qorti tal-post fejn tkun ser issir.

### **2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Evidenza ta' fatti inkontestabbli jew evidenza li ma tkunx rilevanti għas-suġġett tal-proċedimenti ma tiġix ammessa, u lanqas evidenza li, skont regoli u kriterji raġonevoli u partikolari, ma tikkontribwixxi biex jiġu ċċarati l-fatti kkontestati. Fl-ebda każ il-qorti ma tammetti evidenza li tinkiseb b'mod illegali, li tmur kontra d-drittijiet fundamentali jew li tfittex l-assistenza tal-qorti biex jinkisbu dokumenti disponibbli għall-partijiet.

B'mod ġenerali, l-evidenza trid tiġi proposta fil-proċedimenti orali jew fis-seduta preliminari. L-evidenza proposta barra miż-żmien allokat ma tiġix ammessa. Fi proċedimenti li jinvolvu l-kapaċità legali, il-familja u minorenni, jistgħu jiġu introdotti fatti ġodda wara t-talba u d-difiża, u b'mod partikolari fil-Qorti tat-Tieni Istanza meta jiġi ppreżentat appell kontra s-sentenza jew l-appell jiġi kkontestat. Evidenza ġdida tista' tiġi proposta f'każijiet bħal dawn, dment li l-perjodu għall-qtugħ tas-sentenza ma jkun beda. Fi proċedimenti oħra, meta l-perjodu għall-preżentazzjoni tal-argumenti jkun intemm u jinstab fatt sinifikanti ġdid, il-partijiet jistgħu jgħarrfu lill-qorti bil-miktub u jitolbu wkoll il-kumpilazzjoni ta' xhieda jekk il-parti l-oħra ma tagħrafx il-fatt bħala veru.

### **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Il-mezzi ta' prova li jistgħu jintużaw fil-proċedimenti huma: eżaminazzjoni tal-partijiet; dokumenti pubbliċi; dokumenti privati; perizji; eżami ġudizzjarju; eżami tax-xhieda; u mezzi ta' riproduzzjoni ta' kliem, ta' ħsejjes u ta' immaġnijiet, kif ukoll strumenti li jippermettu l-ħżin, is-sejbien u r-riproduzzjoni ta' kliem, ta' data, ta' ċifri u ta' operazzjonijiet matematiċi mwettqa għal finijiet kontabilistiċi jew għal finijiet oħra li jkunu rilevanti għall-proċedimenti.

## **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

TESTIMONJANZA TAX-XHIEDA: m'hemm ebda bżonn li jissemmew ix-xhieda fit-talba jew fid-difiża, peress li fi proċedimenti orali, kull parti trid tidher fid-data indikata għas-seduta mal-persuni li jkunu se jixhdu fil-proċedimenti. Il-partijiet iridu jitolbu lill-qorti tħarrek lix-xhieda li huma ma rnexxilhomx iġibu magħhom il-qorti, filwaqt li tordnalhom jidhru fi żmien tliet ijiem mir-riċevuta tat-taħrika. Fi proċedimenti ordinarji, ix-xhieda jiġu identifikati fis-seduta preliminari, meta, minbarra kwistjonijiet proċedurali, jiġu ddeterminati l-fatti kkontestati tal-kawża u tiġi proposta u ammessa l-evidenza relatata magħhom. It-testimonjanza tax-xhieda dejjem tkun orali u tingħata dakinhar tal-proċedimenti (hekk ukoll il-kjarifiki meqjusa li għandhom jintalbu mingħand l-esperti). Madankollu, hemm eċċezzjoni waħda għal din ir-regola ta' smiġ tax-xhieda: meta jkun hemm bżonn li l-persuni ġuridiċi jew l-entitajiet pubbliċi jipprovdu informazzjoni dwar il-fatti sinifikanti tal-proċedimenti, iżda ma jkunx neċessarju li l-persuni fiżiċi jinstemgħu b'mod individwali. F'dan il-każ, minflok dikjarazzjoni orali, tiġi ppreżentata lill-entità lista ta' mistoqsijiet li l-partijiet jixtiequ li jitwiegħbu u li l-imħallef iqis bħala pertinenti. It-tweġiba ssir bil-miktub.

TESTIMONJANZA TAL-ESPERTI: il-perizji dejjem jingħataw bil-miktub. Wara li jippreżentawhom u jinqraw dawk tan-naħa l-oħra, il-partijiet iridu jiddeċiedu jekk hemmx bżonn li l-espert jieħu sehem fil-proċedimenti biex jiprovdi kwalunkwe kjarifika jew spjegazzjoni li tista' tkun neċessarja.

Jekk il-partijiet jixtiequ jagħmlu użu mit-testimonjanza ta' espert, il-perizja li fuqha jkunu bbażati d-dikjarazzjonijiet tagħhom trid tiġi ppreżentata mat-talba jew mad-difiża, ħlief meta dan ma jkunx possibbli, f'liema każ dawn iridu jindikaw l-opinjoni ta' jkun biħsiebhom jużaw. Barra minn hekk, dawn iridu jiproduċu l-opinjoni ta' malli jkunu disponibbli, u fi kwalunkwe każ, ħamest ijiem qabel ma tibda s-seduta preliminari fil-proċedimenti ordinarji, jew ħamest ijiem qabel is-seduta fil-proċedimenti orali. Minkejja dan, il-partijiet jistgħu jitolbu li jinħatar espert mill-qorti meta jippreżentaw it-talba jew id-difiża, f'liema każ l-opinjoni tinħareġ b'mod sussegwenti (normalment fil-perjodu bejn is-seduta preliminari u l-proċedimenti, iżda b'biżżejjed żmien minn qabel biex il-partijiet ikunu jistgħu jistudjawha qabel is-seduta).

Figura intermedjarja bejn ix-xhud u l-espert hu x-xhud espert, li jkun xhud li kapaċi jiprovdi informazzjoni dwar kwistjonijiet tekniċi relatati mal-proċedimenti. Normalment, ix-xhieda esperti jkunu awturi ta' rapporti ppreżentati mat-talba jew mad-difiża bħala evidenza dokumentarja, u ma jagħtux testimonjanzi esperti.

## **2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Iva. Dokumenti pubbliċi jipprovdu prova sħiħa tal-fatt, tal-att jew tal-istat kurrenti li jkunu qed jiddeskrivu, kif ukoll id-data li fiha ġiet prodotta d-dokumentazzjoni u l-identità tan-nutara u tal-persuni involuti fil-produzzjoni tagħhom. Jekk l-awtentiċità ta' dokument pubbliku tiġi kkontestata, dan jiġi verifikat u jitqabbel mal-oriġinali, ikun fejn ikun. Minkejja dan, dawn li għejjin jipprovdu prova legali sħiħa mingħajr ebda bżonn ta' verifika jew ta' tqabbil, ħlief jekk ikun hemm evidenza li turi bil-kontra jew tqabbil tal-kitba bl-idejn, fejn possibbli: dokumenti pubbliċi antiki li ma jkollhomx protokoll ta' nutar u kwalunkwe dokument pubbliku li għalih ikun nieqes l-oriġinali jew li għalih ma jkun hemm ebda rekord għall-fini ta' verifika jew ta' tqabbil.

Dokumenti privati jipprovdu wkoll prova sħiħa fil-proċedimenti meta ma jiġux ikkontestati mill-parti li għalihom ikunu preġudizzjarji. Jekk dokument privat jiġi kkontestat, il-parti li tiproduċi tista' titlob tqabbil tal-kitba bl-idejn jew kwalunkwe mezz ieħor ta' prova li jkun jivverifika l-awtentiċità ta' dan. Jekk ma jkunx possibbli li tintwera prova tal-awtentiċità tad-dokument privat, dan jiġi evalwat f'konformità mar-regoli ta' kritika solida, li jiġu segwiti wkoll meta tiġi evalwata l-bqija tal-evidenza kkompilata. Jekk, wara kontestazzjoni, jirriżulta li d-dokument ikun awtentiku, il-parti li tikkontestah tista' tiġi ordnata tħallas mhux biss għall-ispejjeż involuti, iżda anki multa.

Finalment, jekk il-bqija tal-evidenza ma turix xi mod ieħor, is-sentenza tikkunsidra bħala veru kwalunkwe fatt li parti tkun għarfet bħala tali fid-dikjarazzjonijiet tal-partijiet jekk dik il-parti tkun ħadet sehem b'mod personali fihom u l-istabbiliment tagħhom bħala veri jkun preġudizzjarju għalkollox għaliha.

## **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Fil-prinċipju, ma hemm ebda regola li tindika liema evidenza trid tintuża biex jintwerew provi ta' ċerti fatti, iżda hu loġiku li, pereżempju, fil-każ ta' talba għal ammont ta' flus li tirriżulta minn relazzjonijiet kummerċjali bejn il-partijiet, l-eżistenza jew is-saldu tad-dejn bażikament jiġu ddeterminati permezz ta' evidenza dokumentarja. It-testimonjanza esperta tkun meħtieġa meta jkun hemm bżonn ta' għarfien xjentifiku, artistiku, tekniku jew Prattiku biex jiġu evalwati l-fatti jew iċ-ċirkustanzi li jkunu rilevanti għall-kwistjoni jew biex tinkiseb ċertezza akbar dwarhom.

## **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Xhieda li jiġu mħarrka huma obbligati jidhru fil-proċedimenti jew fis-seduta indikata. Jekk jonqsu milli jagħmlu hekk, dawn jeħlu multa ta' €180 sa €600, soġġetti għal perjodu ta' ħamest ijiem li matulu jistgħu jinstemgħu. Jekk ix-xhud ma jidhrux meta jiġi mħarrek għat-tieni darba, is-sanzjoni ma tibqax sempliċi multa: imbagħad ix-xhud jiġi qed juri disprezz lejn il-qorti, xi ħaġa li x-xhieda jiġu mwissija dwarha fil-bidu nett.

## **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Il-prinċipju ġenerali li jobligga lix-xhieda jixhdu ma japplikax għal xhieda li, minħabba l-istatus jew il-professjoni tagħhom, għandhom dmir li jżommu sigrieti l-fatti li jkunu qed jiġu interrogati dwarhom, f'liema każ dawn iridu jiddikjaraw hekk, filwaqt li jagħtu raġunijiet, u l-qorti, b'kunsiderazzjoni tar-raġunijiet għaċ-ċaħda milli jixhdu, tiddeċiedi x'għandu jiġri fir-rigward tal-eżami tagħhom, u tista' teħlishom mill-obbligu li jwiegħbu. Jekk ix-xhud jinħeles mill-obbligu li jwiegħbu, dan irid jiġi reġistrat.

Jekk jiġi allegat mix-xhud li l-fatti li dwarhom qed isirulu mistoqsijiet huma relatati ma' kwistjoni li għet dikjarata jew klassifikata legalment bħala kunfidenzjali, il-qorti, fil-każijiet li tqis li dan ikun neċessarju fl-interessi tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja, titlob mingħand il-korp kompetenti fuq inizjattiva tagħha stess dokument uffiċjal li jikkonferma dan. Ladarba l-qorti tivverifika li l-allegazzjoni ta' kunfidenzjalità tkun korretta, hi tordna li d-dokument jitqiegħed fir-rekords, inklużi l-mistoqsijiet koperti mis-segretezza uffiċjali.

Barra minn hekk, qabel id-dikjarazzjonijiet tagħhom, ix-xhieda jridu jsirulhom mistoqsijiet mill-qorti rigward iċ-ċirkustanzi personali tagħhom (rabtiet familjari jew ħbiberija mal-partijiet jew mibegħda lejn dawn, interess personali fil-kwistjoni, eċċ.), u fid-dawl tat-tweġibiet tagħhom, il-partijiet jistgħu jippreżentaw kummenti lill-qorti rigward l-imparzjalità tagħhom.

## **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Ix-xhieda huma obbligati jidhru jekk jiġu mħarrka mill-qorti u huma obbligati jaħlifu jew iwiegħdu li se jgħidu l-verità, filwaqt li jiġu mwissija dwar is-sanzjonijiet stabbiliti għar-reat ta' ksar tal-ġurament fil-proċedimenti ċivili. Ix-xhieda huma obbligati jixhdu bil-mod stabbilit fl-Artikolu 366 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Jekk xhud jiċċad milli jixhed, dan għandu jitqies li qed juri disprezz lejn il-qorti, u jkun soġġett għal multa, jew, skont is-serjetà ta' din, iċ-ċaħda tista' potenzjalment tikkostitwixxi reat.

## **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Kulħadd jista' jkun xhud, ħlief dawk imċaħħda b'mod permanenti mir-raġuni jew mill-użu tas-sensi tagħhom (dawl, smiġ, eċċ.) fir-rigward tal-fatti li jistgħu jkunu jafu bihom biss billi jużaw dawn is-sensi.

Minorenni taħt l-età ta' erbatax-il sena jistgħu jaġixxu bħala xhieda jekk, fl-opinjoni tal-qorti, dawn ikollhom il-livell neċessarju ta' maturità biex ikunu jafu u jgħidu l-verità.

Skont il-liġi ta' Spanja, il-kunċett tradizzjonali ta' xhud jirreferi għal persuni fiżiċi, iżda dan ma jżommx lir-rappreżentanti legali tal-persuni ġuridiċi milli jidhru bħala xhieda biex jipprovdu informazzjoni dwar fatti li huma midfha tagħhom minħabba l-kariga tagħhom. Fil-każ ta' persuni ġuridiċi u ta' entitajiet pubbliċi, il-possibbiltà li jinformaw lill-qorti bil-miktub hi prevista b'mod espliċitu, kif diġà ntqal aktar 'il fuq (l-Artikolu 381 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## 2.12 X'inhu r-rol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġh ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Il-mistoqsijiet li jiġu ammessi mill-qorti jsiru b'mod dirett mill-avukati tal-partijiet, billi tibda l-parti li tkun ipproponiet lix-xhud. Ladarba jitwieġbu l-mistoqsijiet li jsiru mill-avukat tal-parti li tkun ipproponiet it-testimonjanza tax-xhud, l-avukati ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet l-oħra jistgħu jagħmlu lix-xhud kwalunkwe mistoqsija ġdida li huma jqsu li hi siewja biex jiċċaraw il-fatti. L-imħallef jista' jagħmel ukoll mistoqsija lix-xhud biex jikkjarifiki u informazzjoni addizzjonali. Fuq inizzjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet, il-qorti tista' tippermetti lil xhud li jkun għamel dikjarazzjoni li tikkontradixxi serjament dik ta' xhud ieħor jew ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet eżaminati preċedentement biex jiġi kkonfrontat ma' dak ix-xhud jew ma' dik il-parti. Ix-xhud jista' jiġi eżaminat b'vidjokonferenza jekk jintalab hekk u jekk il-qorti taqbel. Dan ikun il-każ meta d-dikjarazzjoni b'vidjokonferenza tkun l-aktar mod xieraq u proporzjonat biex tiġi kkompilata l-evidenza fid-dawl taċ-ċirkustanzi involuti (bażikament, distanza konsiderevoli bejn ir-residenza tax-xhud u l-awla tal-qorti), filwaqt li dejjem jiġu żgurati l-prinċipju tal-kuntradittorju u d-dritt tad-difiża tal-partijiet.

### 3 Il-valutazzjoni tal-provi

Din hi l-attività li biha l-imħallef jiddetermina l-effikaċja tal-evidenza kkompilata b'mod ġenerali, skont ir-regoli ta' kritika solida. Madankollu, kif indikat aktar 'il fuq, hemm ċerti tipi ta' evidenza li l-evalwazzjoni tagħhom hi stabbilita bil-liġi; pereżempju, fir-rigward ta' dokumenti pubbliċi u privati u tal-eżami tal-partijiet, f'ċerti każijiet.

### 3.1 Meta l-provi ma jkunx inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Evidenza li tinkiseb b'mod illegali ma tistax tiġi ammessa. Barra minn hekk, evidenza miksuba b'mod dirett jew indirett bi ksur tad-drittijiet jew tal-libertajiet fundamentali ma jkollha ebda effett. Għaldaqstant, evidenza bħal din tiġi injorata mill-qorti meta tiddeċiedi dwar il-kawża.

Jekk waħda mill-partijiet temmen li nkisru d-drittijiet fundamentali meta nkisbet jew instabet kwalunkwe evidenza li għet ammessa, din trid tiddikjara dan minnufih, filwaqt li tinnotifika lill-partijiet l-oħra fejn dan ikun xieraq. Imbagħad l-imħallef jiddeċiedi dwar il-legalità ta' din l-evidenza.

Jekk l-imħallef stess jemmen li nkiser dritt fundamentali meta nkisbet l-evidenza, dan jiċċad l-evidenza *ex officio*.

Din il-kwistjoni, li tista' titqajjem ukoll mill-qorti fuq inizzjattiva tagħha stess, tiġi solvuta fil-proċedimenti jew, fil-każ ta' proċedimenti orali, fil-bidu tas-seduta, qabel ma tibda tiġi kkompilata l-evidenza.


### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Jekk parti tintalab tixhed mill-parti l-oħra, l-evalwazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni tiddependi mill-kontenut tat-tweġibiet mogħtija. B'hekk, jekk il-bqija tal-evidenza ma turix xi mod ieħor, is-sentenza tikkunsidra bħala veru kwalunkwe fatt li parti tkun għarfet bħala tali jekk dik il-parti tkun ħadet sehem b'mod personali fihom u l-istabbiliment tagħhom bħala veri jkun ta' preġudizzju għalkollox għaliha. F'kull aspett ieħor, il-qorti tevalwa l-kontenut tad-dikjarazzjoni skont ir-regoli ta' kritika solida.

Bl-istess mod, il-qorti tista' taċċetta bħala veri fatti personali dwar il-partijiet jekk dawn ma jidhru biex jixhdu jew, wara li jidhru, jiċċdu milli jixhdu jew jaħarbu mill-mistoqsijiet, dment li dawn ikunu fatti li fihom il-parti li tkun qed tiġi eżaminata tkun ħadet sehem personalment u l-istabbiliment tagħhom bħala veri jkun ta' preġudizzju sħiħ jew parzjali għalihom. Barra minn hekk, kwalunkwe parti li ma tidhrix tkun soġġetta għal multa ta' bejn EUR 180 u EUR 600.

L-aħħar aġġornament: 30/10/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhrix fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  għet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin:  diġà ġew tradotti.

## Smiġh ta' xhieda - Franza

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhu r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Skont l-Artikolu 1353 tal-Kodiċi Ċivili, il-persuni li jitolbu l-eżekuzzjoni ta' obbligu jridu juru bil-provi l-eżistenza ta' dan. Bl-istess mod, persuni li jiddikjaraw li ma għadhomx marbuta b'obbligu jridu juru bil-provi li dan l-obbligu ntemm.

Għalhekk, fil-prinċipju, kull waħda mill-partijiet fil-kawża trid tipprovdi prova tal-fatti allegati. Pereżempju, l-Artikolu 9 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li "kull parti trid turi bil-provi, skont il-liġi, il-fatti neċessarji għas-suċċess tat-talba tagħha."

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

F'ċerti każijiet, ikun hemm preżunzjonijiet li jagħtu eżenzjoni mill-obbligu tal-għoti ta' provi ta' fatt li jkun impossibbli jew diffiċli li jiġi stabbilit.

B'ċertu mod, il-preżunzjonijiet legali jdawru bil-kontra l-oneru tal-provi fuq il-persuna li għandha tagħti prova tal-eżistenza tal-fatt allegat. B'mod ġenerali, jingħad li l-preżunzjonijiet huma "konfutabbli": imbagħad tista' tiġi pprovduta evidenza li tiċċadhom. Pereżempju: meta wild jitwieled fiż-żwieġ, ir-raġel tal-omm jiġi preżunt li hu l-missier, iżda tista' tinfetaħ kawża li tikkontesta l-paternità.

F'każijiet aktar rari, jingħad li l-preżunzjonijiet huma "inkonfutabbli": f'dawn il-każijiet, ebda evidenza li turi bil-kontra ma tkun ammissibbli.

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Il-qorti tista' tibbaża d-deċiżjoni tagħha biss fuq fatti murija bil-provi jew mhux ikkontestati.

### 2 Is-smiġh tal-provi

#### 2.1 Għas-smiġh tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizzjattiva tiegħu stess?

Il-miżuri istruttorji jistgħu jiġu ordnati mill-imħallef fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, iżda l-imħallef jista' jiehju l-inizzjattiva wkoll.

#### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintalqa, x'isir wara?

Jekk l-imħallef jordna miżura istruttorja fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ir-reġistru tal-qorti jinforma lis-speċjalist maħtur bl-ambitu tal-kompitu tiegħu; l-ispeċjalist imbagħad jistieden lill-partijiet biex ikunu preżenti f'kull proċess meħud. F'każ ta' perizja, din ma tibdiex sakemm il-parti rilevanti tħallas somma flus (depożitu) li għandha tiġi deċiża mill-imħallef, li tiggarrantixxi l-ħlas għall-espert. Il-miżuri istruttorji kollha jitwettqu fil-preżenza tal-partijiet.

#### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

L-imħallef jista' jiċċad miżura istruttorja fuq il-bażi li din ikollha effett li ttaffi n-nuqqas ta' azzjoni mill-parti li għarrab l-oneru tal-provi jew li mhix neċessarja.

## 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Id-dritt ċivili ta' Franza jagħmel distinzjoni. Għal fatti (pereżempju aċċident), prova tkun diskrezzjonarja u, għalhekk, tista' tiġi pprovduta bi kwalunkwe mezz (dokumenti, testimonjanza mix-xhieda, eċċ.). Għal tranżazzjonijiet legali (kuntratt, donazzjoni, eċċ.), fil-prinċipju tkun meħtieġa evidenza bil-miktub, iżda l-liġi tipprevedi eċċezzjonijiet (pereżempju, għal tranżazzjonijiet relatati ma' somma anqas minn ċertu ammont, kif definit mid-digriet, jew jekk ikun impossibbli li jiġi prodott dokument bil-miktub). Ta' min jinnota, li bejn in-negozjanti japplika l-prinċipju tal-evidenza bi kwalunkwe mezz, inkluż għal tranżazzjonijiet legali.

## 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

It-testimonjanza tax-xhieda tista' tiġi kkompilata b'żewġ forom separati: b'mod orali, permezz ta' proċedura investigattiva, jew bil-miktub, fil-forma ta' dikjarazzjonijiet li jridu jiġu abbozzati f'konformità ma' ċerti formalitajiet. Id-dikjarazzjoni bil-miktub trid isemmi b'mod partikolari l-identità tax-xhud u, jekk applikabbli, ir-relazzjoni tal-familja tiegħu jew ir-relazzjoni tiegħu permezz ta' żwieġ, ta' subordinazzjoni, ta' kollaborazzjoni jew ta' interess komuni ma' waħda mill-partijiet. Id-dikjarazzjoni trid tindika wkoll li din tfasslet għall-użu fi proċedimenti legali u li l-awtur tagħha hu konxju li testimonjanza falza tista' twassal għal sanzjonijiet kriminali. Hu possibbli wkoll li t-testimonjanza tax-xhieda tiġi kkompilata fil-forma ta' affidavits (dawn huma dokumenti mfassla minn imħallef jew minn uffiċjal pubbliku li jkun fihom id-dikjarazzjonijiet li jsiru minn diversi xhieda dwar il-fatti li jridu jintwerew bil-provi).

Perizja tvarja minn testimonjanza tax-xhieda peress li hi miżura istruttoria li tikkonsisti fl-inkarigu ta' persuna partikolarment kompetenti bil-kompitu li tagħti opinjoni purament teknika, wara li l-partijiet ikunu ġew mistiedna jipprovdu spjegazzjonijiet. L-espert jagħti opinjoni, b'mod orali jew bil-miktub. L-opinjoni bil-miktub jifasslu fil-forma ta' rapport li jkun fih, b'mod partikolari, l-osservazzjonijiet bil-miktub tal-partijiet. L-imħallef mhuwiex marbut bil-perizja.

## 2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Dokument pubbliku (*acte authentique*), imfassal minn uffiċjal pubbliku (nutar, bailiff) matul il-qadi ta' dmirijietu, jitqies li hu awtentiku sakemm ma tiddaħħal eċċezzjoni ta' falsifikazzjoni.

Dokument privat (*acte sous-seing privé*), imfassal mingħajr l-intervent ta' uffiċjal pubbliku, mill-partijiet infushom u bil-firem tagħhom biss, jitqies li hu awtentiku fin-nuqqas ta' evidenza li turi bil-kontra.

It-testimonjanza tax-xhieda u modi oħra ta' prova huma fid-diskrezzjoni tal-imħallef.

## 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Kif spjegat fil-punt 2.4, prova bil-miktub hi neċessarja biex tipprova l-awtentiċità ta' tranżazzjoni legali b'valur li jaqbeż l-EUR 1 500. B'kuntrast, prova ta' fatt tista' tiegħu kwalunkwe forma.

## 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Kull persuna hi obbligata tikkooopera fil-proċedimenti legali bl-għan li tiġi stabbilita l-verità.

## 2.9 F'lema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Persuni fil-pussess ta' informazzjoni miġbura fil-prattika tal-professjoni tagħhom u koperti minn segretezza professjonali jridu jiċċhu li jixhdu, għaliex jekk ma jagħmlux dan jistgħu jkunu soġġetti għal sanzjonijiet kriminali. Barra minn hekk, ix-xhieda jistgħu, fi kwalunkwe fin, jiċċhu li jixhdu jekk ikunu jistgħu juru bil-provi impediment leġittimu (pereżempju: impossibbiltà ta' vvaġġar, mard, raġunijiet professjonali). L-imħallef jivvaluta l-leġittimità ta' dan l-impediment.

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Xhieda kontumaċi u dawk li, mingħajr raġuni leġittimi, jiċċhu li jagħtu evidenza jew li jaħilfu jistgħu jiġu ordnati jħallsu multa ċivili sa EUR 3 000.

Għandu jiġi indikat ukoll li l-ksur tal-ġurament hu punibbli bħala reat kriminali.

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Kwalunkwe persuna tista' tinstema' bħala xhud, flief il-partijiet infushom u l-persuni li mhumiex kompetenti jixhdu fil-qorti, inkluż dawk li ma għandhomx kapaċità (minuri u adulti protetti) jew b'ċerti kundanni kriminali (tiċċid tad-drittijiet ċivili). Madankollu, l-imħallef jista' jinterrogahom għall-finijiet ta' informazzjoni, mingħajr ma jkunu taħt ġurament. Barra minn hekk, id-dixxendenti tal-konjuġi qatt ma jistgħu jipprovdu evidenza jew jixhdu fi proċedimenti ta' divorzju jew ta' separazzjoni legali.

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġh ta' xhud? B'lema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezz tekniċi oħrajn?

L-imħallef imexxi l-eżami tax-xhieda u jagħmlilhom il-mistoqsijiet. Filwaqt li jkunu preżenti, il-partijiet ma jistgħux itellfu lix-xhieda jew jindirizzawhom b'mod dirett ħalli ma jinfluwenzawhom. Jekk l-imħallef iqis li hu meħtieġ, l-imħallef jista' qsi kwalunkwe mistoqsija li l-partijiet jixtiequ jagħmlu lix-xhieda.

Xejn ma jżomm lill-imħallef milli jagħmel reġistrazzjoni awdjo, vidjo jew awdjoviżiva tal-miżuri istruttoria, meta ċ-ċirkustanzi jitolbu hekk (bħal fil-każ ta' pożizzjoni ġeografika remota).

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

L-imħallef ma jaċċettax evidenza miksuba b'mezzi frawdolenti (kamera moħbija, reġistrazzjoni ta' konverżazzjoni fuq it-telefon mingħajr l-għarfien tal-kelliem) jew b'mod li ma jirrispettax il-privatezza.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-partijiet fil-kawża ma għandhom l-ebda valur evidenzjali.

L-aħħar aġġornament: 07/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [hr](#) ġiet

emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment

qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: [en](#) diġà ġew tradotti.

## Smiġh ta' xhieda - il-Kroazja

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Ir-regoli dwar il-kompilazzjoni ta' xhieda u l-preżentazzjoni, l-għażla, il-ġbir, l-eżaminar u l-valutazzjoni tal-elementi tal-evidenza fil-proċedimenti ċivili huma stabbiliti fl-Artikoli 219 sa 276 tal-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*) (*Narodne novine* (NN; il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nri 53/91, 91/92, 112/99, 88/01, 117/03, 88/05, 2/07, 84/08, 96/08, 123/08, 57/11, 148/11 – test konsolidat, 25/13, 89/14 – id-Deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Kroazja (*Ustavni sud Republike Hrvatske*), 70/19 u 80/22 (ZPP)).

Ir-regola ġenerali hi li kull parti trid tistabbilixxi l-fatti u tippreżenta l-evidenza li fuqhom hi bbażata d-dikjarazzjoni tagħhom, jew li bihom tikkontesta d-dikjarazzjonijiet u l-evidenza tal-parti opposta, li tfisser li fil-liġi proċedurali (ċivili) tal-Kroazja, il-prinċipju tad-dritt li tinstema' jippreddomina fil-ġbir tal-fatti u l-preżentazzjoni tal-evidenza.

Għaldaqstant, kull parti trid turi bil-provi l-veraċità tad-dikjarazzjonijiet dwar l-eżistenza ta' fatti li huma favorevoli għaliha, li fuqhom huma bbażati d-dikjarazzjonijiet (u l-oġġezzjonijiet) tagħhom, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi.

Bħala regola, il-qorti hi awtorizzata tistabbilixxi biss il-fatti li l-partijiet stabbilixxew u tikkumpila biss ix-xhieda li l-partijiet ippreżentaw. Bħala eċċezzjoni, il-qorti hi awtorizzata (u obbligata) tistabbilixxi l-fatti li l-partijiet ma jkunux stabbilixxew u li tikkumpila xhieda li l-partijiet ma ppreżentawx biss jekk hi tissuspetta li l-partijiet ikun biħsiebhom jasserixxu dikjarazzjonijiet li mhumiex awtorizzati jasserixxu.

Jekk, fuq il-bażi tal-evidenza prodotta (l-Artikolu 8 taz-ZPP), il-qorti ma tistax tistabbilixxi fatt b'ċertezza, din tiddeċiedi dwar l-eżistenza tal-fatt billi tapplika r-regoli dwar l-oneru tal-provi.

### **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

L-evidenza għandha tinkludi l-fatti kollha ta' importanza biex tinħareġ deċiżjoni.

Mhumiex neċessarju li jintwerew provi tal-fatti li l-parti tirikonoxxi quddiem il-qorti matul il-proċedimenti, iżda l-qorti tista' wkoll tordna l-preżentazzjoni ta' evidenza għal dawn il-fatti jekk hi tqis li, meta rrikonoxxiethom, il-parti kellha l-għan li tirrinunzja talba li mhix permessa tirrinunzja (l-Artikolu 3 taz-ZPP).

Barra minn hekk, ir-regoli legali huma eżentati minn evidenza għaliex għandha tapplika r-regola li l-qorti titqies li taf il-liġi (*iura novit curia*).

Ma hemmx bżonn li jingħataw provi ta' fatti li jkunu għarfien komuni. Madankollu, hu ammissibbli li tintwera prova li fatt partikolari mhumiex għarfien komuni.

Fatti li l-eżistenza tagħhom hi supponuta mil-liġi m'għandhomx bżonn jintwerew bil-provi, iżda jista' jkollha jintwera bil-provi li ma jeżistux, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mil-liġi. Għalhekk, ir-regoli dwar il-preżunzjonijiet konfutabbli (*praesumptiones iuris*) jiffaċilitaw l-evidenza għaliex il-parti li tibbaża fuq fatt legalment rilevanti mhix meħtieġa turi bil-provi l-eżistenza ta' tali fatt b'mod dirett; hu biżżejjed li din tibbaża fuq regola legali ġenerali inkluża fi preżunzjoni konfutabbli, u parti li tiddikjara li r-regola ġenerali inkluża fil-preżunzjoni konfutabbli ma tistax tiġi applikata għal kawża partikolari trid tagħti prova ta' dan.

Madankollu, hemm każijiet li fihom il-liġi ma tippermettix l-ineżistenza ta' fatti preżunti mil-liġi bħala murija bil-provi (*praesumptiones iuris et de iure*) meta l-qorti tkun obbligata tikkonkludi li l-fatt legalment rilevanti inkwistjoni jeżisti.

### **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Il-kompitu tal-qorti hu li tikkonvinċi lilha nfiha bl-eżistenza jew bl-ineżistenza tal-fatti li tibbaża l-applikazzjoni tal-liġi fuqhom. Iz-ZPP ma jinkludix dispożizzjonijiet espliċiti dwar il-probabbiltà, iżda l-grad ta' probabbiltà għandu jiżdied b'mod proporzjonat għall-importanza tal-azzjoni li għandha tittiegħ, b'kunsiderazzjoni tal-istadju tal-proċedimenti li fihi tiġi diskussa u deċiża kwistjoni proċedurali partikolari u l-konsegwenzi proċedurali li jsegwu jekk jinstab li ċerti fatti jeżistu jew ma jeżistux.

Skont ir-regola ġenerali dwar il-valutazzjoni libera tal-evidenza, il-qorti tiddeċiedi bil-konvinzjoni tagħha stess liema fatti hi ssib li jkunu murija bil-provi, fuq il-bażi ta' valutazzjoni appropjanda u bir-reqqa tal-evidenza kollha, preżentata b'mod individwali u fis-sħuħija tagħha, u b'kunsiderazzjoni tar-riżultati tal-proċeduri sħaħ.

## **2 Is-smiġħ tal-provi**

### **2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Kif ġie ddkjarat aktar 'il fuq, il-proċedura (ċivili) Kroata hi fil-parti l-kbira tagħha *inter partes*, u dan ifisser li l-partijiet jistgħu jiġbru fatti u jikkumpilaw evidenza minn jeddom, u l-qorti hi awtorizzata tistabbilixxi fatti mhux stabbiliti mill-partijiet u tikkumpila evidenza biss jekk hi tissuspetta li l-partijiet biħsiebhom jasserixxu dikjarazzjonijiet li ma humiex permessi jasserixxu (it-tielet paragrafu tal-Artikolu 3 taz-ZPP).

Ladarba tkun saret is-seduta preparatorja, il-qorti tadotta deċiżjoni li ttejjem il-proċedimenti għal deċiżjoni preliminari.

Il-qorti ttejjem il-proċedimenti għal deċiżjoni preliminari u tiddeċiedi u tikkonkludi s-seduta ewlenija fis-seduta preparatorja jekk tqis li huwa possibbli li tagħmel dan fid-dawl ta' ċirkostanzi tal-kawża.

Jekk il-qorti tqis li ma huwiex possibbli li ttejjem il-proċedimenti għal deċiżjoni preliminari u li tiddeċiedi u tikkonkludi s-seduta ewlenija waqt is-seduta preparatorja, hija tfassal pjan għat-tmexxija tal-proċedimenti.

Il-pjan għat-tmexxija tal-proċedimenti jrid ikun fi:

sommarju tal-kwistjonijiet ta' fatt u ta' liġi inkwistjoni,

l-evidenza biex jiġu stabbiliti l-fatti inkwistjoni,

l-iskadenza biex tinkiseb aktar evidenza meħtieġa,

l-iskadenza biex il-partijiet jissottomettu osservazzjonijiet bil-miktub dwar is-sottomissjonijiet tal-parti opposta u dwar is-sejbiet u l-opinjoni tal-esperti, id-data u l-ħin tas-seduta għas-seduta ewlenija.

Jekk is-seduta ewlenija tkun teħtieġ diversi seduti, il-qorti tikkonsulta lill-partijiet qabel ma tistabbilixxi d-dati u l-ħinijiet għas-seduti kollha sussegwenti għas-seduta ewlenija, filwaqt li tfittex li tiżgura li l-proċedimenti jkunu ta' tul ta' żmien raġonevoli.

Il-qorti tadotta l-pjan għat-tmexxija tal-proċedimenti permezz ta' deċiżjoni, normalment fl-ewwel seduta tal-proċedimenti. Qabel ma tadotta d-deċiżjoni dwar il-pjan għat-tmexxija tal-proċedimenti, il-qorti tippermetti lill-partijiet jagħtu l-fehmiet tagħhom dwar il-pjan f'seduta.

B'eċċezzjoni, jekk waħda mill-partijiet ma tkunx preżenti fis-seduta li fiha jiġi diskuss il-pjan għat-tmexxija tal-proċedimenti, il-qorti tista' tistabbilixxi pjan għat-tmexxija tal-proċedimenti mingħajr ma tikkonsulta lill-parti assenti.

Hekk kif tibda għaddejja l-kawża, il-qorti tista' temenda l-pjan għat-tmexxija tal-proċedimenti, dment li tkun tat lill-partijiet l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar din il-kwistjoni. Jekk il-bidliet fil-pjan ma jaffettwawx l-iskadenzi għal azzjoni mill-partijiet, il-qorti tista' temenda l-pjan mingħajr ma tikkonsulta lill-partijiet minn qabel.

### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Il-qorti tiddeċiedi liema elementi tal-evidenza ppreżentati għandhom jiġu kkumpilati biex jiġu stabbiliti l-fatti deċiżivi.

Jekk il-qorti tkun aċċettat l-evidenza miġjuba mill-parti, hi, bħala regola, tibda bil-kumpilazzjoni ta' dik ix-xhieda.

F'tilwimiet li jinstemgħu f'awla (*vijeće*), ix-xhieda tiġi kkumpilata fis-seduta ewlenija quddiem l-awla, iżda l-awla tista', għal raġunijiet importanti, tiddeċiedi li ċerta xhieda għandha tiġi kkumpilata quddiem il-president tal-awla jew l-imħallef tal-qorti mitluba (l-imħallef mitlub). F'dan il-każ, jinqara rekord tal-evidenza matul is-seduta ewlenija.

L-imħallef uniku, jew il-President tal-awla, imexxi s-seduta ewlenija, jinterroga lill-partijiet u jikkumpila x-xhieda, iżda l-qorti mhix marbuta bid-deċiżjoni dwar it-tmexxija tas-seduta, jiġifieri, fost l-oħrajn, hi mhix marbuta bid-deċiżjoni li tilqa' jew tiċħad l-offerti ta' evidenza ppreżentati mill-partijiet.

### **2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Iz-ZPP jispeċifika li, l-qorti għandha tiċħad evidenza prodotta li hi ma tqisx rilevanti u tiddikjara r-raġuni għaċ-ċaħda fid-deċiżjoni.



Iz-ZPP ma fiha dispożizzjonijiet speċjali dwar il-possibbiltà ta' ċaħda ta' evidenza inammissibbli jew ta' xhieda li ma tistax tiġi kkompilata b'mod kosteffettiv. Madankollu, f'tilwimiet quddiem qorti muniċipali (*općinski sud*) b'valur li ma jaqbiżx l-10 000 kuna Kroata u f'tilwimiet quddiem qorti kummerċjali (*trgovački sud*) b'valur li ma jaqbiżx il-50 000 kuna Kroata, u jekk il-qorti ssib li l-istabbiliment ta' fatti li jkun importanti għas-soluzzjoni ta' tilwim ikun iwassal għal diffikultajiet u għal spejjeż sproporzjonati, iz-ZPP jawtorizza lill-qorti li tiddeċiedi dwar l-eżistenza tat-tali fatti fuq il-bażi ta' valutazzjoni libera, b'kunsiderazzjoni tad-dokumenti li l-partijiet ikunu ssottomettew u x-xhieda tagħhom jekk il-qorti għib l-evidenza billi tisma' lill-partijiet. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet taz-ZPP jipprovdu għal terminu biex il-partijiet jistabbilixxu l-fatti kollha u jippreżentaw offeriti tal-evidenza. Matul proċedimenti ċivili ordinarji, kull parti, fl-applikazzjoni u fit-tweġiba għall-applikazzjoni, sa mhux aktar tard mis-seduta preparatorja, trid tistabbilixxi l-fatti kollha li jissostanzjaw it-talba tagħhom, jippreżentaw l-evidenza neċessarja biex jistabbilixxu l-fatti li huma ppreżentaw u jiddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom dwar id-dikjarazzjonijiet tal-fatti u l-evidenza mill-parti opposta. Matul is-seduta ewlenija, il-partijiet jistgħu jippreżentaw fatti u evidenza ġodda biss jekk, għal raġuni li ma tkunx it-tort tagħhom, dawn ma setgħux jipprovduhom jew jippreżentawhom qabel ma ġew konklużi l-proċedimenti preċedenti. Il-qorti ma tqisx fatti u evidenza ġodda li, minħabba raġuni li tkun it-tort tagħhom, il-partijiet jipprovdu jew jippreżentaw matul is-seduta ewlenija. Għal aktar informazzjoni dwar l-evidenza u l-kumpilazzjoni ta' xhieda fi proċedura ta' talbiet żgħira, ara l-iskeda ta' informazzjoni intitolata "[Talbiet żgħira – Ir-Repubblika tal-Kroazja](#)".

#### **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Iz-ZPP jipprovdi għall-elementi tal-evidenza li ġejjin: aċċess fuq il-post, evidenza dokumentarja, xhieda, esperti u smiġh tal-partijiet.

#### **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

Xhud hu kwalunkwe persuna fiżika li kapaċi tagħti informazzjoni dwar il-fatti li jkun qed jiġu pprova. Ix-xhieda jinstemgħu b'mod individwali u mingħajr il-preżenza ta' xhieda oħra li jkun se jinstemgħu aktar tard, u huma obbligati jagħtu t-tweġibiet tagħhom oralment.

Xhud l-ewwel jiġi avżat li hu obligat jgħid il-verità u li ma jista' jħalli xejn barra. Wara, dan jitwissa bil-konsegwenzi jekk jixhed falz. Barra minn hekk, xhud għandu dejjem jiġi mistoqsi dwar kif jaf il-fatti li jkun qed jixhed dwarhom.

Min-naħa l-oħra, xhud espert irid ikollu l-istess kwalitajiet ta' xhud, jiġifieri, irid ikun kapaċi josserva, jiftakar u jirriproduċi, u, barra minn hekk, irid ikollu għarfien espert professjonali wkoll.

Ċerti xhieda esperti li jitħarrku mill-qorti kif xieraq jridu jobdu t-taħrikiet u jippreżentaw is-sejbiet u opinjoni tagħhom.

Għalhekk, il-kompitu ta' xhud espert jimplika l-istabbiliment ta' sejbiet u ta' opinjonijiet. Il-qorti tistabbilixxi jekk ix-xhud espert jippreżentaw biss is-sejbiet u l-opinjoni ta' tiegħu b'mod orali matul is-seduta jew inkella jekk għandux jippreżentawhom ukoll bil-miktub qabel is-seduta. Il-qorti għandha tistabbilixxi terminu għall-preżentazzjoni tas-sejbiet u tal-opinjoni ta' bil-miktub li ma jistax jaqbeż is-60 jum.

Ix-xhud espert dejjem irid jispjega l-opinjoni ta' tiegħu.

Il-qorti tibgħat lill-partijiet is-sejbiet u l-opinjoni bil-miktub mhux aktar minn 15-il jum qabel is-seduta li fiha jkun jridu jinstemgħu.

Iz-ZPP ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-proċedura għas-smiġh tax-xhieda "ordinarji" u s-smiġh ta' xhieda esperti, u ma jistabbilixxi l-ebda dispożizzjoni proċedurali speċjali f'dak ir-rigward.

B'rabta mal-evidenza bil-miktub, il-partijiet stess iridu jippreżentaw id-dokument li fuqu jibbażaw bħala prova tad-dikjarazzjoni tagħhom.

Dokument li nħareġ fil-forma stipulata minn awtorità tal-Istat fi ħdan l-isfera tar-responsabbiltà tagħha u dokument maħruġ minn persuna ġuridika jew fiżika f'dik il-forma, li tagħxi fl-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi tagħha, assenjata lilha mil-liġi jew minn regolament fuq il-bażi tal-liġi (dokument pubbliku), hu meqjus li jagħti prova tal-veraċità ta' dak li jiċċertifika jew jirregola.

Dokumenti oħra jkollhom l-istess valur probatorju jekk, skont regolamenti speċjali, il-valur probatorju tagħhom ikun ekwivalenti għal dak ta' dokumenti pubbliċi. Hu ammissibbli li jintwerew provi li l-fatti ddikjarati fid-dokumenti pubbliċi huma foloz jew li d-dokument tfassal b'mod skorrett.

Jekk il-qorti tiddubita mill-awtentikità tad-dokument, din tista' titlob lill-awtorità li minnha suppost li oriġina biex tesprimi opinjoni dwaru.

Sakemm ma jkunx speċifikat b'mod ieħor fi ftehim internazzjonali, dokumenti pubbliċi barranin li huma awtentikati kif xieraq għandhom, soġġetti għall-kundizzjoni ta' reċiproċità, l-istess valur probatorju bħad-dokumenti pubbliċi domestiċi.

Iz-ZPP jistabbilixxi wkoll regoli dwar il-kunsinna tad-dokumenti (id-dmir li jiġu pprovduti dokumenti), li jiddependu minn jekk id-dokument ikunx fil-pussess tal-parti li tirreferi għalih, tal-kontroparti, ta' awtorità tal-Istat jew ta' organizzazzjoni li teżerċita awtorità pubblika jew ta' persuna terza (persuna fiżika jew ġuridika).

#### **2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Skont ir-regola ġenerali dwar il-valutazzjoni libera tal-evidenza applikata fil-liġi proċedurali (ċivili) tal-Kroazja, il-qorti tiddeċiedi, bil-konvinzjoni tagħha stess, liema fatti hi ssib li jkun murija bil-provi, fuq il-bażi ta' valutazzjoni approfondita u bir-reqqa tal-evidenza kollha, preżentata b'mod individwali u fis-sħuħija tagħha, u b'kunsiderazzjoni tar-risultati tal-proċeduri sħaħ.

Għalhekk, ma hemm ebda regola li tispeċifika li ċerti elementi tal-evidenza għandhom saħħa jew importanza akbar minn oħrajn, għad li, fil-prattika, id-dokumenti jitqiesu aktar affidabbli (iżda mhux aktar importanti) minn evidenza oħra (xhieda, seduti).

#### **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Le, iz-ZPP ma jipprovdi li ċerti metodi ta' prova huma obligatorji sabiex jiġu ppruvati ċerti fatti. F'konformità mal-prinċipju *inter partes*, il-partijiet huma awtorizzati jippreżentaw evidenza u l-qorti tivvaluta liema elementi tal-evidenza ppreżentati hi tikkunsidra għall-fini ta' stabbiliment tal-fatti rilevanti.

#### **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Kull persuna mħarrka bħala xhud hi obligata tobdi t-taħrikiet u, sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor mis-ZPP, hi meħtieġa tixhed. Għaldaqstant, it-testimonjanza, li timplika dmir ta' attenzjoni fil-qorti, ix-xhieda u d-dikjarazzjoni tal-verità, huma obbligu ġenerali ta' kull persuna. Xhieda li minħabba xjuħija, mard jew indebolimenti fiżiċi serji ma jstgħux jobdu t-taħrika jinstemgħu f'darhom stess.

#### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Persuna li, bit-testimonjanza tagħha, tkun tikser l-obbligu ta' kunfidenzjalità fir-rigward ta' sigrieti uffiċjali jew militari m'għandhiex tinstema' bħala xhud sakemm l-awtorità kompetenti teħlisha mit-tali responsabbiltà.

Xhud ma jistax jiċċad milli jixhed:

dwar xi ħaġa li l-parti stqarritielu bħala rappreżentant awtorizzat tagħha;

dwar kwistjonijiet li l-parti jew persuna oħra qarret lix-xhud bħala konfessur reliġjuż;

dwar fatti li x-xhud sar jaf bihom bħala avukat, tabib, jew fit-tweġiq ta' kwalunkwe sejħa jew attività oħra, jekk ikun jeżisti obbligu li jinżamm kunfidenzjali dak li jsir magħruf matul l-eżerċitar ta' dik is-sejħa jew l-attività.

L-imħallef uniku jew il-President tal-awla jinforma lil dawn il-persuni bil-possibbiltà li jiċċadu milli jixhdu.

Xhud jista' jiċċad milli jwieġeb mistoqsijiet individwali minħabba raġunijiet validi, b'mod partikolari, jekk billi jwieġeb għat-tali mistoqsija, dan ikun qed jesponi lilu nnifsu, jew il-qarib tiegħu li jiġu minnu bid-demem sa kwalunkwe grad, jew lil qarib kollaterali li jiġi minnu bid-demem sat-tielet grad, inklużi l-konjuġi tiegħu, jew lil qarab biż-żwieġ sat-tieni grad – anki jekk iż-żwieġ ikun intemm – u lil-kustodju jew lit-tutor tagħhom, lil ġenitur adottiv jew lil tfal adottati, għal dannu reputazzjonali serju, għal ħsara materjali sinifikanti jew għal prosekuzzjoni kriminali.

L-imħallef uniku jew il-President tal-awla jgħarraf lix-xhud li hu jista' jiċċad milli jwieġeb il-mistoqsijiet li jsirulu.

## **2.10 Jekk persuna tiffirfuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Iva, dan hu possibbli. Jekk xhud li jiġi mħarrek kif xieraq jonqos milli jattendi mingħajr spjegazzjoni, jew jekk tali xhud jittaq mill-post fejn għandu jinstema' mingħajr permess jew xi raġuni ġustifikata, il-qorti tista' tordna li jinġiebu lura bil-forza, bl-ispejjeż kontrib, u tista' timponi wkoll multa monetarja li tvarja bejn 500 sa 10 000 kuna Kroata.

Jekk ix-xhud jidher u jiċċad milli jixhed jew iwieġeb għal ċerti mistoqsijiet wara li jiġi informat bil-konsegwenzi li jirriżultaw minn dan, u l-qorti tqis li r-raġunijiet tiegħu għaċ-ċaħda li jwieġeb ma jkunux ġustifikati, din tista' timponi multa monetarja li tvarja minn 500 sa 10 000 kuna Kroata; jekk ix-xhud jibqa' jirrifjuta milli jixhed, il-qorti tista' żżommu taħt detenzjoni. Ix-xhud jinżamm f'detenzjoni sakemm jaqbel li jixhed jew sakemm it-testimonjanza tiegħu ssir żejda, iżda mhux għal aktar minn xahar.

Jekk ix-xhud wara jipprovi spjegazzjoni għall-assenza tiegħu, il-qorti twaqqa' d-deċiżjoni tagħha dwar il-multa, u tista' teħles lix-xhud mill-ħlas tal-ispejjeż totalment jew parzjalment. Il-qorti tista' twaqqa' wkoll id-deċiżjoni tagħha dwar multa jekk ix-xhud wara jaqbel li jixhed.

## **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Għal informazzjoni dwar l-eżenzjoni mid-dmir ġenerali ta' xhieda fir-rigward ta' sigrieti uffiċjali jew militari, jiġifieri dwar id-dritt tal-persuni li jwettqu attivitajiet speċifiċi li jiċċadu milli jixhdu u d-dritt li jiċċadu milli jwieġbu mistoqsijiet speċifiċi, ara l-punt 9.

Bħala regola ġenerali, huma biss il-persuni li kapaċi jipprovdur informazzjoni dwar il-fatti li jkun qad jiġu pprova li jistgħu jinstemgħu bħala xhieda, u l-qorti tiddeċiedi dwar il-ħila ta' persuna li tixhed fuq bażi ta' każ b'każ.

Persuna ma tistax tkun xhud jekk tkun involuta b'mod dirett fil-proċedimenti, bħala parti jew bħala r-rappreżentant legali ta' parti, filwaqt li rappreżentant awtorizzat tal-parti jista' jinstema' bħala xhud.

## **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'lema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Kull xhud irid jiġi eżaminat b'mod individwali, u mhux fil-preżenza ta' xhieda li jkun jridu jinstemgħu b'mod sussegwenti. Ix-xhud hu obligat jagħti t-tweġibiet tiegħu b'mod orali.

Xhud l-ewwel jiġi avżat li hu obligat jgħid il-verità u li ma jista' jħalli xejn barra. Wara, dan jitwissa bil-konsegwenzi jekk jixhed falz.

Imbagħad ix-xhud jintalab jiddikjara ismu, kunjomu, in-numru tal-ID personali tiegħu, isem missieru, l-okkupazzjoni, l-indirizz, il-post tat-twelid, l-età u r-relazzjoni tiegħu mal-partijiet.

Wara dawn il-mistoqsijiet ġenerali, ix-xhud jintalab jiddikjara dak kollu li jaf dwar il-fatti li jkun se jixhed dwaru, u wara, jistgħu jsirulu mistoqsijiet għall-fini ta' konferma, ta' żieda jew ta' spjegazzjoni. Mhuwiex permess li jsiru mistoqsijiet li diġà jkun fihom it-tweġiba għall-mistoqsija.

Ix-xhud dejjem jiġi mistoqsi dwar jekk jafx il-fatti li jkun qed jixhed dwarhom.

Ix-xhieda li t-testimonjanzi tagħhom jidhru f'kunflitt fir-rigward ta' fatti importanti jistgħu jiġu kkonfrontati wiċċ imb wiċċ ma' xulxin. Dawn isirulhom mistoqsijiet b'mod individwali dwar kull ċirkustanza li għaliha jkun hemm kunflitt u t-tweġibiet tagħhom jiġu reġistrati fil-minuti.

Ir-Repubblika tal-Kroazja m'għandha l-ebda dispożizzjoni speċjali li tistipula l-kumpilazzjoni ta' xhieda permezz tal-vidjokonferenzi. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 126a sa 126c taz-ZPP jirrappreżentaw bażi għal metodu bħal dan ta' seduta, jiġifieri jista' jiġi reġistrat l-awdjo tas-seduti tal-qorti. Id-deċiżjoni ta' reġistrazzjoni tittieħed mill-qorti fuq inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba tal-partijiet. Il-metodu ta' ħżin u ta' trażmissjoni ta' reġistrazzjoni tal-awdjo, il-kundizzjonijiet tekniċi u l-mod tar-reġistrazzjoni huma regolati mir-Regoli tal-Proċedura tal-qorti.

## **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

### **3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

Skont iż-ZPP deċiżjoni tal-qorti ma trix tkun ibbażata fuq evidenza miksuba illegalment (evidenza inammissibbli).

Qorti tista' tadotta deċiżjoni li tawtorizza l-kumpilazzjoni ta' xhieda inammissibbli u tista' teżamina tali evidenza jekk tqis li dan ikun meħtieġ sabiex tistabbilixxi fatt materjali. Meta tiddeċiedi dwar l-ammissibbiltà tal-evidenza, il-qorti tweezen il-ksur li jirriżulta mill-kumpilazzjoni ta' xhieda inammissibbli mal-interess li jiġu stabbiliti l-fatti b'mod sħiħ u preċiż fil-proċedimenti.

### **3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?**

Il-partijiet għall-proċedimenti ma jistgħux jinstemgħu bħala xhieda; madankollu, id-dispożizzjonijiet taz-ZPP jipprovdur għas-smiġħ tal-partijiet bħala wieħed mill-elementi tal-evidenza fin-nuqqas ta' evidenza oħra jew jekk, minkejja l-evidenza l-oħra miġjuba, il-qorti tqis li dan ikun meħtieġ għall-istabbiliment ta' fatti importanti.

Id-dispożizzjonijiet taz-ZPP dwar il-kumpilazzjoni mingħand ix-xhieda japplikaw għas-smiġħ tal-partijiet, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

## **4 Dan l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda speċifika awtoritajiet oħra li huma kompetenti li jiġbru l-provi għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali skont ir-Regolament? Jekk iva, dawn f'lema proċedimenti huma kompetenti li jiġbru l-provi? Jistgħu jitolbu biss il-ġbir tal-provi jew jassistu wkoll fil-ġbir tal-provi abbażi ta' talba mingħand Stat Membru ieħor? Ara wkoll in-notifika skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda.**

Il-qorti huma l-unicu awtoritajiet li r-Repubblika tal-Kroazja tispjefika li huma kompetenti biex jikkumpilaw xhieda għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili u kummerċjali, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda.

L-aħħar aġġornament: 14/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [it](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## **Smiġħ ta' xhieda - Italja**

### **1 L-oneru tal-provi**

#### **1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?**

L-ewwel nett għandu jingħad li, fis-sistema legali Taljana, il-provi huma rregolati minn żewġ regolamenti differenti: Ir-regoli proċedurali fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fl-Artikoli 228 u 229, filwaqt li l-hekk imsejja r-regoli "sustantivi" qiegħdin fil-Kodiċi Ċivili, fl-Artikoli 2730 sa 2735. Ir-raġuni għalfejn is-sistema hija

maqsuma f'regoli sustantivi u regoli proċedurali hija dovuta għall-arranġament legali li kien preċedentement fis-seħħ u skont il-Kodiċi Napoleoniku, fejn kienet prevalentement l-idea li l-provi għandhom jitqiesu kemm minn perspettiva statika kif ukoll minn perspettiva dinamika (purament proċedurali). Ir-Rapport dwar il-Kodiċi Ċivili jispjega, skont ir-raġunijiet li għandhom kif ingħataw, li l-provi jintużaw biex jagħtu saħħa jew biex b'mod ġenerali jiddefendu d-drittijiet ta' xi ħadd, u mhux biss fi proċedimenti legali, iżda wkoll appartu dawn il-proċedimenti u qabel jibdew: għalhekk sabu posthom il-provi fil-kodifikazzjoni tad-drittijiet. L-oneru tal-prova huwa regolat mit-test deskritt iktar il-fuq u mhux mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Id-distribuzzjoni tal-oneru tal-prova huwa regolat, b'mod ġenerali, mill-Kodiċi Ċivili, fl-Artikolu 2697, li jistipula li *'dawk li beħsiebhom jinvokaw dritt quddiem qorti għandhom jipprovdu provi tal-fatti li jsostnu t-talba tagħhom. Parti li toponi l-validità ta' dawk il-fatti, jew li qiegħda tgħid li dak id-dritt inbidel jew huwa preskritt, għandha ttiprovdi provi tal-fatti li jsostnu din l-oġġezzjoni'*. Abbażi ta' dawn il-prinċipji, għalhekk, ir-rikorrent irid jipprova l-fatti li fuqhom hija bbażata t-talba tiegħu, jiġifieri dawk il-fatti li ġuridikament jipprovaw l-effetti li qed jallega. Il-konvenut min-naħa l-oħra jrid jipprova l-fatti li jostakolaw, jannullaw jew jimmodifikaw, li jistgħu jwasslu għaċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent, u jiġbu fix-xejn il-pretensjoni tiegħu. Jekk ir-rikorrent ma jipprovax il-fatti kostitwenti tad-dritt tiegħu dan iwassal għaċ-ċaħda tat-talba tiegħu, indipendentement mill-produzzjoni jew le min-naħa tal-konvenut ta' eċċezzjonijiet fid-difiża tiegħu u mill-provi ta' dawn l-eċċezzjonijiet. L-Artikolu 2698 tal-Kodiċi Ċivili jistabbilixxi n-nullità ta' kull ftehim li għandu l-għan li jikkontradixxi jew ibiddel l-oneru tal-prova, meta dan huwa marbut ma' drittijiet mhux disponibbli jew meta' dan il-ftehim jagħmilha diffiċli immens għal waħda mill-partijiet biex teżercitad d-drittijiet tagħha. In-nuqqas ta' provi suffiċjenti jfisser żvantaġġ għall-parti - rikorrent jew konvenut - li jrid juri l-fatti kostitwenti jew l-eċċezzjonijiet għal dawn il-fatti, fis-sens li din l-insuffiċjenza titqies bħala prova nieqsa.

## **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

Peremzz tal-Artikolu 115 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (kif emendat mil-Liġi Nru 69 tal-2009) il-qorti tista tikkunsidra l-fatti li jridu jiġu ppruvati, irrISPETTIVAMENT mill-provi sottomessi mir-rikorrent, jekk ma jkunux ġewx ikkontestati speċifikament mill-parti avversarja. Għalhekk, permezz ta' deroga mill-Artikolu 2697 tal-Kodiċi Ċivili, fatt li jitqies li ġie ppruvat jekk ma jiġix ikkontestat mill-ewwel. Din ir-regola ma tapplikax f'każijiet *in absentia*: jekk il-konvenut ma jidherx, il-fatti allegati mir-rikorrent ma jitqiesux 'mhux ikkontestati', għalhekk din ir-regola li tirregola l-proċedimenti *in absentia* 'tmur kontra t-tradizzjonijiet tal-liġi proċedurali Taljana, fejn parti li tonqos milli tidher jew tasal tard qatt ma ġiet meqjusa li għamlet ammissjoni impliċita' (il-Qorti Kostituzzjonali (*Corte Costituzionale*), sentenza Nru 340 tat-12 ta' Ottubru 2007). Fi kliem ieħor, skont il-proċedura Ċivili Taljana, jekk parti tonqos milli tidher, ma tiġix meqjusa li għamlet ammissjoni impliċita, iżda li kkontestat b'mod impliċitu t-talba. Madankollu f'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-liġi ttiprovdi għal sitwazzjonijiet fejn in-nuqqas ta' dehra tikkostitwixxi mgħiba speċifika li titqies li hija preżunta: Pereżempju skont l-Artikolu 789 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jekk l-eċċezzjonijiet mill-partijiet ma tikkontestax xi ħaġa b'mod espliċitu, allura dan ifisser li tat l-approvazzjoni tagħha (ara s-sentenza Nru 3810 tal-Qorti Suprema ta-Kassazzjoni (*Qorti Suprema tal-Kassazzjoni*), Sezzjoni Ċivili, Awla II, tas- 6 ta' Ġunju 1988).

L-oneru tal-prova huwa mmitigat f'każ ta' "preżunzjonijiet", jiġifieri meta l-liġi tistabbilixxi l-valur ġuridiku ta' ċerti fatti, jew tħalli lill-ġudikant jasal għal konklużjonijiet fuq magħruf mhux magħruf għal fatt magħruf (l-Artikolu 2727 tal-Kodiċi Ċivili). Il-preżunzjonijiet huma maqsuma fi: (1) preżunzjonijiet ġuridiċi, dawk stipulati mil-liġi, li jippermettu prova kuntrarja (*iusuris tantum*), jiġifieri li jistgħu jiġu miċħuda jekk jiġu prodotti provi kontrihom jew (*iusuris et de iure*) għalhekk jeskludu l-possibiltà li tiġi prodotta l-prova kuntrarja matul il-proċedimenti l-qorti. (2) preżunzjonijiet sempliċi, mħollija fid-diskrezzjoni tal-qorti, li taċċetta biss preżunzjonijiet gravi, preċiżi u li jaqblu bejniethom; preżunzjonijiet sempliċi mhumiex ammessi għal dawk il-fatti li għalihom il-liġi teskludi l-provi bix-xhieda (l-Artikolu 2729 tal-Kodiċi Ċivili); L-oneru tal-prova wkoll huwa mmitigat f'każ ta' fatti magħrufa, jiġifieri dawk il-fatti li jaf bihom kulħadd fi żmien u fil-post fejn ingħataw is-sentenza u li dwarhom ma jista' jittqajjem l-eċċezzjoni dubju (l-Artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Il-qorti trid tevalwa l-provi fid-diskrezzjoni tagħha stess, ħliet fejn il-liġi ttiprovdi mod ieħor; Hija tista wkoll tiddeċidi l-provi mit-tweġibiet mogħtija mill-partijiet, mir-rifjut mhux ġustifikat tagħhom li jippermettu xi spezzjonijiet ordnati mill-qorti u, b'mod ġenerali, mill-imġiba tal-partijiet infushom matul il-proċedimenti (l-Artikolu 116 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Id-deċiżjoni tal-ġudikant, kemm jekk jilqa' t-talba, kemm jekk eventwalment jilqa' l-eċċezzjonijiet, trid tkun ibbażata biss fuq fatti pruvati bis-sħiħ jew direttament jew bħala preżunzjoni. Id-deċiżjoni tal-qorti ma tistax tkun ibbażata fuq fatti mhux pruvati, anki meta dawn il-fatti huma possibbli jew probabbli ħafna.

## **2 Is-smiġħ tal-provi**

### **2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Skont is-sistema legali Taljana, il-ġbir tal-provi huwa rregolat mill-prinċipju li l-iskop tal-proċedimenti huwa determinat mill-partijiet (*prinċipju dispożittiv*), kif stipulat mill-Artikolu 115(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili: Il-qorti trid tibbaża s-sentenza tagħha fuq il-provi ppreżentati mill-partijiet, "apparti l-każijiet speċifikati mil-liġi". Jeżistu madankollu xi eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju, previsti mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili:

- l-Artikolu 117 jippermetti li jsiru domandi b'mod mhux formali lill-partijiet;
  - l-Artikolu 118 li jippermetti li tiġi ordnata spezzjoni tal-persuni u tal-oġġetti;
  - l-Artikoli 61 u 191, fejn il-qorti tista titlob opinjonijiet esperti;
  - l-Artikolu 257 fejn il-qorti tista tħarrek xhud li għalih ikun irrefera xhud ieħor; u
  - l-Artikolu 281(b), li jagħti lill-qorti ġenerali (*tribunale*) iffirmata minn imħallef uniku s-setgħa li *ex officio* tordna l-ġbir tax-xhieda meta dak li jkun qalu l-partijiet dwar il-fatti jagħmlu referenza għal persuni li jidheru li jafu dwar il-fatti.
- Fil-kawżi dwar tilwim fil-post tax-xogħol, il-prinċipju li l-iskop tal-proċedimenti huwa determinat mill-partijiet tista' tiġi sostitwita minn sistema kkaratterizzata minn elementi ta' investigazzjoni, b'mod aktar preċiż fl-Artikoli:
- l-Artikolu 420, li jstabbilixxi interrogatorju liberu tal-partijiet waqt is-seduta ta' sottomissjonijiet orali; u
  - l-Artikolu 421, li jstabbilixxi li l-qorti tista, f'kull ħin, u *ex officio*, tordna l-ammissibiltà ta' kull tip ta' provi, anki barra l-limiti stabbiliti mill-Kodiċi Ċivili. Fi proċedimenti marbuta mar-responsabbiltà tal-ġenituri, il-qorti tista' tordna l-ġbir tal-provi *ex officio*, inklu spezzjonijiet immexxija mill-pulizija dwar it-taxxa (*polizia tributaria*), iżda biss b'rabta ma' ordnijiet li jikkonċernaw minuri. Matul il-proċedimenti ta' divorzju, jekk ikun hemm xi tilwim, il-qorti ġenerali għandha tordna investigazzjonijiet fuq id-dħul tal-partijiet, l-assi u l-attwali livell ta' għajxien, u għandha ssejjaħ lill-pulizija dwar it-taxxa jekk meħtieġ.

### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Il-prova tal-fatti, mitluba minn parti minnhom, tippermetti lill-parti l-oħra biex titlob li turi l-kuntrarju. F'dak il-każ il-qorti tilqa' ż-żewġ talbiet jekk taħseb li l-fatti ppreżentati biex jappoġġaw it-talbiet tagħhom huma rilevanti għall-finijiet tas-sentenza.

Il-qorti, meta tilqa' l-provi, imbagħad tgħaddi għall-eżami tagħhom.

Wara l-għeluq tal-istadju tal-provi, il-kawża tiġi mħollija għas-sentenza.

### **2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Il-provi tradizzjonalment ifissru mezz li kapaċi jwassal sabiex isir magħruf fatt u għalhekk it-turija ta' dak il-fatt u ċ-ċertezza tiegħu, jew bħala strument għall-imħallef biex ikun konvint mill-fatti kkonċernati. Sabiex jiġi ammess fil-proċedimenti, ir-rikors promotorju jrid ikun "ammissibbli" u "rilevanti". Biex ikun ammissibbli, ir-rikors promotorju ma jistax imur kontra l-projbizzjoni stipulata mil-liġi (pereżempju l-Artikolu 2726 tal-Kodiċi Ċivili, marbuta mal-pagamenti): fi

kliem ieħor, il-qorti trid tiddetermina jekk il-miżura speċifika ta' inkjesta proposta hix kontra l-liġi. Il-provi hekk imsejħa "atipiċi" li mhumiex ikkaratterizzati mill-Kodiċi Ċivili, ukoll huma soġġetti għall-projbizzjonijiet stipulati mil-liġi. Min-naħa l-oħra r-rilevanza hija eżaminata minn perspettiva oħra, u hija marbuta mal-"fatti li huwa s-soġġett tal-provi". Biex ir-rikors promotorju jkun ammissibbli, il-qorti trid tara jekk il-fatti li jrid jiġi ppruvati hux se jkollu impatt reali fuq is-sentenza tal-kawża. B'hekk, il-fatti li ma għandhomx impatt fuq l-ammissibilità jew le tar-rikors ma jiġux ammessi, anke jekk jiġu ppruvati. Sabiex il-qorti tkun tista tevalwa r-rilevanza tal-provi, il-leġislatura teħtieġ li r-rikors jissodisfa livell minimu ta' speċifità, u għalhekk irid jagħti tliet tipi differenti ta' informazzjoni: topika: FEJN; storika: META; u funzjonali: GĦAL LIEMA SKOP. Il-fatti ma ġewx speċifikament ikkontestati mhemmx għalfejn jiġu ppruvati (l-Artikolu 115 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

#### **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Fl-ordinament ġuridiku Taljan il-mezzi tal-provi huma maqsuma f'mezzi dokumentarji u mhux dokumentarji. Il-provi regolati mill-Kodiċi Ċivili huma magħrufa bħala "topiċi".

Il-mezzi dokumentarji huma:

dokumenti pubbliċi (Artikoli 2699 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili);  
dokumenti privati (Artikoli 2702 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili);  
telegrammi (Artikoli 2705 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili);  
fajls u arkivji domestiċi (Artikolu 2707 tal-Kodiċi Ċivili);  
arkivji tal-kontabilità tan-negozji (Artikolu 2709 tal-Kodiċi Ċivili);  
kopji prodotti mekkanikament (Artikolu 2712 tal-Kodiċi Ċivili);  
kopji ta' dokumenti u kuntratti (Artikolu 2714 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili).  
Id-dokumenti bil-kompjuter wkoll jikkostitwixxu provi.

Huma mezzi ta' provi mhux dokumentarji:

ix-xhieda (Artikolu 2721 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili);  
id-dikjarazzjonijiet miktuba tax-xhieda (Artikolu 257-*bis* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);  
l-ammissjonijiet (Artikoli 2730 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili);  
interrogazzjoni formali (Artikolu 230 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili);  
id-dikjarazzjonijiet bil-ġurament (Artikoli 2736 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili);  
l-ispezzjonijiet (Artikoli 258 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Barra minn hekk, hemm ir-rapporti tal-esperti li joffru lill-qorti l-għarfien tekniku li ma jkollhux. Fis-sistema proċedurali Taljana, mhemmx dispożizzjoni eżawrjenti fuq in-natura obbligatorja tal-mezzi tal-provi, għaliex fil-prinċipju l-produzzjoni ta' tagħhom mhix projbita. Madankollu, skont il-ġurisprudenza Taljana, il-provi atipiċi ma jistgħux jevitaw projbizzjonijiet jew prekluzjonijiet imposti minn regoli li huma ta' natura sustantiva jew proċedurali; jekk ma dan ma kienu il-każ, allura jkun possibbli li jiġu introdotti bil-moħbi provi li normalment ma jiġux ammessi, jew li jeħtieġu garanziji formali xierqa biex jiġu ammessi.

#### **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jiġgħabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jiġgħabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

Il-provi tax-xhieda huma ammessi mill-qorti (l-Artikolu 245 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili); l-ordni tal-qorti tobbliga lix-xhud jittla' l-qorti fejn fin-nuqqas jittieħdu miżuri koerċittivi u multa. Il-qorti tistabbilixxi l-post, ħin u mod ta' kif jiġgħabru l-provi. Il-marixxall tal-qorti, wara talba tal-parti interessata, jgħid lix-xhud biex jittla' l-qorti. Ix-xhud jieħu l-ġurament biex jgħid il-verità u mbagħad isirulu d-domandi mill-imħalef - il-partijiet ma jistgħux isaqsu direttament lix-xhud. Permezz ta' din id-dispożizzjoni, il-qorti tista', bil-kunsens tal-partijiet, tiġbor il-provi bil-miktub (Artikolu 257-*bis* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Ix-xhieda esperti jinħatru mill-qorti, li tpoġġilhom domandi li jridu jwieġbu; jidher wkoll fis-seduta ta' smiġn u jiġeħdu ġurament li jgħidu l-verità. Bħala regola ġenerali, ix-xhieda esperti jfasslu rapport miktub iżda l-qorti tista' anki tordnalhom biex jidher u biex jirrispondu oralment waqt is-seduta (l-Artikolu 195 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Il-provi bil-miktub isiru parti mill-proċedimenti hekk kif jidher fil-fajls ta' parti, fil-mument tal-bidu tal-proċediment jew anke wara, iżda fi żmien stabbilit mil-liġi (mhux iktar tard mil-limiti ta' żmien stabbilit għas-seduta skont l-Artikolu 183 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, għal proċeduri ordinarji ta' sejbien tal-fatti).

#### **2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Il-provi l-aktar kredibbli fis-sistema legali Taljana huma l-atti pubbliċi u l-preżunzjonijiet "iuris et de iure". L-att pubbliċi (Artikoli 2699 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili) huma d-dokumenti mfassla, bil-formalitajiet mitluba, minn nutar (*notaio*) jew minn uffiċjali pubbliki ieħor awtorizzati jagħtih il-fidi pubblika fil-post fejn jiġi ffirmat l-att. Id-dokumenti pubbliċi għandhom valur sħiħ bħala provi sakemm ma jiġux murija li huma foloz. Ħlief għal din l-oġġezzjoni, jikkostitwixxu provi assoluti u mingħajr kundizzjoni. Il-preżunzjonijiet iuris et de iure (l-Artikolu 2727 tal-Kodiċi Ċivili) għandhom saħħa akbar, għaliex ma hemmx prova kuntrarja għalihom.

#### **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Il-liġi tipprovdi li ċerti fatti jistgħu jiġu ppruvati biss b'mezzi ta' prova determinati, f'xi każijiet b'att pubbliki biss, f'oħrajn b'att bil-miktub biss, li jista' jkun pubbliki jew privat.

#### **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Ix-xhieda jridu jagħtu x-xhieda ta' tagħhom, sakemm il-liġi ma tipprovdi mod ieħor. Hemm dispożizzjonijiet li jkopru l-każijiet li ġejjin: L-inkapaċità li wieħed jixhed; Projbizzjonijiet fuq ċerti persuni u x-xhieda ta' tagħhom; u l-għażla li wieħed jirrifjuta li jixhed. L-obbligu tax-xhud li jixhed jirriżulta indirettament mis-setgħat li jagħti l-Artikolu 255 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili lill-qorti sabiex, fin-nuqqas ta' dehra tax-xhud, tordna l-iskorta bil-pulizija u l-kundanna għal multa.

#### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**


Fil-każijiet previsti mill-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, li għalih jagħmel referenza l-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili: Dawn ikopru dawk l-individwi li jistgħu jirrifjutaw li jixhdu għaliex huma marbuta bis-sigriet professjonali, bis-sigriet uffiċjali u bis-sigriet statali.

#### **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Skont l-Artikolu 256 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, xhud jittla' l-qorti u jirrifjuta li jixhed mingħajr raġuni ġustifikata jew inkella jikkonferma s-suspett li qed jixhed falz jew qiegħed iżomm lura, huwa jiġi rappurtat lill-prosekutur pubbliki mill-qorti li tibgħatlu kopja tal-proċess verbali.

#### **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Ma tistax tixhed il-persuna li hija personalment interessata fil-kwistjoni pendenti l-qorti, għaliex l-interess ta' tagħha jista' jikkostitwixxi raġuni leġittima biex issir parti mill-kawża (l-Artikolu 246 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fir-rigward ta' **partijiet involuti f'tilwim, li ovvjament ma jistgħux ikunu xhieda**, is-sistema legali Taljana tipprovdi għal **interrogazzjoni formali**, li hija tip ta' provi li għandha l-għan li minnha toħroġ l-ammissjoni ġudizzjarja minn parti (l-Artikolu 228 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) trid tħares ir-regoli ġenerali dwar il-provi, u b'mod iktar speċifiku (l-Artikoli 230 *et seq.* tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), tiġi ppreżentata b' suġġetti separati u speċifiċi. Il-parti kkonċernata trid twieġeb personalment u ma tistax taqra minn xi noti, sakemm ma jkunx meħtieġ u għet awtorizzata mill-qorti. Il-mistoqsijiet li jsiru lill-partijiet waqt l-eżaminazzjoni formali għandhom ikunu marbuta mal-fatti ppreżentati bħala provi u awtorizzati fid-digriet li jawtorizza l-eżaminazzjoni formali. Madankollu, il-mistoqsijiet marbuta ma fatti oħra jistgħu jsiru wkoll jekk il-partijiet jiftehmu dwarhom b'mod reċiproku u l-qorti tqis li huma utli. Jekk parti tonqos milli tidher għall-eżaminazzjoni formali mingħajr l-eħda ġustifikazzjoni jew tirrifjuta l-eżaminazzjoni formali, dan jista'

iwassal biex il-fatti li huma s-suġġett tal-provi jiġu  **ammessi**, jekk il-qorti taħseb li għandhom jiġu ammessi fid-dawl ta' provi oħra. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, jekk parti tirrifjuta li twieġeb jew tonqos milli tidher, dan ma jikkostitwix awtomatikament ammissjoni impliċita iżda ċirkostanza li, meta vvalutata fi ħdan il-qafas ta' provi oħra miġbura waqt il-proċedimenti, jistgħu jipprovdu l-qorti bil-mezzi biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha dwar il-fatti mressqa waqt l-eżaminazzjoni.

Il-qorti ma għandiex setgħat koerċittivi għajr dawk deskritti aktar il-fuq.

## **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġh ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Il-qorti tmexxi l-eżami tax-xhud, tpoġġilu d-domandi direttament fuq il-fatti ammessi għalix rilevanti għall-proċedimenti, u kull mistoqsija b'referenza għall-istess mitluba mid-difensuri tal-partijiet matul l-interrogatorju.

Il-possibiltà ta' vidjokonferenzi, għalkemm mhux prevista espliċitament fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, mhux esklużi. L-Artikolu 202 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi li l-qorti, meta tordna l-ġbir tal-provi, għandha "tiffissa ż-żmien, post u l-mod ta' kif tinġieb" u b'hekk il-qorti tista' tordna s-smiġh ta' xhud permezz ta' vidjokonferenza. L-Artikolu 261 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi wkoll li l-qorti tista' tordna rekording bil-vidjow li jkun jeħtieġ mezz, strumenti jew proċedimenti tekniċi.

### **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

#### **3.1 Meta l-provi ma jkunx inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

Il-qorti ma tqisx provi li ma jiġux ippreżentati u ammessi b'mnod formali.

#### **3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?**

Kull dikjarazzjoni magħmula mill-partijiet li hija favuraha ma tgħodd bħala prova. Madankollu, dikjarazzjoni ta' ammissjoni (li għandha konnotati negattivi) li ssir matul l-**eżaminazzjoni formali** (ara l-paragrafu 2.11) tgħodd bħala prova negattiva kontra l-parti li tkun għamlitha.

L-aħħar aġġornament: 21/07/2022

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidher fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **Smiġh ta' xhieda - Ċipru**

### **1 L-oneru tal-provi**

#### **1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?**

B'mod ġenerali l-oneru tal-prova fi proċedimenti ċivili jaqa' fuq il-parti li fetħet il-kawża jiġifieri r-rikorrent jew l-attur, skont il-każ.

F'każijiet eċċezzjonali, l-oneru jista' jiġi trasferit lill-konvenut jew l-intimat. Eżempju tipiku huwa meta titressaq kawża minħabba negliġenza jekk jiġi ppruvat li r-rikorrent ma kienx jaf, jew ma kellux il-mezzi biex isir jaf kif seħħ l-inċident, id-dannu ġie kkawżat minn oġġett li kien taħt il-kontroll waħdieni tal-konvenut u d-dannu huwa marbut man-nuqqas tal-konvenut li jieħu ħsieb b'mod raġonevoli, f'liema każ japplika l-prinċipju ta' *res ipsa loquitur* (il-fatt jikellem waħdu) fejn l-oneru tal-prova jiġi trasferit fuq il-konvenut.

B'mod ġenerali r-rikorrent jew l-attur irid jipprova billi jippreżenta provi rilevanti bix-xhieda l-fatti kollha meħtieġa biex jappoġġaw / ikunu l-bażi tat-talba tiegħu.

Il-qorti trid tevalwa l-provi u tagħti sentenza skont il-konklużjonijiet li tasal għalihom mill-fatti tal-każ. Jekk, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, il-qorti ma tkunx tista' tasal għal konklużjoni fuq ċertu fatt tal-każ li huwa importanti sabiex jiġi deċiż il-każ, it-talba mressqa mill-parti li hija bbażata fuq dak il-fatt għandha tiġi miċħuda.

#### **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

Hemm ċerti fatti li ma hemmx għalfejn jiġu ppruvati mill-provi. Dawn jinkludu ċerti fatti li dwarhom ma hemmx dubji u huma ċari, li dwarhom il-qorti tista' titiqes li għandha "għarfien ġudizzjarju". Pereżempju, dawn jistgħu jinkludu fatti marbuta ma' unitajiet tal-kejl, kwistjonijiet ta' flus, il-kalendarju annwali u d-differenzi fil-ħin bejn il-pajjiżi. Eżempji oħra huma fatti li huma ta' għarfien komuni u huma preżunti li huma bbażati fuq l-esperjenza umana, bħaż-żieda fl-inċidenti tat-traffiku, il-problemi li jkollha taffaċċa arma bi tfaċ minuri eċċ. Bl-istess mod, fatti storiċi, xjentifiċi u ġeografiki huma komunement magħrufa u ma hemmx bżonn jiġu ppruvati permezz ta' provi.

Barra minn hekk, hemm preżunzjonijiet f'ċerti każijiet. Preżunzjonijiet huma konklużjoni li tista' jew trid issir minħabba li ġew ippruvati ċerti fatti. Dawn il-preżunzjonijiet jistgħu ikunu konfutabbli jew mhux konfutabbli.

Il-preżunzjonijiet mhux konfutabbli huma dawk li jiġu stabbiliti mil-liġi u li ma jistgħux jiġu kkontestati permezz ta' provi li juru l-kuntrarju. Il-preżunzjonijiet mhux konfutabbli huwa rari. L-Artikolu 14 tal-Kodiċi Kriminali jagħti eżempju fejn jistabbilixxi li tifel taħt l-14-il sena huwa preżunt li ma għandux responsabbiltà kriminali għal kull azzjoni jew omissjoni tiegħu. Il-preżunzjonijiet konfutabbli huma ħafna aktar komuni. Dawn jistgħu jiġu rroffati permezz ta' provi li juru l-kuntrarju. Pereżempju tifel imwieled fiż-żwieġ huwa preżunt li huwa wild il-missier sakemm ma jkunx hemm prova kuntrarja.

#### **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Il-livell tal-prova f'kawżi ċivili huwa l-"bilanċ ta' probabbiltajiet". Fi kliem ieħor, il-qorti tista' tiddeċiedi li fatt ġie stabbilit jekk tkun sodisfata mill-provi li l-fatt x'aktarx aktar seħħ milli le.

### **2 Is-smiġh tal-provi**

#### **2.1 Għas-smiġh tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Fi proċedimenti ċivili l-partijiet fil-kawża jagħżlu liema provi bix-xhieda jippreżentaw il-qorti. Kull parti ssejjaħ dawk ix-xhieda li jitqiesu utli għall-kawża. Il-qorti ma għandiex is-setgħa ssejjaħ ix-xhieda *ex officio* mingħajr il-kunsens tal-partijiet.

#### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Il-proċedura hija sempliċi. Il-parti li tixtieq ittella' xhud titlob lill-qorti biex toħroġ taħrika. Il-qorti mbagħad toħroġ it-taħrika biex jiġi nnotifikat ix-xhud. Kull persuna li tiġi nnotifikata b'taħrika hija obligata bil-liġi biex titla' l-qorti fid-data u fil-ħin imniżżla fit-taħrika.

#### **2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

B'talba ta' parti fil-kawża, it-taħrika tinħareġ f'bosta mill-każijiet. It-talba għal taħrika minn parti tista' tiġi miċħuda f'każijiet rari u eċċezzjonali, jekk jiġi ppruvat li t-talba kienet frivola u tikkostitwixxi abbuż mill-proċedimenti tal-qorti.

#### **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Hemm żewġ tipi ta' provi: xhieda mogħtija oralment quddiem il-qorti, u provi bil-miktub jew f'forma ta' dokumenti ppreżentati l-qorti.

#### **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**



Ma hemmx regoli stabbiliti li jirregolaw l-għoti tax-xiehda minn xhieda esperti. Il-parti li tippreżenta l-provi għandha tiddeċiedi jekk ix-xhud espert għandux jagħtu x-xiehda tiegħu personalment jew bil-miktub.

## 2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Ma hemmx regola ġenerali li tindika li hemm ċertu tip ta' xhud li huwa aħjar minn jew iktar kredibbli minn ieħor jew aktar konvinċenti minn tipi oħra ta' provi. Il-provi kollha ppreżentati matul il-proċess jiġu evalwati mill-qorti fid-dawl ta' ċirkostanzi speċifiċi tal-każ.

## 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Le, ma hemmx regoli dwar dan.

## 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Jekk it-taħrika tiġi nnotifikata lil persuna sabiex hija tidher u tixhed il-qorti, hija għandha obbligu bil-liġi li tagħmel dan. In-nuqqas jew rifjut li tagħmel dan jikkostitwixxi disprezz lejn il-qorti u hemm piena għalih.

## 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Ix-xhieda ma jistgħux jirrifjutaw li jixhdu. Madanakollu, ix-xhieda jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali, jirrifjutaw li jwieġbu għal ċerti domandi jew ma jippreżentawx ċerti dokumenti minħabba raġunijiet ta' privileġġ, pereżempju minħabba s-sigriet professjonali.

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Ara t-tweġiba għas-sottoparagrafu (a) msemmi hawn fuq.

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Kulħadd huwa kompetenti biex jixhed fil-proċedimenti ċivili sakemm il-qorti ma tiddeċidi li, minħabba l-età żgħira, diżabbiltà mentali jew kawżi oħra simili, persuna mhix kapaċi tapprezza l-obbligu tagħha biex tgħid il-verità, jew tifhem id-domandi li jsirulha, jew tagħti tweġiba razzjonali għal dawn id-domandi (skont l-Artikolu 13 tal-Att dwar il-Provi).

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezz tekniċi oħrajn?

Xhud jiġi eżaminat waqt l-eżami prinċipali mill-parti li se jkollha biex jixhed. Wara li tkun lest l-eżami prinċipali, isir il-kontro eżami tax-xhud mill-parti l-oħra. Fl-aħħar, il-qorti tista' tagħmel xi mistoqsijiet fejn ikun hemm bżonn aktar kjarifiki dwar ċerti kwistjonijiet.

Xhud jista' jagħti x-xiehda tiegħu permezz tat-telekonferenza jew mezz tekniċi oħra jekk il-preżenza fiżika tiegħu quddiem il-qorti tkun impossibbli, sakemm ikun possibbli għall-qorti li tipprovi dawn il-faċilitajiet tekniċi. Kull kundizzjoni speċifika mitluba tiddependi miċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ preżenti.

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?


Kull prova li tinġieb b'mod illegali, bi ksar ta' drittijiet imħarsa mill-Kostituzzjoni, tiġi eskluża mill-proċedimenti tal-qorti, u l-qorti ma tistax tibbaża ruħha fuq dawk il-provi. Eżempju tipiku ta' dan hija r-reġistrazzjoni illegali ta' konversazzjoni personali.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Dikjarazzjoni minn persuna li tkun parti fil-kawża tgħodd bħala prova. Il-fatt li din id-dikjarazzjoni saret minn persuna li għandha interess dirett fl-eżitu tal-kawża hija biss waħda minn numru ta' fatti li jitqiesu mill-qorti fl-evalwazzjoni jew l-eżami tal-provi kollha.

L-aħħar aġġornament: 07/12/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Smiġ ta' xhieda - Latvja

### 1 L-oneru tal-provi

Parti f'kawża hija responsabbli biex tipprova l-fatti li fuqhom ibbażat it-talba jew l-eċċezzjonijiet tagħha. Ir-rikorrent irid jissostanzja t-talbiet tiegħu u l-konvenut irid jissostanzja l-eċċezzjonijiet tiegħu.

#### 1.1 X'inhu ma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Il-provi jiġu sottomessi mill-partijiet fil-kawża u minn partijiet interessati oħra. Jekk parti fil-kawża jew parti interessata oħra mhix kapaċi tippreżenta xi prova partikolari, u tagħmel talba dettaljata f'dan is-sens, il-qorti tista' titlob li jiġu prodotti dawn il-provi.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Jekk il-qorti tirrikonossili fatt huwa għarfien komuni, mhemmx bżonn ta' provi għalih.

Il-fatti stabbiliti f'sentenza li daħħlet fis-seħħ fir-rigward ta' kawża ċivili mhemmx bżonn jerġgħu jiġu ppruvati f'kawżi ċivili oħra bl-istess partijiet.

Sentenza tal-qorti li daħħlet fis-seħħ fir-rigward ta' kawża kriminali torbot lil qorti li qed tisma' kawża dwar ir-responsabbiltà ċivili tal-persuna soġġetta għas-sentenza kriminali, iżda fir-rigward biss tal-kwistjoni dwar jekk seħħx att kriminali, jew ommissjoni, u l-kwistjoni dwar jekk seħħx jew ġiex permess minn dik il-persuna.

Il-fatti li jitqiesu li ġew stabbiliti mil-liġi mhemmx bżonn jiġu pruvati. Dawn il-preżunzjonijiet jistgħu jiġu kontestati skont il-proċedura ordinarja.

Parti ma għandhiex għalfejn turi l-fatti mhux kontestati mill-parti l-oħra skont il-proċeduri stabbiliti fil-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili.

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Qorti trid tevalwa l-informazzjoni għas-sodisfazzjon tagħha stess, abbażi tal-provi li ġew eżaminati kompletament u oġġettivament fil-qorti, u skont approċċ ġudizzjarju bbażat fuq prinċipji loġiċi, sejbiet xjentifiċi u osservazzjonijiet mill-esperjenza tal-ħajja. Fis-sentenza tagħha l-qorti trid tispjega għalfejn tat preferenza lil prova u mhux oħra, u għalfejn sabet li ċerti fatti ġew pruvati u oħrajn le. L-ebda prova ma għandha effett predeterminat fuq il-qorti.

### 2 Is-smiġ tal-provi

#### 2.1 Għas-smiġ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili tgħidli l-partijiet huma responsabbli biex jippreżentaw il-provi, iżda tipprovi wkoll għal ċerti każijiet fejn il-qorti tista' teħtieġ xi provi *ex officio* (pereżempju fejn huma involuti l-interessi tat-tfal). Jekk il-qorti ssibli ma ġew preżentati l-ebda provi biex jissostanzjaw fatt jew fatti li fuqhom huma bbażati t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet tal-parti, tinnotifika lill-partijiet kif xieraq, u jekk ikun meħtieġ tistabbilixxi perjodu għall-preżentata tal-provi.

#### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Il-provi miktuba u materjali jiġu ppreżentati lill-qorti mill-partijiet. Fejn il-partijiet jagħzmlu referenza għal provi orali, il-qorti tistieden lix-xhieda indikati mill-partijiet għal seduta ta' smiġġ biex tisma' x-xhieda tagħhom. Il-qorti mbagħad tinkludi dawn il-provi fl-atti tal-kawża.

### **2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Il-qorti tippermetti biss provi li huma stabbiliti mil-liġi u ta' rilevanza għall-kawża. Il-qorti tista' tirrifjuta li taċċetta provi sottomessi wara l-14-il jum qabel is-seduta ta' smiġġ, sakemm l-imħallef ma jkunx stabbilixxa perjodu differenti għas-sottomissjoni tal-provi. Waqt li tkun qed tiġi mismugħa l-kawża, il-provi jistgħu jiġu ppreżentati b'talba dettaljata ta' parti fil-kawża jew parti interessata oħra, jekk dan ma jikkawgħunax dewmien fis-smiġġ tal-kawża, jew il-qorti tkun aċċettatli hemm raġunijiet validi għalfejn il-provi ma ġewx ippreżentati fil-ħin, jew il-provi jikkonċernaw fatti li nkixfu matul il-proċedimenti. Ix-xhieda tax-xhud ibbażata fuq informazzjoni minn sorsi mhux magħrufa, jew informazzjoni miksuba minn persuni oħra, sakemm dawn il-persuni ma jkunux ġew eżaminati mill-qorti, mhumiex ammissibbli bħala provi.

### **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

L-osservazzjonijiet sottomessi mill-partijiet fil-kawża u minn partijiet terzi interessati li jinkludu informazzjoni dwar fatti li fuqhom huma bbażati t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet tagħhom, jekk sostanzjali minn provi oħra i-verifikati u eżaminati waqt seduta l-qorti;

ix-xhieda tax-xhieda u l-esperti;

il-provi miktuba, li jikkonsistu f'dokumenti jew testi oħra li l-informazzjoni li fihom dwar fatti li huma rilevanti għall-kwistjoni hija reġistrata permezz ta' ittri, numri u simboli miktuba oħra jew mezzi tekniċi oħra, u kull mezz ta' rikordjar simili (awdjo jew tejs tal-awdjo, disketts, eċċ.);

provi materjali;

rapporti tal-esperti;

opinjonijiet tal-esperti;

rapporti minn entitajiet pubbliċi.

### **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjonijiet ta' esperti?**

Mhemmx differenza sostanzjali bejn: ix-xhieda tal-esperti u xhieda oħra jikkonstitwixxu provi, u d-dikjarazzjonijiet bil-miktub mill-esperti wkoll huma provi. Xhud jew espert iridu jidher l-qorti meta jiġu mħarrka mill-qorti biex jixhdu l-verità dwar iċ-ċirkostanzi li jafu bihom (xhieda) jew biex jagħtu opinjoni oġġettiva u personali dwar il-fatti xjentifiċi, tekniċi, artistiċi jew oħrajn li jkunu investigaw.

### **2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

L-ebda prova ma għandha effett predeterminat li jorbot lill-qorti, iżda fis-sentenza tagħha l-qorti trid tispjega għalfejn tat preferenza lil xi prova u mhux lil oħra, u għalfejn sabetli ċerti fatti ġew ippruvati u oħrajn le.

### **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Iva. Il-fatti li bil-liġi jistgħu jiġu pruvati biss b'ċerti forum ta' provi ma jistgħux jiġu pruvati b'xi tip ta' prova oħra.

Il-qorti taċċetta biss it-tip ta' provi previsti mil-liġi.

### **2.8 Ix-xhieda huma obligati bil-liġi li jixhdu?**

Xhud li ġie mħarrekk quddiem il-qorti ma għandux dritt jirrifjuta li jixhed ħliet fil-każijiet previsti mil-liġi.

### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Il-persuni li ġejjin jistgħu jirrifjutaw li jixhdu:

il-qraba fil-linja diretta u fl-ewwel jew it-tieni grad fil-linja kollaterali, il-konjuġi, il-qraba biż-żwieġ fl-ewwel grad, u membri tal-familja tal-partijiet;

il-kuraturi u t-trustees tal-partijiet, u l-persuni taħt guardianship jew trusteeship tal-partijiet;

il-persuni involuti fl-itigazzjoni dwar kwistjoni oħra kontra waħda mill-partijiet.

### **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Xhud li jkun għalaq l-14-il sena li jirrifjuta li jixhed għal raġunijiet li l-qorti tqis invalidi, jew li bi hsiieb jagħti xhieda falza, jikkonmetti reat skont il-Liġi Kriminali. Jekk ix-xhud, mingħajr raġuni ġusta, jonqos milli jidher wara li jkun ġie mħarrekk għal dan il-għan mill-qorti jew mill-imħallef, il-qorti tista' timponi multa li ma taqbiżx l-EUR 60 jew tordna l-arrest tax-xhud biex jittla' jixhed.

### **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Il-ministri tar-reliġjon ma għandhomx għalfejn jixhdu dwar fatti li saru jau dwarhom permezz tal-qrar, u persuni li minħabba l-professjoni jew pożizzjoni tagħhom ma jistgħux jagħtu ċerta informazzjoni afdata lilhom mhux meħtieġa jixhdu dwar din l-informazzjoni;

il-minuri mhux meħtieġa jixhdu dwar fatti li jikkonstitwixxu provi kontra l-ġenituri, nanniet, jew ħuthom bniet u subien;

persuni li għandhom nuqqasijiet mentali jew fiżiċi li minħabba fihom ma jkunux kapaċi jevalwaw iċ-ċirkostanzi rilevanti għall-kawża ma għandhomx għalfejn jixhdu;

it-tfal taħt l-età ta' seba' snin ma għandhomx għalfejn jixhdu.

### **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġġ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezz tekniċi oħrajn?**

Persuna mħarrka bħala xhieda jridu jidher l-qorti u jixhdu l-verità dwar kull fatt li jkun jafu bih. Xhud irid iwieġeb għall-mistoqsijiet li jsirulu mill-qorti u mill-partijiet. Il-qorti tista' ssaqsi xhud dwar il-post ta' residenza tax-xhud, jekk ix-xhud ma jkunx jista' jattendi wara li jkun ġie mħarrekk minħabba mard, età avvanzata jew invalidità jew għal xi raġuni valida oħra. Xhud jista' jiġi mistoqsi wkoll permezz ta' vidjokonferenza fil-qorti, skont fejn ikun jinsab ix-xhud, jew f'post b'taġħmir apposta għal dan il-għan.

## **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

### **3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

Il-partijiet f'kawża jistgħu jikkontestaw il-veraċità tal-provi miktuba.

Il-provi miktuba ma jistgħux jiġu kontestati mill-persuna li ffirmathom hi stess. Din il-persuna tista' tikkontesta l-provi billi tiftaħ kawża separata, jekk il-firma tagħha tkun inkisbet bil-forza, theddid jew frodi. Parti tista' tippreżenta wkoll rikors dettaljat fejn jallegra l-falsifikazzjoni ta' provi miktuba. Jekk il-qorti ssibli l-provi ġew falsifikati, hija teskludi l-provi u tinnotifika prosekutur pubbliku dwar il-falsifikazzjoni. Sabiex teżamina rikors li jallegra l-falsifikazzjoni ta' provi miktuba, il-qorti tista' tordna rapport mingħand espert jew teħtieġ aktar provi. Jekk il-qorti ssibli parti fetħet kawża dwar il-falsifikazzjoni ta' provi miktuba mingħajr raġuni ġusta, hija tista' twaħħlu multa.

Il-Liġi dwar il-Proċedura Ċivili teħtieġli persuna mħarrka bħala xhieda tidher il-qorti u tixhed il-verità dwar kull fatt li tkun taf bih. Jekk parti fil-kawża tkun trid turi ċerti ċirkostanzi permezz ta' xhieda orali, fit-talba tagħha lill-qorti fejn titlob li teżamina xhud trid tindika liema se jkun l-aspetti mportanti tal-kawża li x-xhud se jkun jista' jikkonferma.

### **3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?**

L-osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet fil-kawża u minn partijiet terzi interessati li jinkludu informazzjoni dwar fatti li fuqhom huma bbażati t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet tagħhom, huma ammissibbli bħala provi jekk sostanzjali minn provi oħra vverifikati u eżaminati waqt seduta l-qorti. Jekk parti fil-kawża tammetti

I-fatti li fuqhom huma bbażati t-talba jew l-eċċezzjonijiet tal-parti l-oħra, il-qorti tista' tqisli dawn il-fatti ġew pruvati, jekk il-qorti ma jkollhiex dubjoli l-ammissjoni ma kienetx riżultat ta' frodi, vjolenza, theddid jew żball, jew biex tinħeba l-verità.

L-aħħar aġġornament: 18/12/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **Smigħ ta' xhieda - Litwanja**

### **1 L-oneru tal-provi**

Il-partijiet iridu jipprovdu provi għall-fatti li jkunu l-bażi tad-dikjarazzjonijiet u tar-repliki tagħhom ħliet fil-każijiet li fihom ma jkollhomx bżonn provi (ara 1.2).

#### **1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?**

Skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tar-Repubblika tal-Litwanja (*Lietuvos Respublikos civilinio proceso kodeksas*), l-oneru tal-provi jaqa' fuq il-partijiet f'kawża. Dawn iridu jipprovdu provi għall-fatti li jkunu l-bażi tad-dikjarazzjonijiet u tar-repliki tagħhom ħliet fil-każijiet li fihom ma jkollhomx bżonn provi f'konformità mal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

Il-qorti kollha jikkunsidraw il-kawżi ċivili skont il-prinċipju tal-kuntraddittorju. Kull parti trid tipprovdi provi għall-fatti li jkunu l-bażi tad-dikjarazzjonijiet u tar-repliki tagħha ħliet fil-każijiet li fihom ma jkollhomx bżonn provi.

#### **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

L-Artikolu 182 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jelenka t-tipi li ġejjin ta' fatti bħala eżentati mill-oneru tal-provi:

fatti rikonoxxuti mill-qorti bħala għarfien komuni;

fatti stabbiliti f'sentenzi effettivi fi proċedimenti ċivili jew amministrattivi oħra li fihom il-partiċipanti kienu l-istess persuni, ħliet f'każijiet li fihom sentenza tal-qorti ġġib magħha konsegwenzi legali għal persuni oħra li mhumiex involuti fil-proċedimenti (fatti preġudizzjarji);

il-konsegwenzi ta' atti personali li jikkostitwixxu reat meta t-tali konsegwenzi jkunu ġew ġudikati f'sentenza effettiva fi proċedimenti kriminali (fatti preġudizzjarji);

fatti li jkunu preżumibbli skont il-liġi u ma jkunux ikkontestati skont il-proċedura ġenerali;

fatti ammessi mill-partijiet.

Parti għandha dritt li tammetti fatti li fuqhom tkun ibbażata dikjarazzjoni jew replika ta' parti oħra. Il-qorti tista' tikkunsidra fatt ammess bħala wieħed stabbilit jekk hi temmen li l-ammissjoni tkun konsistenti maċ-ċirkustanzi tal-każ u ma jkunx stipulat mill-parti għall-finijiet ta' qerq, ta' vjolenza jew ta' theddid, jew ma jkunx sar bi żball jew biex tinħeba l-verità.

Ta' min jinnota wkoll li t-tali ċirkustanzi jistgħu jiġu kkontestati billi tiġi ppreżentata evidenza skont il-proċedura ġenerali.

#### **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Jekk l-evidenza ppreżentata tippermetti lill-qorti tikkonkludi li hemm probabbiltà akbar li ċertu fatt kien jeżisti milli le, il-qorti tagħraf dak il-fatt bħala wieħed stabbilit.

### **2 Is-smigħ tal-provi**

L-evidenza fi proċedimenti ċivili tfisser kwalunkwe *data* attwali li sservi bħala bażi biex il-qorti tiddetermina skont il-proċedura statutorja l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza tal-fatti li jissostanzjaw it-talbiet u l-kontroltalbiet tal-partijiet kif ukoll kwalunkwe fatt ieħor rilevanti biex tintlaħaq deċiżjoni ġusta fil-kawża. *Data* bħal din tista' tiġi stabbilita bil-mezzi li ġejjin: dikjarazzjonijiet tal-partijiet jew ta' terzi persuni (direttament jew permezz ta' rappreżentant), testimonjanzi ta' xhieda, evidenza bil-miktub, evidenza materjali, protokoll ta' spezzjoni, rapporti tal-perit, ritratti u reġistrazzjonijiet b'vidjo u b'awdjio miksuba legalment u forom oħra ta' provi.

Qorti tista' titlob ukoll biex Stat Membru tal-UE jiġbor evidenza jew jippreżentaha b'mod dirett f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti ta' l-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali biex titjieb, tiġi simplifikata u aċċellerata l-kooperazzjoni bejn il-qorti fil-kumpilazzjoni ta' xhieda.

#### **2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Skont l-Artikolu 179 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-partijiet u partiċipanti oħra fil-proċedimenti għandhom jippreżentaw l-evidenza. Meta l-evidenza ppreżentata ma tkunx biżżejjed, qorti tista' titlob lill-partijiet u lil partiċipanti oħra fil-proċedimenti biex jipprovdu lill-qorti b'evidenza korroborattiva u tiffissa terminu għall-preżentazzjoni tagħha. Qorti hi intitolata wkoll li tiġbor evidenza fuq inizjattiva tagħha stess (*ex officio*), iżda biss fil-każijiet previsti mil-liġi. Qorti hi intitolata skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili biex tikkumpila xhieda fuq inizjattiva tagħha stess waqt li tkun qed tisma' kawżi relatati ma' familji jew ma' impjegji jekk, fl-opinjoni tagħha, din tkun essenzjali biex tiddeċiedi kawża b'mod ġust (l-Artikoli 376 u 414).

Barra minn hekk, l-Artikolu 476 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistipula li qorti li tfejji biex tisma' kawżi li jikkonċernaw id-dikjarazzjoni ta' minorenni bħala li għandu kapaċità sħiħa (emanċipat) għandha:

taħtar istituzzjoni mill-istat għall-protezzjoni tal-minorenni fil-post ta' residenza tal-minorenni biex tippreżenta l-konklużjoni tagħha dwar il-prontezza tal-minorenni biex jinforza b'mod indipendenti d-drittijiet ċivili kollha jew iwettaq id-dmirijiet;

titlob *data* dwar jekk il-minorenni ġiex ikkundannat jew wettaqx xi ksur tal-liġi amministrattiva jew ta' liġi oħra;

jekk ikun hemm bżonn tistabbilixxi l-livell ta' żvilupp fiżiku, morali, spiritwali jew mentali tal-minorenni, tordna eżami forensiku, psikoloġiku u/jew psikjatriku u titlob kwalunkwe wieħed mid-dokumenti mediċi tal-minorenni jew kwalunkwe materjal neċessarju ieħor biex tagħmel l-eżami;

twettaq kwalunkwe azzjoni oħra neċessarja biex tfejji għas-smigħ tal-kawża.

L-Artikolu 582 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jistipula wkoll li meta tkun qed tiġi kkunsidrata kwistjoni ta' permess għat-trasferiment ta' titolu lill-proprietà tal-familja, ta' ipoteka tal-proprietà tal-familja jew ta' aggravar b'xi mod ieħor tad-drittijiet għal dawn, qorti, filwaqt li tqis iċ-ċirkustanzi tal-kawża, ikollha dritt li titlob evidenza mingħand l-applikant dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-familja (introjtu, tfaddil, proprietà oħra, obbligazzjonijiet), *data* dwar il-proprietà tal-familja li tkun qed tiġi trasferita, *data* mis-servizz ta' protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal dwar il-ġenituri tat-tfal, il-patti u l-kundizzjonijiet preliminari u l-prospetti ta' eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni futura, il-prospetti tad-drittijiet ta' minorenni li jkunu protetti jekk it-tranżazzjoni ma sseħx u evidenza oħra.

#### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Biex tikkumpila xhieda (f'konformità mal-Artikoli 199 u 206 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), qorti tista' titlob lil persuna ġuridika jew fiżika biex tippreżenta evidenza bil-miktub jew materjali, li trid tiġi ppreżentata direttament lill-qorti fi ħdan termini fissi. Meta l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi ma jkunux jistgħu jippreżentaw l-evidenza bil-miktub jew materjali mitluba jew ma jkunux jistgħu jagħmlu dan fi ħdan it-terminu f'fissat, dawn iridu javżaw lill-qorti dwar hekk u jindikaw ir-raġunijiet. Qorti tista' toħroġ għal persuna li titlob evidenza bil-miktub jew materjali ċertifikat li jintitola lill-persuna tikseb l-evidenza biex din tkun tista' tiġi ppreżentata lill-qorti.

Matul it-tnejn għal seduta tal-qorti, imħallef iwettaq ukoll attivitajiet proċedurali oħra li jkunu neċessarji għat-tnejn kif xieraq ta' kawża għal seduta l-qorti (jittlob evidenza li ma tistax tinkiseb mill-partiċipanti fil-proċedimenti, jikkumpila xhieda fuq inizjattiva tiegħu stess meta l-qorti tkun intitolata tagħmel hekk skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, eċċ.).

### 2.3 F'lema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Qorti tista' tiċċad evidenza fiċ-ċirkustanzi li ġejjin:

meta din tkun inammissibbli;

meta l-evidenza ma tikkonfermax u lanqas ma tiċċad fatti rilevanti għall-kawża (Artikolu 180 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

meta l-evidenza tkun setgħet ġiet ippreżentata qabel u l-preżentazzjoni aktar tard tagħha twassal biex jittardjaw il-proċedimenti (l-Artikolu 181(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Kwalunkwe dokument jew evidenza oħra li fuqha l-attur ikun qed jibbaża d-dikjarazzjonijiet tiegħu, prova li tħallset miżata tal-qorti u applikazzjonijiet biex tintalab evidenza li r-rikorrent ma jistax jippreżenta, filwaqt li jiġu indikati r-raġunijiet dwar għaliex ma tistax tiġi ppreżentata l-evidenza, għandhom jiġu mehmuża mad-dikjarazzjoni tat-talba biex qorti tkun tista' taċċettahom (l-Artikolu 135 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Ta' min jinnota wkoll li qorti tal-appell tiċċad milli taċċetta evidenza ġdida li setgħet ġiet ippreżentata quddiem qorti ġenerali flief f'każijiet li fihom qorti ġenerali tkun kañdet b'mod żbaljat milli taċċetta l-evidenza jew meta l-ħtieġa li tiġi ppreżentata tkun qamet wara (l-Artikolu 314 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Kif definit fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, l-evidenza fi proċedimenti ċivili tiffisser kwalunkwe *data* attwali li sservi bħala bażi biex qorti ssib skont il-proċedura statutorja jekk jeżistix ċirkustanzi li jissostanzjaw id-dikjarazzjonijiet u r-replik tal-partijiet kif ukoll kwalunkwe ċirkustanza oħra rilevanti biex tintlaħaq deċiżjoni ġusta fil-kawża. Din id-*data* tista' tinkiseb kif ġej: dikjarazzjonijiet tal-partijiet jew ta' partijiet terzi (b'mod dirett jew permezz ta' rappreżentant), testimonjanzi ta' xhieda, evidenza bil-miktub, evidenza materjali, protokoll ta' spezzjoni u rapporti tal-perit.

Ritratti u reġistrazzjonijiet b'awdu u b'vidjo miksuba legalment jistgħu jservu bħala evidenza wkoll.

### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

L-Artikoli 192 sa 217 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jstabbilixxu r-regoli li ġejjin li jirregolaw il-metodi għall-kumpilazzjoni ta' xhieda mingħand xhieda u xhieda esperti:

Il-proċedura ta' eżami tax-xhieda

Kull xhud jifharrek biex jidher f'awla tal-qorti u jiġi eżaminat b'mod individwali. Xhieda mhux eżaminata ma jistgħu jibqgħu fl-awla tal-qorti matul is-seduta. Ix-xhieda eżaminata jridu jibqgħu fl-awla tal-qorti sakemm tispiċċa s-seduta. Jekk ix-xhieda eżaminata jitolbu hekk, il-qorti tista' tippermettilhom jitolbu mill-awla tal-qorti wara li jkunu nstemgħu l-opinjoni tal-partiċipanti fil-proċedimenti.

Xhud jista' jiġi eżaminat *in situ* jekk ma jkunx jista' jidher quddiem qorti wara li jiġi mħarrek minħabba mard, età kbira, diżabilità jew raġuni sostanzjali oħra rikonoxxuta minn qorti u partiċipant fil-proċedimenti li jniedi s-sejħa tax-xhud ma jkunx jista' jiżgura d-dehra ta' dak ix-xhud quddiem qorti.

Il-qorti trid tidentifika x-xhud u tispeġja d-drittijiet u d-dmirijiet tax-xhud kif ukoll li hu jinżamm responsabbli jekk jigdeb taħt għurament u ma jissodisfax jew ma jissodisfax kif xieraq kwalunkwe dmir ieħor tiegħu.

Qabel ma jiġi eżaminat, xhud għandu jaħlef billi jqiegħed idu fuq il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja (*Lietuvos Respublikos Konstitucija*) u jgħid: "Jien, (isem sħiħ), b'onestà u b'fidi naħlef li ngħid il-verità mingħajr ma naħbi, inżid jew inbidel xi evidenza". Xhud għuramentat għandu jiffirma dawn il-kelmiet tal-ħalfa. Il-ħalfa ffirmata ti themeż mad-dokumenti tal-kawża.

Wara li tiddetermina r-relazzjoni tax-xhud mal-partijiet u ma' persuni terzi u ċirkustanzi oħra rilevanti għall-evalwazzjoni tal-evidenza tiegħu (edukazzjoni, okkupazzjoni tax-xhud, eċċ.), il-qorti għandha tordna lix-xhud biex jgħid lill-qorti dak kollu li jaf dwar il-każ u jevita milli jiżvela informazzjoni jekk ix-xhud ma jkunx jista' jispeċifika s-sors tiegħu.

Wara li jixhed, xhud jistgħu jsirulu mistoqsijiet. L-ewwel, xhud jiġi eżaminat mill-persuna li titlob li jiġi mħarrek u minn rappreżentant ta' dik il-persuna.

Imbagħad ix-xhud jiġi eżaminat minn partiċipanti oħra fil-proċedimenti. Xhud imħarrek fuq l-inizjattiva tal-qorti l-ewwel jiġi eżaminat mir-rikorrent. L-imħallef irid iwaqqaf mistoqsijiet qarrieqa u mistoqsijiet irrilevanti għall-kawża. L-imħallef hu intitolat jagħmel mistoqsijiet fi kwalunkwe waqt matul l-eżami tax-xhud. Jekk ikun hemm bżonn, fuq it-talba ta' partiċipant fil-proċedimenti jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-qorti tista' tirreżamina xhud fl-istess seduta, issejjaħ lix-xhud eżaminat għal seduta oħra tal-istess qorti jew tikkonfronta lix-xhieda kontra xulxin.

F'każijiet eċċezzjonali li fihom ikun impossibbli jew diffiċli li jiġi eżaminat xhud fil-qorti, il-qorti li tisma' kawża tkun intitolata li teżamina testimonjanza bil-miktub jekk, fl-opinjoni tal-qorti u b'kunsiderazzjoni tal-identità tax-xhud u tas-sustanza taċ-ċirkustanzi li dwarhom għandha tingħata testimonjanza, dan ma jkunx ser ikollu effett ta' detriment fuq l-istabbiliment tal-fatti essenzjali tal-kawża. Fuq l-inizjattiva tal-partijiet, xhud jista' jiġi mħarrek għal eżami addizzjonali fil-qorti jekk dak ikun neċessarju biex jiġu stabbiliti l-fatti tal-kawża f'dettall akbar. Qabel ma jixhed, ix-xhud irid jiffirma l-kelmiet tal-ħalfa stipulati fl-Artikolu 192(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u jitwissa malli jiffirma l-konferma li l-għoti ta' evidenza falza hu reat kriminali. It-testimonjanza bil-miktub trid tingħata fil-preżenza ta' nutar u tiġi ċertifikata min-nutar.

Eżami tal-esperti

Perizja tinqara għal kulħadd f'seduta tal-qorti. Qabel ma tinqara l-perizja, l-espert (l-esperti) li jagħti l-perizja u jieħu sehem fis-seduta tal-qorti jrid jaħlef billi jqiegħed idu fuq il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Litwanja u jgħid: "Jien, (isem sħiħ), naħlef li nwettag id-dmirijiet ta' espert fil-proċedimenti b'onestà u li nipproduċi perizja imparzjali u motivata fuq il-bażi tal-għarfien espert tiegħi". Jekk eżami jsir barra minn seduta tal-qorti, il-kelmiet tal-ħalfa ffirmata mill-espert jikkostitwixxu parti integrali mir-rapport tal-perit. L-esperti inklużi fil-Lista ta' Esperti tal-Qorti tar-Repubblika tal-Litwanja (*Lietuvos Respublikos teismo ekspertų sąrašas*) li ħafu fiż-żmien li ddaħħlu f'dik il-Lista m'għandhomx bżonn jaħlifu fil-qorti u jitqiesu li twisew li jinżammu responsabbli f'każ li jaqsmu opinjoni u dikjarazzjonijiet foloz.

Qorti hi intitolata li titlob lill espert jispeġja l-opinjoni tiegħu b'mod orali. L-ispeġgazzjoni orali ta' perizja tiġi inklużi fil-minuti tas-seduta tal-qorti.

L-esperti jistgħu jsirulhom mistoqsijiet biex jispeġgaw jew jissupplimentaw il-perizja. Il-persuna li titlob il-ħatra tagħhom ikollha l-ewwel opportunità li tagħmel mistoqsijiet. Imbagħad espert jistgħu jsirulu mistoqsijiet minn partiċipanti oħra fil-proċedimenti. Jekk espert jinħatar mill-qorti fuq inizjattiva tagħha stess, ir-rikorrent ikollu l-ewwel opportunità li jagħmel mistoqsijiet lill espert.

L-imħallfin huma intitolati li jagħmlu mistoqsijiet lill espert fi kwalunkwe waqt matul l-eżami tagħhom.

Il-perizja tiġi pprovduta biss fuq it-talba ta' qorti (u trid tiġi ppreżentata bil-miktub fil-forma ta' rapport tal-perit). Rapport tal-perit irid jinkludi deskrizzjoni dettaljata tal-investigazzjoni mwettqa, il-konklużjonijiet maħruġa fuq il-bażi tas-sejbiet, u tweġibiet motivati għall-mistoqsijiet li tagħmel il-qorti.

Jekk qorti titlob perizja mingħajr rapport tal-perit, il-perizja titqies li hi evidenza bil-miktub ippreżentata minn espert (simili għal partiċipanti oħra fil-proċedimenti) jew li hi mitluba mill-qorti taħt il-proċedura stabbilita bil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

L-Artikolu 198 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jstabbilixxi r-regoli li ġejjin għall-preżentazzjoni tal-evidenza bil-miktub:

L-evidenza bil-miktub tista' tiġi ppreżentata mill-partiċipanti fil-proċedimenti jew tintalab minn qorti f'konformità mal-proċedura stipulata mill-Kodiċi.

L-evidenza bil-miktub trid tiġi ppreżentata fil-forma stipulata mill-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili: parteċipant fil-proċedimenti li jissostanzja l-kontenut ta' dokument proċedurali b'evidenza bil-miktub irid jehmeż l-oriġinali jew il-kopji (kopji diġitali) ta' dan, kif iċċertifikati minn qorti, minn nutar (jew persuna oħra awtorizzata twettaq dmirijiet notarili), minn avukat li jieħu sehem fil-proċedimenti jew mill-persuna li toħroġ (tirċievi) id-dokument. Qorti tista' titlob, b'inizjattiva tagħha stess jew fuq it-talba ta' parteċipant fil-proċedimenti, li jiġu ppreżentati d-dokumenti oriġinali. Talba minn parteċipant fil-proċedimenti għal dokumenti oriġinali li għandhom jiġu sottomessi għandha tiġi ppreżentata mal-talba, mal-kontrotalba, mad-dikjarazzjoni tad-difiża jew ma' dokumenti proċedurali oħra tal-partiċipanti fil-proċedimenti. Il-partiċipanti fil-proċedimenti jistgħu jippreżentaw talba bħal din f'data aktar tard meta l-qorti tagħraf li r-raġunijiet għan-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' talba aktar kmieni huma validi jew meta l-ilqugħ tat-talba inkwistjoni ma jittardjax ir-risoluzzjoni tal-kawża. F'każijiet li fihom parti biss minn dokument tkun relatata mal-kontenut tad-dokumenti proċedurali, il-partijiet rilevanti biss (siltiet, estratti) jistgħu jiġu ppreżentati lill-qorti. Id-dokumenti proċedurali kollha u l-appendiċċijiet għal dawn iridu jiġu ppreżentati lill-qorti bil-Litwan flief fil-każ ta' ċerti eċċezzjonijiet stabbiliti mil-leġislazzjoni. Meta l-partiċipanti fil-proċedimenti li lilhom iridu jiġu notifikati d-dokumenti proċedurali ma jkunux jifhemu bil-Litwan, it-traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti f'lingwa li huma jifhemu trid tiġi ppreżentata lill-qorti. Meta d-dokumenti li jkunu jridu jiġu ppreżentati jkunu meħtieġa skont il-Kodiċi li jiġu tradotti f'lingwa barranija, il-partiċipanti fil-proċedimentu jridu jippreżentaw traduzzjonijiet iċċertifikati ta' dawn lill-qorti f'konformità mal-proċedura legali stabbilita. Id-dokumenti oriġinali f'fajl tal-kawża jistgħu jiġu ritornati fuq it-talba ta' dawk li jippreżentawhom. F'dak il-każ, il-kopji tad-dokumenti li jridu jiġu ritornati, iċċertifikati f'konformità mal-proċedura stipulata mill-Kodiċi, iridu jinżammu fil-fajl.

## **2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Skont l-Artikolu 197 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, id-dokumenti maħruġa minn awtoritajiet tal-istat u muniċipali li jkunu ġew approvati minn persuni awtorizzati mill-istat fi ħdan il-limiti tal-kompetenza tagħhom u f'konformità mar-rekwiżiti applikati għall-forma ta' dokumenti partikolari jistgħu jiġu kkunsidrati li huma evidenza uffiċjali bil-miktub u għandu jkollhom effett evidenzjarju msaħħaħ. Fatti indikati fl-evidenza uffiċjali bil-miktub jitqiesu li huma pprovat għalkollox sakemm ma jintwerix bil-kontra permezz ta' evidenza oħra fil-proċedimenti, flief għal evidenza tax-xhieda. Projbizzjoni tal-użu tal-evidenza tax-xhieda ma tapplikax meta din tkun tmur kontra l-prinċipji ta' rieda tajba, ta' ġustizzja u ta' raġonevolezza. Il-valur probatorju tal-evidenza uffiċjali bil-miktub jista' jingħata wkoll lil dokumenti oħra kif ukoll minn atti leġislativi.

## **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Iċ-ċirkustanzi ta' kawża li jkunu meħtieġa mil-liġi biex jintwerew bil-provi permezz ta' mezzi ta' evidenza ma jistgħux jintwerew bil-provi b'xi mezz ieħor ta' evidenza (l-Artikolu 177(4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Persuna mħarrka bħala xhud trid tidher quddiem il-qorti u tixhed b'mod veritier. Persuna mħarrka bħala xhud tinżamm responsabbli skont il-liġi jekk tonqos milli tissodisfa d-dmirijiet ta' xhud (l-Artikolu 191), jiġifieri tista' tiġi imposta fuqhom multa.

## **2.9 F'lema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Xhud jista' jiċċad milli jixhed meta t-tali evidenza tkun tikkostitwixxi evidenza kontrih stess, kontra membri tal-familja tiegħu jew kontra qraba li jiġu minnu mill-viċin.

## **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Meta x-xhieda, l-esperti jew l-interpreti jonqsu milli jidher f'seduta, il-qorti titlob lill-persuni li jieħdu sehem fil-proċedimenti jekk il-kawża tagħhom tistax tinstema' fin-nuqqas ta' xhieda, ta' esperti jew ta' interpreti u tiddeċiedi li s-seduta tal-qorti se tissokta jew tiġi differita. Meta xhud, espert jew interpret mħarreġ jonqsu milli jidher quddiem il-qorti mingħajr raġuni valida, dan jista' jkun soġġett għal multa li tasal sa elf lita. Xhud jista' jiġi mġiegħel jidher quddiem qorti wkoll fuq il-bażi ta' deċiżjoni tal-qorti (l-Artikolu 248 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

## **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Il-persuni li ġejjin ma jistgħux jiġu eżaminati bħala xhieda:

rappreżentanti fi proċedimenti ċivili u amministrattivi jew avukat difensur fi proċedimenti kriminali, dwar ċirkustanzi li jsiru jafu bihom fil-kapaċità tagħhom bħala rappreżentant jew avukat difensur;

persuni li mhumix kapaċi jifhemu ċ-ċirkustanzi rilevanti għall-kawża jew jixhdu ġustament minħabba diżabbiltajiet fiżiċi jew mentali;

qassisin, dwar ċirkustanzi miksuba fi qrara;

il-professjoni medika, dwar ċirkustanzi koperti mis-segretezza professjonali;

medjaturi, dwar ċirkustanzi li huma saru jafu bihom matul proċedura ta' medjazzjoni konċiljatorja.

Il-liġi tista' tiddefinixxi persuni oħra wkoll.

## **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'lema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Wara li tiċċara r-relazzjoni tax-xhud mal-partijiet, ma' persuni terzi u ma' ċirkustanzi oħra rilevanti għall-evalwazzjoni tax-xhieda (l-edukazzjoni, l-okkupazzjoni tax-xhud, eċċ.), il-qorti tistieden lix-xhud biex jgħid lill-qorti dak kollu li jaf rigward il-każ u jevita kwalunkwe informazzjoni jekk ix-xhud ma jkunx jista' jispjega s-sors tiegħu.

Wara li jixhed, xhud jistgħu jsirulu mistoqsijiet. L-ewwel, xhud jiġi eżaminat mill-persuna li titlob li x-xhud jiġi mħarreġ u minn rappreżentant ta' dik il-persuna, u mbagħad minn parteċipanti oħra fil-proċedimenti. Xhud imħarreġ fuq l-inizjattiva tal-qorti l-ewwel jiġi eżaminat mir-rikorrent. L-imħallef irid iwaqqaf mistoqsijiet qarrieqa u mistoqsijiet irrilevanti għall-kawża. L-imħallef hu intitolat jagħmel mistoqsijiet fi kwalunkwe waqt matul l-eżami tax-xhud. Jekk ikun hemm bżonn, fuq it-talba ta' parteċipant fil-proċedimenti jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-qorti tista' tirreżamina xhud fl-istess seduta, issejjaħ lix-xhud eżaminat għal seduta oħra tal-istess qorti jew tikkonfronta lix-xhieda kontra xulxin.

F'każijiet eċċezzjonali li fihom ikun impossibbli jew diffiċli li jiġi eżaminat xhud fil-qorti, il-qorti li tisma' kawża tkun intitolata li teżamina testimonjanza bil-miktub meta, fl-opinjoni tal-qorti u b'kunsiderazzjoni tal-identità tax-xhud u tas-sustanza taċ-ċirkustanzi li dwarhom għandha tingħata testimonjanza, dan ma jkunx ser ikollu effett ta' detriment fuq l-istabbiltà tal-fatti essenzjali tal-kawża. Fuq l-inizjattiva tal-partijiet, xhud jista' jiġi mħarreġ għal eżami addizzjonali fil-qorti meta dak ikun neċessarju biex jiġu stabbiliti l-fatti tal-kawża f'dettall akbar. Qabel ma jixhed, xhud irid jiffirma l-kelmiet predeterminati tal-ħalfa u jitwissa malli jiffirma l-konferma li l-għoti ta' evidenza falza hu reat kriminali. It-testimonjanza bil-miktub trid tingħata fil-preżenza ta' nutar u tiġi ċċertifikata min-nutar.

Il-partiċipazzjoni f'seduti tal-qorti mill-partiċipanti fil-proċedimenti u fl-eżami tax-xhieda *in situ* tista' tiġi żgurata permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni elettronika (permezz ta' vidjokonferenzi, telekonferenzi, eċċ.). Meta jintużaw teknoloġiji bħal dawn f'konformità mal-proċedura stabbilita mill-Ministeru tal-Ġustizzja, irid jiġi żgurat li l-partiċipanti fil-proċedimenti jiġu identifikati b'mod affidabbli u li d-*data* (l-evidenza) tiġi reġistrata u ppreżentata b'mod oġġettiv.

Barra minn hekk, l-Artikolu 803 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jipprovdi għall-possibbiltà li l-qorti tar-Repubblika tal-Litwanja jitlobu lill-qorti ta' stat ieħor biex tuża teknoloġiji tal-komunikazzjoni (vidjokonferenzi, telekonferenzi, eċċ.) waqt li tikkumpila x-xhieda.

## **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

Qorti tevalwa l-evidenza fil-proċedimenti f'konformità mal-konvinzjoni tagħha stess fuq il-bażi tal-eżami komprensiv u mingħajr preġudizzju tal-fatti ppreżentati fil-proċedimenti u f'konformità mal-liġi.

### 3.1 Meta l-provi ma jkunx inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Id-*data* fattwali tiġi stabbilita bil-mezzi li ġejjin: dikjarazzjonijiet mill-partijiet u minn persuni terzi (direttament jew permezz ta' rappreżentant), testimonjanzi ta' xhieda, evidenza bil-miktub, evidenza materjali, protokoll ta' spezzjoni, konklużjonijiet ta' esperti, ritratti u reġistrazzjonijiet b'vidjo u b'awdjo miksuba legalment u biċċiet oħra ta' evidenza. *Data* fattwali li tikkostitwixxi sigriet statali jew professjonali normalment ma tkunx tista' sservi bħala evidenza fil-proċedimenti ċivili sakemm ma tiġi deklassifikata f'konformità mal-proċedura statutorja. *Data* riċevuta matul proċedura ta' medjazzjoni konċiljatorja ma tistax isservi bħala evidenza fil-proċedimenti ċivili flieq fil-każijiet previsti mil-Liġi dwar il-Medjazzjoni Konċiljatorja f'Tilwimiet Ċivili.


Ta' min jinnota wkoll li f'konformità mal-Artikolu 185 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, qorti trid tevalwa l-evidenza fil-proċedimenti f'konformità mal-konvinzjoni tagħha stess fuq il-bażi tal-eżami komprensiv u mingħajr preġudizzju tal-fatti ppreżentati fil-proċedimenti u f'konformità mal-liġi. L-ebda evidenza m'għandu jkollha xi effett predefinit fuq qorti, flieq meta dan ikun previst fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Iva (ara l-punt 2.4).

L-aħħar aġġornament: 21/11/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Smigħ ta' xhieda - Lussemburgu

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Fil-liġi Lussemburġiża, il-prinċipju huwa li dak li jitolb l-eżekuzzjoni ta' obbligu jrid jippruvah. Min-naħa l-oħra, min isostni li jkun illiberat mill-obbligu, irid jipprova li sar il-flas jew sar il-fatt li temm l-obbligu tiegħu.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

F'ċerti każijiet, il-liġi Lussemburġiża tipprevedu preżunzjonijiet li jlliberaw persuna milli jkollha tipprova affarijiet impossibbli jew li jkunu diffiċli li tistabbilihom. Il-preżunzjonijiet huma konsegwenzi li l-liġi jew l-imħallef joħorġu minn fatt magħruf dwar fatt mhux magħruf.

Il-liġi tiddistingwi bejn żewġ kategoriji ta' preżunzjonijiet: Minn naħa, il-preżunzjoni legali li tkun marbuta ma' ċerti atti jew fatti minn liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, il-preżunzjonijiet mhux stabbiliti mil-liġi, li jitħallew fid-diskrezzjoni tal-imħallef li jaċċetta biss preżunzjonijiet serji, preċiżi u konsistenti.

B'mod ġenerali, huwa possibbli li tinġab prova kuntrarja għall-preżunzjoni. Pereżempju, tifel imwieled fi żwieġ huwa preżunt li jkun bin ir-raġel t'ommu.

Madankollu, tista' tinfetaħ kawża li tikkontesta l-paternità.

F'każijiet iktar rari, il-preżunzjonijiet huma irrifutabbli. Dan ifisser li ma tistax tinġab prova kuntrarja.

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

L-apprezzament tal-fatti jitħalla fid-diskrezzjoni assoluta tal-imħallef. F'każ ta' dubju, l-imħallef jivverifika hemmx provi serji, preċiżi u konsistenti u jilqa' jew jidher il-provi skont kemm ikunu plawżibbli l-fatti allegati.

### 2 Is-smigħ tal-provi

#### 2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Il-ġbir tal-provi jista' jiġi ordnat minn imħallef fuq talba ta' parti minnhom. Madankollu, f'ċerti każijiet, l-imħallef jista' jiġbor provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess.

#### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

L-imħallef jgħarraf lill-espert maħtur bin-natura tal-kompitu tiegħu. Il-partijiet għall-kawża u l-partijiet terzi li jridu jassistu l-investigazzjoni jitħarrku mill-espert. Skont il-prinċipju tal-kawżi ta' tilwim ix-xhieda tinstema' fil-preżenza tal-partijiet.

#### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Il-ġbir tal-provi tista' tiġi ordnata kull meta mħallef ma jkollux biżżejjed informazzjoni biex jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuqha.

Il-ġbir tal-provi fir-rigward ta' fatt allegat jista' jiġi ordnat biss jekk il-parti li qed tallega ma jkollhiex biżżejjed evidenza biex tipprova l-allegazzjoni. Fl-ebda każ ma jista' jiġi ordnat il-ġbir tal-provi biex jikkompensa għan-negliġenza tal-parti fil-ġbir tal-provi favuriha.

L-imħallef irid jillimita wkoll l-għażla ta' din il-miżura għal dak li jkun biżżejjed biex jaqta' l-kawża u jrid jagħżel l-eħfef u l-irħas soluzzjoni.

#### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Il-mezzi differenti ta' provi huma l-prova dokumentata, ix-xhieda, il-preżunzjonijiet, l-ammissjoni u l-ġuramenti.

#### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

Metodi użati għall-ġbir tal-provi minn xhieda u minn xhieda esperti:

Meta x-xhieda tkun ammissibbli, l-imħallef jista' jirċievi dikjarazzjonijiet mingħand terzi li, minħabba l-għarfien personali tal-fatti kkonċernati, jistgħu jkunu jistgħu jiċċarawhom. Dawn id-dikjarazzjonijiet isiru f'forma ta' stqarrijiet jew jinġabru permezz ta' inkjesta skont ikun saru bil-miktub jew oralment.

L-imħallef jista' jistaqsi lil min irid biex jiċċaralu l-fatti permezz ta' stqarrija, konsultazzjoni, jew opinjoni esperta dwar kwistjoni ta' fatti li teħtieġ li tiġi ċċarata minn espert. Jekk l-opinjoni ma jkunx hemm b'zonn li ssir bil-miktub, l-imħallef jista' jippermetti li xhieda esperti jagħtu l-opinjoni tagħhom oralment fis-seduta; imbagħad jifassal *procès-verbal* li jiġi ffirmat mill-imħallef u mill-iskrivan tal-qorti

Regoli applikabbli għall-preżentazzjoni tal-provi bil-miktub u tal-preżentazzjoni ta' rapporti u opinjonijiet tal-esperti bil-miktub:

Provi bil-miktub:

Parti li qed tibbaża l-kawża tagħha fuq dokument trid tikkomunikah lil kull parti oħra minnufih. Il-komunikazzjoni ssir bi rċevuta jew b'depożitu fir-reġistru tal-qorti. Il-komunikazzjoni tad-dokumenti trid tkun spontanja.

Rapporti jew opinjonijiet tal-esperti bil-miktub:

L-esperti jiddepożitaw ir-rapport mar-reġistru tal-qorti. Anke jekk ikun hemm bosta esperti, ir-rapport ippreżentat ikun wieħed; f'każ ta' diverġenza, kull wieħed jindika l-opinjoni tiegħu. Jekk l-espert jitolb l-opinjoni ta' espert ieħor bi speċjalizzazzjoni differenti minn tiegħu, dik l-opinjoni tinhemeż, skont il-każ mal-*procès-verbal* tas-seduta jew mal-fajl.

#### 2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Ċerti metodi ta' provi fihom iktar saħħa minn oħrajn:



Att awtentiku mfassal minn uffiċjal pubbliku (nutar, bailiff) waqt l-eżekuzzjoni ta' xogħlu. Dan huwa prova sakemm ma jiġix ippruvat li jkun falz. Ftehim privat imfassal mill-partijiet stess u ffirmat minnhom, mingħajr l-involvement ta' uffiċjal pubbliku. Dan huwa prova sakemm ma tingabx prova kuntrarja. Ix-xhieda, kif ukoll metodi oħra ta' provi, jiġihallew għad-diskrezzjoni libera tal-imħallef.

### **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Biex jiġi stabbilit att ġuridiku (kuntratt) fejn il-valur jaqbeż l-EUR 2500 hemm bżonn ta' prova bil-miktub. Min-naħa l-oħra, il-prova ta' fatt (inċident ...) tista' tiegħu kwalunkwe forma.

### **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Il-liġi tobbliga x-xhieda biex jikkooperaw fil-proċedimenti ġudizzjarji biex tinkixef il-verità.

### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Min ikollu raġuni valida jista' jiġi eżentat milli jixhed. Il-ġenituri u l-qraba fil-linja diretta ta' waħda mill-partijiet kif ukoll il-konjuġi tagħha, anke jekk iddivorzjati, jistgħu jirrifjutaw li jixhdu.

### **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Xhieda li ma jidhrux jistgħu jiġiharku u jkollhom iġorru l-ispejjeż tat-taħrika jekk ix-xhieda tagħhom tkun neċessarja. Xhieda li ma jidhrux u min jirrifjuta li jixhed jew li jieħu l-ġurament mingħajr raġuni valida jista' jkun ikkundannat għal ammenda ċivili ta' minn EUR 50 sa EUR 2 500.

Min ikollu ġustifikazzjoni għalix ma setax jidher fil-jum stipulat jista' titneħħielu l-ammenda u l-obbligu li jħallas l-ispejjeż tat-taħrika.

### **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Kulħadd jista' jittella' b'ħala xhud ħlief min hu meqjus inkapaċi li jixhed.

Min ma jistax jixhed jista' madankollu jinstema' taħt l-istess kundizzjonijiet imma mingħajr ma jieħu l-ġurament. Madankollu, id-dixxendenti qatt ma jistgħu jixhdu dwar fatti invokati minn konjuġi f'kawża għal divorzju jew separazzjoni.

### **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Ir-rwol tal-imħallef u l-partijiet waqt is-smiġħ ta' xhieda

L-imħallef jisma' lix-xhieda separatament u fl-ordni li jagħżel hu fil-preżenza tal-partijiet jew wara li jkun ssejgħu l-partijiet. Ix-xhieda ma jistgħux jaqraw it-testimonjanza tagħhom.

L-imħallef jista' jisma' jew jinterroga lix-xhieda dwar il-fatti kollha meta l-prova tkun ammissibbli mil-liġi, anke jekk dawn il-fatti ma jkunux imsemmija fid-deċiżjoni li tiġi ordnata l-inkjesta. Huwa jista' jerġa' jisma' lix-xhieda, jikkonfrontahom ma' xulxin jew mal-partijiet u jekk ikun hemm bżonn, jisma' x-xhieda tagħhom fil-preżenza ta' espert tekniku.

Il-partijiet ma jistgħu la jinterrompu, la jinterpellaw, la jipprovaw jinfluenzaw lix-xhieda waqt li jixhdu u lanqas jindirizzawhom direttament, bil-piena tal-esklużjoni. Wara l-interrogazzjoni, jekk iħoss li jkun hemm bżonn, l-imħallef jista' jistaqsi lix-xhieda mistoqsijiet li jkun sottomettewlu l-partijiet.

Vidjokonferenza jew mezzi tekniċi oħrajn

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali huwa maħsub biex itejjeb, jissemplifika u jaċċellera l-kooperazzjoni bejn il-ġurisdizzjonijiet tal-Istati Membri għall-ġbir u l-amministrazzjoni tal-provi. Fil-liġi Lussemburġiża ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika li tikkonċerna l-vidjokonferenzi. Dawn huma suġġetti għall-artikoli tal-Kodiċi l-ġdid tal-proċedura ċivili rigward is-smiġħ tax-xhieda, il-verifika personali tal-imħallef u x-xhieda mogħtija personalment. Il-qrati huma attrezzati bit-tagħmir tekniku neċessarju. Fil-jum stipulat għall-vidjokonferenza jkun hemm preżenti mħallef, uffiċjal tar-reġistru, interpretu u espert.

L-imħallef jista' jordna l-awdjoreġistrazzjoni jew il-vidjoreġistrazzjoni tal-inkjesti preparatorji kollha jew parti minnhom. Ir-reġistrazzjoni tinżamm fir-reġistru tal-qorti. Kull parti tista' titlob kopja jew traskrizzjoni u ġġarrab l-ispejjeż ta' dan.

## **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

### **3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

It-tribunal ma jqisx il-provi miksba illegalment, b'hal pereżempju kamera moħbija jew reġistrazzjoni ta' telefonati li l-persuna ma tkunx taf bihom.

### **3.2 B'hal parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd b'hal prova?**

L-istqarrijiet li jsiru minn parti fil-kawża stess waqt il-proċess, fil-prinċipju, ma għandhomx il-valur ta' prova.

### **Ftoq relatati**

<http://www.legilux.lu/>

L-aħħar aġġornament: 13/05/2020

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **Smigħ ta' xhieda - Ungerja**

### **1 L-oneru tal-provi**

L-oneru tal-provi jaqa' fuq il-parti li l-interessi tagħha jkun affettwati b'mod negattiv jekk l-isforz biex tipprovi evidenza ma jirnexxi.

#### **1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?**

Huwa l-obbligu tal-partijiet li jaffermaw il-fatti rilevanti tal-każ u jipprovdu evidenza b'appoġġ għall-affermazzjonijiet tagħhom, sakemm il-liġi ma tipprovdi mod ieħor. Sakemm il-liġi ma tipprovdi mod ieħor, il-fatti rilevanti f'każ għandhom jiġu ppruvati mill-parti li jkollha interess fil-fatt li tkun ġiet aċċettata mill-qorti b'hal l-verità, u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' evidenza jew nuqqas ta' prova ta' dan il-fatt jiġu mġarrba mill-istess parti. F'tilwima tax-xogħol min iħaddem għandu jagħti prova tal-kontenut ta' kwalunkwe ftehim kollettiv, kwalunkwe regola interna u struzzjoni li huma meħtieġa biex tiġi deċiża t-talba u ta' kwalunkwe dokument prodott b'hal parti mill-operazzjonijiet ta' min iħaddem li huwa meħtieġ biex tintlaħaq deċiżjoni dwar it-tilwima legali, tal-korrettezza tal-kalkoli relatati mal-benefiċċji mitluba, jekk ikunu kkontestati, u tal-ħlas ta' kwalunkwe benefiċċju, fil-każ ta' tilwima dwar il-pagi.

F'tilwima li tikkonċerna relazzjoni ta' impjeg ta' servizz pubbliku, il-korp tas-settur pubbliku għandu jagħti prova tal-kontenut tad-dispożizzjonijiet u l-istruzzjonijiet ġeneralment applikabbli li huma meħtieġa biex tiġi deċiża t-talba u ta' kwalunkwe dokument prodott b'hal parti mill-operazzjonijiet tal-korp tas-settur pubbliku li huma meħtieġa biex tintlaħaq deċiżjoni dwar it-tilwima legali, tal-korrettezza tal-kalkoli kkontestati relatati mal-benefiċċji mitluba, u tal-ħlas ta' kwalunkwe benefiċċju, fil-każ ta' tilwima dwar il-pagi.

#### **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

Jekk ikun hemm inkapaċità li tingħata prova, il-fatt li tiegħu għandha tingħata prova mill-parti milquta minn tali inkapaċità jista' jkun aċċettat mill-qorti b'hal l-verità, jekk ma jkollha l-ebda dubju rigward il-veraċità tiegħu. Dikjarazzjoni ta' fatt tista' tiġi aċċettata mill-qorti b'hal l-verità jekk ma jkollha l-ebda dubju dwar il-veraċità tagħha u, jekk tkun rikonoxxuta mill-parti opposta, tkun ippreżentata mill-partijiet b'mod identiku, ma tkunx ikkontestata mill-parti opposta minkejja l-

qorti tkun appellat lilu jew lilha biex tagħmel hekk, jew għandha titqies bħala mhux ikkontestata skont dan l-Att. Fatti li huma kkunsidrati mill-qorti bħala magħrufa, jew li l-qorti għandha l-għarfien uffiċjali tagħhom, huma kkunsidrati mill-qorti anki jekk l-ebda waħda mill-partijiet ma tkunu invokathom. Il-qorti tikkunsidra l-preżunzjonijiet statutorji *ex officio*, inklużi ċirkustanzi li, bis-saħħa tal-liġi u sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor, għandhom jiġu kkunsidrati bħala veri. Pereżempju, fil-liġi tal-familja, hemm numru limitat ta' preżunzjonijiet u fatti irrefutabbli li l-liġi ma tippermettix li jiġu ribattjati.

### **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Ir-regoli tal-proċedimenti ċivili Ungeriżi ma jipprevedu l-ebda grad minimu ta' ċertezza mill-qorti. Sakemm il-liġi ma tipprovdi mod ieħor, il-qorti mhix ristretta għall-applikazzjoni ta' regoli formali speċifiċi, metodi jew mezzi ta' prova u hija f'lealtà li sserraħ fuq evidenza mill-partijiet jew kwalunkwe prova oħra li tkun xierqa biex tistabbilixxi l-fatti tal-każ. Dan, madankollu, ma japplikax għal preżunzjonijiet statutorji, inklużi dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jistipulaw li ċerti fatti għandhom jitqiesu bħala veri sakemm ma tingħatax prova kuntrarja. Il-qorti tistabbilixxi l-fatti rilevanti tal-każ billi tqabbel, u tevalwa individwalment u b'mod konġunt id-dikjarazzjonijiet u l-kondotta tal-partijiet waqt il-proċedimenti, kif ukoll l-evidenza skoperta waqt is-seduta u data oħra relatati mal-azzjoni, skont il-konvinzjoni tagħha.

## **2 Is-smiġ tal-provi**

Il-qorti tisma' evidenza biex tistabbilixxi l-fatti meħtieġa għal deċiżjoni dwar tilwima.

### **2.1 Għas-smiġ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Sakemm il-liġi ma tipprovdi mod ieħor, għandu jingħata prova tal-fatti rilevanti f'każ mill-parti li jkollha interess fil-fatt li tkun ġiet aċċettata mill-qorti bħala l-verità, u l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' evidenza jew nuqqas ta' prova ta' dan il-fatt jiġu mġarrba mill-istess parti. Fi proċedimenti ċivili, il-qorti tista' tordna l-kompilazzjoni ta' xhieda *ex officio*, jekk dan huwa permess mil-liġi.

Fil-proċedimenti amministrattivi, il-qorti tista' tordna l-kompilazzjoni ta' xhieda *ex officio* fir-rigward ta' fatti jew evidenza b'appoġġ għaċ-ċirkostanzi li għandha tiegħu inkunsiderazzjoni *ex officio*, jekk issir referenza għal ksur li jipperikola minuri jew persuna intitolata għall-benefiċċji tad-diżabilità jew jekk il-liġi tipprovdi hekk.

### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Ix-xhieda jinstemgħu, l-opinjoni jġu miksuba minn esperti u, jekk ikun hemm bżonn, jinstemgħu l-esperti, isiru spezzjonijiet, id-detenturi tad-dokumenti, reġistrazzjonijiet tal-vidjow, reġistrazzjonijiet tal-ħsejjes, reġistrazzjonijiet tal-ħsejjes u vidjows jew evidenza materjali oħra jiġu ordnati biex jippreżentawhom.

### **2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Il-qorti mhix marbuta bl-ebda applikazzjoni ta' preżentazzjoni ta' evidenza li tkun sottomessa minn parti jew bid-deċiżjoni tagħha fir-rigward tal-ġoti tal-provi. Il-qorti tista' tiċħad applikazzjoni għall-ġoti ta' provi jekk l-applikazzjoni għall-ġoti ta' provi ma tkunx ġiet sottomessa skont id-dispożizzjonijiet tal-Att CXXX tal-2016 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, sakemm ma jkunx previst mod ieħor mil-liġi, jew jekk il-parti obligata li għarrab bil-quddiem l-ispejjeż tal-kompilazzjoni ta' xhieda ma ssodisfax l-obbligu tiegħu jew tagħha li tħallas il-pagament bil-quddiem, minkejja li tkun ġiet mitluba tagħmel dan. Il-qorti tirrifjuta applikazzjoni għall-ġoti ta' provi jew twaqqaf il-kompilazzjoni ta' xhieda diġà ordnata jekk din ma tkunx neċessarja biex tingħata sentenza fuq tilwima legali.

### **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

B'mod partikolari, il-mezzi tal-prova jinkludu evidenza miksuba minn xhieda, opinjonijiet esperti, dokumenti, reġistrazzjonijiet tal-vidjow, reġistrazzjonijiet tal-ħsejjes, reġistrazzjonijiet tal-vidjow u ħsejjes u evidenza materjali oħra. Il-mezzi ta' prova ma jistgħux jiġu ammessi jekk esklużi mil-liġi jew jekk ikunu soġġetti għal kundizzjonijiet, sakemm ma jintlaħqux il-kundizzjonijiet. L-evidenza tista' tittieħed permezz ta' spezzjoni. Fil-proċeduri ma tista' ssir l-ebda dikjarazzjoni ġuramentata.

### **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

Bi qbil mal-prinċipju ta' evidenza diretta, bħala regola ġenerali x-xhieda u l-esperti jagħtu xhieda waqt seduta. Jekk parti tixtieq tagħti prova tal-allegazzjonijiet tagħha b'dokumenti, hija għandha tehmeż id-dokument mal-applikazzjoni tagħha jew għandha tippreżentahom waqt is-seduta. Mill-inqas traduzzjoni Ungeriża sempliċi tad-dokument trid tkun mehmuża ma' dokument f'lingwa barranija. Jekk ikun hemm xi dubju dwar l-eżattezza jew il-kompletezza tat-test tradott, trid tintuża traduzzjoni ċertifikata, li fin-nuqqas tagħha l-qorti tinjora d-dokument. Fuq talba tal-parti li tippreżenta l-provi, il-qorti tista' tobbliga lill-parti b'interessi opposti biex tagħmel disponibbli kull dokument li jkun fil-pussess tiegħu jew tagħha u li hu jew hi tkun obligata li tirrilaxxa jew tippreżenta xorta waħda skont ir-regoli tal-liġi ċivili. B'mod partikolari, il-parti li għandha interessi opposti hija soġġetta għal tali obbligu jekk id-dokument infaheg fl-interess tal-parti li tippreżenta evidenza jew li tattesta relazzjoni legali dwar din l-aħħar parti, jew hi relatata ma' seduta relatata ma' tali relazzjoni legali. Jekk id-dokument ikun fil-pussess ta' persuna li mhix qed tipparteċipa fl-azzjoni, il-qorti għandu jkollha d-dokument disponibbli billi tapplika r-regoli dwar l-ispezzjoni. Jekk mozzjoni biex tiġi ppreżenta l-evidenza hija sottomessa minn parti, il-qorti tirranġa li tikseb dokumenti jew *data* miżmuma minn qorti, nutar, awtorità pubblika oħra, korp amministrattiv jew organizzazzjoni oħra, sakemm ir-rilaxx tad-dokument jew tad-*data* ma jistax jintalab mill-parti direttament. Mhux meħtieġ li jinkiseb id-dokument oriġinali jekk ma jkunx hemm bżonn li jiġi spezzjonat u l-parti tippreżenta kopja ċertifikata jew sempliċi tiegħu waqt is-seduta. It-trażmissjoni ta' dokument tista' tiġi rrifjutata biss jekk fiha informazzjoni klassifikata.

### **2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħathom minn oħrajn?**

Ġeneralment le.

### **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

M'hemm l-ebda obbligu bħal dan, b'mod ġenerali. F'każijiet eċċezzjonali, pereżempju fil-proċedimenti biex tiddikjara l-inkapaċità ta' persuna, il-qorti hija meħtieġa tistieden espert psikjatriku mediku biex tevalwa l-istat mentali tal-konvenut.

### **2.8 Ix-xhieda huma obligati bil-liġi li jixhdu?**

Iva, imma f'ċerti każijiet huma jistgħu jirrifjutaw li jixhdu.

### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Il-persuni li għajjin jistgħu jirrifjutaw li jagħtu evidenza:

qraba ta' kull parti;

persuna li fix-xhieda tiegħu jew tagħha tista' tinkrimina lilha nnifisha jew lil qarib tagħha li tkun ikkommettiet reat kriminali fir-rigward tal-kwistjoni rilevanti;

persuna li hija marbuta b'segretezza mill-professjoni tiegħu/tagħha jekk ix-xhieda tagħha tkun tfixxer li tikser l-obbligu tas-segretezza tagħha, sakemm il-parti konċernata teżentahom minn dak l-obbligu;

persuna marbuta bil-kunfidenzjalità tas-sigriet kummerċjali fir-rigward ta' kwistjonijiet li fihom tagħti evidenza jkun ifisser li jinkiser dak l-obbligu ta' kunfidenzjalità, sakemm id-*data* kkonċernata mix-xhieda ma tikkwalifikax bħala sigriet kummerċjali taħt l-Att dwar l-aċċessibilità ta' *data* ta' interess pubbliku u *data* aċċessibbli għal raġunijiet ta' interess pubbliku, jew jekk is-suġġett tal-proċediment huwa d-deċiżjoni fuq jekk id-*data* mogħtija hijex ta' interess pubbliku jew le jew hijex aċċessibbli għal raġunijiet ta' interess pubbliku;

il-medjatur/l-espert fil-proċedimenti ta' medjazzjoni involuti fit-tilwima, il-fornituri tal-kontenut tal-midja u l-persuni f'impjeg jew relazzjoni simili ma' dawk il-fornituri, fir-rigward ta' kwistjonijiet li fihom ix-xhieda tagħhom tkun f'fisser li tiżvela l-identità tal-persuna li tathom l-informazzjoni fil-kuntest tal-attività tiegħu /tagħha bħala fornitur ta' kontenut tal-midja.

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Xhieda, esperti maħtura fil-qorti, sidien ta' dokument jew oġġett soġġett għall-ispezzjoni, u persuni oħra li l-parteċipazzjoni tagħhom fil-kumpilazzjoni ta' xhieda hija meqjusa neċessarja mill-qorti (iktar 'il quddiem flimkien: "kontributuri") huma obbligati li jikkontribwixxu għall-evidenza li tkun qed tittiefed. Jekk kontributur jonqos milli jwettaq l-obbligu tiegħu jew tagħha mingħajr ma jitolb minn qabel li jiġi skużat għal raġuni tajba li hu jew hi kapaċi jsostru, il-qorti għandha tobbliga lill-kontributur biex iħallas lura l-ispejjeż imġarrba, tista' timponi multa fuq il-kontributur, tista' tordna d-dehra obligatorja tal-kontributur, tista' tnaqqas ir-remunerazzjoni tal-kontributur, u tista' tinforma lis-superjuri, lis-superviżur jew lil min iħaddem lill-kontributur dwar in-nuqqas tiegħu li jattendi. Il-qorti tista' tapplika iktar minn waħda minn dawn il-miżuri ta' sfurzar fl-istess ħin.

Miżuri ta' sfurzar ma jistgħu jiġu applikati kontra minuri taħt l-età ta' erbatax, iżda r-rappreżentant legali tiegħu jew tagħha jistgħu jintalbu jirrimborsaw l-ispejjeż imġarrba u jistgħu jkunu soġġetti għal multa.

Jekk kontributur iwettaq l-obbligu tiegħu jew tagħha jew japplika biex jiġi skużat għal raġuni tajba li hu jew hi jistgħu jissostanzjaw wara l-applikazzjoni ta' kwalunkwe miżura ta' sfurzar, l-ordni fuq il-miżura ta' sfurzar titwarrab mill-qorti.

Xhud jista' jressaq appell separat kontra d-deċiżjoni li tobbligha jixhed. L-appell jissospendi s-seduta tax-xhud. Jekk ir-rifjut ta' xhud li jixhed ikun bla bażi, il-qorti li tiddeċiedi dwar l-appell tista' timponi multa fuq ix-xhud, u l-qorti li tipproċedi fl-azzjoni tista' tobbliga lix-xhud jirrimborża l-ispejjeż imġarrba.

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Ir-rappreżentant legali ta' xhud ma jistax jinstema' bħala xhud, sakemm il-persuna fiżika r-rappreżentata minnha jew minnu tkun kompetenti biex tipparteċipa fil-proċedimenti.

Persuna ma tistax tinstema' bħala xhud jekk hu/hi aġixxiet bħala avukat għad-difiża fir-rigward ta' suġġett li hu/hi tgħallmet dwarha fil-kariga ta' avukat għad-difiża, jew jekk hu/hi ma kinitx eżentata mill-obbligu dwar il-kunfidenzjalità fi kwistjoni rigward informazzjoni klassifikata.

Persuna minuri taħt l-età ta' erbatax tista' tinstema' biss bħala xhud jekk l-evidenza mistennija mix-xhieda tagħha ma tkunx tista' tiġi pprovduta b'xi mod ieħor.

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġh ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Ix-xhieda jidhru matul is-seduta permezz ta' taħrika tal-qorti fejn fil-prinċipju se jinstemgħu mill-imħallef li jippresjedi, jew fil-każ ta' mħallef wieħed, mill-imħallef li jipproċedi fil-każ.

L-imħallef li jippresjedi jista' jippermetti lill-parti li tibda l-eżami tax-xhieda, fuq talba tiegħu jew tagħha, tkun l-ewwel li tistaqsi direttament il-mistoqsijiet lix-xhud, qabel ma jippermetti lill-parti opposta biex tagħmel mistoqsijiet, jekk il-parti opposta tkun għamlet talba għal dan il-għan. F'dawn il-każijiet l-imħallef li jippresjedi u l-membri l-oħra tal-bord jistgħu jagħmlu mistoqsijiet lix-xhud wara interrogazzjoni mill-partijiet.

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

Il-qorti tistabilixxi l-fatti rilevanti tal-każ billi tqabbel, u tevalwa individwalment u b'mod konġunt id-dikjarazzjonijiet u l-kondotta tal-partijiet waqt il-proċedimenti, kif ukoll l-evidenza skoperta waqt is-seduta u data oħra relatati mal-azzjoni, skont il-konvinzjoni tagħha.

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Mezz ta' prova, jew kwalunkwe parti separabbli minnu, huwa illegali u ma jistax jintuża fl-azzjoni, jekk

- inkiseb jew ġie ppreżentat bil-ksur jew theddid tad-dritt ta' persuna għall-ħajja u l-integrità fiżika;
- kien prodott bi kwalunkwe metodu illegali ieħor;
- ġie miksub b'mod illegali;
- is-sottomissjoni tiegħu fil-qorti tikser id-drittijiet tal-personalità.

Flief jekk ikun inkiseb jew ippreżentat bil-ksur jew it-theddid tad-dritt ta' persuna għall-ħajja u l-integrità fiżika, il-qorti tista' tqis mezz illegali ta' prova b'mod eċċezzjonali u b'kunsiderazzjoni xierqa għaċ-ċirkostanzi speċifiċi u sa liema punt tkun inkisret il-liġi, l-interess legali affettwat mill-ksur tal-liġi, l-impatt tal-evidenza illegali fuq l-iskoperta tal-fatti, il-piż ta' biċċiet oħra ta' evidenza disponibbli, u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-każ.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Dikjarazzjoni ta' parti ma titqies bħala evidenza; madankollu, il-qorti tevalwa wkoll it-talbiet tal-partijiet meta tkun qed tistabilixxi l-fatti tal-każ, kif deskritt fil-Mistoqsija 3.

L-aħħar aġġornament: 15/01/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fl-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Smiġh ta' xhieda - Malta

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

L-oneru tal-provi hija mitfugħa fuq min jallegga u dan jidher ċar fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fl-Artikolu 562: 'l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegga'.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Iva hemm regoli u dawn huma regolati taħt l-Artikolu 627 et seq tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-Artikolu 627 isemmi dokumenti li jistgħu jinġibu bħala prova u li m'għandhomx jiġu ppruvati li huma awtentiċi, fosthom:

l-atti tal-Gvern ta' Malta, iffirmati mill-Ministru jew mill-kap tad-dipartiment li minnu jkunu ħarġu, jew, fl-assenza ta' dan, mid-deputat, assistent jew uffiċjal ieħor li jiġi warajh fil-grad, awtorizzat li jiffirma dawk l-atti;

ir-reġistri ta' dipartiment tal-Gvern ta' Malta;

l-atti pubbliċi kollha iffirmati mill-awtoritajiet kompetenti, u maħruġin fil-Gazzetta tal-Gvern;

l-atti tal-Gvern ta' Malta, stampati bl-awtorità tal-Gvern u ppubblikati regolarment;

l-atti u r-reġistri tal-grati tal-ġustizzja u tal-grati ekkleżjastiċi ta' Malta;

iċ-ċertifikati maħruġin mill-Uffiċċju tar-Reġistru Pubbliku u mir-Registatur tal-Artijiet;

it-testimonjal maġmūl taħt l-awtorità tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla;

dokument oħra msemmija fl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (fosthom ċertifikat ta' reġistrazzjoni li hi iffirmata mir-registatur jew minn uffiċjal xieraq ieħor u kull ħaġa mniżżla fuq ċertifikat ta' reġistrazzjoni li tidher li hi iffirmata mir-registatur jew minn uffiċjal xieraq ieħor).

Hemm dokumenti oħra li jistgħu jiġu ppreżentati u li l-kontenut tagħhom huwa eżentat mill-oneru tal-provu, iżda jrid jiġi ppruvat l-awtenticiċita tiegħu u dawn jinkludu:

I-atti u r-reġistri ta' stabbiliment, jew korpi pubbliċi, awtorizzati jew magħrufa mil-liġi jew mill-Gvern;

I-atti u r-reġistri tal-parroċċi dwar twelid, żwieġ, u mewt, u d-disposizzjonijiet magħmula skont il-liġi quddiem kappillan;

I-atti u r-reġistri tan-nutara pubbliċi ta' Malta;

il-kotba tal-kummerċjanti, miżmumin skont il-liġi, għall-prova biss tal-konvenzjonijiet jew ta' operazzjonijiet kummerċjali oħra;

il-kotba tas-sensali pubbliċi miżmumin skont il-liġi, għall-prova ta' dak li jkun għadda bejn il-kontraenti f'affarijiet kummerċjali.

Il-kontenut ta' dawn diversi tipi ta' dokumenti jista' jiġi ppruvat kuntrarju.

Barra dawn id-dokumenti, hemm preżunzjoni oħra li hija regolata taħt il-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kodiċi Ċivili, li tarbija mwielda fiż-żwieġ hija tar-raġel tal-mara. Dan jista' jiġi ppruvat li l-preżunzjoni legali mhix valida billi jagħmel rikors ġuramentat quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) u jipprova li dik il-preżunzjoni mhix valida.

### **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Fiċ-ċivil il-livell biex il-Qorti tkun sodisfata bil-provi mressqa u li tkun tista' tingħata sentenza huwa dak ta' bilanċ ta' probabilitajiet.

## **2 Is-smiġh tal-provi**

### **2.1 Għas-smiġh tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Kull waħda mill-partijiet fil-kawża, ikun xi jkun l-interess tagħha, tista' tixhed, sew b'talba tagħha nfisha, kemm b'talba ta' waħda oħra mill-partijiet fil-kawża, inkella jekk imsejja mill-qorti *ex officio*. Meta l-proċedura tinbeda permezz ta' rikors ġuramentat, huwa obbligatorju li ssir lista tax-xhieda. L-istess jingħad għat-tweġiba u cioe' illi fir-risposta ġuramentata trid tinkludi l-lista tax-xhieda. Ikun biss jekk il-parti jkollha bżonn ix-xhieda ta' xhud mhux indikat li għandu jiġi preżentat rikors f'dan is-sens.

### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Wara li r-rikors għall-ġbir tal-provi tintlaqa', ix-xhieda jiġu mħarrkin biex jidhru bil-mezz ta' mandat maħruġ fuq rikors tal-parti li trid iġġibhom. It-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, tista' ssir bil-fomm.

### **2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Il-qorti tista' tiċċad ir-rikors għall-ġbir tal-provi meta l-persuna mħarka tkun avukat, prokuratur legali u saċerdot. Barra minnhekk, bħala regola, ebda persuna preżenti waqt is-smiġh ta' kawża ma tista' tinġieb bħala xhud fl-istess kawża; iżda hu mħolli fid-diskrezzjoni tal-qorti li, għal raġuni tajba, tiddispensa minn din ir-regola, f'każijiet partikolari. Hemm ukoll applikaw liġijiet speċjali li jirregolaw is-segretezza uffiċjali u ma jippermettux żvelar ta' informazzjoni sigrieta u kunfidenzjali. Magħdud ma' dan, it-talba tista' tiġi miċċhuda jekk il-Qorti jidhrilha li x-xhud mhux xhud pertinenti.

### **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Hemm tlett tipi ta' provi li jistgħu jitresqu u dawn huma: dokumenti, viva voce u affidavits.

### **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizjoni/opinjoni ta' esperti?**

Ir-regola ġenerali hi li l-eżami tax-xhieda fis-smiġh tal-kawżi għandu jsir fil-qorti bil-miftuħ u *viva voce*. Iżda l-liġi tipprovdi modi ta' għbir ta' provi oħra li jistgħu jiġu użati:

Xhieda tista' tiġi ppreżentata b'affidavit, kemm jekk ix-xhud jgħix Malta kif ukoll jekk jgħix barra minn Malta;

Persuna li tkun sejra titlaq minn Malta jew tkun marida jew imdaħħla fiż-żmien li tista' tmut jew issir inkapaċi li tixhed qabel iż-żmien li fih għandha tinsama' dik il-kawża, inkella ma tkunx tista' tidher fis-smiġh tal-kawża, il-qorti tista', tinkariga assistant ġudizzjarju biex jisma' lil dik il-persuna, u f'dak il-każ, il-mistoqsijiet magħmulin lix-xhud, flimkien mat-tweġibiet li jagħti, għandhom jiġu mniżza bil-miktub, u x-xhud għandu jiffirma x-xhieda jew jagħmel salib flok il-firma;

Il-Qorti tista' tinnomina wkoll l-imħallef Supplenti sabiex jisma' xhud partikolari speċjalment f'każ ta' xhieda li ma jkunux jistgħu joħorġu minn darhom fuq raġunijiet ta' eta'.

Jekk xhud tkun qed tirisjedi barra minn Malta, l-avukat permezz ta' rikors jista' jagħmel talba għas-smiġh (talba rogatorja) - il-parti li titlob is-smiġh ta' dan ix-xhud għandha oġġib il-mistoqsijiet magħmulin bil-miktub, u tagħti l-isem u l-indirizz tal-persuna li għandha tidher għaliha waqt is-smiġh tax-xhud;

Il-qorti tista' jekk tqis li jkun hekk xieraq, tippermetti l-irrekordjar fuq tejp jew fuq *video* ta' xi xhieda meħtieġa minn xhud;

Il-qorti tista' tagħti inkarigu lill-periti, fejn tagħtihom is-setgħa li jisimgħu xhieda u li jagħtu l-ġurament

Meta perit jiġi inkarigat bil-ġbir ta' provi, dan ta' l-aħħar għandu l-istess mezz bħal ma għandhom il-qorti.

### **2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Il-mezz ta' prova kollha miġjuba huma meqjusa ta' importanza ugwali.

### **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Le, iżda dejjem trid tinġieb l-aħjar prova.

### **2.8 Ix-xhieda huma obligati bil-liġi li jixhdu?**

Iva l-liġi tobbliga lil kull xhud li jiġi mħarrek biex jixhed iżda xhud ma jistax jiġi mġiegħel iwieġeb għal mistoqsijiet, meta t-tweġiba għalihom tkun tista' tissugġettah għal proċeduri kriminali.

### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Ir-raġel jew il-mara tal-parti f'kawża jistgħu jixhdu u jistgħu jkunu mġiegħla jixhdu f'dik il-kawża fuq talba ta' kull min ikun mill-partijiet. Iżda ir-raġel ma jistax jkun mġiegħel jikxef xi ħaġa li l-mara tkun fdat miegħu matul iż-żwieġ, u vica versa, u anqas jista' r-raġel jew il-mara jkunu mġiegħla jwieġbu għal mistoqsija meta t-tweġiba tista' tissuġġetta lill-mara tiegħu jew lir-raġel tagħha għall-proċeduri kriminali.

Fatti oħra li huma eżenti jinkludu dawk il-fatti li jkunu ġew fdati lill-avukat u l-prokuratur legali u lis-saċerdot. Iżda jekk l-avukat jew l-prokuratur legali iġib il-kunsens tal-klijent u s-saċerdot iġib il-kunsens tal-persuna li tkun għamlet il-qrar, dawn jistgħu jiġu mistoqsija fuq fwejjeġ li jkunu saru jafu (dejjem bil-kunsens), l-avukat jew il-prokuratur legali billi jkunu ġew fdati lilhom mill-klijent għall-finijiet tal-kawża, u s-saċerdot billi jkun ġie jafhom taħt is-sigriet tal-qrar jew bħala qrar.

Flief bl-ordni tal-qorti, ebda *accountant*, tabib jew ħaddiem soċjali, psikologu jew *marriage counsellor* ma jista' jiġi mistoqsi fuq fwejjeġ li jkun sar jaf mill-klijent tiegħu taħt sigriet professjonali jew li seta' sar jaf bihom fil-kapaċità professjonali tiegħu. Dan il-privileġġ iġġhod ukoll għall-interpretu li jkun ġie mqabbd sabiex jistgħu jsiru dawk il-fwejjeġ sigrieti.

Xhud marbut bis-segretezza uffiċjali ma jistax jiżvela informazzjoni sigrieta u kunfidenzjali, flief f'ċerti ċirkostanzi skond il-liġi partikolari li tapplika f'dak il-każ.

### **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Jekk xhud, imħarrek regolarment, ma jidhrix meta jiġi msejjaħ, huwa jsir ħati ta' disprezz għall-awtorità tal-qorti u jiġi minnufih ikkundannat bħala ħati u jiġi mmultat. Il-qorti tista' wkoll, b'mandat ta' skorta jew ta' arrest, iġġiegħlu jidher biex jagħti x-xieħda tiegħu f'udjenza sussegwenti. Iżda il-qorti tista', meta tinġieb raġuni tajba ta' sodisfazzjon tagħha, taħfer il-multa inflitta.

### 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Kull min hu f'sensieħ, meta ma jkun hemm ebda eċċezzjoni kontra l-kompetenza tiegħu, jista' jinġieb bħala xhud. Tkun liema tkun l-età tax-xhud li sejjer jinġieb, hu jista' jinġieb bħala xhud, basta jkun jaf li hija ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz.

### 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'lema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Il-qorti tista', f'kull waqt tal-eżami jew tal-kontro-eżami, tagħmel lix-xhud dawk il-mistoqsijiet li jidhriha meħtieġa jew spjednenti. Min-naħa l-oħra, kull waħda mill-partijiet fil-kawża, ikun xi jkun l-interess tagħha, tista' tixhed, sew b'talba tagħha nfisha, kemm b'talba ta' waħda oħra mill-partijiet fil-kawża, inkella jekk imsejjaħ mill-qorti *ex officio*.

Fi kwistjonijiet li jinvolvu minuri, ġeneralment l-imħallef jisma' lill-minuri *in camera* jew jiġi maħtur Avukat tat-Tfal sabiex jisma' lill-minuri.

Xhud jinstema b'vidjokonferenza meta jkun jgħix barra minna Malta.

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Meta prova ma tkunx inkisbet b'mod illegali, il-qorti ma jkollix restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha. L-unika eċċezzjoni hija li bħala regola, il-qorti ma tiħunx konjizzjoni ta' xieħda dwar fatti li x-xhud iġħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xieħda fuq dawk il-fatti.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Iva dikjarazzjoni ta' parti fil-kawża hija ammissibbli.

### 4 Dan l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda speċifika awtoritajiet oħra li huma kompetenti li jiġbru l-provi għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali skont ir-Regolament? Jekk iva, dawn f'lema proċedimenti huma kompetenti li jiġbru l-provi? Jistgħu jitolbu biss il-ġbir tal-provi jew jassistu wkoll fil-ġbir tal-provi abbażi ta' talba mingħand Stat Membru ieħor? Ara wkoll in-notifika skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda.

Le.

L-aħħar aġġornament: 01/06/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhrix fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Smiġħ ta' xhieda - Olanda

### 1 L-oneru tal-provi

Il-liġi proċedurali Olandiża hi bbażata fuq il-prinċipju li "kull min jasserixxi fatt irid jagħti prova tiegħu". Fi kliem ieħor, il-parti li tistrieħ fuq il-fatti jew fuq id-drittijiet li tallega għall-finijiet legali ġġarrab l-oneru tal-provi ta' dawk il-fatti jew id-drittijiet. Madankollu, l-oneru tal-prova jista' jinbidel b'riżultat ta' regola legali speċifika jew il-prinċipji tal-raġonevolezza u l-ġustizzja.

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Ir-regoli statutorji dwar l-evidenza fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (*Wetboek van Burgerlijke Rechtsvordering*) japplikaw fi proċedimenti li jibdw b'ċitazzjoni u fi proċedimenti li jibdw b'rikors, sakemm in-natura tal-kawża ma tkunx tali li tipprekludihom. Mhumiex obbligatorji fi proċedimenti interlokutorji u ma japplikawx awtomatikament fl-arbitraġġi l-anqas. Madankollu, f'kawżi ta' arbitraġġ, il-partijiet jistgħu jaqblu li japplikaw dawk ir-regoli.

Ir-regoli statutorji dwar il-provi jinsabu fl-Artikoli 149 sa 207 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'lema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Il-fatti li jiġu allegati minn waħda mill-partijiet u mhux miċħuda (b'mod suffiċjenti) mill-parti opposta jridu jitqiesu mill-qorti bħala murija bil-provi. Madankollu, hemm eċċezzjoni, jiġifieri sitwazzjonijiet fejn l-aċċettar ta' dan ikun jinvolvi konsegwenzi legali li mhumiex liberament disponibbli għall-partijiet. F'dak il-każ, il-qorti tista' titlob l-evidenza.

L-evidenza mhix meħtieġa għal fatti jew għal ċirkustanzi li jitqiesu li huma magħrufa b'mod universali jew għal regoli ta' esperjenza ġenerali. Dawn jistgħu jintużaw mill-qorti kemm jekk ikunu allegati mill-partijiet kif ukoll jekk le. "Fatti jew ċirkustanzi li jitqiesu li huma magħrufa b'mod universali" tfisser fatti jew ċirkustanzi li kwalunkwe persuna normali taf jew tista' tkun taf. "Ir-regoli ta' esperjenza ġenerali" huma l-għarfien u l-esperjenza li għandu jkollu kull ċittadin fis-soċjetà Netherlandiża. Bl-istess mod ma hemm ebda bżonn li jintwerew bil-provi fatti li l-qorti stess issir taf bihom matul il-proċedimenti (fatti tal-proċess). Kultant, il-liġi tipprovdi għal preżunzjoni. Ċerti fatti jew ċirkustanzi jitqiesu li tant ikunu probabbli li parti li tasserixxi li seħħu ma jkollhiex bżonn tipprovdi provi (ulterjuri) għalihom. Il-qorti tista' tuża wkoll regoli ta' esperjenza ġenerali biex tasal għal presuppożizzjoni fuq il-bażi ta' ċerti fatti li jiġu asseriti quddieħma. F'dak il-każ, il-parti opposta jkollha l-possibbiltà ta' replika kontra l-preżunzjoni. Japplikaw ukoll diversi każijiet speċjali. Żewġ eżempju huma: skont il-liġi tat-traffiku fit-triq, sewwieq li jtajjar ċiklist jew persuna miexja jrid jikkumpensa għall-korriment, sakemm ma tistax tiġi pprovduta prova li l-aċċident kien dovut għal force majeure. Eżempju ieħor huwa meta ħaddiem jitlob kumpens għal korriment li jkun sofra fuq il-post tax-xogħol. F'dak il-każ, l-impjegatur ikun obligat jikkumpensa lill-ħaddiem għat-tali korriment, sakemm ma tkunx tista' tinġieb evidenza li ma kien hemm ebda nuqqas fil-kura meħtieġa jew li l-ħaddiem kien ħati ta' azzjoni delibrata jew ta' traskuraġni apposta.

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Il-qorti hi libera li tevalwa l-evidenza quddiemha ħlief meta l-liġi tistabblixi b'mod ieħor. Din l-eċċezzjoni tikkonċerna r-regoli dwar il-valur probatorju konklużiv tal-evidenza. F'każijiet ta' evidenza konklużiva, il-qorti tkun obligata taċċetta bħala veri ċerti forum ta' evidenza jew tal-anqas tagħraf il-valur tagħhom. Iżda, mill-ġdid, hawnhekk ikun hawn possibbiltà ta' replika.

Il-qorti jistgħu jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom biss fuq fatti li jikkonformaw b'mod adegwat mar-regoli tal-evidenza.

## 2 Is-smiġħ tal-provi

### 2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

F'ċerti każijiet (spezzjoni ta' kontijiet, testimonjanza tax-xhieda), fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, il-qorti tixħet l-oneru tal-provi fuq il-parti l-oħra. Il-qorti tista' tagħmel dan ukoll *ex officio*, jiġifieri fuq inizjattiva tagħha stess.

Bl-istess mod, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet jew fuq inizjattiva tal-qorti stess, il-qorti tista' tordna perizja jew żjara jew spezzjoni fil-bini. Hi l-qorti li taħtar lill-espert, filwaqt li l-espert li jirrapporta lill-qorti, u hi l-qorti li ttwettaq żjarat fil-bini. Il-partijiet huma obligati jassistu fil-perizji.

Il-partijiet huma intitolati li jaqsmu l-opinjoni tagħhom u jippreżentaw talbiet kemm fil-każ ta' perizja kif ukoll ta' żjara f'bini.

## 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Il-parti awtorizzata mill-qorti biex tipprovi evidenza jew li ġġarrab l-oneru tal-provi għandha d-dmir li tipprovi l-evidenza tal-fatti u/jew taċ-ċirkustanzi allegati. Il-parti opposta dejjem tista' tipprovi evidenza li turi bil-kontra, sakemm il-liġi ma tipprekludihex.

## 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Il-qorti tiċċad milli tammetti evidenza jekk din l-evidenza ma tkunx rilevanti għall-kawża, ma tkunx speċifikata biżżejjed (vaga wisq), tkun barra mill-perjodu stabbilit (tard wisq) jew tkun frivola. L-evidenza ppreżentata ma tistax tiġi injorata fuq il-bażi tar-riżultat preżunt tagħha.

## 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isuru l-provi?

Fin-Netherlands tapplika r-regola dwar il-libertà tal-evidenza, jiġifieri fil-prinċipju l-evidenza tista' tiġi pprovduta fi kwalunkwe forma xierqa, sakemm il-liġi ma tistabbilixxi mod ieħor. Il-liġi tispeċifika numru ta' forum ta' evidenza (mhux eżawrjenti): Dawn huma:

atti u sentenzi;

spezzjoni ta' kontijiet, ta' rekords u ta' dokumenti;

testimonjanza tax-xhieda;

rapporti formali jew orali minn esperti u

spezzjonijiet ta' bini u żjarat fihom.

## 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

L-evidenza tax-xhieda trid tkun awtorizzata bil-liġi u tingħata fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet jew tiġi imposta fuq waħda mill-partijiet mill-qorti *ex officio*. Il-partijiet jistgħu jagħtu l-evidenza tagħhom bħala xhieda wkoll (ara l-punt 3 aktar 'il quddiem). Meta tkun trid tingħata l-evidenza tax-xhieda, ikunu l-partijiet li jsejġu lix-xhieda.

L-evidenza tax-xhieda tingħata fil-forma ta' testimonjanza. Tittieħed meta tibda s-sessjoni tal-qorti fil-forma ta' testimonjanza orali. Dikjarazzjoni bil-miktub tax-xhud tkun ammissibbli bħala evidenza biss jekk tkun relatata mal-fatti li dwarhom ix-xhud ikollu għarfien personali. Parti li titlob li titfahha tippreżenta evidenza tax-xhieda tiġi awtorizzata tagħmel dan jekk il-fatti li jkunu jridu jintwerew bil-provi jkunu lmentati u jistgħu jgħinu biex tiġi solvuta l-kawża.

Fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet jew fuq inizjattiva tal-qorti stess, l-esperti jistgħu jippreżentaw rapporti bil-miktub jew orali (l-Artikolu 194 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Fil-każ ta' rapport bil-miktub, il-qorti tiffissa skadenza għall-preżentazzjoni. Fil-każ ta' rapport orali, l-espert jagħti evidenza dwar id-data stabbilita għall-proċess.

## 2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Hemm distinzjoni bejn evidenza konklużiva u mhux konklużiva. Fil-każ ta' evidenza konklużiva, il-qorti tkun meħtieġa taċċetta l-kontenut tal-evidenza bħala veritier jew tagħraf is-saħħa ta' dik il-forma ta' evidenza kif determinata mil-liġi. Tista' tiġi offruta kontroprova wkoll fil-każ ta' evidenza konklużiva, sakemm il-liġi ma tipprekludihex. Atti awtentiċi u sentenzi mill-qorti kriminali huma eżempji ta' evidenza konklużiva. Il-qorti hi ħielsa li tiddetermina l-valur probatorju ta' evidenza mhux konklużiva.

## 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

F'ċerti ċirkustanzi, dokument ikun jikkostitwixxi prova perfetta. F'ċerti ċirkustanzi, id-dokument ikun essenzjali wkoll biex jidħol fis-seħħ dritt speċifiku.

Eżempju ta' dan jista' jkun ftehim ta' qabel iż-żwieġ jew testament. Evidenza tal-eżistenza ta' ftehim ta' qabel iż-żwieġ jew ta' testament infassal minn nutar tiġi pprovduta bil-preżentazzjoni ta' att notarili. Anki kodiċill jista' jservi bħala prova. Kodiċill hu dokument miktub bl-idejn, datat u ffirmat li jstabbilixxi x-xewqat tad-testatur. Dawn ix-xewqat jistgħu jkunu relatati mat-tfollija bil-wirt ta', fost l-oħrajn, ilbies, ġojjellerija u affarijiet speċifikati tad-dar u kotba speċifikati. Kodiċill ma jeħtieġx li jkun validat b'att notarili.

## 2.8 Ix-xhieda huma obligati bil-liġi li jixhdu?

Il-prinċipju bażiku huwa li kull min jintalab bil-liġi biex jixhed ikollu d-dmir li jagħmel dan. Id-dmir huwa li wieħed jidher fil-proċess u jagħmel id-dikjarazzjonijiet meħtieġa b'mod veritier fil-qorti.

## 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

F'ċerti ċirkustanzi jkun possibbli li wieħed jinħeles mid-dmir li jixhed.

L-individwi li għandhom relazzjoni mill-qrib ma xi ħadd mill-partijiet jistgħu jitolbu eżenzjoni mid-dmir li jixhdu. Dawn jinkludu (ex)konjuġi jew (ex)sħab reġistri tal-parti, relazzjonijiet bid-demm jew żwieġ ta' parti jew il-konjuġi jew is-sħab reġistri ta' dik il-persuna sa u inklużi it-tieni grad – ġenituri, tfal, nanniet, neputijiet u aħwa.

Ix-xhieda jistgħu jitolbu l-eżenzjoni wkoll meta jwieġbu mistoqsijiet speċifiċi jekk it-tweġiba tkun tesponi lix-xhud jew lil qarib bid-demm jew biż-żwieġ fil-linja axxendenti jew dixxendenti jew lil qarib kollaterali fit-tieni jew fit-tielet grad, jew lil (ex)konjuġi jew lil (ex)sħab ta' dik il-persuna għar-riskju ta' prosekuzzjoni kriminali (l-Artikolu 165(3) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Hemm eżenzjoni fuq bażi funzjonali wkoll. Din hi disponibbli għal nies li, minħabba relazzjoni privileġġata fid-dawl tal-professjoni, l-okkupazzjoni jew status ieħor tagħhom (bħal membri tal-kleru, tobba, avukati u nutara), huma meħtieġa jżommu s-segretezza.

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tiċċad tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tiċċad?

Jekk xhud jitħarrek biex jidher b'ittra reġistrata u jonqos milli jidher fil-proċess, il-qorti tista' tiffissa data fuq it-talba tal-parti kkonċernata li fiha x-xhud jista' jiġi mħarrek b'ċitazzjoni (notifika minn bailliff). Jekk ix-xhud xorta waħda jibqa' ma jidherx, il-qorti tista' tordna li jinġieb quddiem il-qorti mill-pulizija. Jekk xhud jidher iżda jiċċad milli jagħmel dikjarazzjoni, il-parti rilevanti tista' titlob lill-qorti biex dan jinżamm taħt kustodja minħabba disprezz tal-qorti. Il-parti rikjedenti mbagħad ikollha tħallas għall-ispejjeż taż-żamma taħt kustodja. Il-qorti toħroġ ordni ta' kustodja biss jekk temmen li din tkun ġustifikata fid-dawl ta' żgurar tal-verità.

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Bażikament, kulħadd għandu d-dmir li jixhed, ħlief għal dawk li huma intitolati għall-eżenzjoni (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 2.9).

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Ix-xhieda jinstemgħu u jiġu interrogati mill-qorti. Il-partijiet u l-avukati tagħhom jistgħu jagħmlu mistoqsijiet lix-xhieda wkoll. Il-qorti, *ex officio* jew fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, tista' tikkonfronta lix-xhieda ma' xulxin u mal-partijiet. Wara li x-xhud jixhed, il-qorti tista' tagħmel mistoqsijiet lill-partijiet u l-partijiet jistgħu jagħmlu mistoqsijiet lil xulxin.

Ir-regoli tal-evidenza Netherlandiżi ma fihom l-ebda dispożizzjoni speċifika dwar il-vidjokonferenzi. Il-liġi Netherlandiża ma teskludix din il-proċedura u ma hemm ebda diffikultà Prattika fit-tweġiq ta' vidjokonferenzi. Hu f'idejn il-qorti li tiddeċiedi fuq din il-kwistjoni.

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Evidenza illegali tista' tiġi suddiviża f'evidenza miksuba b'mod illegali u evidenza użata b'mod illegali. Jekk l-evidenza nkisbet b'mod illegali, dan ma jfissirx li l-użu tagħha dejjem ikun illegali. Dejjem ikun għad-diskrezzjoni tal-qorti li tiddeċiedi jekk l-evidenza għandhiex titqies bħala illegali.



### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Il-partijiet jistgħu jinstemgħu bħala partijiet fil-kawża, iżda mbagħad id-dikjarazzjonijiet li jagħmlu ma jittqisux bħala evidenza favur il-parti li tinstema' bħala xhud, sakemm it-testimonjanza ma sservix biex tiġi ċċarata evidenza inadegwata oħra (l-Artikolu 164(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

L-aħħar aġġornament: 10/05/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Smigħ ta' xhieda - Awstrija

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Bħala prinċipju, kull parti trid tagħmel lista tat-talbiet fattwali biex tissostanzja l-interess tagħha (l-oneru tal-allegazzjoni - *Behauptungslast*) u tipprovdi l-evidenza xierqa (l-Artikoli 226(1) u 239(1) tal-Kodiċi Awstrijak tal-Proċedura Ċivili (*Zivilprozessordnung*)). Jekk il-fatti tal-każ jibqgħu ma jkunux ċari (sitwazzjoni ta' "*non liquet*"), il-qorti madankollu trid tasal għal deċiżjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, jidhru fis-seħħ ir-regoli dwar l-oneru tal-prova. Kull parti għorri l-oneru tal-prova biex tiżgura li jintlaħqu l-kundizzjonijiet kollha tar-regoli li huma favorevoli għaliha. F'ċirkostanzi normali, l-attur irid jiddikjara l-fatti kollha li jiġġustifikaw it-talba tiegħu, filwaqt li l-konvenut irid jiddikjara l-fatti kollha li jiġġustifikaw l-oġġezzjonijiet tiegħu. L-attur iġorr ukoll l-oneru tal-prova li r-rekwiżiti proċedurali jiġu ssodisfati.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'lema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Għall-finijiet ta' deċiżjoni, fatti sinifikanti jeħtieġu prova sakemm ma jkunux eżenti mill-oneru tal-prova. L-ebda prova ma hija meħtieġa għal fatti ammessi (l-Artikoli 266 u 267 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), il-fatti ovvjii (l-Artikolu 269) jew il-fatti legalment preżunti (l-Artikolu 270).

Fatt ammess huwa meta parti taċċetta li l-allegazzjoni tal-parti avversarja tkun korretta. Il-Qorti hija fil-prinċipju meħtieġa li taċċetta fatt ammess bħala korrett u li tasal għad-deċiżjoni tagħha mingħajr eżami ulterjuri.

Fatt ikun ovvjii meta jkun magħruf b'mod ġenerali (ikun magħruf jew perċepibbli b'mod affidabbli mingħajr diffikultajiet fi kwalunkwe ħin għal numru kbir ta' persuni) jew magħruf mill-qorti (magħruf mill-qorti tal-proċess fuq il-bażi tal-konstatazzjonijiet uffiċjali tagħha stess jew ikun jidher b'mod ċar mill-atti).

Il-Qorti hija meħtieġa *ex officio* li tikkunsidra fatti ovvjii fid-deċiżjoni tagħha; m'hemm x għalfejn li dawn jintalbu jew li jiġu ppruvati.

Preżunzjoni legali tirriżulta direttament mil-liġi u għandha l-effett li treġġa' lura l-oneru tal-provi. Il-parti avversarja tal-parti li tibbenefika minn tali preżunzjoni trid tipprovdi evidenza li turi l-kuntrarju. Hija trid turi li, minkejja li hemm bażi għal preżunzjoni legali, il-fatti preżunti jew is-sitwazzjoni legali ma jeżistux.

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

L-għan tal-proċedimenti tal-qorti huwa li jikkonvinċu lill-imħallef dwar fatt. B'mod ġenerali, wieħed għandu jassumi "probabbiltà sostanzjali"; "ċertezza assoluta" mhix meħtieġa biex wieħed jikkonvinċi lill-imħallef.

Xi gradi minn dan l-istandard ta' prova huma stabbiliti mil-liġi statutorja jew mill-każistika, li jwasslu biex dan il-grad jitla' minn "probabbiltà sinifikanti" għal "probabbiltà li tista' kważi tiqies bħala ċertezza" jew jinżel għal "probabbiltà kbira". F'dan l-aħħar każ, prova sodisfaċenti jew ċertifikat huwa biżżejjed bħala standard ta' prova skont l-Artikolu 274 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. L-evidenza prima facie twassal ukoll għal tnaqqis fil-livell ta' prova u għandha rwol biex jingħelbu d-diffikultajiet fl-għoti ta' evidenza f'azzjonijiet għad-danni. Jekk ikun hemm għadd tipiku ta' avvenimenti li għalih l-esperjenza tal-ħajja tissuġġerixxi rabta kawżali jew ħtija speċifika, dawn il-kundizzjonijiet jittqiesu bħala ppruvati fuq il-bażi li jkun hemm *prima facie* anke f'każijiet individuali.

### 2 Is-smigħ tal-provi

#### 2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Ix-xhieda tista' tiġi kkompilata mill-qorti *ex officio* jew wara t-talba ta' parti. Fi proċedimenti ta' natura purament investigattiva (meta l-qorti tkun meħtieġa tistabbilixxi l-fatti deċiżivi tal-każ *ex officio*), ma hemm x bżonn ta' talba mill-partijiet. Fi proċedimenti standard tal-Kodiċi Awstrijak tal-Proċedura Ċivili, l-imħallfin jistgħu, *ex officio*, jikkompilaw kwalunkwe xhieda li tista' tiċċara l-fatti materjali (l-Artikolu 183 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-imħallef jista' jagħti istruzzjonijiet lill-partijiet biex jiproduċu dokumenti, jeżiġi li jsir aċċess fuq il-post jew jordna skrutinju fil-forma ta' perizji jew eżami tal-partijiet. Madankollu, evidenza dokumentata tista' tiġi ppreżentata biss jekk mill-inqas waħda mill-partijiet tkun irreferiet għaliha; evidenza dokumentata ma tistax tiġi amnessa u lanqas ma tista' tinstema' jekk dan ikun ġie oppost miż-żewġ partijiet. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-evidenza tittieħed permezz ta' talba għall-ġbir ta' evidenza minn waħda mill-partijiet.

#### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Fil-prinċipju, l-evidenza tiġi kkompilata fit-trattazzjoni. Matul l-hekk imsejja laqgħa "preparatorja" (l-Artikolu 258 taz-ZPO), jiffassal programm ta' proċedimenti bl-involvement konġunt tal-qorti u tal-partijiet u/jew tar-rappreżentanti tagħhom, li jinkludi wkoll programm għall-ġbir tal-evidenza. Madankollu, meta jkun meħtieġ, f'kull ħin tista' ssir diskussjoni ulterjuri dwar il-progress tal-proċedimenti. Wara li tkun ġiet ikkumpilata x-xhieda, l-eżitu jiġi diskuss mal-partijiet (l-Artikolu 278 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fil-prinċipju, il-provi jridu jiġu kkompilati direttament mill-imħallef, li jiddeċiedi dwar il-kwistjoni. F'dawk il-każijiet koperti espressament mil-liġi, tista' tiġi kkompilata wkoll ix-xhieda matul il-proċedura ta' assistenza legali reċiproka. Il-partijiet iridu jkunu msejja għall-kumpilazzjoni tax-xhieda u għandhom drittijiet parteċipatorji varji, bħad-dritt li jistaqsu mistoqsijiet lix-xhieda u lill-espertii. Ix-xhieda dejjem tiġi kkompilata mill-qorti *ex officio* fil-prinċipju, anke jekk minkejja li jkunu ġew imsejja, il-partijiet ma jkunux preżenti.

#### 2.3 F'lema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Talba minn parti għall-kumpilazzjoni tax-xhieda għandha tiġi miċħuda jekk il-qorti tqisha bħala irrilevanti (l-Artikolu 275(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) jew jekk l-evidenza tiġi ppreżentata bl-intenzjoni li ttawwal il-proċedimenti (l-Artikoli 178(2), 179 u 275(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Hemm ukoll il-possibbiltà li tiġi stipulata data ta' skadenza għall-kumpilazzjoni tax-xhieda, li x'aktarx itawwal il-proċedimenti (l-Artikolu 279(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Ladarba d-data tiskadi, it-talba għall-kumpilazzjoni tax-xhieda tista' tiġi miċħuda. Tista' wkoll tiġi miċħuda jekk ma tkunx meħtieġa minħabba li l-qorti tkun diġà konvinta, jekk il-fatt ma jkunx meħtieġ li jiġi ppruvat jew jekk il-kumpilazzjoni ta' xhieda tkun ipprobita. Meta l-ġbir tal-evidenza jagħti lok għal spejjeż (eż. evidenza minn esperti), irid jinkiseb ħlas bil-quddiem mill-parti li titolbu. Jekk dan ma jitħallasx qabel l-iskadenza stabbilita, l-evidenza tista' tingħata biss aktar tard, sakemm ma tkunx twassal għal dewmien fil-proċedimenti.

#### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Il-kodiċi ta' Proċedura Ċivili Awstrijak jipprevedi ħames mezzi "klassiċi" ta' evidenza: id-dokumenti (l-Artikoli minn 292 sa 319), it-testimonjanza tax-xhieda (l-Artikoli minn 320 sa 350), l-evidenza minn esperti (l-Artikoli minn 351 sa 367), l-aċċess fuq il-post (l-Artikoli minn 368 sa 370) u s-smigħ tal-partijiet (l-Artikoli minn 371 sa 383). Madankollu, fil-prinċipju, is-sorsi kollha possibbli ta' evidenza jistgħu jiġu aċċettati bħala evidenza u jistgħu jiġu kklassifikati bħala wieħed mill-mezzi ta' evidenza elenkati hawn fuq.

## **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

Ix-xhieda jinstemgħu individwalment fl-assenza tax-xhieda li jridu jinstemgħu sussegwentement. Dan iżommhom lura milli jinfluwenzaw it-testimonjanza ta' xulxin. Jekk it-testimonjanza tax-xhieda tkun kontradittorja, dawn jistgħu jiġu eżaminati fl-istess ħin. L-eżami tax-xhieda jibda b'interrogazzjoni informattiva mfassla biex tiddetermina jekk dan ikunx skwalifikat milli jagħti evidenza għal xi raġuni partikolari, jekk għandux dritt li jibqa' sieket, jew jekk ikunx hemm fatturi li ma jħallux jieħdu l-ġurament. Wara li xhud jittakkaw dwar id-dmir tiegħu li jgħid il-verità u jiġi avżat bil-konsegwenzi taħt il-liġi kriminali jekk jagħti xhieda falza, is-seduta proprja tibda bix-xhud jintalab jipprovdi d-dettagli personali tiegħu. Sussegwentement, lix-xhud issirli interrogazzjoni dwar il-każ innifsu. Il-partijiet jistgħu jieħdu sehem fl-eżami tax-xhud u jistgħu jistaqsu mistoqsijiet lix-xhud bil-qbil tal-Qorti. L-imħallief jista' jiċċad mistoqsijiet mhux xierqa. Fil-prinċipju, ix-xhieda jridu jiġu eżaminati direttament quddiem il-Qorti tal-proċess. Madankollu, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-eżami tax-xhieda permezz ta' assistenza legali reċiproka huwa wkoll possibbli (l-Artikolu 328 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili).

Testimonjanza esperta titqies bħala waħda li "tassisti" l-Qorti. Filwaqt li x-xhud jagħti xhieda dwar il-fatti, ix-xhieda esperti jipprovdu l-għarfien espert li l-imħallief ma jistax ikollu. Il-kumpilazzjoni tax-xhieda esperta fil-prinċipju għandha ssir quddiem il-Qorti tal-proċess. Xhud espert jista' jissejjaħ ukoll mingħajr restrizzjoni mill-imħallief *ex officio*. Ix-xhud espert huwa meħtieġ jippreżenta s-sejbiet tiegħu flimkien ma' rapport. Ix-xhieda esperti jridu jippreżentaw rapport orali matul is-seduta tas-smiġ. Ir-rapporti bil-miktub iridu jiġu spjegati mix-xhieda esperti matul is-seduta ta' smiġ orali jekk dan jintalab minn waħda mill-partijiet. Il-konstatazzjonijiet u r-rapport għandhom jiġu ssostanzjati. Ir-rapporti privati ma humiex meqjusa bħala rapporti esperti skont it-tifsira tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Huma għandhom l-istatus ta' dokument privat.

Proċedimenti esklużivament bil-miktub mhumiex permessi skont il-liġi Awstrijaka. Madankollu, peress li l-mezzi ta' prova ma huma bl-ebda mod limitati, teżisti l-possibbiltà li x-xhieda jagħtu t-testimonjanza tagħhom bil-miktub. Madankollu, it-testimonjanza bil-miktub titqies bħala evidenza dokumentata u hija soġġetta għall-ewvalwazzjoni libera tal-Qorti. Jekk il-Qorti tqis li jkun meħtieġ, ix-xhud irid jidher quddiem il-Qorti, sakemm iż-żewġ partijiet ma joggjezzjonawx għall-eżami ta' dak ix-xhud.

## **2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Japplika l-prinċipju tal-"valutazzjoni libera tal-evidenza" (l-Artikolu 272 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-ewvalwazzjoni tal-evidenza hija l-eżami tar-riżultati tal-evidenza mill-imħallief. Fit-tweġiq ta' din l-ewvalwazzjoni, l-imħallfin ma jkunux marbuta b'xi regoli statutorji dwar l-evidenza iżda jridu jiġġudikaw skont il-konvinzjoni personali tagħhom jekk il-provi humiex suffiċjenti jew le. M'hemm l-ebda ġerarkija applikabbli għall-mezzi ta' prova. L-evidenza bil-miktub titqies bħala evidenza dokumentata sakemm ma tkunx rapport espert. Id-dokumenti pubbliċi maħruġa fl-Awstrija huma preżunti li jkunu ġenwini, jiġifieri huwa preżunt li jkunu tabilħaqq attribwibbli għall-emittent indikat. Huma jstabilixxu wkoll prova sħiħa tal-korrettezza tal-kontenut. Dment li jkunu ffirmati, id-dokumenti privati wkoll jiġu kompletament aċċettati bħala evidenza li d-dikjarazzjonijiet li jkun fihom ikunu attribwibbli lill-persuna li tkun iffirmathom. Il-preċiżjoni tagħhom hija dejjem soġġetta għall-valutazzjoni libera tal-evidenza.

## **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Awstrijak ma jirrikjedix li tipi partikolari ta' evidenza jiġu kkunsidrati f'każijiet speċifiċi. L-ammont tat-talba huwa indipendenti mill-għażla tal-mezz ta' evidenza.

## **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Ix-xhieda huma obbligati jidheru quddiem il-qorti, jagħtu xhieda u, jekk jintalbu, jieħdu ġurament. Jekk xhud li jkun issejjaħ kif xieraq ma jattendix is-seduta orali mingħajr ma jipproduċi raġuni valida, il-Qorti l-ewwel timponi piena amministrattiva u, jekk huwa jerġa' ma jattendix għat-tieni darba, tordna li jinġieb għas-seduta taħt arrest. Jekk xhud jirrifjuta li jixhed mingħajr ma jagħti raġuni jew jagħti raġuni mhux ġustifikata għala ma xehedx, huwa jista' jiġi mġiegħel jagħti x-xhieda tiegħu. Jekk xhud jagħti evidenza falza quddiem il-Qorti, din tirriżulta fi proċedimenti kriminali kontrih.

## **2.9 F'lema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Meta jkun hemm raġunijiet għal rifjut ta' għoti ta' evidenza (l-Artikolu 321 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), ix-xhud ikun intitolat li jirrifjuta li jwieġeb mistoqsija jew mistoqsijiet individwali. Ma hemm l-ebda dritt sħiħ li wieħed jirrifjuta li jagħti evidenza. Tali raġunijiet huma skandlu jew ir-riskju ta' prosekuzzjoni kriminali għax-xhud jew għal persuna li tkun qribu, żvantaġġ finanzjarju dirett għall-istess persuni, obbligi rikonoxxuti mill-istat li wieħed jibqa' sieket, l-obbligu tal-avukat, korp statutorju rappreżentattiv jew assoċjazzjoni professjonali li tista' tidħol fi ftehimiet kollettivi li tibqa' sieket dwar materji ta' xogħol u sigurtà soċjali, id-divulgazzjoni potenzjali ta' sigrieti artistiki jew ta' negozju u l-użu tad-dritt tal-vot li jkun ġie ddikjarat bħala sigriet mil-liġi. Il-Qorti trid tinforma lix-xhud dwar dawn ir-raġunijiet qabel ma jiġi eżaminat. Jekk ix-xhud jixtieq jagħmel użu mill-possibbiltà tiegħu li jirrifjuta li jagħti xhieda, huwa għandu jindika r-raġunijiet għal dan.

## **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Il-Qorti trid tiddeċiedi jekk ir-rifjut ta' xhud li jagħti evidenza huwiex legali. Jekk ix-xhud jirrifjuta li jixhed mingħajr raġunijiet jew jagħti raġunijiet li ma jtaqisux ġustifikati mill-Qorti, huwa jista' jiġi mġiegħel jixhed (l-Artikolu 354 tal-Kodiċi ta' Eżekuzzjoni - *Exekutionsordnung*). Dan jista' jsir permezz ta' multi jew, sa grad limitat, permezz ta' sentenza ta' priġunerija. Xhud bħal dan huwa responsabbli wkoll fil-konfront tal-partijiet għal kwalunkwe dannu kkawżat b'riżultat ta' rifjut mhux ġustifikat li jagħti evidenza.

## **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Evidenza ma tistax tinkiseb minn persuni li ma setgħux jew ma jistgħux jaraw il-fatti li jridu jiġu ppruvati jew li ma jafux jikkomunikaw dak li jkunu raw. Dawn jitqiesu bħala persuni b'inkapaċità fiżika "assoluta" biex jixhdu (l-Artikolu 320(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Fil-każ ta' persuni taħt l-età jew persuni li jsofru minn mard mentali, il-Qorti trid tiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ jekk ikunux kapaċi jagħtu xhieda f'każ partikolari jew le. Meta l-persuna li għandha tinstema' tkun minuri, il-Qorti tista', wara talba jew *ex officio*, tirrinunza l-evidenza orali kollha jew parti minnha jekk l-eżami jkun jikkomprometti l-benesseri tal-minuri, filwaqt li titqies il-maturità mentali tiegħu, is-suġġett tas-seduta u r-relazzjoni tiegħu mal-partijiet fil-proċedimenti (l-Artikolu 289b(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Dan japplika wkoll fi proċedimenti ta' ġurisdizzjoni volontarja (l-Artikolu 35 tal-Att dwar il-Proċedimenti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja (*Außerstreitgesetz*)). Hemm ukoll tliet każijiet ta' inkapaċità "relattiva" li wieħed jixhed (l-Artikolu 320(2) sa (4) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili): il-professionisti reliġjużi fir-rigward ta' informazzjoni mogħtija lilhom waqt qari, jew informazzjoni li b'xi mod ieħor tkun koperta mill-kunfidenzjalità li tkun ġejja mill-pożizzjoni tagħhom, l-uffiċjali tal-Istat fir-rigward ta' informazzjoni marbuta mal-mandat tagħhom (sakemm ma tkunx ingħatat eżenzjoni) u l-medjaturi, li jkunu ġew fdati bil-medjazzjoni jew li b'xi mod ieħor ikunu kisbu l-informazzjoni fil-kuntest tal-medjazzjoni.

## **2.12 X'inhu r-rol tal-imħallief u tal-partijiet fis-smiġ ta' xhud? B'lema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Il-Qorti għandha tistaqsi lix-xhieda mistoqsijiet xierqa dwar dawk il-fatti li jridu jiġu ppruvati permezz tal-evidenza tagħhom u dwar iċ-ċirkostanzi li jkunu kisbu l-għarfien tagħhom taħthom. Il-partijiet jistgħu jipparteċipaw fl-eżami tax-xhieda u, bil-qbil tal-Qorti, jagħmluhom mistoqsijiet bl-għan li jiċċaraw jew jikkompletaw ix-xhieda tagħhom. L-imħallief jista' jiċċad mistoqsijiet mhux xierqa. L-evidenza tax-xhud trid tiġi rreġistrata skont il-kontenut essenzjali tagħha, iżda, jekk meħtieġ, trid tiġi rreġistrata kelma b'kelma. Reġistraturi vidjo u awdjo u d-*data* rreġistrata fuqhom ġeneralment jitqiesu bħala oġġetti ta' spezzjoni. L-evidenza permezz ta' spezzjoni hija r-riżultat tal-perċezzjoni sensorjali diretta tal-karatteristiċi jew il-kundizzjonijiet tal-kwistjonijiet min-naħa tal-Qorti. Fid-dawl tal-prinċipju tad-direttezza materjali tat-teħid ta' evidenza, tali evidenza tkun ammissibbli biss jekk evidenza diretta, eż. xhud, ma tkunx disponibbli. L-eżami

ta' xhud li juża teknoloġija bil-vidjo huwa possibbli fil-prinċipju u għandu jintuża minflok eżami meta jiġu eżegwiti rikjesti għal assistenza ġudizzjarja reċiproka għal raġunijiet ta' ekonomija tal-proċess. Mill-2011, il-qrati kollha ġew mġhamra b'faċilitajiet tal-vidjokonferenzi.

Jekk is-suġġett tal-proċedimenti ċivili jkun relatat ma' proċedimenti kriminali, l-eżami tal-partijiet li jkunu l-vittima f'dawn il-proċedimenti kriminali skont it-tifsira tal-Artikolu 65(1)(a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali (*Strafprozessordnung*) għandha, fuq talba tagħhom, tillimita l-parteċipazzjoni tal-partijiet fil-proċedimenti u r-rappreżentanti tagħhom fis-seduta b'tali mod li jkunu jistgħu jsegwu l-eżami bl-użu ta' tagħmir tekniku għat-trażmissjoni ta' taħdit u immaġni u li jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jagħmlu l-mistoqsijiet mingħajr ma jkunu preżenti għall-intervista. Jekk il-vittima tkun minorenni, espert xieraq irid ikun inkarigat li jagħmel il-mistoqsijiet marbuta mal-proċedimenti kriminali (l-Artikolu 289a(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali). Il-Qorti tista', fuq talba, teżamina persuna bil-mod kif deskritt fil-paragrafu 1 jekk, fid-dawl tal-evidenza inkwistjoni jew involviment personali, il-persuna li għandha tinstema' ma tistax tkun mistennija b'mod raġonevoli li tagħmel stqarrija fil-preżenza tal-partijiet fil-proċedimenti u tar-rappreżentanti tagħhom (l-Artikolu 289a(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). Il-Qorti tista', fuq talba jew *ex officio*, tara li l-eżami jsir bil-mod deskritt fl-Artikolu 289a(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u jekk meħtieġ, minn espert xieraq anke jekk il-benesseri tal-minorenni ma jiġix ipperikolat mill-eżami nnifsu, iżda t-tmexxija tal-eżami fil-preżenza tal-partijiet jew tar-rappreżentanti tagħhom taffettwa l-benesseri tagħhom, filwaqt li titqies il-maturità mentali tagħhom, is-suġġett tal-eżami u r-relazzjoni tagħhom mal-partijiet fil-kawża (l-Artikolu 289b(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili). L-Artikoli 289a u 289b tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili japplikaw ukoll fi proċedimenti mhux kontenzjużi (l-Artikolu 35 tal-Att dwar il-Proċedimenti mhux Kontenzjużi).

### 3 Il-valutazzjoni tal-provi

#### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Jekk parti tikser obbligu kuntrattwali, dispożizzjoni tal-liġi privata jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità sabiex tikseb biċċa evidenza, il-qorti tista' taċċetta u tevalwa l-evidenza iżda l-parti kkonċernata tkun madankollu responsabbli li tħallas kumpens. Jekk, biex tikseb l-evidenza, il-parti tikser dispożizzjoni tal-liġi kriminali li tiproteġi d-drittijiet u l-libertajiet bażiċi stabbiliti fil-Kostituzzjoni (eż. korriment fiżiku, ħtif, gēgħil ta' xhud biex jixhed), l-evidenza li tkun inkisbet b'dan il-mod tkun inammissibbli u ma tistax tiġi aċċettata mill-Qorti. Jekk ikun hemm dubju dwar jekk att kriminali twestaqx, il-Qorti tista' tinterrompi l-proċedimenti ċivili sakemm tkun ingħatat sentenza finali fil-proċedimenti kriminali. Jekk l-att kriminali kommess biex tinkiseb l-evidenza ma jmurx kontra d-drittijiet bażiċi u l-libertajiet bażiċi stabbiliti bil-Kostituzzjoni, il-parti inkwistjoni titqies responsabbli kriminalment, iżda l-evidenza ma tkunx inammissibbli. Hija biss l-evidenza miksuba illegalment li tkun kisret l-obbligu tal-Qorti li tistabilixxi l-verità u li b'hekk idgħajjef il-garanzija tal-verità u l-preċiżjoni tas-sentenza, li titqies bħala inammissibbli.

#### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

L-eżami tal-partijiet ukoll jikkostitwixxi evidenza. Bħax-xhieda, il-partijiet għandhom ukoll id-dmir li jattendu, jixhdu u jieħdu ġurament. Madankollu, ma jistgħux jiġu mġiegħla jidhru quddiem il-Qorti jew jagħtu x-xhieda tagħhom. Kull nuqqas mhux ġustifikat minn parti li tattendi l-proċedimenti jew li tagħti x-xhieda tagħha għandu jiġi ġġudikat mill-Qorti b'valutazzjoni bir-reqqa taċ-ċirkostanzi kollha. Huwa biss fil-każ ta' proċedimenti ta' dixxendenza jew ta' divorzju li jkun possibbli li jintużaw miżuri koersivi biex il-partijiet jidhru quddiem il-qorti. Nuqqas minn parti li tissodisfa d-dmir tagħha li tgħid il-verità (għall-kuntrarju tax-xhieda) ma huwiex reat kriminali sakemm ma tingħatax dikjarazzjoni falza taħt ġurament. L-eżami tal-partijiet jista' jiġi ordnat mill-imħallef *ex officio*.

**4 Dan l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda speċifika awtoritajiet oħra li huma kompetenti li jiġbru l-provi għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali skont ir-Regolament? Jekk iva, dawn f'liema proċedimenti huma kompetenti li jiġbru l-provi? Jistgħu jitolbu biss il-ġbir tal-provi jew jassistu wkoll fil-ġbir tal-provi abbażi ta' talba mingħand Stat Membru ieħor? Ara wkoll in-notifika skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda.**

Skont il-liġi nazzjonali Awstrijaka, l-ebda awtorità għajr il-qrati bħalissa ma hija kompetenti biex tikkumpila xhieda bejn il-fruntieri skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament.

L-aħħar aġġornament: 13/04/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [pl](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

### Smieġ ta' xhieda - Polonja

#### 1 L-oneru tal-provi

##### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Il-materji tal-evidenza u t-teħid ta' evidenza huma regolati mill-Kodiċi Ċivili (*kodeks cywilny*, Artikolu 6) u mill-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*kodeks postępowania cywilnego*, Artikoli 227 sa 315).

Skont l-Artikolu 6 tal-Kodiċi Ċivili, l-oneru tal-provi ta' fatt trid iġġorru l-persuna li tasserixxi l-konsegwenzi legali li jirriżultaw minn dan il-fatt. L-oneru tal-prova ta' ċerti fatti jkollu jġorru r-rikorrent, ta' ċerti fatti oħra – flimkien mal-imputati.

##### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

L-eżenzjonijiet mir-regola li l-oneru ta' provi ta' fatt trid iġġarrbu l-persuna li tasserixxi l-konsegwenzi legali li jirriżultaw minn dan il-fatt jridu jseguw direttament minn att leġiżlattiv.

F'ċerti kawżi partikolari huwa possibbli li l-oneru tal-prova jimxi għand il-parti l-oħra, jiġifieri li l-oneru tal-provi jiġi invertit. Dan jista' jseħħ jekk e.ż. tinqered l-evidenza jew jiġi impedit it-teħid ta' evidenza. Fil-każistika għet adottata l-fehma li kull meta parti taġixxi b'tali mod li timpedixxi jew tfixkel serjament il-wiri tal-fatti mill-parti l-oħra li jġorru l-oneru tal-provi, il-parti preċedenti trid tagħti prova li daww il-fatti ma seħħewx.

Il-kwistjoni tal-oneru tal-provi hija marbua mill-qrib mal-istituzzjoni tal-preżunzjonijiet legali. Skont l-Artikolu 234 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili preżunzjoni legali hija vinkolanti għall-qorti. Bħalar regola ġenerali, huwa aċċettabbli li tirribatti preżunzjoni legali.

Preżunzjonijiet legali li jibdlu r-regoli ta' evidenza jikkonċernaw e.ż. *bona fide* jew *mala fede* (l-Artikolu 7 tal-Kodiċi Ċivili), il-preżunzjoni ta' twelid ħaj (Artikolu 9 tal-Kodiċi Ċivili), l-illegalità (Artikolu 24(1) tal-Kodiċi Ċivili), l-ugwaljanza tal-ishma tal-ko-sidien (Artikolu 197 tal-Kodiċi Ċivili), id-debitur jaġixxi filwaqt li jkun konxju tad-detriment tal-kredituri (Artikoli 527(3) u 529 tal-Kodiċi Ċivili), il-valur ugwali tal-ishma tas-sħab li sħubija tal-liġi ċivili (Artikolu 826(2) tal-Kodiċi Ċivili).

##### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

F'konformità mal-prinċipju tal-valutazzjoni libera tal-evidenza (Artikolu 233 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili) il-qorti tivaluta l-affidabbiltà u l-qawwa tal-evidenza għas-sodisfazzjon tagħha, abbażi ta' eżami komprensiv tal-evidenza miġbura.

Il-qorti tista' tibbaża l-konvinzjoni tagħha biss fuq evidenza meħudha kif xieraq, f'konformità mar-rekwiżiti fir-rigward tas-sorsi tal-evidenza u mal-prinċipju tal-adduzzjoni diretta tal-evidenza.

Barra minn hekk, il-perizji jiġu vvalutati liberament mill-qorti.

Barra minn hekk, l-Artikolu 243 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprevedi għall-istituzzjoni tal-prova ta' kredibbiltà. Il-prova ta' kredibbiltà hija miżura alternattiva għall-evidenza fil-veru sens tal-kelma u ma tipprovi l-ebda ċertezza iżda tagħti biss kredibbiltà lil dikjarazzjoni fir-rigward ta' fatt. It-teħid ta' evidenza formali huwa regola, filwaqt li tagħti prova li l-kredibbiltà hija eżenzjoni favur il-parti li tinwoka ċertu fatt. Fi kwistjonijiet inċidentali skont in-natura tagħhom u f'każijiet espressament speċifikati f'att leġislattiv il-prova ta' kredibbiltà hija suffiċjenti.

## 2 Is-smiġh tal-provi

Kull dikjarazzjoni li saret kemm mir-rikorrent kif ukoll mill-imputat trid tkun ibbażata fuq l-evidenza.

### 2.1 Għas-smiġh tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Il-qorti tista' tilqa' evidenza mhux invokata minn parti, iżda dik l-evidenza trid tikkonċerna biss id-dikjarazzjonijiet ta' dik il-parti fir-rigward tal-materjal u l-fatti kkontestati jekk, fl-opinjoni tal-qorti, l-evidenza miġbura matul il-kawża ma tkunx biżżejjed biex issolviha (Artikolu 232 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)

### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Fil-prinċipju, il-qorti tilqa' l-evidenza fuq talba tal-partijiet, minħabba li huwa l-obbligu tagħhom li jindikaw l-evidenza meħtieġa biex tissolva l-kawża.

Madankollu, il-qorti teżamina jekk l-ammissjoni tal-evidenza evokata mill-partijiet hijiex utli jew neċessarja (Artikolu 236 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Jenħtieġ li l-qorti tohróg deċiżjoni ta' prova kull meta tiegħu evidenza, anke meta tilqa' evidenza *ex officio*.

Meta tiddeċiedi jekk tilqax evidenza sottomessa minn parti fil-proċedimenti, il-qorti jenħtieġ li teżamina:

jekk fatt partikolari huwiex rilevanti għall-kawża (Artikolu 227 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili),

jekk il-fatt jeħtieġx jiġi ppruvat (jista', pereżempju, ikun materja ta' għarfien komuni – Artikolu 228(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, jew milqugħ mill-partijiet – Artikolu 229 tal-Kodiċi),

jekk l-evidenza mogħtija hix eskluża fil-kawża speċifika (e.ż. Artikoli 246 u 247 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili),

jekk il-fatt li għandu jintwera mill-evidenza s'issa ġiex iċċarat b'mod suffiċjenti jew jekk l-evidenza ġietx invokata sempliċiment biex jittawlu l-proċedimenti (Artikolu 217(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

### 2.3 F'lema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Il-qorti tirrifjuta r-rikors ta' parti biex tikseb evidenza jekk dan ikun jikkonċerna fatti mhux rilevanti għall-kawża (Artikolu 227 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), fatti li huma ta' għarfien komuni, fatti milqugħ matul il-proċedimenti mill-parti l-oħra, jekk l-ammissjoni ma tqajjimx dubji, kif ukoll fatti magħrufa mill-qorti *ex officio*, għalkemm jenħtieġ li l-qorti mbagħad tagħmel lill-partijiet konxji ta' tali fatti matul is-smiġh (Artikoli 228 u 229 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Il-qorti tista' tqis il-fatti rilevanti għar-riżoluzzjoni tal-kawża bħala stabbiliti jekk dik il-konklużjoni tista' tinstilet minn fatti stabbiliti oħrajn (preżunzjoni fattwali, Artikolu 231 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

dokumenti (Artikoli minn 244 sa 257 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)

Dokumenti huma dikjarazzjonijiet bil-miktub; li jistgħu jkunu uffiċjali jew privati. Fil-każ ta' dokumenti uffiċjali abbozzati f'forma xierqa mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti huwa preżunt li l-kontenut iċċertifikat b'mod uffiċjali tagħhom huwa preċiż u li tabilħaq inħarġu mill-awtorità emittenti.

testimonjanza tax-xhieda (Artikoli 258 sa 277 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)

Ħadd ma jista' jirrifjuta li jixhed bħala xhud, h'ief il-konjuġi tal-partijiet, il-qraba tagħhom f'linji axxendenti u dixxendenti, aħwa u qraba biż-żwieġ fl-istess l-linja u grad kif ukoll il-ġenituri adottivi jew it-tfal tagħhom. Id-dritt li tirrifjuta li tixhed ikompli wara t-terminazzjoni taż-żwieġ jew tar-relazzjoni tal-adozzjoni.

perizja (Artikoli 278 sa 291 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)

Perizja hija opinjoni dwar il-fatti, l-istati u l-avvenimenti li l-eżami u l-kjarifika tagħhom jittlob għarfien speċjalizzat partikolari, u li tgħin lill-qorti tivvaluta l-fatti kif xieraq u ssolvi l-kawża inkwiżjoni.

spezzjoni (Artikoli 292 sa 298 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)

L-ispezzjoni hija l-eżami sensorju dirett tal-karatteristiċi jew l-istat ta' persuni, post jew oġġett mill-qorti.

smiġh tal-partijiet (Artikoli 299 sa 304 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili)

F'każ li l-evidenza tiġi eżawrita jew fl-assenza tagħha jibqgħu fatti mhux spjegati li jkunu rilevanti għall-kawża, il-qorti tordna s-smiġh tal-partijiet sabiex jiġu ċċarati tali fatti.

Meta persuna ġuridika tkun parti, il-qorti tisma' lill-persuni inklużi f'korp intitolat biex jirrappreżenta lil dik il-parti.

Barra minn hekk, il-qorti tista' tilqa' evidenza fil-forma ta' riżultati ta' testijiet ta' gruppi tad-demm, filmati fuq vidjow, filmati tat-televixin, fotokopji, ritratti, pjanti, tpinġijiet, diski jew tejsps tal-awdjo u apparati oħrajn għar-reġistrazzjoni u l-ħżin ta' immaġni u ħsejjes.

### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

Skont l-Artikolu 266 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, qabel is-smiġh ix-xhud jiġi infurmat bid-dritt tiegħu li jirrifjuta li jixhed u bir-responsabbiltà penali għall-għoti ta' xhieda falza. Ix-xhud li għandu jixhed jieħu ġurament quddiem il-qorti.

Skont l-Artikolu 271(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, it-testimonjanza tax-xhud hija orali. It-testimonjanza tax-xhud tinqara lix-xhud u tiġi s-supplimentata abbażi tal-kummenti tiegħu, jekk applikabbli.

Bħala regola, ix-xhieda li jkunu għadhom ma nstemgħux ma jistgħux ikunu preżenti fis-smiġh ta' xhieda oħra (Artikolu 264 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili), filwaqt li xhieda li jagħtu xhieda kontradittorja jistgħu jikkonfrontaw lil xulxin (Artikolu 272 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Il-qorti tista' titlob lill-espert wieħed jew aktar biex jipprovdur l-opinjoni tagħhom, filwaqt li tinfirmahom jekk l-opinjoni tagħhom għandhomx jiġu ppreżentati b'mod orali jew bil-miktub (Artikolu 278 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). L-espert jista' jirrifjuta li jixhed għall-istess raġunijiet tax-xhieda (Artikoli 280 u 261 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). L-espert jieħu wkoll ġurament sakemm il-partijiet ma jeħilsuhx minn dak l-obbligu. Kull opinjoni trid tinkludi dikjarazzjoni tar-raġunijiet (Artikolu 285 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). L-esperti jistgħu jitolbu kumpens għall-ħidma tagħhom (Artikolu 288 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

### 2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Ma hemm l-ebda raġuni għaliex għandek taċċetta ġerarkija formali ta' metodi ta' provi mill-perspettiva tal-kredibbiltà tagħhom u l-qawwa fis-separazzjoni mill-fatti ta' kawża speċifika. Bħala regola, il-qorti tivvaluta l-evidenza skont id-diskrezzjoni tagħha (Artikolu 233 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Jenħtieġ li l-valutazzjoni tagħha tqis il-prinċipju stabbilit fl-Artikoli 246 u 247 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili skont liema l-evidenza dokumentarja hija superjuri għat-testimonjanza tax-xhieda u tal-partijiet.

### 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Ċerti atti legali jitolbu forma xierqa u r-rekwiżit għall-użu ta' tali forma speċifika jista' jiġi introdott permezz ta' att leġiżlattiv jew ftehim bejn il-partijiet. Evidenza bil-miktub f'konformità mal-Artikolu 74(1) tal-Kodiċi Ċivili (*ad probationem*) tintuża' sabiex jekk ir-rekwiżiti ta' leġiżlattiva jew ftehim ma jiġux issodisfati, il-persuna li tonqos milli twestaq azzjoni fil-forma xierqa ġġarrab konsegwenzi proċedurali negattivi minħabba li l-kapaċità tagħha li tixhed tkun ristretta.

## **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Bħala regola, ħadd mhu permess jirrifjuta li jixhed bħala xhud. Tabilħaqq, l-għoti ta' xhieda huwa obbligu statutorju. Dak l-obbligu jinkludi tliet rekwiżiti:

li tidher quddiem il-qorti f'ħin speċifikat,

li tixhed,

li tiegħu ġurament.

## **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Madankollu, l-Att jipprevedi għal ċerti eċċezzjonijiet għar-regoli li ħadd ma jista' jirrifjuta milli jixhed fl-Artikolu 261 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili skont liema, il-konjuġi tal-partijiet, il-qraba tagħhom fil-linji axxendenti u dixxendenti tagħhom, l-aħwa u l-qraba biż-żwieġ fl-istess linja u grad kif ukoll il-ġenituri adottivi jew l-ulied tagħhom jistgħu jirrifjutaw milli jixhdu. Id-dritt li tirrifjuta li tixhed ikompli wkoll wara t-terminazzjoni taż-żwieġ jew tar-relazzjoni tal-adozzjoni.

Ir-rifjut milli persuna tixhed mhux aċċettabbli f'kawżi ta' status tal-familja, flief f'divorzi.

Jenftieg li l-qorti tinforma lix-xhud bid-dritt tiegħu li jirrifjuta li jixhed u li jirrifjuta li jwieġeb mistoqsijiet qabel is-smiġħ ta' xhud. Ir-raġunijiet għar-rifjut li tingħata xhieda (sottomessa bil-miktub jew bil-fomm, b'referenza għal kawżi statutorji) huma vverifikati mill-qorti.

Dikjarazzjoni ta' rifjut mill-għoti ta' evidenza tista' tiġi revokata. Madankollu, wara l-għoti tal-evidenza, ix-xhud ma jistax juża d-dritt li jirrifjuta, sakemm, qabel dan, ma jkunx ġie infurmat li kellu tali dritt.

Ix-xhud jista' jirrifjuta wkoll li jwieġeb mistoqsijiet jekk ix-xhud jista' jikxef lilu jew lill-qraba tiegħu (il-konjuġi, il-qraba fil-linji axxendenti u dixxendenti, l-aħwa, il-qraba biż-żwieġ fl-istess linja u grad kif ukoll il-ġenituri adottivi jew l-ulied tagħhom) għal responsabbiltà kriminali, diżgrazzja jew ħsara finanzjarja serja jew diretta jew jekk din tinvolvi l-ksur ta' sigriet tan-negozju materjali.

Il-fehma prevalenti hija li t-terminu "qraba" ma jinkorporax lil persuni li tabilħaqq jgħixu flimkien bħala koppja (koabitazzjoni).

Qassis jista' jirrifjuta li jagħti evidenza fir-rigward tal-fatti fdati lilu waqt il-qrar.

Taħt ordni tal-qorti kulħadd għandu jissottometti, fil-post u fil-ħin speċifikat, kwalunkwe dokument tiegħu u jipprovdli fatt rilevanti tal-kawża, sakemm id-dokument ma jkunx fih informazzjoni kunfidenzjali. Persuni biss, li fir-rigward tal-fatti diskussi fid-dokument, jistgħu jirrifjutaw li jagħtu evidenza bħala xhieda jew li jħaddnu l-istess dokument f'isem persuna terza li għall-istess raġunijiet jistgħu joġġezzjonaw li jissottomettu d-dokument jistgħu jevitaw l-obbligu ta' hawn fuq. Madankollu, anke f'dan il-każ rifjut ta' sottomissjoni tad-dokument ikun inaċċettabbli jekk id-detentur tiegħu jew il-parti terza jkunu mitlubin jagħmlu dan b'referenza għal tal-anqas waħda mill-partijiet jew jekk id-dokument jinħareġ fl-interess tal-parti li titlob il-kumpilazzjoni ta' xhieda. Barra minn hekk, persuna ma tistax tirrifjuta li tissottometti dokument jekk il-ħsara li l-persuna ġġarrab hija stessmeta tissottometti d-dokument tikkonsisti fit-telf tal-kawża (Artikolu 248 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

## **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Fil-każ ta' rifjut mhux iġġustifikat li wieħed jixhed jew ta' teħid ta' ġurament fil-qorti, wara l-eżami tal-partijiet kollha preżenti fir-rigward tal-validità tar-rifjut, tiġi imposta multa fuq ix-xhud (Artikolu 274 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Irrispettivament mill-multu t'hawn fuq, il-qorti tista' żżomm lix-xhud detentur għal mhux aktar minn ġimgħa. Il-qorti teħles lix-xhud mid-detenzjoni jekk dan jixhed jew jieħu ġurament jew jekk il-kawża tiegħu tinqata' minn qorti fejn intlaqgħet dik ix-xhieda (Artikolu 276 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

## **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Il-qorti, filwaqt li taġixxi *ex officio*, għandha timpedixxi milli ġġiegħel persuna li ma tkunx kapaċi tipperċepixxi jew tikkomunika dak li tipperċepixxi tixhed. Il-waqfien tal-kawżi ta' dik in-nuqqas ta' kapaċità jistgħu jwasslu biex titneħħa l-projbizzjoni fuq ix-xhieda. Trattament psikjatriku jew inkapaċità bħala tali ma jistgħux jagħmlu x-xhieda mhux affidabbli b'mod awtomatiku (Artikolu 259 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-Att ma jiddefinixxi kemm minuri jrid ikollu eżami ta' biex jitqies bħala li kapaċi jipperċepixxi jew jikkomunika x'jipperċepixxi. Għalhekk, jekk minuri jkun jista' jiġi eżaminat jiddependi fuq il-kapaċitajiet individwali u l-grad ta' żvilupp tiegħu. F'kawżi ta' żwieġ, l-Att jipprevedi għal-limitazzjonijiet fir-rigward ta' eżaminazzjoni ta' minuri ta' taħt it-13-il sena u l-qraba tal-partijiet f'linja dixxendenti taħt is-17-il sena bħala xhieda (Artikolu 430 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-Artikolu 259 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jwassal għal regola ġenerali li ħadd ma jista' jiġi eżaminat fl-istess kawża darba bħala xhud u darb'oħra bħala parti. Ir-rappreżentant statutorju ta' parti jista' għalhekk jiġi eżaminat waqt is-smiġħ tal-partijiet. Min-naħa l-oħra, avukat tal-parti jista' jiġi eżaminat bħala xhud, iżda dan imbagħad irid jirrinunzja l-prokura.

Barra minn hekk, intervenjent ma jistax ikun xhud (Artikolu 81 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

Il-persunal militari u l-impjegati taċ-ċivil li jkun għandhom ma nħsusx mid-dmir li jżommu informazzjoni sigrieta identifikata bħala "klassifikata" jew "kunfidenzjali", jekk ix-xhieda tagħhom tkun tinvolvi l-ksur ta' dik is-segretezza, ma għandhomx għalfejn jagħtu evidenza sakemm ma jiġux liberati mill-obbligu li jżommu s-segretezza professjonali.

Medjatur ma jistax ikun xhud fir-rigward tal-fatti li jsir konxju tagħhom matul il-medjazzjoni, sakemm il-partijiet ma jilliberawhx mill-obbligu li jżommu is-segretezza tal-medjazzjoni (Artikolu 2591 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

## **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Xhud jinstema' mill-qorti. F'ċerti każijiet il-qorti tista' tafda s-smiġħ lil imħallef deżinjat (Artikolu 235 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili). Jekk in-natura tal-evidenza ma timpedixxi dan, il-qorti li tippresiedi tista' tiddeċiedi li tagħmel is-smiġħ bl-użu ta' apparati tekniċi li jagħmluha possibbli li dan isir mill-bogħod.

Il-partijiet għandhom id-dritt li jkun preżenti meta x-xhieda jiġu eżaminati u li jistaqsuhom il-mistoqsijiet.

Ix-xhieda jistgħu jiġu eżaminati bl-użu ta' vidjokonferenza u t-telefokonferenza (Artikolu 10(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qorti tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali).

## **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

Bħala regola, dak kollu li jservi biex jiġu stabbiliti l-fatti rilevanti għall-kawża jista' jkun evidenza. Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma tippredix għal projbizzjoni ġenerali kontra l-użu ta' evidenza miksuba kontra l-liġi fi proċedimenti ċivili. Madankollu, analiżi tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni, tad-dispożizzjonijiet differenti tal-Kodiċi Ċivili u tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, l-Att dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata u ta' trattati internazzjonali ratifikati mill-Polonja jagħti sustanza lit-teżi li l-użu ta' evidenza miksuba kontra l-liġi fi proċedimenti ċivili mhux aċċettabbli.

## **3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

Fi proċedimenti ċivili huwa inammissibbli li tintuża' evidenza miksuba b'mod li rriżultat fi ksur u għalhekk iċċaħħad lil persuna mid-drittijiet għal-libertà tal-ħsieb, għal-libertà tal-espressjoni, l-intimità u l-libertà personali. L-evidenza miksuba b'qerq jew b'wegħda li t-twettiq tagħha jkser il-liġi, eż. l-offerta ta' benefiċċju fi flus għall-interċettazzjoni telefonika, hija meqjusa kontra l-liġi.

L-Artikolu 403(1)(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jistipula li sentenza miksuba permezz ta' reat kriminali tista' tiġi riveduta. It-talba prevista fl-Artikolu 403(1)(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili hija possibbli biss meta l-issodisfar tagħha jiġi kkonfermat minn konvinzjoni finali. Is-sentenza trid tkun finali sabiex tiġi żgurata l-persistenza tar-raġunijiet għar-reviżjoni. Mar-rikors għar-reviżjoni ta' sentenza jenħteġ li titwafkal kopja tas-sentenza.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

F'każ li l-evidenza tintuża kollha, jew fl-assenza tagħha, jibqgħu fatti mhux spjegati li jkunu rilevanti għall-kawża, il-qorti tista' tisma' lill-partijiet (Artikolu 299 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili).

L-aħħar aġġornament: 26/11/2018

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Smigħ ta' xhieda - Portugall

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Ir-regoli ġenerali dwar l-oneru tal-prova huma stabbiliti fl-Artikoli 342 sa 348 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#).

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Iva, hemm regoli li jeżentaw ċerti fatti mill-oneru tal-provi.

Fil-każijiet li ġejjin:

L-Artikolu 412 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#) – Fatti li ma jeħtiġux talba jew prova

L-Artikolu 350 [tal-Kodiċi Ċivili Portugiż](#) – Preżunzjonijiet legali

Madankollu, il-preżunzjonijiet legali jistgħu jiġu kkonfutati permezz ta' kontroprovi, ħliet f'każijiet fejn il-liġi dan ma tippermettix (l-Artikolu 350(2) tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#)).

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

L-imħallef jivvaluta l-provi b'mod liberu, fuq il-bażi tal-fehma ġudizzjuża tiegħu dwar kull fatt. Il-valutazzjoni libera tal-provi mill-qorti ma tkoprix fatti li għalihom il-liġi teħtieġ formalitajiet speċjali biex jiġu pprovati, jew dawk li jistgħu jiġu pprovati biss b'dokumenti jew li huma pprovati kompletament b'dokumenti, bi ftehim jew b'konfessjoni tal-partijiet (l-Artikolu 607(5) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

Il-qorti għandha tqis il-provi kollha mressqa, kemm jekk joriġinaw mill-parti li kellha tressaqhom u kemm jekk le, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jiddikjaraw li d-dikjarazzjoni ta' fatt hija irrilevanti jekk ma ssirx minn ċerta parti interessata (l-Artikolu 413 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

Il-valur ta' kull mezz ta' prova jvarja skont in-natura tiegħu (l-Artikoli 369 sa 396 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#)).

### 2 Is-smigħ tal-provi

#### 2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Il-kompilazzjoni ta' xhieda mhux dejjem tirrikjedi r-rikors minn parti.

Il-liġi Portugiża tistabbilixxi l-"prinċipju inkwiżitorju", jiġifieri huwa d-dmir tal-imħallef li jwettaq jew jordna, anke fuq inizjattiva propra, l-azzjonijiet kollha neċessarji biex jiġu ddeterminati l-verità u s-soluzzjoni ġusta tal-tliwima fir-rigward tal-fatti li huwa legalment intitolat li jeżamina (l-Artikolu 411 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

#### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Fis-seduta ta' qabel il-proċess jew b'digriet, kif applikabbli, il-qorti tiddetermina liema mezz ta' prova huma ammissibbli u jistgħu jiġu ppreżentati (l-Artikoli 591 u 593 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

Bħala regola ġenerali, ix-xhieda tiġi kkompilata fis-seduta finali (l-Artikolu 604(3) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)). Madankollu, bħala eċċezzjoni, il-qorti tista' tippermetti li x-xhieda tingħata fi stadju aktar bikri (l-Artikolu 419 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

Jekk, wara li jintemm il-proċess, l-imħallef jidher li ma jkollux biżżejjed informazzjoni, jista' jerġa' jiftaħ il-proċess sabiex jisma' lin-nies li jixtieq u biex jordna kwalunkwe azzjoni neċessarja oħra (l-Artikolu 607(1) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

#### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

B'mod ġenerali, f'konformità mad-dmir proċedurali stabbilit fl-Artikolu 6 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#), huwa f'idejn l-imħallef biex jiċċad provi li jkunu irrilevanti jew sempliċment dilatorji.

Hawn taħt hawn xi eżempji li jistgħu jagħtu lok għal ċħid, totalment jew parzjalment, ta' rikors għall-kompilazzjoni tax-xhieda:

Limitu fuq in-numru ta' xhieda (l-Artikolu 511 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#))

Impedimenti (l-Artikolu 496 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#))

Ġurament u interrogazzjoni preliminari (l-Artikolu 513 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#))

Fatti li fuqhom parti tista' tibbaża x-xhieda tagħha (l-Artikolu 454 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

#### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Jeżistu l-mezzi ta' prova li ġejjin:

Preżunzjonijiet (l-Artikolu 349 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#))

Konfessjonijiet (l-Artikolu 352 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#))

Stqarrijiet minn parti (l-Artikolu 466 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#))

Prova dokumentarja (l-Artikolu 362 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#))

Perizja (l-Artikolu 388 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#))

Konfessjonijiet (l-Artikolu 390 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#))

Depożizzjoni minn xhud (l-Artikolu 392 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#))

Preżentazzjoni ta' proprjetà mobbli jew immobbli (l-Artikolu 416(1) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

#### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-perti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

Hemm diversi mezz ta' kif tinkiseb depożizzjoni minn xhud skont l-Artikoli 452, 456, 457, 466, 500, 501, 502, 503, 506, 518 u 520 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#):

Id-dehra tal-partijiet u tax-xhieda personalment jew b'mezzi teknoloġiċi, skont l-Artikolu 502 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)

Eżami permezz ta' ittra rogatorja (l-Artikolu 500(b) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#))



Eżami fil-post ta' residenza jew fil-kwartieri ġenerali tas-servizzi (l-Artikolu 503 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#))

Seduta bil-miktub (l-Artikolu 517 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#))

Preżentazzjoni tal-provi bil-miktub (l-Artikolu 518 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#))

Komunikazzjoni diretta bejn il-qorti u l-persuna li tixhed (l-Artikolu 520 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#))

Aċċess fuq il-post (l-Artikolu 501 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#))

Il-mezzi għat-tehied ta' perizja f'konformità mal-Artikoli 486, 490 u 492 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#) iwarjaw mill-mezzi msemmijin aktar 'il fuq għat-tehied ta' depożizzjoni minn xhud kif ġej:

Il-periti jattendu s-seduta finali meta kwalunkwe parti titlob hekk jew meta l-imħallef jordnalhom jagħmlu hekk. Il-periti minn stabbilimenti, laboratorji jew servizzi uffiċjali jinstemgħu permezz ta' vidjokonferenza fuq il-post tax-xogħol tagħhom (l-Artikolu 486 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

Il-qorti tista' twestaq spezzjoni ta' oġġetti jew ta' persuni, tagħmel aċċess fuq il-post jew tordna r-rikostruzzjoni tal-fatti; l-imħallef jista' jkun akkumpanjat minn speċjalist jekk iqis li dan ikun xieraq (l-Artikolu 490 u 492 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

Ir-regoli li jirregolaw il-preżentazzjoni ta' provi bil-miktub, ta' rapporti jew ta' perizji huma stabbiliti fl-Artikolu 416 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#).

## 2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Iva, il-valur probatorju jvarja skont in-natura ta' kull mezz ta' prova (ara t-tweġiba għall-mistoqsija 1.3).

## 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Iva, speċifikament fil-każijiet li ġejjin:

Rekwiżit legali għal dokument bil-miktub (l-Artikolu 364 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#))

Nuqqas ta' konformità mal-forma legali (l-Artikolu 220 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#))

## 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Il-persuni kollha, kemm jekk ikunu partijiet fil-kawża kif ukoll jekk le, għandhom dmir li jassistu fl-iskoperta tal-verità tal-kwistjoni, f'konformità mal-Artikolu 417 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#).

## 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Il-każijiet li fihom xhud jista' jirrifjuta b'mod leġittimu li jixhed huma stabbiliti fl-Artikolu 497 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#).

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Il-persuni kollha, kemm jekk ikunu partijiet fil-kawża kif ukoll jekk le, għandhom dmir li jassistu fl-iskoperta tal-verità tal-kwistjoni, f'konformità mal-Artikolu 417 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#).

Kull min jirrifjuta li jikkoopera jiġi mmultat, mingħajr preġudizzju għall-mezzi koerċittivi possibbli (l-Artikolu 417(2) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

Jekk xhud jonqos milli jidher mingħajr ġustifikazzjoni, il-qorti tista' timponi multa jew tordna lix-xhud jidher taħt arrest (l-Artikolu 508(4) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Iva, l-evidenza ma tistax tinkiseb fil-każijiet li ġejjin:

Persuni li ma jkunux mentalment idonei sabiex jixhdu dwar il-fatti li għandhom jiġu ppruvati ma jistgħux iservu bħala xhieda, skont l-Artikolu 495 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#).

Persuni li jistgħu jixhdu bħala partijiet fil-kawża huma pprobiti li jixhdu bħala xhieda (l-Artikolu 496 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġh ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Ir-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġh ta' xhud huwa rregolat bir-regoli dwar l-għoti ta' xhieda stabbiliti fl-Artikolu 516 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#).

Ix-xhieda jixhdu fis-seduta finali personalment jew permezz ta' vidjokonferenza (l-Artikolu 500 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)). L-eżami tax-xhieda b'mezzi teknoloġiċi, bħat-telekonferenzi, huwa rregolat bl-Artikolu 502 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#).

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Iva. Eżempju ta' dan huwa evidenza miksuba b'nuqqas ta' rispett għall-ħajja privata u tal-familja u tad-dinjità tal-bniedem, kif meħtieġ mill-Artikolu 490 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#).

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Iva. Iva, kessjoni li biha l-parti tirrikonoxxi fatt li huwa ta' detriment għaliha u ta' benefiċċju għall-kontroparti tinkiseb permezz tax-xhieda tal-parti (l-Artikolu 352 tal-[Kodiċi Ċivili Portugiż](#) u l-Artikolu 452 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

Il-qorti tikkunsidra liberament id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet, ħlief fejn jinvolvu kessjoni (l-Artikolu 466(3) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)).

## 4 Dan l-Istat Membru f'konformità mal-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda speċifika awtoritajiet oħra li huma kompetenti li jiġbru l-provi għall-finijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali skont ir-Regolament? Jekk iva, dawn f'liema proċedimenti huma kompetenti li jiġbru l-provi? Jistgħu jitolbu biss il-ġbir tal-provi jew jassistu wkoll fil-ġbir tal-provi abbażi ta' talba mingħand Stat Membru ieħor? Ara wkoll in-notifika skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda.

Il-Portugall ma speċifika l-ebda awtorità oħra, bil-ġbir tal-provi għall-finijiet tal-proċedimenti ġudizzjarji tkun ir-responsabbiltà tal-qrati Portugiżi.

### Il-leġiżlazzjoni applikabbli

[Il-Kodiċi Ċivili Portugiż](#)

[Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Portugiż](#)

### Nota:

Il-Punt ta' Kuntatt tan-Network Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali, il-qrati jew entitajiet u awtoritajiet oħrajn mhumiex marbutin bl-informazzjoni li tinsab f'din l-iskeda informattiva, li tista' tkun soġġetta għal bidliet fl-interpretazzjoni mill-ġurisprudenza. Għalkemm l-iskedi informattivi jiġu aġġornati fuq bażi regolari, xorta hemm bżonn li tinqara l-leġiżlazzjoni fis-seħħ.

L-aħħar aġġornament: 27/11/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [ro](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment

qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Smigħ ta' xhieda - Rumanija

### 1 L-oneru tal-provi

Il-bażi legali ewlenija hija pprovduta mill-: Artikoli 249 sa 365 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (*Codul de procedură civilă*).

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Allegazzjoni li ssir matul il-proċedimenti trid tiġi ppruvata mill-parti li tagħmilha, flief f'ċerti każijiet previsti espressament mil-liġi. Rikorrent jeħtieġlu jagħti prova tal-każ tiegħu. Għal oġġezzjonijiet imressqa mill-intimat, l-oneru tal-provi jaqa' fuq l-intimat. Iżda fil-każ ta' preżunzjonijiet l-oneru tal-prova jaqleb mill-parti li altrimenti kellha dak l-oneru għall-kontroparti.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Ħadd ma hu mitlub jipprova dak li l-qorti bilfors trid tkun taf.

Huwa preżunt li l-qorti għandha għarfien tal-liġi fis-seħħ fir-Rumanija. Iżda liġi li ma tkunx ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija (*Monitorul Oficial*) jew b'xi mezz oħra, konvenzjonijiet, trattati, u ftehmiet internazzjonali applikabbli fir-Rumanija iżda li ma ġewx inkorporati fil-leġiżlazzjoni, u d-dritt internazzjonali konswetudinarju jridu jiġu ppruvati mill-parti interessata. Ir-regoli stipulati f' dokumenti kklassifikati jridu jiġu ppruvati u kkonsultati dejjem skont il-kundizzjonijiet stabbiliti bil-liġi. Il-qorti, *ex officio*, tista' tieħu nota tal-liġi ta' stat barrani dejjem jekk għet iċċitata quddiem il-qorti. Il-liġi barranija trid tiġi ppruvata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-[Kodiċi Ċivili](#) (*Codul civil*) li jindirizzaw is-sustanza tal-liġi barranija..

Jekk fatt ikun magħruf b'mod ġenerali jew ma jiġix ikkontestat, il-qorti tista' tiddeċiedi li fiċ-ċirkostanzi tal-każ ma hemmx għalfejn jiġi ppruvat. L-użi, ir-regoli tal-kondotta u prattiki stabbiliti bejn il-partijiet iridu jiġu ppruvati mill-parti li tiddependi fuqhom. Ir-regoli u r-regolamenti lokali jridu jiġu ppruvati mill-parti li tiddependi fuqhom biss jekk il-qorti titlob dan.

Preżunzjoni hija konklużjoni li l-liġi jew il-qorti tasal għaliha minn fatt magħruf sabiex tistabbilixxi fatt mhux magħruf. Preżunzjoni legali (*prezumția legală*) teżenta lill-persuna li tibenefika minnha mill-piż li tipprova l-fatt li l-liġi tqis bħala ppruvat. Preżunzjoni legali tista' tiġi kkonfutata minn evidenza għall-kuntrarju, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor.

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

L-evidenza trid tkun ammissibbli u trid tkun rilevanti għar-riżoluzzjoni tal-proċedimenti. Wara li l-qorti tkun ippermettiet evidenza għal fatti partikolari, il-kwiżtjoni dwar jekk dawk il-fatti ntwerewx tiġi deċiża b'mod liberu mill-qorti, kif jidhrilha, flief meta l-liġi tiddetermina mod ieħor.

### 2 Is-smigħ tal-provi

#### 2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Ix-xhieda trid tiġi proposta mir-rikorrent fir-rikors tiegħu, u mill-intimat fid-difiża tiegħu, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor; inkella l-evidenza tista' tiġi eskluża. Jekk l-evidenza proposta ma tkunx biżżejjed għal riżoluzzjoni sħiħa tal-kawża, il-qorti tordna lill-partijiet biex jissupplementawha. Il-qorti, *ex officio*, tista' tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet lejn il-ħtieġa għal aktar evidenza, u tista' tordna biex tittieħed aktar evidenza jekk il-partijiet ma jaqblux.

Il-partijiet jistgħu jitolbu li tittieħed l-evidenza li ġejja: dokumenti, rapporti ta' esperti, testimonjanza tax-xhieda, aċċess fuq il-post, u mistoqsijiet ta' parti jekk il-kontroparti titlob li dik il-parti tintalab tagħti xhieda. Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili l-ġdid jirregola wkoll l-evidenza fiżika; dan jista' jkun rilevanti f'ċerti kategoriji ta' azzjonijiet ċivili (eż. azzjonijiet ta' divorzju).

#### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Il-qorti l-ewwel tqis jekk l-evidenza proposta mill-partijiet hije ammissibbli, u mbagħad tagħmel ordni li tistabbilixxi l-fatti li jridu jiġu ppruvati, l-evidenza permessa, u l-obbligi tal-partijiet fir-rigward tat-teħid tal-evidenza. Sa fejn possibbli, l-evidenza tittieħed fl-istess seduta li fiha tiġi permessa.

It-teħid tal-evidenza huwa rregolat minn xi regoli essenzjali: l-evidenza tittieħed fl-ordni determinata mill-qorti; kemm jista' jkun, l-evidenza għandha tittieħed fl-istess seduta; l-evidenza tittieħed qabel jibda l-argument dwar il-merti; l-evidenza u l-kontroevidenza jittieħdu fl-istess ħin sakemm dan ikun possibbli.

L-evidenza tittieħed f'seduta pubblika quddiem il-qorti li tisma' l-kawża, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor. Jekk, għal raġunijiet oġġettivi, l-evidenza tkun tista' tittieħed biss f'post ieħor, din tista' tittieħed abbażi ta' ittri rogatorji minn qorti fl-istess livell, jew minn qorti inferjuri jekk ma jkun hemm l-ebda qorti ta' livell simili f'dik il-lokalità.

#### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

*Evidenza tista' tintuża biss jekk tissodisfa ċerti kundizzjonijiet fir-rigward tal-legalità (legalitate), il-kredibbiltà (verosimilitate), ir-rilevanza (pertinență) u l-qawwa (concludență) tagħha.* F'dak li jikkonċerna l-legalità, l-evidenza proposta trid tikkostitwixxi evidenza skont il-liġi u ma tistax tiġi pprojbita bil-liġi. F' termini ta' kredibbiltà, l-evidenza mitluba ma tistax tmur kontra l-liġijiet naturali rikonoxxuti fuq livell universali. F' termini ta' rilevanza, l-evidenza trid tkun relatata mas-suġġett tal-proċess kriminali, jiġifieri mal-fatti li għandhom jintwerew b'appoġġ għar-rikors jew ir-risposta ppreżentati mill-partijiet. Sabiex tkun ammissibbli l-evidenza trid tkun ukoll kredibbli u rilevanti għar-riżoluzzjoni tal-proċedimenti.

Il-qorti trid tirrifjuta rikors biex jiġi infilzat dokument meta l-kontenut tad-dokument ikun jikkonċerna materji personali ħafna relatati mad-dinjità jew il-privatezza ta' persuna; meta l-att tal-infilzar tad-dokument bħala evidenza ma jkunx konsistenti ma' obbligu tal-kunfidenzjalità; jew meta jwassal għal proċedimenti kriminali fir-rigward tal-parti, il-konjuġi tal-parti, jew kwalunkwe qarib mill-qrib jew qarib biż-żwieġ sa u inkluż it-tielet grad ta' parentela.

It-testimonjanza tax-xhieda mhijie ammissibbli biex jiġu ppruvati tranżazzjonijiet legali ta' valur 'il fuq minn RON 250, li għalihom il-liġi teħtieġ evidenza bil-miktub. Barra minn hekk, it-testimonjanza tax-xhieda tkun inammissibbli jekk tmur kontra jew lil hinn mill-kontenut ta' dokument formali.

L-evidenza tiġi proposta mir-rikorrent fir-rikors jew mill-intimat fir-risposta. Evidenza mhux proposta b'dan il-mod tista' tintalab u tkun permessa mill-qorti fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin: il-ħtieġa għall-evidenza toriġina minn modifika tat-talba; il-ħtieġa għall-evidenza tinħoloq matul il-proċeduri, u l-parti ma setgħetx tipprevidiha; il-parti turi lill-qorti li, għal raġuni tajba, ma setgħetx tressaq l-evidenza mitluba fiż-żmien permess; it-teħid tal-evidenza ma jwassalx għal differiment tal-proċedimenti; il-partijiet kollha qablu espressament.

#### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Tranżazzjoni legali jew fatt jista' jiġi ppruvat minn dokumenti, xhieda, preżunzjonijiet, ammissjoni ta' parti jew oħra (fuq inizjattiva tagħha jew bħala rispons għal mistoqsijiet), rapport ta' esperti, evidenza fiżika, aċċess fuq il-post jew kwalunkwe forma oħra ta' evidenza prevista mil-liġi.

#### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

Ix-xhieda jiġu proposti mill-partijiet, jew mir-rikorrent fir-rikors jew mill-intimat fir-risposta. Wara li tippermetti l-evidenza tax-xhieda, il-qorti ttharrek lix-xhieda biex jattendu s-smiġh.

Jekk il-qorti ssib li hija idea tajba li tikseb l-opinjoni ta' speċjalisti sabiex tiċċara l-fatti, fuq talba tal-partijiet jew *ex officio*, hija taħtar espert jew tlieta, u tagħmel ordni li tistabbilixxi l-aspetti li fir-rigward tagħhom dawn għandhom jagħtu l-opinjoni tagħhom u l-limitu ta' żmien għall-ħidma tagħhom. Il-konklużjonijiet tal-espert jiġu rreġistrati f'rapport tal-esperti. Jista' jintalab rapport ġdid minn espert ieħor, fejn ġustifikat, fuq talba tal-partijiet jew tal-qorti.

Fir-rigward tal-evidenza dokumentarja, kull parti tista' tissottometti d-dokumenti li tixtieq tuża matul il-proċedimenti fil-għamla ta' kopja debitament iċċertifikata. Il-parti jrid ikollha wkoll l-oriġinali magħha u tkun kapaċi tipproduċiha fil-qorti fuq talba, u jekk tonqos tagħmel dan id-dokument ma jiġix ikkunsidrat. Il-qorti tista' tordna l-produzzjoni ta' dokument fil-pussess tal-kontroparti jekk id-dokument ikun komuni għall-partijiet fil-proċedimenti, jekk il-kontroparti stess tkun għamlet referenza għad-dokument matul il-proċedimenti, jew jekk tkun obbligata tippreżentah bħala evidenza. Jekk dokument ikun miżmum minn parti u ma jkunx jista' jiġi ppreżentat fil-qorti, jista' jiġi ddelegat imħallef li fil-preżenza tiegħu l-partijiet jistgħu jeżaminaw id-dokument fil-post fejn ikun jinsab. Jekk dokument jinżamm minn parti terza, dik il-persuna tista' tittharrek bħala xhud u tintalab iġġib id-dokument.

L-evidenza tittieħed f'sessjoni magħluqa mill-qorti b'ġurisdizzjoni. Meta l-evidenza tkun trid tittieħed f'post ieħor, din tittieħed minn qorti ddelegata tal-istess livell, jew minn qorti inferjuri jekk ma jkun hemm l-ebda qorti tal-istess livell f'dik il-lokalità. Jekk it-tip ta' evidenza tippermetti dan u l-partijiet jaqblu, il-qorti li tiegħu l-evidenza tista' ma ttharrikx lill-partijiet.

## **2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Il-metodi ta' prova għandhom l-istess qawwa, ħlief fil-każijiet espressament previsti mil-liġi.

Dokumenti f'forma awtentika (*forma autentica*) spiss jiġu aċċettati mill-partijiet minħabba fil-vantaġġi li għandhom, inkluża preżunzjoni ta' awtentiċità, li jfisser li persuna li tiddependi fuq dokument awtentiku tinħeles mill-oneru tal-provi.

## **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Bħala prova ta' tranżazzjoni legali b'valur ta' aktar minn RON 250 evidenza dokumentata biss hija permessa, iżda hemm ċerti eċċezzjonijiet fejn l-evidenza tax-xhieda hija aċċettata wkoll.

Sakemm ma jiġix iddikjarat falz, dokument f'forma awtentika jipprovi prova konklużiva, f'negozjati ma' kwalunkwe persuna, tal-konstatazzjonijiet fattwali li tkun għamlet il-persuna li tkun awtentikat id-dokument f'konformità mal-liġi. Iżda dikjarazzjonijiet li jkunu saru mill-partijiet u rreġistrati f'dokument awtentiku jikkostitwixxu provi biss sakemm ma jiġix ippruvat mod ieħor.

Meta jifdal preżunzjonijiet għad-diskrezzjoni tal-qorti, il-qorti tista' tiddependi fuqhom biss jekk dawn ikollhom il-valur u s-saħħa li jagħmlu l-fatt allegat probabbli; tali preżunzjonijiet jistgħu jiġu aċċettati biss meta l-liġi tippermetti l-evidenza tax-xhieda.

## **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 2.11.

## **2.9 F'lema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Il-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili ma tistabbilixxi ir-raġunijiet li abbażi tagħhom xhud jista' jirrifjuta li jixhed, iżda sempliċement tispeċifika l-persuni li ma jistgħux jinstemgħu bħala xhieda u l-persuni li huma eżenti milli jidhru bħala xhieda. Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 2.11.

## **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Il-qorti timmulta xhud li jonqos milli jidher jew li jirrifjuta li jixhed. Meta xhud jonqos milli jidher b'rispons għall-ewwel taħrika, il-qorti tista' toħroġ mandat li dik il-persuna tinġieb fil-qorti (*mandat de aducere*). F'materji urġenti, il-qorti tista' toħroġ tali mandat anke għall-ewwel smiġh.

Jekk persuna tonqos milli tidher jew tirrifjuta li twieġeb mistoqsijiet, il-qorti tista' tqis dan bħala ammissjoni sħiħa jew evidenza inizjali biss favur il-parti li tkun ipproponiet l-interrogazzjoni.

## **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Dawn li ġejjin ma jistgħux ikunu xhieda: qraba mid-demem u qraba biż-żwieġ sa u inkluż it-tielet grad ta' parentela; konjuġi, eks-konjuġi, persuni li tgħarrsu biex jiżżewġu jew konkubini; persuni f'relazzjonijiet ta' mibegħda jew f'relazzjonijiet ta' interess ma' kwalunkwe parti; persuni ddikjarati bħala li ma għandhomx kapaċità ġuridika (*sub interdicție judecătorească*); u persuni kkundannati għal ġurament falz. F'kawżi li jikkonċernaw il-filjazzjoni, id-divorzju u relazzjonijiet oħra tal-familja, il-qorti tista' tisma' l-qraba mid-demem u lill-qraba biż-żwieġ, bl-eċċezzjoni tad-dixxendenti.

Dawn li ġejjin huma eżenti milli jidhru bħala xhieda:

ministri tar-reliġjon, prattikanti tal-kura tas-saħħa, spiżjara, avukati, nutara pubbliċi, uffiċjali ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni, medjaturi, qwiebel u infermiera, u kwalunkwe professjonisti oħra marbuta bil-liġi biex josservaw il-kunfidenzjalità jew is-segretezza professjonali fir-rigward ta' fatti li jsiru jafu bihom waqt li jkunu qed iwettqu dmirijiethom jew jipprattikaw il-professjoni tagħhom, anke wara li jkunu temmew l-attività tagħhom;

imħallfin, prosekuturi u uffiċjali pubbliċi, anke wara li jkunu temmew id-dmirijiet tagħhom, fir-rigward ta' ċirkustanzi kunfidenzjali li jsiru jafu bihom waqt l-eżerċizzju ta' dmirijiethom;

persuni li permezz tat-tweġibiet tagħhom jesponu lilhom infushom, lill-qraba tagħhom, lill-konjuġi tagħhom, lill-ekskonjuġi eċċ. għal prosekuzzjoni kriminali jew għad-disprezz tal-pubbliku.

## **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġh ta' xhud? B'lema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Il-qorti ttharrek lix-xhieda u tiddetermina l-ordni li fiha għandhom jinstemgħu. Qabel jinstema' ix-xhud jiġi identifikat u mitlub jieħu ġurament. Kull xhud għandu jinstema' b'mod separat. Ix-xhud l-ewwel iwieġeb il-mistoqsijiet mistoqsija mill-president tal-qorti, u mbagħad bil-permess tal-president, il-mistoqsijiet mistoqsija mill-parti li pproponiet u mill-kontroparti. Xhud li ma jistax jidher quddiem il-qorti jista' jinstema' fil-post fejn jinsab.

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni legali li tirregola r-reġistrazzjonijiet tas-smiġh jew tal-vidjo tax-xhud, iżda tali reġistrazzjonijiet huma ammissibbli. Dawn imbagħad jistgħu jiġu traskritti fuq talba ta' parti interessata f'konformità mal-liġi.

## **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

### **3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

Jekk parti li tkun issottomettiet dokument tinsisti li tużah anke jekk jiġi allegat li huwa falz u dik l-allegazzjoni ma tkunx ġiet irtirata, u jekk ikun hemm indikazzjoni tal-awtur tal-falsifikazzjoni jew kompliċi, il-qorti tista' tissospendi l-proċedimenti u minnufih tgħaddi l-allegat dokument falz lill-uffiċċju tal-prosekutur kompetenti, b'rapport imfassal b'appoġġ għal talba li l-falsifikazzjoni tiġi investigata. Meta l-proċedimenti kriminali ma jkunux jistgħu jitressqu jew jitkomplew, l-inkjesta dwar il-falsifikazzjoni titwettaq mill-qorti ċivili.

Min-naħa l-oħra, il-qorti timponi multa fuq l-awtur ta' kontestazzjoni li ssir b'*mala fede* għall-kitba jew l-iffirmar ta' dokument jew għall-awtentiċità ta' reġistrazzjoni tas-smiġh jew tal-vidjo.

Fil-valutazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tax-xhieda, il-qorti tqis is-sinċerità tax-xhieda u ċ-ċirkustanzi li permezz tagħhom saru jafu bil-fatti li jiffurmaw is-suġġett tad-dikjarazzjonijiet tagħhom. Jekk mill-proċedimenti l-qorti tissuspetta li xhud ikun ħa ġurament falz jew ġie mxaħħam, hija tfassal rapport u tirreferi l-kwistjoni lill-korp ta' prosekuzzjoni kompetenti.

### **3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?**

Jekk kwalunkwe parti tammetti fatt li l-kontroparti użat bħala raġuni għar-rikors jew għad-difiża tagħha, l-ammissjoni tikkostitwixxi evidenza. Ammissjoni magħmula fil-qorti tikkostitwixxi evidenza sħiħa kontra l-persuna li għamlitha u ma tistax titqies f'partijiet separati sakemm ma jkunux relatati ma' fatti separati li m'għandhom l-ebda konnessjoni ma' xulxin. Ammissjonijiet barra mill-qorti jistgħu jiġu vvalutati liberament mill-qorti. Dawn huma soġġetti għar-rewiżiti tal-ammissibbiltà u t-teħid ta' evidenza li jirregolaw evidenza oħra taħt il-liġi ordinarja.

Il-qorti tista' taqbel li tħarrek lil kwalunkwe parti sabiex tiġi mistoqsija rigward fatti personali jekk jitqiesu rilevanti għar-riżoluzzjoni tal-kawża.

#### Links rilevanti

<https://www.just.ro>

L-aħħar aġġornament: 08/09/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Smigħ ta' xhieda - Slovenja

### 1 L-oneru tal-provi

Ir-regoli dwar il-ġbir u l-preżentazzjoni tal-provi u l-metodi ta' kif jinġabru l-provi fi proċedimenti ċivili huma rregolati mill-Att dwar il-Proċedura Ċivili (Zakon o pravdnem postopku, ZPP).

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Ir-regola ġenerali hija li l-partijiet jridu jiddikjaraw il-fatti sottostanti kollha għat-talbiet u l-oġġezzjonijiet tagħhom, u jippreżentaw provi li juru dawk il-fatti (l-Artikoli 7 u 212 taz-ZPP).

Ir-rikorrenti jridu jippruvaw il-fatti li fuqhom huma bbażati t-talbiet tagħhom, filwaqt li l-konvenuti jridu jippruvaw il-fatti li fuqhom huma bbażati l-oġġezzjonijiet tagħhom. Il-liġi sostantiva tgħidilna liema parti trid tipprova u turi l-fatt. Il-konsegwenzi ta' fatt mhux pruvat jaqgħu fuq dik il-parti li, skont in-normi tal-liġi sostantiva, trid tistabbilixxi u tipprova dak il-fatt (l-Artikoli 7 u 215 taz-ZPP).

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Il-proċedura ta' ġbir ta' provi tkopri l-fatti li fuqhom huma bbażati t-talbiet u l-oġġezzjonijiet, regoli xjentifiki u professjonali, u regoli bbażati fuq l-esperjenza. In-normi ġuridiċi ma għandhomx għalfejn jiġu ppruvati, għaliex ir-regola tagħhom tgħid li l-qorti jrid ikollha għarfien tagħhom ex officio (iura novit curia).

Ma hemmx bżonn li jiġu ppruvati l-fatti li jiġu rikonossuti minn parti waqt il-proċeduri quddiem il-qorti. Il-qorti tista' tordna li jiġu ppruvati fatti rikonossuti jekk temmen li parti rikonossiethom sabiex tressaq talba li ma tistax tressaq (l-Artikolu 3(3) taz-ZPP).

Il-fatti li parti ma tiċħadx jew tiċħad mingħajr ma tispjega għalfejn qed tiċħad, jiġu meqjusa rikonossuti, sakemm l-iskop taċ-ċaħda ta' dawk il-fatti jkun ġej mid-dikjarazzjonijiet l-oħra tal-parti. Parti fil-kawża tista' tevita l-konsegwenzi ta' din il-preżunzjoni ta' rikonossiment billi tiddikjara li ma tafx bil-fatti; madankollu, dan japplika biss għal fatti li mhumiex marbuta mal-imġieba ta' din il-parti jew perċezzjoni tagħha.

Ma hemmx għalfejn jiġu prodotti provi għal fatti li huma rikonossuti u magħrufa ġeneralment (l-Artikolu 214(1,6) taz-ZPP).

Il-qorti tilqa' fatt rikonossut mingħajr ma tivverifika l-veraċità tiegħu (l-Artikolu 214(1) taz-ZPP), sakemm ma taħsibx li l-parti rikonossiet il-fatt bil-ħsieb li tressaq talba li ma tistax tressaq (l-Artikolu 3(3) taz-ZPP).

Il-fatti li tippreżumi l-liġi ma għandhomx bżonn jiġu ppruvati; madankollu, wieħed jista' jgħid li dawn il-fatti ma jeżistux, sakemm il-liġi ma tistabbilixxix mod ieħor (l-Artikolu 214(5) taz-ZPP).

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu tat-talba tar-rikorrent, hemm bżonn ta' livell għoli ta' verità (provi materjali) pereżempju, il-qorti trid tkun konvinta mill-fatti li huma rilevanti fil-liġi.

F'xi okkażjonijiet huwa biżżejjed li tintwera l-possibiltà biex tingħata deċiżjoni, b'mod partikolari għall-għotja ta' ċerti deċiżjonijiet provviżorji ta' proċedura li ma jgħibux fi tmiemhom il-proċeduri u li permezz tagħhom il-qorti tiddeċiedi kwistjonijiet provviżorji ta' proċedura. Biex l-imħallef japplika regola speċifika ta' proċedura, il-fatti ġuridiċi rilevanti jridu jintwerew li huma possibbli. Madankollu, ma hemmx bżonn li l-imħallef ikun konvint mill-eżistenza tagħhom. Iz-ZPP ma jispegax dawk il-fatti li jistgħu jintwerew li huma probabbli sabiex tiġi meqjusa norma partikolari.

### 2 Is-smigħ tal-provi

#### 2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Skont il-prinċipju stabbilit tal-kontradittorju, huma l-partijiet li jitolbu li jinġabru l-provi.

Il-qorti tista' tiġbor ukoll provi ex officio (l-Artikolu 7(2) taz-ZPP) jekk tqis li l-partijiet beħsiebhom jagħmlu użu inammissibbli tat-talbiet tagħhom (l-Artikolu 3(3) taz-ZPP).

Il-qorti tiġbor provi ex officio f'tilwim bejn il-ġenituri, fejn mhix marbuta mat-talba u anki jekk għadha ma tressqix talba; hija tista' tiġbor provi wkoll anki jekk l-ebda waħda mill-partijiet ma ddikjarat li hemm provi u jekk il-ġbir huwa meħtieġ sabiex jiġarsu l-interessi tat-tfal (l-Artikolu 408 taz-ZPP).

#### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Il-qorti tiddeċiedi liema provi għandhom jinġabru sabiex jiġu stabbiliti l-fatti rilevanti (l-Artikolu 213(2) u l-Artikolu 287 taz-ZPP). Il-qorti tagħti deċiżjoni fuq il-provi fejn b'hekk tilqa' jew tiċħad it-talbiet tal-partijiet, u tista' tordna wkoll il-ġbir ta' ċerti provi ex officio.

Jekk it-talba ta' parti minnhom li tikkonċerna l-provi tintlaqa' b'deċiżjoni tal-qorti, din tiġi implimentata u l-provi jinġabru. Il-qorti mhix marbuta bid-deċiżjoni tagħha dwar il-provi. Hija tista' tbididilha matul il-proċedimenti u tiġbor provi li minħabba fihom kienet ċaħdet talba preċedenti, u tista' tiġbor ukoll provi ġodda (l-Artikolu 287(4) taz-ZPP).

Il-provi ġeneralment jinġabru waqt is-seduta prinċipali quddiem imħallef, li jagħti d-deċiżjoni finali (l-Artikolu 217(1) taz-ZPP). Jekk hemm raġunijiet validi, il-provi jistgħu jinġabru quddiem imħallef speċifiku maħtur fuq talba speċjali (l-Artikolu 217(1) taz-ZPP). F'każijiet eċċezzjonali, il-provi jistgħu jinġabru wkoll wara li titlesta s-seduta prinċipali, meta l-bord tal-imħallfin jiddeċiedi li s-seduta prinċipali għandha terġa tinftaħ. Dan iseħħ, fejn meħtieġ, sabiex ikun hemm proċedimenti supplimentari jew biex jiġu kkjarifikati kwistjonijiet importanti speċifiċi (l-Artikolu 292 taz-ZPP).

#### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċħad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Iz-ZPP jispeċifika li l-ġbir tal-provi jista' jiġi miċħud biss fejn il-provi huma irrilevanti għad-deċiżjoni (l-Artikolu 287 taz-ZPP); pereżempju l-provi ma jistabbilixxux il-fatti ġuridikament rilevanti. Madankollu, iz-ZPP ma għandux dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-possibiltà ta' ċaħda ta' provi inammissibbli, jew provi li ma jistgħux jinġiebu b'mod kost-effiċjenti jew b'mod fattibbli.

Parti fil-kawża trid, mhux aktar tard mill-ewwel seduta prinċipali, tiddikjara l-fatti kollha neċessarji biex tappoġġa l-mozzjoni tagħha, tipproduċi l-provi meħtieġa biex tiġi stabbilita l-veraċità tad-dikjarazzjonijiet tagħha u tistqarr il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet u l-provi prodotti mill-parti l-oħra. Dan ifisser li l-qorti ma tqisx il-provi li l-parti tipproduċi tard wisq. Dan ifisser li l-qorti ma tqisx il-provi li l-parti tipproduċi tard wisq. Din il-parti tiġi ġeneralment

projbata minn din il-mozzjoni (l-Artikolu 286 taz-ZPP). L-unika eċċezzjoni hija f'każi fejn il-parti tista' turi li kienet imxekkla milli tippreżenta l-provi tagħha fl-ewwel seduta minħabba raġunijiet mhux fil-kontroll tagħha jew jekk l-ammissibilità tal-provi ma kinitx, fl-opinjoni tal-qorti, se tikkawża dewmien fil-kawża (l-Artikolu 286(3) taz-ZPP).

Dwar provi inammissibbli u provi li ma jistgħux jinġiebu b'mod fattibbli, huwa importanti li wieħed iżomm mall-Artikolu 3(3) taz-ZPP, li jgħid li l-qorti ma tirrikonossix il-mozzjonijiet tal-partijiet li jksru regolamenti vinkolanti jew huma kontra r-regoli tal-morali.

#### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Iz-ZPP jirrikonossix l-provi li għejjin: l-ispezzjonijiet, id-dokumenti, is-smiġh tax-xhieda, is-smiġh ta' xhieda esperti u l-partijiet.

#### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

**Ix-xhieda:** Kull min jiġi mħarrek bħala xhud irid jattendi u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor bil-liġi, irid jagħti x-xhieda tiegħu (l-Artikolu 229(1) taz-ZPP). Ix-xhieda jinstemgħu wara talba għal dan tal-parti, li trid tiddikjara fuq xiex se jixhed ix-xhud u tagħti d-dettalji personali tiegħu jew tagħha (l-Artikolu 236 taz-ZPP). Ix-xhieda jiġu mħarrika għas-seduta permezz ta' taħrika speċjali; din it-taħrika jrid ikun fiha twissija lix-xhieda tal-obbligu li jixhdu, il-konsegwenzi ta' assenza mhux ġustifikata, u d-dritt ta' rifiżjoni tal-ispejjeż tagħhom (l-Artikolu 237 taz-ZPP).

Ix-xhieda jinstemgħu waqt is-seduta prinċipali. Ix-xhieda li, minħabba raġunijiet ta' età, mard jew diżabilità fiżika serja, ma jistgħux jikkonformaw mat-taħrika jistgħu jixhdu fir-residenza tagħhom (l-Artikolu 237(2) taz-ZPP). Kull xhud jinstema' individwalment u mhux fil-preżenza ta' xhieda oħra li jixhdu warajh (l-Artikolu 238(1) taz-ZPP). Il-qorti twissi lix-xhieda tal-obbligu li jgħidu l-verità u li ma jinsew jgħidu xejn; hija twissihom ukoll tal-konsegwenzi jekk jagħtu xhieda falza. Ix-xhud l-ewwel jgħid x'jaf jew ma jafx dwar il-każ; l-imħallef li jippresjedi l-awla jew il-membri tal-awla, il-partijiet u l-avukati u dawk bil-prokura mbagħad isaqsuhom mistoqsijiet sabiex jagħrblu d-dikjarazzjonijiet tax-xhieda jew biex iżidu magħhom jew biex jiċċarawhom. Jekk ix-xhieda jagħmlu dikjarazzjonijiet inkonsistenti, huma jistgħu jiġu mistoqsija dwar il-fatt (l-Artikolu 239(3) taz-ZPP). Iz-ZPP ma għadux jirrikonossix l-ħalfa li jieħdu x-xhieda.

Iz-ZPP ma jagħmilx distinzjoni bejn il-proċedura tas-smiġh ta' xhieda ordinarji u dawk "esperti", u ma jistabbilixxi l-ebda dispożizzjonijiet ta' proċedura speċjali f'dan ir-rigward. Ma hemmx differenza bejn il-proċeduri għas-smiġh tax-xhieda u ta' xhieda esperti.

**Dokumenti:** Għalkemm iz-ZPP ma għandux klassifika tal-forom differenti ta' provi, id-dokumenti huma meqjusa l-aktar kredibbli. Dawn jistgħu jinqasmu f' dokumenti pubbliċi u dokumenti privati. Id-dokumenti pubbliċi huma dawk maħruġa f'formola stabbilita minn qabel minn korp tal-Istat li jaġixxi fil-kompetenza tiegħu jew dokumenti maħruġa f'formola apposta minn komunità lokali awto-governattiva, kumpanija jew organizzazzjoni oħra jew individwu fl-eżerċizzju ta' awtorità pubblika mogħtija lilhom bil-liġi (l-Artikolu 224(1) taz-ZPP). Id-dokumenti privati huma d-dokumenti kollha li mhumiex pubbliċi. F'dokument privat, firma tista' tiġi awtentikata minn korp tal-Istat awtorizzat jew minn persuna fiżika jew ġuridika li għandha awtorità pubblika (pereżempju nutar pubbliku). Dawn il-klawżoli awtentifikati f'dokumenti privati għandhom importanza pubblika, u dik il-parti tad-dokument tista' tiġi meqjusa wkoll bħala dokument pubbliku. Il-valur probatorju ta' dokumenti pubbliċi huwa mfisser separatament fiz-ZPP. Dokument pubbliku huwa l-prova tal-fatti kkonfermati jew speċifikati fih (l-Artikolu 224(1) taz-ZPP). Fil-waqt li z-ZPP jibda mill-preżunzjoni li l-kontenut ta' dokument pubbliku huwa veru minnu, jista' jiġi pruvat li l-fatti ġew imniżżla b' mod skorrett f'dokument pubbliku jew li d-dokument pubbliku ġie mfassal b' mod skorrett (l-Artikolu 224(4) taz-ZPP). Din hija l-unika regola dwar il-provi fil-proċedura ċivili Slovena.

Id-dokumenti pubbliċi barranin awtentikati skont regolamenti rilevanti għandhom l-istess valur probatorju bħad-dokumenti Sloveni, sakemm jiġu applikati l-arranġamenti ta' reċiproċità, sakemm ftehim internazzjonali ma jistabbilixxi xort'oħra (l-Artikolu 225 taz-ZPP).

Iz-ZPP jistabbilixxi wkoll regoli dwar in-notifika tad-dokumenti (l-obbligu tan-notifika tad-dokumenti), li jiddependi fuq jekk dokument huwiex għand il-parti li qed tirreferi għalih, għand il-parti l-oħra, għand il-korp tal-Istat jew l-organizzazzjoni li teżerċita awtorità pubblika, jew ma' terza peruna (persuna fiżika jew ġuridika).

**Xhieda esperti:** Il-qorti tisma' x-xhieda mingħand xhud expert meta jkun meħtieġ għarfien tekniku biex jiġi stabbilit jew iċċarat fatt u dan l-għarfien mhux disponibbli lill-qorti (l-Artikolu 243 taz-ZPP). Il-qorti ċivili taħtar xhud expert b'deċiżjoni speċjali, u tista' tagħti lill-partijiet iċ-ċans li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom fuq il-kwistjoni qabel il-ħatra. Xhud expert jista' jiġi maħtur ukoll mill-imħallef li jippresjedi l-awla jew minn imħallef maħtur għal tal-apposta, jekk jistgħu jismigħu din ix-xhieda (l-Artikolu 244 taz-ZPP). Ix-xhieda esperti ġeneralment jinħatru minn lista speċjali ta' xhieda maħtura mill-qorti; dan id-dmir jista' jiġi afdat ukoll lil istituzzjoni speċjalizzata. Persuni fiżiċi biss jistgħu jkunu xhieda esperti. Ix-xhieda esperti jridu jaċċettaw id-dmirijiet tagħhom u jippreżentaw il-konklużjonijiet u l-opinjoni tagħhom (l-Artikolu 246(1) taz-ZPP). Il-qorti tista' twaħħal multa fuq xhud expert li ġie mħarrek skont il-proċedura u naqas milli jattendi mingħajr ġustifikazzjoni; xhud expert li ma jaċċettax li jwettaq dmiru mingħajr raġuni valida; xhud expert li jonqos milli jinnotifika lill-qorti immedjatament bir-raġunijiet li ma hallewhx jaqdi dmirijietu (fil-ħin); u xhud expert li, mingħajr ma jagħti raġuni valida, jonqos milli jwettaq ix-xogħol expert tiegħu fil-ħin kif stabbilit mill-qorti (l-Artikolu 248(1) taz-ZPP). Ix-xhieda esperti jistgħu jinħelsu mid-dmirijiet tagħhom mill-qorti, wara talba tagħhom stess, u biss għar-raġunijiet li jistgħu jagħtu biex jirrifjutaw li jixhdu jew iwiegħbu mistoqsija individwali. Il-qorti tista' teħles lix-xhieda esperti mid-dmirijiet tagħhom, wara talba tagħhom stess, għal raġunijiet iġġustifikati oħra (pereżempju minħabba l-ammont ta' xogħol li għandhom pendenti). Eżenzjoni għal din ir-raġuni tista' tintalab ukoll minn impjegat awtorizzat tal-korp jew l-organizzazzjoni li magħha jaħdem ix-xhud expert (l-Artikolu 246(2) u (3) taz-ZPP). Xhud expert jista' jiġi skwalifikat ukoll bl-istess mod bħal imħallef; l-unika eċċezzjoni f'dan il-każ hija meta xi ħadd li diġa kien instema' bħala xhud jista' joqgħod bħala xhud expert (l-Artikolu 247(1) taz-ZPP).

Ix-xogħol ta' xhud expert jinvolvi sejbiet u l-opinjoni tiegħu. Il-qorti tiddeċiedi wkoll jekk xhud expert għandux jippreżenta s-sejbiet u l-opinjoni tiegħu biss oralment waqt is-seduta jew għandux jippreżentahom ukoll bil-miktub qabel is-seduta. Il-qorti tiffissa wkoll iż-żmien li fih ix-xhud expert irid jippreżenta s-sejbiet u l-opinjoni tiegħu. Jekk jiġi maħtur aktar minn xhud expert wieħed, dawn ix-xhieda jistgħu jippreżentaw is-sejbiet u l-opinjoni tagħhom flimkien, jekk ikun hemm qbil dwarhom. Jekk ma jaqblux, kull xhud expert jippreżenta s-sejbiet tiegħu separatament (l-Artikolu 254 taz-ZPP). Jekk joħroġu differenzi fundamentali bejn l-informazzjoni mogħtija minn xhieda esperti jew jekk is-sejbiet ta' wieħed jew aktar xhieda esperti mhumiex ċari, mhux kompluti jew jikkontradixxu lilhom infushom, u dawn l-anomaliji ma jiġux korretti permezz ta' seduta ta' smiġh mill-ġdid tax-xhieda esperti, il-provi jerġgħu jinġabru mill-istess xhieda esperti jew oħrajn (l-Artikolu 254(2) taz-ZPP). Madankollu, jekk hemm kuntradizzjonijiet fl-opinjoni ta' wieħed jew aktar xhieda esperti jew jekk l-opinjoni tagħhom fiha anomaliji jew jekk hemm dubju raġonevoli dwar il-korrettezza tal-opinjoni mogħtija, jiġu mitluba l-opinjoni ta' xhieda esperti oħra (l-Artikolu 254(3) taz-ZPP). Ix-xhieda esperti għandhom dritt ta' rimbors tal-ispejjeż tagħhom u d-dritt għal ħlas għax-xiġhol tagħhom (l-Artikolu 249(1) taz-ZPP).

#### 2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Il-prinċipju applikat fl-eżami tal-provi huwa dak tal-eżami ħielsa tal-provi. Il-qorti, skont il-fehmiet propja tagħha, tiddeċiedi liema fatti hija tqis li ġew ippruvati, skont evalwazzjoni sħiħa u meqjusa ta' kull prova separatament u tal-provi kollha f'daqqa, u dwar is-suċċess tal-proċedimenti b'mod ġenerali (l-Artikolu 8 taz-ZPP). Fil-proċedura ċivili Slovena għalhekk ma hemmx "regoli dwar il-provi", fejn il-leġiżlatur jistabbilixxi bil-quddiem b'mod astratt il-valur ta' tipi speċifiċi ta' provi. L-unika eċċezzjoni hija r-regola dwar il-valutazzjoni tad-dokumenti pubbliċi (ara l-punt 2.5).

Madankollu fil-prattika r-regola applikata hija li l-provi f'forma ta' dokumenti, pereżempju, huma aktar kredibbli (iżda mhux aktar b'saħħithom) minn provi oħra, bħal pereżempju x-xhieda tax-xhieda jew tal-partijiet.

#### 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Iz-ZPP ma għandux dispożizzjonijiet dwar jekk ċerti oġġetti jew forum ta' provi humiex obligatorji sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ċerti fatti.



## 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Iva. Kull min jiġi mħarrek bħala xhud irid jattendi u, sakemm mhux speċifikat mod ieħor bil-liġi, irid jixhed (l-Artikolu 229(1) taz-ZPP).

## 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Persuna ma tistax tinstema' bħala xhud jekk ix-xhieda tagħha tikser xi obligu ta' sigriet uffiċjali jew militari, sakemm l-awtorità kompetenti ma tagħtix il-permess tagħha biex tinħeles minn dan l-obbligu (l-Artikolu 230 taz-ZPP).

L-imħallef li jippresjedi l-awla jista' b'mod eċċezzjonali jippermetti s-smiġh ta' xhud li jikxef sigriet uffiċjali jew militari, jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet għall-iżvelar ta' informazzjoni sigrieta waqt proċedimenti ġudizzjarji (skont l-importanza tal-informazzjoni u l-kontenut tad-dokumenti għall-proċedimenti; in-natura u s-sensittività tal-informazzjoni klassifikata; l-importanza u l-piż tad-drittijiet materjali kkonċernati; u jekk l-iżvelar tal-informazzjoni kklassifikata tikkompromettix il-funzjonament ta' korp jew is-sigurtà nazzjonali).

Ix-xhieda jistgħu jirrifjutaw li jixhdu (l-Artikolu 231 taz-ZPP):

dwar kwistjonijiet li dwarhom f'dathom persuna bħala r-rappreżentant awtorizzat tagħha;

dwar kwistjonijiet li l-persuna kkonċernata jew persuna oħra tkun stqarret magħhom bħala konfessur reliġjuż;

dwar fatti li huma skoprew bħala avukat jew tabib jew fl-eżerċizzju ta' kull professjoni oħra jew xi attività oħra fejn huma marbuta bl-obbligu tas-sigriet professjonali dwar fatti li skoprew fl-eżerċizzju ta' dik il-professjoni jew attività.

Ix-xhieda jistgħu jirrifjutaw li jwieġbu mistoqsijiet individwali jekk ikollhom raġuni tajba, partikolarment jekk, bit-tweġiba, jikkawżaw diżunur serju, ħsara finanzjarja sinifikanti jew prosekuzzjoni kriminali fuqhom infushom jew lil qraba b'affinità fil-linja diretta f'kull grad, jew lil qraba miż-żwieġ sat-tielet grad, jew jekk jikkawżaw diżunur serju, ħsara finanzjarja sinifikanti jew prosekuzzjoni kriminali lill-konjuġi tagħhom jew qraba biż-żwieġ sa u inkluż it-tieni grad (anki jekk iż-żwieġ diġà inħall), jew lit-tutor tagħhom jew minuri, jew lill-ġenituri adottivi tagħhom jew tfaġ adottati (l-Artikolu 233(1) taz-ZPP).

Madankollu r-risku ta' ħsara finanzjarja ma jistax jintuża minn xhud bħala raġuni sabiex jirrifjuta li jixhed dwar tranżazzjonijiet legali li għalihom kien preżenti bħala xhud imħarrek, dwar kawżi li fihom kellu l-irwol, b'rabta ma' tilwima, ta' predeċessor legali jew rappreżentant ta' xi waħda mill-partijiet, dwar fatti marbuta mal-proprietà fil-familja jew miż-żwieġ, dwar fatti marbuta mat-twelid, żwieġ jew mewt, jew kull fejn, skont regolamenti speċjali, huma obbligati jressqu rikors jew jaġhmlu dikarazzjoni (l-Artikolu 234 taz-ZPP). Xhud ma jistax jirrifjuta li jixhed ukoll minħabba raġunijiet ta' protezzjoni ta' xi sigriet tan-negozju, jekk l-iżvelar ta' ċerti fatti huwa meħtieġ sabiex minnu jgawdi l-pubbliku jew persuna oħra, sakemm dak il-benefiċċju jkun akbar mill-ħsara kkważata mill-iżvelar ta' dak is-sigriet (l-Artikolu 232 taz-ZPP).

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Iva. Jekk xhud li ġie mħarrek quddiem il-qorti skont il-proċedura jonqos li jidher u dan in-nuqqas mhux ġustifikat, jew jekk jitilqu minn fejn kellhom jixhdu mingħajr permess, il-qorti tista' tordna li jinġiebu b'arrest, bi spejjeż tagħhom, u tista' timponi wkoll multa sa massimu ta' EUR 1 300). Il-qorti tista' timponi din il-multu wkoll fuq xhud li jitle l-qorti iżda li, wara li jkun ġie mwissi bil-konsegwenzi, jirrifjuta li jixhed jew li jwieġeb mistoqsijiet speċifiċi għal raġunijiet li l-qorti tqis mhux ġustifikati. F'dan il-każ, il-qorti tista', jekk ix-xhud ikun għadu qed jirrifjuta li jixhed, tibgħatu l-ħabs sakemm ikun lest biex jixhed, jew sakemm ma jkunx hemm bżonn li jinstema', iżda għal perjodu ta' mhux aktar minn xahar (l-Artikolu 241(1,2) taz-ZPP).

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Xhud jista' jkun kull persuna li hija kapaċi tagħti informazzjoni dwar il-fatti li jridu jiġu ppruvati (l-Artikolu 229(2) taz-ZPP). L-eliġibbiltà biex wieħed ikun xhud ma tiddependix fuq il-kapaċità ġuridika. Minuri jew persuna li ġew iddikjarati parzjalment jew totalment interdetti jistgħu jkunu xhieda jekk huma kapaċi jaġhmu informazzjoni dwar il-fatti ġuridikament rilevanti. Il-kwistjoni dwar jekk xhud huwiex kapaċi jixhed tiġi evalwata mill-qorti fuq bażi individwali.

Kull waħda mill-partijiet fil-kawża jew ir-rappreżentant legali tagħha ma jistgħux ikunu xhieda; madankollu, rappreżentant ordinarju (pooblaščenec) jew intervenut fil-kawża (stranski intervenient) jistgħu jkunu xhud.

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġh ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

Fir-rigward tas-smiġh tax-xhieda, ara r-risposta aktar 'il fuq.

Is-sistema ta' vidjokonferenza hija regolata mill-Artikolu 114a taz-ZPP, li jgħid li qorti tista', bil-kunsens tal-partijiet, tippermetti li l-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom ikun f'post ieħor waqt is-smiġh u jmessu atti proċedurali hemmhekk jekk ikun hemm trażmissjoni awdjo u tal-vidjow mill-post fejn tkun qed issir is-seduta lejn il-post fejn ikunu preżenti l-partijiet u/jew ir-rappreżentanti tagħhom. L-istess kundizzjonijiet japplikaw għal għir ta' provi permezz ta' spezzjonijiet, dokumenti, ix-xhieda mill-partijiet, ix-xhieda u x-xhieda esperti.

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

B'mod ġenerali, il-provi miksuba illegalment (pereżempju permezz ta' interċettazzjonijiet telefoniki illegali) ma jistgħux jintużaw fi proċedimenti ċivili.

Madankollu, il-ġurisprudenza eċċezjonalment tippermetti l-użu ta' dawn il-provi jekk hemm raġunijiet sodi biex isir hekk jew jekk il-ġbir tal-provi għandu importanza speċjali għall-implimentazzjoni ta' dritt protett mill-Konstituzzjoni. F'dan il-każ, minbarra li xi provi jista' jkun inġiebu illegalment, ir-rwol deċiżiv huwa dwar jekk il-provi prodotti f'proċedimenti ċivili jistgħux iwasslu għal ksur mill-ġdid tad-drittijiet tal-bniedem.

Dwar provi inammissibbli u provi li ma jistgħux jinġiebu b'mod fattibbli, l-Artikolu 3(3) taz-ZPP jgħid li l-qorti ma tirrikonoxxi il-mozzjonijiet tal-partijiet li jiksru regolamenti vinkolanti jew huma kontra r-regoli tal-morali.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Jekk dikjarazzjoni tiffirma parti minn kawża jew xi forma ta' rikors, ma tgħoddx bħala prova, iżda jkollha l-istatus ta' stqarrija reali minn dik il-parti, li għaliha jkollha tipproduċi provi xierqa. Jekk id-dikjarazzjoni qiegħda f'dokument sottomess bħala prova tal-istqarrijiet tal-parti, dik id-dikjarazzjoni jkollha l-istatus ta' dokument.

Dikjarazzjoni mogħtija minn parti waqt is-seduta ta' smiġh tgħodd ukoll bħala prova, għaliex iz-ZPP jirrikonoxxi wkoll is-smiġh tal-partijiet bħala provi (l-Artikolu 257 taz-ZPP).

## Ftoqq relatati

<http://www.pisrs.si/Pis.web/>

<https://www.uradni-list.si/>

<http://www.dz-rs.si/wps/portal/Home/deloDZ/zakonodaja/preciscenaBesedilaZakonov>

<http://www.sodisce.si/>

L-aħħar aġġornament: 10/01/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

**Smigħ ta' xhieda - Slovakkja**



## 1 L-oneru tal-provi

### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Ir-regola li biha l-qorti tikkumpila l-evidenza matul is-seduti hija bbażata fuq l-Artikolu 48(2) tal-Kostituzzjoni.

Fejn xieraq, qorti differenti tista' tintalab tikkumpila l-evidenza jew l-evidenza tista' tiġi kkompilata barra mis-smiġh. Il-qorti normalment tinnotifika lill-partijiet għall-proċedimenti tal-kumpilazzjoni ta' evidenza, barra mis-smiġh, f'hekk ijiem bil-quddiem. Il-partijiet għall-proċedimenti għandhom id-dritt jattendu tali teħid ta' evidenza.

Il-partijiet huma mitluba jindikaw l-evidenza biex jagħtu prova tal-pretensjonijiet tagħhom. Il-qorti tiddeċiedi liema mill-biċċiet ta' evidenza indikati se tikkumpila.

Il-qorti tista', b'mod eċċezzjonali, tikkumpila evidenza li ma tkunx l-evidenza proposta mill-partijiet jekk ikun meħtieġ biex tiddeċiedi fil-kawża.

Il-qorti tista' tiddeċiedi li l-evidenza meħuda tiġi ssupplimentata jew ripetuta quddiemha.

### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Eċċezzjoni għall-kumpilazzjoni ta' evidenza matul seduta hija meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għat-teħid ta' deċiżjoni mingħajr smiġh orali. Dan ma jfissirx li f'każijiet bħal dawn, l-evidenza ma tiġix ikkumpilata, iżda pjuttost li l-evidenza tiġi kkompilata barra minflok matul is-smiġh. Il-kumpilazzjoni ta' evidenza hija simili b'mod kwalitattiv għall-wiri ta' pretensjoni.

Dawn l-eċċezzjonijiet jinkludu dawn li ġejjin:

is-smiġh ta' kawża fuq il-merti meta tkun involuta valutazzjoni legali sempliċi tal-materja;

il-fatti li jsostnu l-partijiet ma jiġux ikkontestati u l-valur tad-disputa, mingħajr inċidentali, ma jaqbiżx l-EUR 2 000;

abbażi tal-kunsens tal-partijiet; jekk tinfareġ ordni ta' ħlas, sentenza mogħtija b'kontumacia jew sentenza għar-rikonnoxximent, u meta pretensjoni tiġi rrinunzjata.

Barra minn hekk, smiġh ma hemmx għalfejn jiġi ordnat fi proċedimenti dwar reviżjoni *in abstracto* f'każijiet tal-konsumaturi, meta tingħata sentenza mogħtija b'kontumacia favur konsumatur, f'tilwim kontra d-diskriminazzjoni dejjem jekk il-pretendent jagħti l-kunsens tiegħu, f'tilwim tax-xogħol individwali, u fil-każ ta' mozzjonijiet għall-ordni ta' miżura urġenti.

### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Fil-prinċipju, meta tevalwa l-evidenza, il-qorti mhijex ristretta mil-leġiżlazzjoni dwar kif jenħtieġ li tevalwa biċċa ta' evidenza partikolari f'termini ta' veraċità.

Għalhekk, jiġi applikat il-prinċipju tal-evalwazzjoni diskrezzjonali tal-evidenza. Huwa biss rarament li l-liġi timponi ċerti restrizzjonijiet fuq il-qorti fl-evalwazzjoni tal-evidenza; pereżempju, il-qorti trid taċċetta bħala pprovat kwalunkwe fatt li għalih il-liġi fiha suppożizzjoni konfutabbli, sakemm fil-proċedimenti ma tingħatax prova mod ieħor l-Artikolu 133 tal-Kodiċi Ċivili.

Il-qorti hija marbuta bid-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Hija marbuta wkoll bid-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali dwar jekk biċċa leġiżlazzjoni partikolari hijex jew mhijex f'kunflitt mal-Kostituzzjoni, liġi, jew trattat internazzjonali li huwa vinkolanti fuq ir-Repubblika Slovakkja. Il-qorti hija wkoll marbuta bid-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rigward id-drittijiet u l-libertajiet tal-bniedem. Barra minn hekk, il-qorti hija marbuta bid-deċiżjonijiet minn korpi kompetenti li jkun twettaq reat kriminali jew reat minuri jew reat amministrattiv ieħor punibbli skont regolamenti speċifiċi; madankollu, il-qorti mhijex marbuta b'deċiżjonijiet ta' multa fuq il-post.

Barra minn hekk, il-qorti tista' teżamina kwistjonijiet fil-kompetenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' awtorità oħra. Jekk, madankollu, l-awtorità kompetenti tiegħu deċiżjoni dwar tali kwistjoni, il-qorti tqis dik id-deċiżjoni u tinkorporaha fir-raġunijiet għas-sentenza tagħha (rispett għal deċiżjonijiet preċedenti).

## 2 Is-smiġh tal-provi

### 2.1 Għas-smiġh tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Il-partijiet tal-proċedimenti huma mitluba jindikaw l-evidenza biex jagħtu prova tal-pretensjonijiet tagħhom. Il-qorti tiddeċiedi liema mill-biċċiet ta' evidenza indikati se tikkumpila. Il-qorti tista' tikkumpila wkoll evidenza fuq inizjattiva tagħha stess fil-każ ta' evidenza bbażata fuq reġistri u listi pubbliċi jekk tali reġistri u listi jindikaw li l-fatti li jsostnu l-partijiet ma jaqblux mar-realtà; il-qorti ma tiegħu l-ebda evidenza oħra fuq inizjattiva tagħha stess.

Fuq inizjattiva tagħha, il-qorti tista' tikkumpila evidenza biex tistabbilixxi jekk il-kundizzjonijiet proċedurali jkunux ġew issodisfati jew jekk id-deċiżjoni proposta hijex se tkun infurzabbli, u biex issir familjari mal-liġi barranija rilevanti.

### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Il-qorti tikkumpila evidenza matul is-smiġh, sakemm il-kundizzjonijiet għat-teħid ta' deċiżjoni mingħajr smiġh orali ma jkunux ġew issodisfati.

Il-partijiet għandhom id-dritt li jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom dwar mozzjonijiet għall-evidenza u dwar kwalunkwe evidenza kkompilata.

### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Il-qorti tevalwa l-evidenza skont id-diskrezzjoni tagħha, filwaqt li tiegħu kull biċċa evidenza individwalment u kull biċċa evidenza fir-rigward tal-oħrajn, filwaqt li tqis bir-reqqa kwalunkwe materja li tkun ġiet żvelata fil-proċedimenti. L-affidabbiltà ta' kull biċċa evidenza meħuda tista' tiġi kkontestata sakemm il-liġi ma tippovdix mod ieħor.

Ċertu limitu fuq l-evalwazzjoni diskrezzjonali tal-evidenza japplika għall-qorti tal-appell u l-qorti li tittratta appelli dwar punti tal-liġi, meta l-qorti tal-appell mhijex marbuta bil-fatti tal-kawża kif stabbilit mill-qorti ta' prim'istanza. Għalhekk tista' tasal għal konklużjoni differenti fir-rigward tal-fatti. Madankollu, ma tistax titbiegħed mill-evalwazzjoni tal-evidenza speċifika kkompilata mill-qorti tal-prim'istanza. Hija tista' tevalwa biss evidenza kkompilata mill-qorti tal-prim'istanza b'mod differenti jekk tirrepeti dik l-evidenza. Madankollu, b'kuntrast għall-qorti tal-prim'istanza, hija tista' tevalwa b'mod differenti l-evidenza kkompilata minn qorti inferjuri permezz ta' qorti mitluba.

### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Kull ħaġa li tista' tikkontribwixxi għall-kjarifika xierqa tal-materja u li tkun inkisbet b'mod legali mill-mezzi ta' provi tista' sservi ta' evidenza. Mezzi ta' provi jinkludu eżami tal-partijiet u tax-xhieda, dokumenti, perizji, xhieda esperti, u spezzjonijiet. Jekk il-mod ta' kumpilazzjoni ta' evidenza ma jkunx preskritt, dan jiġi speċifikat mill-qorti.

### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

Xhud huwa persuna li hija distinta mill-qorti u mill-partijiet fil-proċedimenti li jixhed dwar il-fatti li jkun ipperċepixxa permezz tas-sensi tiegħu. Il-persuni fiżiċi biss jistgħu jkunu xhieda.

F'materji li jaqgħu fil-kompetenza tal-esperti tal-qorti ċivili, spiss ikunu meħtieġa perizji dwar il-fatti li jservu bħala l-bażi fattwali għal deċiżjonijiet dwar il-merti tal-kawża. Meta t-teħid ta' deċiżjoni dwar il-merti ta' kawża jkun jiddependi fuq valutazzjoni tal-fatti li għaliha jkun meħtieġ għarfien expert, il-qorti taħtar xhud expert. F'tali każ, il-qorti tista' taħtar xhud expert anke jekk l-imħallef ikollu għarfien expert li jippermettilu jivvaluta *r-ratione materiae* tal-proċedimenti b'mod expert. Dan l-għarfien ma jistax jiehru post l-istabbiliment oġġettiv tal-fatti minn parti lil hinn mill-korp li jiddeċiedi dwarhom.

Il-kompitu bażiku tal-qorti huwa li tiffurmula l-mistoqsijiet għax-xhud expert b'mod korrett. Il-qorti hija mitluba tistaqsi lix-xhud expert mistoqsijiet dwar il-fatti biss, u tevita mistoqsijiet relatati mal-valutazzjoni legali *tar-ratione materiae* tal-perizja.

Il-perizja tal-qorti tista' tiġi riveduta minn xhud esperti ieħor, jew minn istituzzjoni xjentifika jew istituzzjoni oħra. Ir-*ratione materiae* ta' tali opinjoni oħra hija revizzjoni tal-opinjoni sottomessa aktar kmieni. Din xi drabi tissejjaħ opinjoni ta' revizzjoni. Il-qorti teżamina l-perizji bħal kwalunkwe evidenza oħra.

## 2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Il-qorti tevalwa l-biċċiet individwali ta' evidenza f'termini tal-affidabbiltà u l-veraċità tagħhom. Il-qorti mhi limitata bl-ebda leġiżlazzjoni dwar kif jenħteġ li tevalwa kwalunkwe biċċa evidenza – dan huwa l-prinċipju tal-*evalwazzjoni* diskrezzjonali tal-evidenza. Minkejja dan, il-kunsiderazzjonijiet tal-*evalwazzjoni* tal-qorti mhumiex arbitrarji; il-qorti trid tqis dak kollu li għie żvelat fil-proċedimenti. Jenħteġ li l-qorti tirrispetta dawk il-fatti u trid tiddetermina b'mod korrett kif jirrelataw ma' xulxin. Fl-istess ħin, il-qorti mhi marbuta bl-ebda ordni ta' prijorità f'termini tal-importanza u l-forza probattiva ta' biċċiet ta' evidenza individwali.

## 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

F'materji fejn il-proċedimenti jistgħu jibdeu mingħajr mozzjoni u wkoll fi proċedimenti dwar il-permess għaż-żwieġ, dwar id-determinazzjoni u ċ-ċaħda tal-paternità, dwar l-adottabbiltà u dwar l-adozzjoni, u f'materji tar-reġistru kummerċjali, il-qorti hija mitluba tikkompila evidenza addizzjonali meħtieġa għall-istabbiliment tal-fatti anke jekk il-partijiet ma pproponewx tali evidenza.

## 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

Kull persuna fiżika li tiġi mħarrka hija obbligata tidher il-qorti u tixhed bħala xhud – it-Taqsima 126(2) tar-Regoli ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża. Hija jeħtiġiha tgħid il-verità u ma taħbi xejn. Il-qorti trid tgħarraf lix-xhud tal-liġi kriminali bil-konsegwenzi ta' għoti ta' xhieda falza u bid-dritt tiegħu li jirrifjuta milli jagħti evidenza.

## 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Ix-xhieda jistgħu jirrifjutaw jagħtu evidenza biss meta din tista' tinkrimina lilhom jew lil persuni li jiġu minnhom. Il-qorti tiddeċiedi dwar jekk ir-rifjut li tixhed huwiex leġittimu. Ix-xhieda jistgħu jirrifjutaw ukoll li jagħtu evidenza jekk ix-xhieda tagħhom tikser is-siġill tal-konfessjonarju jew il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni mgħoddija lilhom bħala persuni fdati b'kura pastorali, bil-fomm jew bil-miktub, bil-kundizzjoni tal-kunfidenzjalità.

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Il-qorti tiddeċiedi dwar il-leggittimità tar-rifjut li tixhed. Appelli kontra d-deċiżjoni tal-qorti mhumiex ammissibbli. Jekk, minkejja d-deċiżjoni tal-qorti, ix-xhud jirrifjuta li jagħti evidenza, il-qorti tista' timponi multa proċedurali fuqu.

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Il-qorti dejjem iridu jisingħu lir-rappreżentant statutorju ta' organizzazzjoni li tkun parti mill-proċedimenti ċivili bħala parti għal tali proċedimenti u mhux bħala xhud (Taqsima 185 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża).

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezz tekniki oħrajn?

Qabel teżamina x-xhieda, il-qorti trid tistabbilixxi l-identità tagħhom u r-relazzjonijiet tagħhom mal-partijiet. Barra minn hekk, ix-xhieda jridu jiġu infurmati bl-importanza tax-xhieda tagħhom, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, il-konsegwenzi kriminali tal-għoti ta' xhieda falza, u l-intitolament tagħhom għal multi tax-xhieda.

Il-qorti tistieden lix-xhieda biex, b'mod koerenti, jiddeskrivu dak kollu li jafu dwar ir-*ratione materiae* tal-eżami. Il-qorti mbagħad tistaqsi mistoqsijiet lix-xhieda li jkun meħtieġa biex tiġi s-supplimentata u ċċarata x-xhieda tagħhom.

Ix-xhieda ma jistgħux jiġu mistoqsijin mistoqsijiet tendenzjużi jew suġġestivi. Jekk il-partijiet għall-proċedimenti jew ix-xhieda esperti jiġu mistoqsija mistoqsijiet bħal dawn jew kwalunkwe mistoqsija relatata mal-valutazzjoni legali tal-kawża, l-imħallef li jippresjedi jgħid il-mistoqsijiet inammissibbli. L-imħallef li jippresjedi jiddeċiedi dwar l-inammissibbiltà tal-mistoqsijiet f'ordni li ma tiġix notifikata u li kontrih ma jista' jiġi ppreżentat l-ebda appell. L-ordni tifforma biss parti mit-traskrizzjoni tas-smiġħ.

Skont il-kunsens tal-partijiet għall-proċedimenti, il-qorti tista' torganizza smiġħ orali permezz ta' vidjokonferenza jew faċilitajiet tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni oħra.

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Jenħteġ li jiġi mtenni li l-qorti mhijiex limitata mil-leġiżlazzjoni dwar kif jenħteġ li tevalwa kwalunkwe biċċa evidenza partikolari – dan huwa l-prinċipju tal-*evalwazzjoni* diskrezzjonali tal-evidenza skont it-Taqsima 191 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Kontenzjuża.


### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Il-qorti tivvaluta l-atti mill-partijiet u l-avukati tagħhom u persuni oħrajn involuti fil-proċedimenti strettament f'termini tal-kontenut tagħhom minflok abbażi ta' kif dawn il-persuni indikawhom. L-atti mill-partijiet huma regolati mill-prinċipju tal-informalità. Fil-prinċipju, il-partijiet għandhom diskrezzjoni f'li jagħmlu atti proċedurali: kemm jekk jissottomettuhom bil-miktub jew bħala dikjarazzjoni orali mdaħħla bħala referenza, ix-xhieda tagħhom għandha l-istess effetti legali, iżda trid tiġi ddikjarata b'mod espliċitu jew b'mod li ma jagħtix lok għal dubju dwar l-intenzjoni proprja tagħhom.

L-aħħar aġġornament: 06/05/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna  għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

## Smiġħ ta' xhieda - Finlandja

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Ir-rikorrent irid jagħti prova tal-fatti li jsostnu l-pretensjoni tiegħu, filwaqt li l-intimat iġorr il-piż tal-prova li tiddefendih minnha. Jekk parti tonqos milli tippreżenta l-evidenza tirriskja li l-fatti li din tkun iddikjarat fil-pretensjoni, jitqiesu li ma għewx ippruvati.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Il-fatti ammessi ma għandhomx għalfejn jiġu ppruvati. Barra minn hekk, fatti rikonnoxxuti b'mod ġenerali, jew fatti magħrufa *ex officio* mill-qorti, ma għandhomx għalfejn jiġu ppruvati. Naturalment tista' tiġi ppreżentata evidenza li tikkuntraddixxi dawn il-fatti.

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

F'dan ir-rigward, il-liġi sempliċement tinkludi dispożizzjoni li tgħid li l-qorti, wara li tkun qieset il-fatti kollha ppreżentati, trid tiddeċiedi x'għandu jitqies bħala l-verità fil-kawża. Il-Finlandja tapplika l-prinċipju ta' "evalwazzjoni libera ta' evidenza", u għalhekk l-importanti huwa li titressaq evidenza rilevanti quddiem il-qorti.

## 2 Is-smiġ tal-provi

### 2.1 Għas-smiġ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Fil-prattika, il-partijiet interessati jridu jkunu l-evidenza li jixtiequ jibbażaw fuqha huma stess. Il-liġi tippermetti wkoll lill-qorti tikseb elementi ta' evidenza fuq l-inizjattiva tagħha stess. Madankollu, il-qorti ma tistax tordna li jiġi interrogat xhud ġdid jew li jiġi ppreżentat xi dokument, fuq l-inizjattiva tagħha stess u kontra r-rieda taż-żewġ partijiet interessati jekk il-każ inkwistjoni jkun jista' jwassal għal soluzzjoni ekstraġudizzjarja.

F'ċerti każijiet, bħal fil-kawżi ta' paternità, il-qorti hija fid-dmir ukoll li tiżgura li tinkiseb l-evidenza kollha meħtieġa.

### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Is-smiġ tal-evidenza jsir fis-seduta ewlenija.

### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

Il-qorti tista' tiċċad talba bħal din jekk, pereżempju, l-evidenza tkun irrilevanti jew jekk il-kawża tkun diġà ssoolviet fir-rigward ta' dak il-punt partikolari. Talba biex tinkiseb l-evidenza tista' tiġi miċċhuda wkoll jekk il-parti tkun ippreżentata tard wisq.

### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Il-mezzi ta' prova differenti jinkludu s-smiġ tal-partijiet interessati, tax-xhieda u tal-esperti, il-preżentata tal-evidenza miktuba u tar-rapporti tal-esperti, kif ukoll l-eżaminazzjoni.

### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

Ma hemm l-ebda differenza bejn l-evalwazzjoni tax-xhieda orali ta' xhud jew ta' expert u dik ta' rapport miktub minn expert. Madankollu, il-qorti ma jaċċettawx li x-xhieda jippreżentaw dikjarazzjonijiet bil-miktub.

### 2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Le. Il-qorti tgawdi minn setgħa diskrezzjonali libera fl-evalwazzjoni tal-evidenza.

### 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Le.

### 2.8 Ix-xhieda huma obligati bil-liġi li jixhdu?

Bħala regola ġenerali, ix-xhieda ma jistgħux jirrifjutaw li jixhdu.

### 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Pereżempju, il-konjuġi, l-għarus(a) u l-axxendenti u d-dixxendenti ta' parti interessata, ħutha u l-konjuġi tagħhom kif ukoll il-ġenituri adottivi jew it-tfal adottati tagħha għandhom id-dritt li jirrifjutaw li jixhdu. Barra minn hekk, il-liġi tinkludi diversi sitwazzjonijiet oħra fejn ix-xhieda jkollhom id-dritt jew l-obbligu li jirrifjutaw li jixhdu.

### 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Ix-xhud li jirrifjuta li jixhed mingħajr l-ebda raġuni leċiti, jista' jintalab jissodisfa l-obbligu tiegħu b'theddida ta' multa. Jekk ix-xhud jibqa' jippersisti li ma jridx jixhed, il-qorti tista' tordna li jiġi arrestat sakemm dan jaċċetta li jixhed.

### 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Fid-diskrezzjoni tagħha l-qorti tista' tiddeċiedi (pereżempju) jekk minorenni ta' inqas minn 15-il sena jew persuni bi problemi psikoloġiċi għandhomx jinstemgħu bħala xhieda.

Ċerti kategoriji ta' persuni, bħat-tobba u l-avukati, ma jistgħux jixhdu fuq kwistjonijiet marbuta mal-kariga ta' fiduċja tagħhom.

### 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezz tekniki oħrajn?

Bħala regola ġenerali, il-parti li tlella' persuna biex tixhed trid l-ewwel tintrogaha hi. Il-parti l-oħra mbagħad għandha d-dritt li tagħmel kontroeżami tax-xhud. Wara l-kontroeżami, il-qorti u l-partijiet interessati jistgħu jkomplu jinterrogaw lix-xhud.

Ix-xhieda jistgħu jinstemgħu b'vidjokonferenza jew inkella b'mezzi oħra adattati tat-telekomunikazzjoni li jipprovdu kollegament awdjoviżiv bejn il-parteċipanti kollha tas-seduta, jekk il-qorti tqis li dan ikun xieraq. Din il-proċedura tista' tintuża pereżempju jekk ix-xhud ma jkunx jista' jmur il-qorti personalment, jew jekk l-attenzenza tiegħu tkun twassal għal spejjeż eċċessivi, jew jekk ix-xhud ikollu inqas minn 15-il sena. F'ċerti sitwazzjonijiet, ix-xhieda jistgħu jinstemgħu wkoll bit-telefon.

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunx inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Il-liġi ma tinkludix struzzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' ċirkostanzi bħal dawn. Il-qorti trid tuża s-setgħa diskrezzjonali tagħha biex tiddeċiedi l-valur li għandu jkollha evidenza miksuba b'dan il-mod.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Iva. Il-partijiet interessati jistgħu jinstemgħu b'mod liberu biex jippreżentaw l-evidenza tagħhom, u f'kawżi ċivili jistgħu jinstemgħu taħt ġurament fir-rigward tal-fatti li jkollhom importanza partikolari biex jissolva l-każ. Id-dikjarazzjoni mogħtija minn parti interessata bħala evidenza, tiġi evalwata abbażi tal-istess kriterji użati għad-dikjarazzjonijiet mogħtija mix-xhieda.

## Hoq

[Is-smiġ tal-evidenza](#) (Il-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Finlandja)

Fuljett: [Ix-xhieda l-qorti](#) (Il-Ministeru tal-Ġustizzja, il-Finlandja)

L-aħħar aġġornament: 10/05/2023

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NGE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NGE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [sv](#) ġiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

Jekk jogħġbok innota li dawn il-lingwi li ġejjin: [en](#) diġà ġew tradotti.

## Smigħ ta' xhieda - Svezja

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Il-liggi Svediża hija bbażata fuq il-prinċipji tal-metodu tal-provi u l-ammissibilità tagħhom. Wara eżami dettaljat ta' kull ma jkun ħareġ mill-każ, il-qorti trid tiddeċiedi x'għe ppruvat. Hija l-qorti li tiddeċiedi x'valur tagħti lill-provi.

Ċerti regoli dwar l-ammissibilità tal-provi għew stabbiliti fil-ġurisprudenza, inkluż b'rabta ma' fuq min qiegħed l-oneru tal-prova. Regola ewlenija ssimplifikata ħafna, li għaliha hemm ħafna eċċezzjonijiet, hija li kull min jalleġa xi ħaġa jrid imbagħad jippruvaha. Jekk parti tkun sabitha aktar faċli biex tikseb il-prova ta' ċertu fatt, l-oneru tal-prova normalment jaqa' fuqha. Jekk parti tkun sabitha diffiċli biex tipproduċi provi ta' xi ċirkostanza, dan jista' jkollu konsegwenza fuq min qiegħed jinsab l-oneru tal-prova. Jekk, pereżempju, xi ħadd jitolb il-ħlas ta' dejn, huwa jrid juru li għandu dritt kontra l-parti l-oħra. Jekk il-parti l-oħra ssostni li l-ħlas ġa sar, l-oneru tal-prova issa jaqa' fuqha. F'każ ta' responsabbiltà għad-danni, normalment hija l-parti li ssostni li ġarrbet id-danni li jkollha l-oneru tal-prova. Jista' jiġri wkoll li l-oneru tal-prova għal xi fatt jaqa' bil-kontra fuq il-parti l-oħra.

Jekk il-provi prodotti mhumiex konkreti biżżejjed, il-qorti ma tistax tuża ċ-ċirkostanza konċernata bħala bażi għall-eżami tagħha. Jekk huwa l-każ ta' stima tal-valur tad-dannu li seħħ, hemm eċċezzjoni, li jfisser li l-qorti tista', jekk ma jkunx possibbli jew diffiċli wisq li jiġu prodotti provi dwar l-ammont ta' danni, għal stima tal-valur tad-dannu f'ammont raġonevoli.

## **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija nru 1.1.

### **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

Ir-rekwiżiti li huma stabbiliti għall-oneru tal-prova jiddependu mit-tip ta' każ konċernat. F'kawżi ċivili r-rekwiżit ġenerali huwa li jrid jiġi kkonfermat il-fatt konċernat. F'ċerti kawżi ċivili jista' japplika livell ta' prova aktar baxx. Bħala eżempju wieħed jista' jsemmi l-kawżi tal-poloż tal-assigurazzjoni tal-konsumaturi, fejn huwa biżżejjed li jkun aktar probabbli milli le li seħħ l-avveniment li kontrih inħarġet il-polza.

## **2 Is-smiġħ tal-provi**

### **2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imballeġ jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

Il-partijiet infushom huma responsabbli għall-provi. F'każijiet kontenzjużi, jiġifieri każijiet marbuta ma' kwistjonijiet fejn il-partijiet ma jistgħux jiksbu konċiljazzjoni, il-qorti għandha ċ-ċans tippreżenta provi fil-kawża mingħajr ma tiġi mitluba tagħmel hekk mill-partijiet. F'kawżi rigward il-kustodja jew drittijiet ta' aċċess għat-tfal, għalhekk, il-qorti tista' tiddeċiedi li l-investigazzjoni trid tiġi kumpliementata minn provi ulterjuri. F'kawżi ċivili fejn il-partijiet kisbu konċiljazzjoni, magħrufa bħala kawżi mhux kontenzjużi, il-qorti ma tistax tintroduċi provi ġodda *ex officio*.

### **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

Il-provi jinstemgħu fis-seduta prinċipali.

### **2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Il-qorti tista' tirriġetta l-provi jekk dak li tixtieq turi l-parti mhux rilevanti għall-kawża. Dan japplika wkoll jekk il-provi mhumiex meħtieġa jew jekk il-provi b'mod ċar ma jkollhom l-ebda effett. Barra minn hekk, hemm regoli li jfissru li x-xiedha bil-miktub hija ammissibbli biss f'ċirkostanzi speċjali u eċċezzjonali.

### **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Fl-Isvezja hemm, fil-prinċipju, tliet forom bażiċi ta' provi (mezzi ta' provi). Dawn huma:

provi bil-miktub;

l-eżami tax-xhieda;

l-eżami tal-partijiet;

l-eżami ta' espert;

l-investigazzjoni.

### **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

Xhud, bħala regola ġenerali, għandu jinstema' oralment u fil-preżenza tal-qorti. Ma tistax issir referenza għax-xhieda bil-miktub tax-xhieda. Bil-permess tal-qorti, madankollu, ix-xhud jista' juża xi noti biex jiffriska l-memorja. Il-parti li ssejjaħ lix-xhud tidda l-eżami (dan huwa msejjaħ l-eżami dirett) sakemm il-qorti ma tistabilixxi mod ieħor. Il-parti kontra mbagħad għandha ċans tagħmel mistoqsijiet lix-xhud (il-kontro eżami).

F'każ ta' provi mingħand espert ir-regola prinċipali hija li l-espert għandu jippreżenta dikjarazzjoni bil-miktub. Jekk ikun hemm talba minn waħda mill-partijiet, u dan b'mod ċar ikun importanti, l-espert jista' jinstema' wkoll oralment waqt il-proċedimenti. Seduta ta' smiġħ tista' ssir ukoll jekk huwa essenzjali li l-espert jinstema' fil-preżenza tal-qorti.

Jekk il-każ irid jiġi deċiż wara s-seduta prinċipali - pereżempju sabiex jinstema' x-xhud - il-provi bil-miktub u d-dikjarazzjonijiet esperti jridu fil-prinċipju jinqraw fil-beraħ fis-seduta sabiex il-qorti tkun tista' tqis il-materjal fis-sentenza tagħha. Il-qorti tista' madankollu, tiddeċiedi li provi bil-miktub ikunu nstemgħu fis-seduta prinċipali mingħajr ma nqraw fil-beraħ fis-seduta.

### **2.6 Hemm xi mezzi ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Skont il-liġi Svediża, japplika l-prinċipju tal-ammissibilità tal-provi. Fost affarijiet oħra, dan ifisser li mhemmx prinċipji fissi stabbiliti mil-liġi fir-rigward tal-piż li jkollhom provi differenti. Minflok il-qorti tista' twettaq eżami indipendenti ta' kull ma jkun ħareġ mill-każ u tiddeċiedi x'jista' jitqies bħala provi fil-każ.

### **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Il-prinċipju tal-ammissibilità tal-provi jfisser li mhemmx regoli li jispeċifikaw li ċerti ċirkostanzi jeħtieġu ċerti tipi ta' provi sabiex ikunu konfermati. Minflok il-qorti twettaq eżami ġenerali taċ-ċirkostanzi tal-każ fl-eżami ta' x'għe ppruvat.

### **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

Skont il-liġi Svediża, japplika l-obbligu ġenerali tax-xhieda. Dan ifisser li, bħala regola ġenerali, persuna msejjaħa biex tixhed trid tixhed.

### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Persuna mhux obligata tixhed f'każ fejn parti minnhom hija qarib tagħha. Xhud jista' jirrifjuta li jikkummenta fuq ċertu fatt jekk id-dikjarazzjoni tkun tisser li x-xhud għe sfurzata jiżvela li huwa kkometta reat kriminali jew ta' diżunur. Huwa jista' wkoll, f'ċerti ċirkostanzi, jirrifjuta li jiżvela sigrieti tan-negozju. Hemm ċerti restrizzjonijiet fuq id-dmir li wieħed jixhed fil-każ ta' xi kategoriji professjonali, pereżempju l-persunal tal-kura tas-saħħa.

### **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Persuna li trid tinstema' bħala xhud tissejjaħ għall-proċedimenti taħt piena ta' multa. Jekk ix-xhud ma jidherx, jeħel dik il-multu jekk ma jkollux raġuni valida għan-nuqqas ta' dehra tiegħu, pereżempju mard. Jekk ix-xhud ma jidherx, il-qorti tista' tiddeċiedi wkoll li tibgħat skorta tal-pulizija għax-xhud. Fl-aħħar nett, il-qorti għandha l-għażla li tibgħat il-ħabs persuna li tirrifjuta li tixhed mingħajr raġuni valida għaliex irrifjutat li twieġeb għall-mistoqsijiet.

### **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Jekk il-persuna msejjaħa bħala xhud hija taħt 15-il sena, jew tbatu minn mard mentali, il-qorti trid tara jekk tistax tiġi mismugħa bħala xhud, tenut kont taċ-ċirkostanzi. Ara wkoll it-Taqsim 2.9.

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

L-eżami tax-xhieda normalment jibda mill-persuna li ssejjaħ lix-xhieda (eżami dirett). Wara, il-parti kontra għandha ċans tagħmel il-mistoqsijiet (il-kontro eżami). Wara l-kontro eżami, il-persuna li ssejjaħ lix-xhieda u l-qorti jistgħu jagħmlu mistoqsijiet supplimentari. Il-qorti ttriggetta l-mistoqsijiet li b'mod ċar ma għandhom x'jaqsmu mal-każ jew li jħawwdu jew mhux xierqa b'mod ieħor.

Il-partijiet, ix-xhieda u persuni oħra li se jtilgħu l-qorti jridu jkollhom aċċess remot permezz ta' kollegament bil-vidjow jekk dan huwa xieraq. Ir-regola prinċipali, madankollu tibqa' li dawk li se jtilgħu l-qorti jridu jmorru personalment.

Xhud jista' jiġi eżaminat bit-telefown jekk xieraq, tenut kont tal-ispejjeż involuti jekk ix-xhud ikollu minflok jittla' l-qorti u l-importanza li x-xhud jinstema' personalment waqt is-seduta.

### 3 Il-valutazzjoni tal-provi

#### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Il-prinċipju tal-ammissibilità tal-provi jfisser li huma rari dawk l-eċċezzjonijiet fejn ma jistgħux jintużaw ċerti forum ta' provi. Il-fatt li l-provi nkisbu b'mod illegali ma jfissirx, għalhekk, fil-prinċipju, li dawk il-provi ma jistgħux jintużaw matul il-proċess. Madankollu dan il-fatt jista' jkollu sinifikat jekk il-provi jingħataw valur probatorju limitat fl-evalwazzjoni tal-provi.

#### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Parti ma tistax tixhed, iżda minflok tiġi eżaminata taħt għurament, fejn tkunkriminalment responsabbli għall-korrettezza tal-informazzjoni li hija tagħti.

L-aħħar aġġornament: 05/11/2015

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### Smiġħ ta' xhieda - L-Ingilterra u Wales

#### 1 L-oneru tal-provi

##### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

Ir-regola ġenerali dwar l-issodisfar tal-oneru tal-prova hija li f'kawżi ċivili, dan jinkombi fuq il-parti li tallega l-fatt; dan sabiex l-imħallef (jew il-ġurija) ikun sodisfatti (jew tkun sodisfatta) li fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet il-fatt allegat ikun korrett. L-oneru japplika għaż-żewġ partijiet flief meta jkun tassew ovvju li min għamel l-allegazzjoni ma ssodisfax l-oneru; hawnhekk l-imħallef ikun intitolat jipproċedi mingħajr ma jiddisturba lill-kontroparti.

F'termini prattiċi dan ifisser li l-qorti tkun sodisfatta li fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet l-avveniment ikun seħħ. Dan l-istandard jiġi mmodifikat mill-fatt li iktar ma tkun rari l-okkorrenza, iktar ikun għoli l-oneru tal-prova kif spjegat minn Lord Hoffman f'[Secretary of State for the Home Department vs Rehman](#)<sup>[1]</sup>.

[1] [2001] UKHL 47.

##### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Ma hemmx bżonn li jingħataw provi ta' fatti li jkunu ammessi, jew ovvjii jew irrilevanti għall-kawża.

Il-liġi tagħmel għadd ta' preżunzjonijiet li jistgħu jiġu kkonfutati b'evidenza kuntrarja. Dawn jinkludu preżunzjonijiet fir-rigward tal-leġittimità tat-tfal, il-validità taż-żwiġijiet, is-saħħa mentali ta' individwi, u l-mewt ta' persuni li għebu. L-innoċenza ta' reat tiġi preżunta, iżda kundanna kriminali tkun ammissibbli fi proċedimenti ċivili bħala evidenza li parti wettqet reat (u t fisser li l-parti jkollha l-oneru tal-prova tal-innoċenza).

Ikun hemm preżunzjoni ta' negliġenza meta rikorrent jipprova li jkun sofra dannu minn sors li kien taħt il-kontroll esklużiv tal-intimat, u li l-inċident kien tat-tip li normalment jirriżulta minn negliġenza.<sup>[1]</sup> Preżunzjoni simili tinħoloq meta persuna tkun ġiet f'data b'oġġetti li jkunu ntilfu jew inqerdu. Fiż-żewġ każijiet, il-preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata mill-intimat.

Qasam wieħed fejn l-oneru jinqaleb huwa fil-qasam tal-liġi dwar id-diskriminazzjoni fl-impjegi. Ladarba jkun hemm każ *prima facie* ta' diskriminazzjoni, l-oneru jaqa' fuq il-kontroparti biex turi li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni. Dan il-fenomenu rriżulta minn leġiżlazzjoni Ewropea dwar id-diskriminazzjoni u issa jinsab fl-Att dwar l-Ugwaljanza 2010 (Equality Act 2010).

Fl-aħħar nett hemm diversi materji ċivili, ġeneralment fir-rigward tal-leġiżlazzjoni dwar is-Saħħa u s-Sikurezza, fejn dan huwa każ ta' responsabbiltà stretta. Jiġifieri, jekk l-inċident seħħ, l-impjegatur huwa responsabbli għalih minħabba d-dmir strett ta' ħarsien tal-impjegatur.

[1] [2001] UKHL 47.

[2] Id-duttrina ta' *res ipsa Loquitur* jew li l-ħaġa titkellem għaliha nnifisha.

##### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

L-istandard tal-provi f'każijiet ċivili huwa l-"bilanċ tal-probabbiltajiet". Fi kliem ieħor, il-qorti tiddeċiedi li fatt ġie stabbilit jekk tkun sodisfatta li huwa aktar probabbli li l-fatt seħħ milli li le. Kif ġie nnutat hawn fuq, l-istandard jopera b'mod flessibbli: hija meħtieġa evidenza aktar konvinċenti biex jiġu stabbiliti allegazzjonijiet serji, bħal frodi fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet – billi huwa ġeneralment meqjus li tali allegazzjonijiet x'aktarx ikunu veri.

Dan it-test jiġi modifikat f'żewġ ċirkostanzi. F'każijiet fejn fin-nuqqas ta' kawża b'saħħitha, xorta waħda jkun hemm kawżi li jikkompetu bejniethom, l-imħallef ikun intitolat jiddeċiedi li l-kawża ma ġietx ippruvata<sup>[1]</sup>. Barra minn hekk, f'rikorsi għal sentenza sommarja<sup>[2]</sup> fejn l-istandard huwa pjuttost baxx, il-qorti tieħu deċiżjoni mingħajr il-benefiċċju ta' divulgazzjoni sħiħa jew kontroeżami.

[1] Dawn il-fenomni ġew esplorati f'[Rhesa Shipping](#) [1985] 1WLR.

[2] Ta' spiss użati fit-TCC biex tiġi eżegwita deċiżjoni arbitrali biex titħallas somma flus.

### 2 Is-smiġħ tal-provi

#### 2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

L-evidenza<sup>[1]</sup> tinkiseb fi proċedimenti ċivili permezz tad-divulgazzjoni ta' dokumenti rilevanti mill-partijiet, u t-testimonjanza tax-xhieda u l-esperti, l-evidenza trid tkun quddiem il-qorti

F'kull każ japplikaw regoli differenti.

##### Id-divulgazzjoni

Il-partijiet fi proċedimenti ċivili huma meħtieġa jiddivulgaw<sup>[2]</sup> l-eżistenza ta' dokumenti fil-kontroll jew fil-pussess tagħhom, sa fejn il-qorti tordnalhom li jagħmlu hekk, u li jippermettu lill-partijiet l-oħra jispezzjonaw dawk id-dokumenti. Il-qorti normalment tordna "divulgazzjoni standard" li tirrikjedi li l-partijiet jagħmlu tiftix raġonevoli għal dokumenti li jew jappoġġaw jew jaffettwaw b'mod negattiv il-każ ta' xi parti, mingħajr il-ħtieġa li l-partijiet jippreżentaw rikors lill-qorti. Għal kull tip ieħor ta' divulgazzjoni, parti jeħtieġha tapplika għal permess mill-qorti. Il-qorti tista' wkoll tagħmel ordnijiet għall-preżervazzjoni tal-evidenza u l-proprjetà.

##### Xhieda tal-fatt

Il-partijiet ma għandhomx bżonn il-permess tal-qorti biex iressqu xhieda biex jixhdu b'apport għall-kawżi tagħhom. Madankollu, parti li tixtieq isserraħ fuq l-evidenza ta' xhud jeħtiġilha tinnotifika dikjarazzjoni ta' xhieda ffirmata mix-xhud li jkun fiha l-evidenza tax-xhud, u jeħtiġilha ssejjaħ lix-xhud sabiex jixhed bil-fomm fil-proċess. Jekk il-parti ma tipprovdix dikjarazzjoni jew sommarju ta' xhud qabel il-kawża, il-parti ma tistax issejjaħ lil dak ix-xhud mingħajr il-permess tal-qorti. Barra minn hekk, il-qorti għandha setgħat estensivi biex tikkontrolla l-evidenza li tiġi ammessa u tista' teskludi evidenza li normalment tkun ammissibbli jew tillimita l-kontroeżami tax-xhieda.

Parti tista' tapplika wkoll għal ordni mill-qorti li jippermetti li xhieda tingħata permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata meħuda minn eżaminatur maħtur mill-qorti [3] qabel is-smiġ tal-kawża.

Ir-rwol tal-imħallef huwa essenzjalment li jevalwa l-evidenza ppreżentata mill-partijiet, u ma jinkludix funzjoni indipendenti ta' tiftix tal-fatti.

### **Xhieda esperti**

Parti ma tistax isserraħ fuq evidenza tal-esperti[4] sakemm il-qorti ma tagħtix permess. Il-qorti tista' tikkontrolla l-kwistjonijiet li fuqhom għandha tingħata l-evidenza esperta, il-forma li fiha tingħata l-evidenza, u t-tariffi pagabbli lill-espert.

Meta aktar minn parti waħda tkun tixtieq tippreżenta evidenza esperta dwar kwistjoni, il-qorti tista' tordna li l-evidenza tingħata minn espert wieħed li jingħata struzzjonijiet b'mod konġunt mill-partijiet, pjuttost milli minn esperti separati li jingħataw struzzjonijiet minn kull parti. Il-qorti tista' tordna dan fuq l-inizjattiva tagħha stess, mingħajr il-qbil tal-partijiet.

Il-qorti ma titlobx lill-partijiet jagħtu evidenza esperta fuq l-inizjattiva tagħha stess. Madankollu, il-qorti tista' taħtar hija stess espert bħala perit tal-qorti ("assessor") biex jassisti lill-qorti fir-rigward ta' kwistjoni. Il-qorti tista' tordna lill-perit tal-qorti iħejji perizja (li kopji tagħha jridu jiġu pprovduti lill-partijiet) u jattendi l-proċess biex jagħti pariri lill-qorti.

Il-Parti 35 tas-CPR tippermetti li l-evidenza esperta tingħata fl-istess ħin minn esperti f'dixiplini simili. Ġeneralment f'dawn iċ-ċirkostanzi l-partijiet jagħmlu l-kontroeżami u mbagħad l-imħallef jgħor fil-qosor il-pożizzjoni li l-esperti jkunu mistiedna jaqblu magħha.

[1] Ara l-Parti 32 tas-CPR.

[2] Ara l-Parti 31 tas-CPR

[3] Parti 34.8 tas-CPR

[4] Ara l-parti 35 tas-CPR

## **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

### **Id-divulgazzjoni**

Wara ordni ta' divulgazzjoni, kull parti jeħtiġilha tinnotifika lill-partijiet l-oħra b'lista tad-dokumenti rilevanti li huma, jew li kienu, fil-pussess jew fil-kontroll tagħha. Il-partijiet l-oħra huma mbagħad intitolati jispjezzjonaw u jkollhom kopji tad-dokumenti. Jistgħu jsiru f'islijiet għall-ikkopjar.

### **Xhieda tal-fatt**

Il-qorti għandha tordna lill-partijiet biex, qabel il-kawża, jippreżentaw dikjarazzjonijiet tax-xhieda ffirmati minn kull xhud li jkunu beħsiebhom iserrfu fuqu. Id-dikjarazzjoni tista' tiġi abbozzata mix-xhud, iżda ta' spiss tiħejja mill-avukat tal-parti li x-xhud ikun qed jixhed favuriha. Id-dikjarazzjoni għandha tistabbilixxi l-evidenza kollha tax-xhud, fi kliem ix-xhud, jekk dan ikun possibbli.

Jekk parti tkun għet ordnata tippreżenta dikjarazzjoni tax-xhud mingħand xhud iżda ma jirnexxilhiex tiksubha, il-parti tista' titlob il-permess tal-qorti biex tipprovdix sommarju tax-xhieda, li jistabbilixxi l-evidenza li x-xhud ikun mistenni jagħti jew fuq il-kwistjonijiet li l-parti jkollha l-intenzjoni li tagħmel mistoqsijiet lix-xhud dwarhom.

Jekk il-qorti tordna li evidenza ta' xhud għandha tiġi kkompilata f'depożizzjoni, ix-xhud jixhed oralment quddiem eżaminatur maħtur mill-qorti. L-eżami jsir bħallikieku kien proċess, b'opportunità sħiħa li jsir kontroeżami tax-xhud u tiġi prodotta traskrizzjoni tal-evidenza.

### **Xhieda esperti**

Jekk il-qorti tagħti permess għal evidenza esperta, il-partijiet jippreparaw istruzzjonijiet lill-espert(i). Meta jkun hemm espert konġunt, il-partijiet jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-espert b'mod separat jekk ma jkunx jista' jintlaħaq qbil dwar l-istruzzjonijiet. L-espert, li d-dmir prevalenti tiegħu huwa lejn il-qorti u mhux lejn il-parti jew il-partijiet li jagħtu l-istruzzjonijiet, għandu jħejji rapport bil-miktub. Parti tista' mbagħad tagħmel mistoqsijiet bil-miktub lil espert li ngħata struzzjonijiet b'mod konġunt jew minn parti oħra. Meta jkun hemm esperti separati, il-qorti tista' wkoll tordna li għandu jkun hemm diskussjonijiet bejn l-esperti biex jiġu identifikati oqsma ta' ftehim u ta' nuqqas ta' qbil. Ix-xhieda esperti huma intitolati li jitħallsu għas-servizzi tagħhom, normalment mill-parti jew mill-partijiet li jagħtuhom l-istruzzjonijiet.

## **2.3 F'lema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Kull meta l-partijiet jressqu rikorsi għal ordnijiet biex ikunu jistgħu jiksbu jew iressqu evidenza, il-qorti għandha tkun sodisfatta li l-evidenza inkwistjoni x'aktar tkun rilevanti u ammissibbli. Meta tikkunsidra kif teżerċita s-setgħat tagħha, il-qorti jeħtiġilha tfitteż ukoll li tittratta l-każijiet b'mod ġust, li jinkludi l-iffrankar ta' spejjeż u li tittratta l-każijiet b'modi li huma ġusti, veloċi u proporzjonati għall-importanza, il-kompleksità u l-valur tat-talba. Dawn il-konsiderazzjonijiet jistgħu jwasslu lill-qorti biex tirrifjuta rikorsi jew biex tagħmel ordnijiet fuq inizjattiva tagħha stess (eż. dwar il-ħtieġa ta' espert konġunt wieħed pjuttost milli esperti separati maħtura minn kull parti).

## **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Il-fatti jistgħu jintwerew bil-provi permezz ta' evidenza, ta' preżunzjonijiet u ta' inferenzi li jirriżultaw mill-evidenza, u mill-qorti li tiegħu nota ġudizzjarja ta' ċerti fatti magħrufa (ara iktar 'il fuq). It-tipi ta' evidenza li wieħed jista' jserraħ fuqhom fi proċedimenti ċivili huma t-testimonjanza tax-xhieda, dokumenti u evidenza reali. Id-dokumenti jistgħu jinkludu dokumenti fuq karti, rekords tal-komputer, ritratti, u vidjoreġistrazzjonijiet u awdjoreġistrazzjonijiet. L-evidenza reali tikkonsisti f'oġġetti materjali oħra rilevanti għall-kwistjonijiet li qed jiġu diskussi li jiġu ppreżentati lill-qorti, bħall-prodotti li jiffurmaw is-suġġett ta' tilwima dwar il-proprietà intellettwali. Tista' jinkludi wkoll imħallef li jżur ix-xena ta' inċident jew xi post rilevanti ieħor biex jara x-xena.

## **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jingħabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jingħabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizi/opinjoni ta' esperti?**

Fil-prinċipju, ix-xhieda ta' fatt jixhdu bil-fomm waqt il-proċess. Madankollu, kif intqal hawn fuq, kull parti hija mitluba tippreżenta dikjarazzjoni tax-xhud għal kull xhud li l-parti jkun biħsiebha sserraħ fuqu għall-evidenza. Fil-proċess, ix-xhud jintalab jikkonferma l-verità u l-preċiżjoni tad-dikjarazzjoni tiegħu, li mbagħad tkun l-evidenza tax-xhud għall-parti li se jhitlu. Meta jkun ġie notifikat sommarju tax-xhieda biss, ix-xhud ikollu jagħti evidenza orali aktar dettaljata. Ix-xhieda esperti jixhdu fir-rapporti miktubin sakemm il-qorti ma tordnax mod ieħor. Perizja trid tistabbilixxi l-konklużjonijiet, il-fatti u s-suppożizzjonijiet li fuqhom tkun ibbażata, u s-sustanza tal-istruzzjonijiet tal-espert. Il-qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm bżonn ukoll li espert jattendi l-proċess biex jixhed oralment. Perit (assessor) maħtur mill-qorti ma jkunx meħtieġ jagħti evidenza orali.

## **2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Il-qorti għandha diskrezzjoni estensiva rigward l-importanza jew il-kredibilità li għandha tingħata lil kwalunkwe biċċa evidenza. Ma hemm l-ebda regola kontra l-produzzjoni ta' dikjarazzjoni magħmula barra l-qorti bħala evidenza tal-fatti f'dik id-dikjarazzjoni ("xhieda fuq kliem ħaddieħor") [1], għalhekk parti tista' sserraħ fuq ittra bħala evidenza tal-kontenut tagħha, jew fuq rapport ta' xhud ta' dikjarazzjoni magħmula minn persuna oħra. Madankollu, xhieda fuq kliem ħaddieħor ta' spiss hija inqas kredibbli minn xhieda diretta, b'mod partikolari jekk min jagħmel id-dikjarazzjoni seta' jissejjaħ biex jixhed hu stess.



Ċerti dokumenti u rekords jiġu aċċettati bħala awtentiċi. Pereżempju, ir-rekords ta' negozji u awtoritajiet pubbliċi huma aċċettati bħala awtentiċi jekk ikunu ċċertifikati bħala tali minn uffiċjal tan-negozju jew tal-awtorità pubblika. U diversi tipi ta' dokumenti uffiċjali (bħal leġiżlazzjoni, digriet, ordnijiet, trattati u rekords tal-qorti) jistgħu jiġu pprova b'kopji stampati jew ċertifikati mingħajr ebda prova oħra.

[1] Ara l-Parti 33 tas-CPR u d-Direzzjoni tal-Prattika li takkumpanja.

## 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezzi ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Ċerti tranżazzjonijiet (pereżempju testamenti u bejgħ ta' art) iridu jsiru bil-miktub, u għalhekk ikun meħtieġ li tingħata prova dokumentarja.

## 2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?

B'mod ġenerali, ix-xhieda li jkun kompetenti biex jixhdu jistgħu jiġu mgħiegħla jagħmlu hekk. Parti li tixtieq tigarantixxi l-attenzja ta' xhud fi proċess tfejji taħrika tax-xhud li teżiġi li x-xhud jilta' l-qorti biex jixhed. Ladarba tinħareġ mill-qorti u tiġi nnotifikata kif xieraq, it-taħrika torbot lix-xhud sa tmiem is-seduta. Jekk il-qorti tordna li l-evidenza tax-xhud għandha tittieħed fi sqarrija iżda x-xhud ma jattendix jew jirrifjuta li jwieġeb mistoqsijiet legali, il-parti li teħtieġ l-istqarrija tista' tagħmel rikors għal ordni ulterjuri biex ix-xhud jattendi jew iwieġeb il-mistoqsijiet.

## 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Ir-regola ġenerali li x-xhieda kompetenti jistgħu jiġu mgħiegħla jixhdu ma tapplikax għar-Reġina, għas-sovrani barranin u għall-familji tagħhom, għall-aġenti diplomatiċi barranin u għall-uffiċjali konsulari, għar-rappreżentanti ta' ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali u għall-imħallfin u għall-ġurati (b'rabta mal-attivitajiet tagħhom f'dawk il-kapaċitajiet). Il-konjuġi u l-qraba tal-partijiet jistgħu jiġu mgħiegħla jixhdu fi proċedimenti ċivili.

Ix-xhieda li ġeneralment jistgħu jkun meħtieġa jixhdu xorta waħda jkun intitolati jipprevjenu li ċerti dokumenti jiġu spezzjonati u jirrifjutaw li jwieġbu ċerti mistoqsijiet fuq il-bażi ta' privileġġ. It-tipi ewlenin ta' privileġġ huma privileġġ professjonali legali (li japplika għall-komunikazzjonijiet li jsiru għall-iskop li jingħata jew jintalab parir legali, jew sabiex tinkiseb evidenza għal-litigazzjoni), il-privileġġ "mingħajr preġudizzju" (li japplika għall-komunikazzjonijiet bejn il-partijiet li jsiru f'tentattiv ġenwin biex tiġi kompromessa t-tiwwima, bħal offeriti biex tiġi riżolta pretensjoni), u l-privileġġ kontra l-awtoinkriminazzjoni (li jfisser li xhud jista' ma jkunx meħtieġ li jagħti evidenza jekk ikun hemm periklu reali li din tesponi lix-xhud jew lill-konjuġi tax-xhud għal akkuża kriminali jew piena fir-Renju Unit). Il-privileġġ jista' jiġi rinunzjat.

L-evidenza tista' titrażżan ukoll abbażi ta' immunità għall-interess pubbliku jekk il-produzzjoni tagħha tmur kontra l-interess pubbliku. L-evidenza li tista' tkun koperta mill-immunità tinkludi evidenza relatata mas-sigurtà nazzjonali, ma' relazzjonijiet diplomatiċi, mal-ħidma tal-gvern ċentrali, mal-benesseri tat-tfal, mal-investigazzjoni ta' reat u mal-protezzjoni ta' kollaboraturi. Barra minn hekk, il-ġurnalisti mhumiex meħtieġa jiddivulgaw is-sorsi tagħhom sakemm id-divulgazzjoni ma tkunx neċessarja fl-interessi tal-ġustizzja jew tas-sigurtà nazzjonali jew għall-prevenzjoni ta' disturb jew ta' reat.

L-uffiċjali tal-Bank ma jistgħux jiġu mgħiegħla jipproduċu kotba bankarji jew jagħtu evidenza tal-kontenut tagħhom sakemm ma jkunx hemm raġunijiet speċjali biex il-qorti tordna li jagħmlu hekk, iżda l-qorti tista' tordna li persuna tiħalla tispezzjoni jew tikkopja l-entrati tal-kont tal-bank.

## 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Xhud li, wara li jkun ġie notifikat b'taħrika tax-xhieda, ma jattendix il-qorti jew jirrifjuta li jixhed jista' jiġi arrestat għal disprezz tal-qorti u jintbagħat il-ħabs (mill-Qorti Superjuri (High Court)) jew immultat (mill-Qorti tal-Kontea (County Court)).

## 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

L-adulti kollha għandhom il-kompetenza li jixhdu fi proċedimenti ċivili ħlief jekk ma jkunux kapaċi jifhmu n-natura tal-ġurament li x-xhieda għandhom jieħdu jew ma jkunux kapaċi jagħtu xhieda razzjonali, pereżempju minħabba mard mentali. Meta xhud li jkun minuri ma jifhimx in-natura tal-ġurament, l-evidenza tiegħu xorta tista' tiġi aċċettata, iżda biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li l-minuri jifhem id-dmir li jgħid il-verità u "jifhem bizżejje b'mod li dan jiġġustifika li tinstema' x-xhieda tiegħu".

## 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?

### Ir-rwol tal-imħallef u tal-partijiet

Tradizzjonalment, ix-xhieda kienu jixhdu taħt eżami (evidence-in-chief) fil-proċess bi tweġiba għall-mistoqsijiet indiretti magħmula minn avukat għall-parti li tkun ħarrki. Madankollu, dikjarazzjoni tax-xhud issa tgħodd bħala xhieda taħt eżami (evidence-in-chief) sakemm il-qorti ma tordnax mod ieħor. Ix-xhud jista' mbagħad isirli kontroeżami minn konsulent legali tal-kontroparti, li jista' jistaqsi mistoqsijiet diretti lix-xhud. Ix-xhieda esperti li jixhdu oralment fil-proċess jista' wkoll isirlihom kontroeżami, iżda perit (assessor) maħtur mill-qorti ma jstax isirli kontroeżami mill-partijiet. L-imħallef jista' jagħmel mistoqsijiet lix-xhieda, normalment biex jikseb kjarifika tat-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-avukat.

### Evidenza permezz ta' vidjokonnessjoni

L-evidenza tista' tiġi pprovduta b'vidjokonnessjoni biss jekk il-qorti tagħti l-permess. Meta tkun qed tikkunsidra jekk għandhiex tagħmel ordni li jippermetti li tingħata l-evidenza b'dan il-mod, il-qorti tqis il-konvenjenza tal-użu tal-vidjokonferenzi (b'mod partikolari jekk xhud ikun marid jew barra mill-pajjiż), l-ispejjeż jew l-iffrankar assoċjati mal-użu ta' vidjokonnessjoni, u l-implicazzjonijiet għall-ġustizzja tal-proċedimenti (inkluż il-grad aktar limitat li bih il-qorti tista' tikkontrolla u tivvaluta x-xhud).

## 3 Il-valutazzjoni tal-provi

### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Jekk il-komunikazzjonijiet mibgħuta permezz tal-posta jew ta' sistema ta' telekomunikazzjoni (li tinkludi telefonati, faxes u e-mails) jiġu interċettati b'mod illegali, ma tistax tingħata evidenza tal-kontenut ta' dawk il-komunikazzjonijiet fi proċeduri legali. Il-bqija, l-evidenza tkun ġeneralment ammissibbli anke jekk ma tkunx inkisbet b'mod xieraq. Madankollu, il-qorti għandha s-setgħa li teskludi evidenza illi altrimenti tkun ammissibbli. Fid-deċizzjoni dwar kif wieħed jipproċedi, hija tibbilanċja l-importanza tal-evidenza kontra l-gravità tal-kondotta mhux xierqa. Jekk iċ-ċirkostanzi ma jiġġustifikawx l-esklużjoni tal-evidenza, il-qorti tista' tippenalizza lill-parti li tkun aġixxiet b'mod mhux xieraq b'modi oħra, pereżempju billi tordnalha tħallas l-ispejjeż.

### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Id-dikjarazzjonijiet tal-każ (jiġifieri d-dokumenti formali li jstabilixxu l-każ ta' kull parti) jistgħu jintużaw bħala evidenza f'seduti interim, iżda ma jservu ta' evidenza fil-proċess.

Dikjarazzjonijiet tax-xhieda mogħtija mill-partijiet fil-proċedimenti huma ammissibbli bħala evidenza daqs dikjarazzjonijiet mogħtija minn entitajiet li ma jkunux partijiet.

### Hoġoq relatati:

[Il-Ministeru tal-Ġustizzja \(Ministry of Justice\)](#)

[Ir-Regoli tal-Proċedura Ċivili](#)

L-aħħar aġġornament: 08/09/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## Smigħ ta' xhieda - L-Irlanda ta' fuq

### 1 L-oneru tal-provi

#### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

B'mod ġenerali, l-oneru tal-prova jaqa' fuq il-parti li tkun qed tfitteq li sserraħ fuq kwalunkwe fatt partikolari. Ir-rikorrent (fl-Irlanda ta' Fuq imsejjaħ "l-attur") għandu jipprova l-fatti li jagħtu lok għat-talba u l-konvenut għandu jagħti provi ta' dawk il-fatti li huwa jixtieq iserraħ fuqhom meta jiddefendi t-talba.

#### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Il-fatti jistgħu jiġu eżentati mill-oneru tal-prova bil-liġi jew b'kuntratt preeżistenti bejn il-partijiet. Barra minn hekk, il-qorti tista' tikkunsidra ċerti fatti ppruvati billi "tiegħu konjizzjoni ġudizzjarja" ("taking judicial notice"), pereżempju, kwistjonijiet ta' għarfien ġenerali. Xi preżunzjonijiet jitqiesu bħala preżunti b'mod konklużiv, pereżempju, jekk statut jipprovdi li dan ikun hekk, waqt li oħrajn jistgħu jiġu kkonfutati, pereżempju, is-suppożizzjoni li persuna tkun f'sensiha.

#### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

Il-qorti jeħtiġilha tkun konvinta minn fatt fil-"bilanċ tal-probabbiltajiet", jiġifieri li mill-inqas 51% x'aktarx li huwa veru meta mqabbel ma' 49% x'aktarx li mhux veru. Ladarba jkun hemm prova li fatt huwa fil-bilanċ tal-probabbiltajiet, dan jitqies li jkun stabbilit.

### 2 Is-smiġ tal-provi

#### 2.1 Għas-smiġ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Hija r-regola ġenerali li mħallef ma jistax jitlob l-attenzjoni ta' xhud, ħlief f'ċirkostanzi limitati, iżda jista' jsejjaħ xhud u jerġa' jsejjaħ xhud li diġà ġie msejjaħ. Bis-saħħa tar-regoli li jirregolaw il-proċedura tal-qorti fl-Irlanda ta' Fuq, il-qorti għandha d-diskrezzjoni li tordna lil kwalunkwe persuna tattendi l-proċedimenti u tipproduċi dokument.

#### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

Jekk parti, normalment permezz tal-avukati tagħha, tkun tista' ssejjaħ xhud partikolari sabiex jixhed, l-avukat tagħha stess jagħmel mistoqsijiet lix-xhud (dan jissejjaħ "eżami" (evidence-in-chief)) u mbagħad l-avukat tal-parti l-oħra jkun jista' jagħmel kontroeżami tax-xhud. L-Imħallef jista' jagħmel mistoqsijiet lix-xhud u jstieden lill-avukati sabiex isegwu, jekk ikunu jixtiequ, fuq kwalunkwe ħaġa li tirriżulta mill-mistoqsijiet li jkun għamel.

#### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

F'ċerti każijiet, pereżempju, meta xhud ikun se jattendi seduta privata, il-permess tal-qorti għandu jintalab qabel ma x-xhud ikun jista' jiġi mħarrek uffiċjalment biex jattendi. Inkella, il-qorti ma jkollha l-ebda kontroll fuq liema xhieda jkun mitluba jixhdu għalkemm tista' timponi pjeni fuq il-partijiet li jsejju xhieda mhux meħtieġa.

#### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Il-metodu ewlieni ta' prova huwa permezz ta' xhieda bil-fomm. Tista' tintuża wkoll xhieda bil-miktub, bħal rapporti minn esperti, u evidenza dokumentarja, bħal mapep.

#### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jinġabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizjoni/opinjoni ta' esperti?

Il-mezz prinċipali ta' provi huwa permezz ta' evidenza orali tal-partijiet u x-xhieda tagħhom. L-evidenza tax-xhieda esperti, pereżempju, tobbja u inginjera, tista' tittiegħed minn rapport bil-miktub bi ftehim. Ix-xhud jista' mbagħad jiġi mistoqsi fuq punti partikolari. Ir-regoli tal-Qorti fl-Irlanda ta' Fuq jirrestrinġu n-numru ta' xhieda esperti li jistgħu jagħtu xhieda orali għal żewġ esperti mediċi u esperti ieħor sakemm il-Qorti ma tagħtix permess biex jissejju aktar.

Il-mapep u d-dokumenti jistgħu jintużaw ukoll bħala evidenza u l-awtentiċità tagħhom trid tiġi ppruvata għas-sodisfazzjoni tal-qorti. Barra minn hekk, jista' jkun li l-qorti tkun trid tagħmel aċċess fuq il-post jew tħares lejn oġġett fiżiku jekk tħoss li dan għandu xi valur probatorju.

#### 2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Huwa dejjem fid-diskrezzjoni tal-qorti biex tiddeċiedi x'piż għandu jingħata lil kull biċċa evidenza partikolari.

#### 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

Hemm preżunzjoni li l-fatti jiġu pprovati bil-fomm u fil-qorti miftuħa.

#### 2.8 Ix-xhieda huma obligati bil-liġi li jixhdu?

Xhud kompetenti li jkun ġie mħarrek biex jagħti xhieda huwa obligat li jidher fis-smiġ u n-nuqqas li jagħmel dan huwa disprezz tal-qorti.

#### 2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?

Parti tista' titlob "privileġġ" milli jkollha tagħti evidenza fuq il-bażi tal-eżistenza ta' relazzjoni professjonali legali; l-awtoinkriminazzjoni tagħha jew tal-konjuġi tagħha; l-interess pubbliku u l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Hemm forum oħra ta' privileġġ li huma garantiti mill-istatut, pereżempju l-privileġġ diplomatiku. Barra minn hekk, hemm privileġġ diskrezzjonali, pereżempju, fir-rigward tal-informazzjoni mogħtija b'kunfidenzjalità.

#### 2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?

Iva. Xhud ikun ħati ta' disprezz tal-qorti jekk jonqos milli jidher wara li jkun ġie debitament notifikat b'taħrika tax-xhieda jew b'ċitazzjoni. L-Imħallef jista' mbagħad jimponi multa jew perjodu ta' priġunerija u jitlob lix-xhud sabiex ineħħi d-disprezz billi jattendi u jixhed.

#### 2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?

Il-kapaċità hija l-kriterju ġenerali għall-ġħoti ta' evidenza. Persuna titqies li tkun kapaċi tixhed sakemm ma tkunx inkapaċi li tifhem id-dover impost mill-ġurament minħabba l-infanzja jew, pereżempju, id-dimenzja; sakemm ma tkunx l-imħallef fil-kawża jew sakemm ma tkunx tista' titlob privileġġ.

#### 2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezz tekniki oħrajn?

Ir-rwol tal-partijiet, li normalment ikunu rappreżentati mill-avukati (għalkemm hemm dispożizzjoni li persuna tista' tirrappreżenta lilha nnifisha) huwa li jippreżentaw evidenza lill-qorti biex jipprovaw il-każ tagħhom abbażi tal-bilanċ tal-probabbiltajiet. L-Imħallef jagħxi ta' arbitru sabiex jiżgura li l-interrogazzjoni tax-xhieda tkun ġusta, legali u rilevanti għall-punti inkwistjoni fil-każ. L-Imħallef jista' jinterroga lix-xhieda huwa stess, iżda jippermetti lill-avukati tal-partijiet li jsegu kwalunkwe linja li tirriżulta mix-xhud bħala risposta għall-mistoqsijiet tiegħu.

Meta l-espert ma jkunx jista' jiġi minn ġurisdizzjoni oħra issa qed isir użu limitat, pereżempju fil-Qorti Superjuri (High Court) f'Belfast, biex tiġi ffaċilitata l-evidenza esperta permezz ta' vidjokonnessjoni jew permezz tal-iSkype.

### 3 Il-valutazzjoni tal-provi

#### 3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?

Il-qorti m'għandhiex diskrezzjoni ġenerali biex teskludi evidenza li tkun inkisbet b'mod inġust. L-evidenza tista' tiġi eskluża biss meta jkun hemm awtorità statutorja li dan isir jew meta din tkun inqatgħet mill-atti minħabba li tkun skandaluża jew abbuż tal-proċess.

#### 3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?

Iva, il-partijiet fil-każ jistgħu jagħtu xhieda f'isimhom stess.

### Floq relatati

## Is-Servizz tal-qradi u t-tribunali tal-Irlanda ta' Fuq

L-aħħar aġġornament: 09/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

### Smigħ ta' xhieda - Skozja

#### 1 L-oneru tal-provi

##### 1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?

L-istandard tal-provi f'każijiet ċivili fl-Iskozja jistrieħ fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, bl-oneru tal-prova fuq il-parti li trid li kwistjoni partikolari tiġi deċiża favur tagħha. Sabiex tagħmel hekk, dik il-parti trid tippreżenta biżżejjed evidenza biex issostni l-argument tagħha. Jekk l-evidenza tkun ibbażata fuq kwistjoni speċifika li tħalli l-kwistjoni kkonċernata f'bilanċ delikat, il-parti li tkun qed tiddependi fuqha bħala parti mill-kawża tagħha tista' ttitlef fuq dik il-kwistjoni.

##### 1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?

Hemm ċerti ċirkostanzi li filhom l-oneru tal-prova fuq kwistjoni partikolari ikun jinkombi lil parti iżda dik il-parti ma tkunx meħtieġa tippreżenta l-evidenza diretta kollha jew xi parti minnha biex issostniha. Hemm 4 sitwazzjonijiet prinċipali meta dan jirriżulta:

- (i) meta preżunzjoni topera favur parti
- (ii) meta l-kwistjoni tiġi nnotata b'mod ġudizzjarju, jiġifieri l-punti inkwistjoni jkunu kwistjonijiet li jistgħu jiġu immedjatament aċċertati minn sorsi ta' preċiżjoni inkontestabbli
- (iii) meta kwistjoni bejn il-partijiet tingħad li tkun *res judicata*, jiġifieri li tipprevjeni kwistjoni li tkun diġà ġiet aġġudikata milli tiġi aġġudikata f'okkażjonijiet sussegwenti
- (iv) meta l-punt ikun ammess formalment mill-parti l-oħra fil-bidu

Hemm 3 kategoriji ġenerali ta' preżunzjonijiet.

Dawn huma:

preżunzjonijiet tal-liġi li ma jistgħux jiġu konfutati – dawn huma prinċipji legali fissi li ma jistgħux jiġu “konfutati” jew argumentati permezz ta' evidenza kuntrarja.

preżunzjonijiet konfutabbli tal-liġi - dawn jistgħu jiġu opposti b'evidenza li turi li fil-każ partikolari ma jkunx sikur li wieħed jasal għal konklużjoni partikolari purament fuq il-bażi ta' fatt partikolari. Madankollu, sakemm ma tiġix prodotta xi evidenza li tikkonfutaha, x'aktarx li l-qorti tasal għal dik il-konklużjoni. preżunzjonijiet konfutabbli ta' fatt – dawn jirriżultaw mill-fatti ta' każijiet partikolari derivati minn esperjenza umana komuni. Fir-rigward ta' preżunzjoni ta' fatt konfutabbli, il-Fatt A normalment ifisser il-Fatt B iżda peress li dan ma jkunx dejjem il-każ il-qorti tisma' evidenza li tikkonfutah.

##### 1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?

M'hemm l-ebda regola legali li tirregola l-"piż" li jingħata lil xi element partikolari ta' evidenza u din hija kwistjoni għall-imħallef u l-ġurija. Il-qorti għandha tkun sodisfatta mill-parti li jkun hemm l-oneru tal-prova fuqha fuq kwistjoni partikolari, li l-verżjoni tagħha tal-fatti tkun aktar probabbli minn dik tal-avversarji tagħha.

#### 2 Is-smigħ tal-provi

##### 2.1 Għas-smigħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?

Imħallef ma jistax jagħmel investigazzjonijiet f'każ f'ismu stess, jew isejjaħ xhieda jew jinterrogahom fil-privat. Kull meta l-każ jitlob prova, l-imħallef jisma' lill-partijiet dwar l-evidenza li jkunu ddeċidew li jippreżentaw quddiemu, u mbagħad jieħu deċiżjoni dwar il-każ.

##### 2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?

B'mod ġenerali, ladarba l-partijiet ikunu ffinalizzaw in-noti tagħhom bil-miktub, ikunu jistgħu jitolbu lill-qorti biex tiġi stabbilita prova. Fil-prova, il-partijiet jippreżentaw lill-imħallef l-evidenza li jixtiequ jwasslu biex jipprovaw il-każ tagħhom.

##### 2.3 F'liema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?

F'każijiet fejn il-qorti tiddeċiedi li biċċa evidenza partikolari ma tkunx ammissibbli.

Sabiex l-evidenza tkun ammissibbli, din trid tissodisfa żewġ rekwiżiti. Trid tkun rilevanti u trid tikkonforma mar-regoli perentorji tal-evidenza.

##### 2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?

Hemm 3 tipi ta' smigħ fejn tista' tingħata l-evidenza fil-merti ta' każ. Dawn huma provi, provi qabel ma tingħata tweġiba u ġurijiet. Prova qabel ma tingħata tweġiba hija prova f'każ li fiha il-qorti tqis li jkun meħtieġ li tisma' l-evidenza taż-żewġ partijiet qabel ma tiddeċiedi dwar kwalunkwe mistoqsija legali li jista' jkollha tiġi riżolta sabiex tittieħed deċiżjoni finali fil-każ. Kważi s-seduti kollha tal-evidenza huma bil-provi jew provi qabel ma tingħata tweġiba u huwa rari ħafna li l-każijiet jgħaddu għal ġuri. Il-ġurijiet huma disponibbli biss fil-Qorti tas-Sessjoni (Court of Session) f'tipi ta' azzjoni partikolari, u fil-Qorti speċjalizzata tax-Xeriff tad-Dannu Personali (Sheriff Personal Injury Court).

##### 2.5 X'inhuma l-mezzi biex jingħabru l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jingħabru l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?

Normalment l-evidenza tinkiseb bi 3 modi: permezz ta' evidenza orali, reali u dokumentarja ta' xhud.

L-evidenza orali tinkludi xhieda fuq kliem ħaddieħor li hija meta xhud sempliċement jirakkonta dak li xi ħadd ra jew sema'. Sa fejn hu possibbli, il-prassi hija li x-xhieda jkunu preżenti fil-qorti biex jagħtu x-xhieda tagħhom sabiex ikunu jistgħu jiġu eżaminati u kontroeżaminati.

L-evidenza reali hija xi ħaġa tanġibbli u fiżika u trid tiġi ppreżentata bħala “produzzjoni”. Normalment, mill-inqas xhud wieħed irid jikkellm dwar l-evidenza sabiex din tkun ammissibbli.

L-evidenza dokumentarja tista' tkun miktuba, stampata, jew irreġistrata b'xi mod affidabbli ieħor bħal fuq tejp, vidjo, CD jew elettronikament, u għandha tiġi ppreżentata bħala produzzjoni wkoll. Normalment ix-xhieda esperti jkunu meħtieġa jattendu l-qorti biex jagħtu x-xhieda tagħhom eż. biex jixhdu dwar rapport ippreżentat bħala produzzjoni.

Evidenza bil-miktub bħal affidavits hija regolament ammissa u aċċettata bħala evidenza fi proċedimenti ċivili. Normalment, xhieda esperti jmorru l-qorti biex jagħtu l-opinjoni tagħhom bħala evidenza fil-proċedimenti. F'ħafna każijiet, esperti jikkellm favur rapport ippreżentat bħala produzzjoni.

##### 2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?

Hemm regola ġenerali li trid tiġi prodotta l-aħjar evidenza fil-każ. Fl-Iskozja, tingħata importanza kbira lill-evidenza orali ta' xhud aktar milli lil forum oħra ta' evidenza, għaliex ix-xhud ikun jista' jipprovdi lill-qorti rendikont dirett ta' dak li jkun ra jew sema'.

##### 2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?

F'ċerti ċirkostanzi huwa meħtieġ dokument bil-miktub. Pereżempju għall-kostituzzjoni ta' kuntratt relatat mal-art, fi trust fejn persuna tiddikjara lilha nnifisha bħala l-fiduċjarju waħdieni tal-proprjetà tagħha stess jew ta' kwalunkwe proprjetà li tista' takkwista jew meta tagħmel kwalunkwe testament, dispożizzjoni testamentarja fiduċjarja u saldu jew addendum.

Barra minn hekk, f'każijiet fejn wieheġ għandu jiddependi fuq evidenza dokumentata, l-oriġinal tad-dokument għandu jiġi ppreżentat sakemm il-partijiet ma jaċċettawx kopja tal-oriġinal jew kopja li tkun ġiet awtentikata kif xieraq bħala kopja vera mill-persuna li tkun qed tagħmel il-kopja.

### **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**

B'mod ġenerali, kull xhud li jissejjaħ biex jixhed huwa obligat li jaġħmel hekk.

### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

F'każijiet fejn xhieda jkollhom privileġġ li ma jwiegħbu mistoqsijiet eż. komunikazzjonijiet bejn konsulent legali u l-klijent tiegħu. Hemm ukoll regola ġenerali fil-liġi tal-Iskozja li persuna ma tistax tiġi mgieġħla tinkrimina ruħha. Xhud huwa intitolat jirrifjuta li jwieġeb mistoqsija jekk twegħba veritiera tista' twassal għal reat jew tinvolvi l-ammissjoni ta' adulterju peress li twegħba mhux veritiera tista' twassal għal akkuża ta' spjegur.

### **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Jekk persuna tirrifjuta li tixhed, allura hija tista' tiġi mgieġħla tixhed b'theddida ta' akkuża ta' disprezz tal-qorti. Jekk xhud jirrifjuta li jixhed, huwa possibbli wkoll li tiġi ppreżentata bħala evidenza dikjarazzjoni preċedenti ta' dak l-istess xhud.

### **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

Le. L-Att tal-2004 dwar ix-Xhieda Vulnerabbli (l-Iskozja) (Vulnerable Witnesses (Scotland) Act) neħħa t-"test ta' kompetenza" għax-xhieda fi proċedimenti kriminali u ċivili u għalhekk l-evidenza mhijiex inammissibbli biss għax xhud ma jifhimx id-dmir li jaġħti evidenza vera jew id-differenza bejn il-verità u l-gideb. Ikun fidejn l-imħallef jew il-ġurija li jiddeċiedu jekk ix-xhieda hijiex affidabbli u kredibbli fid-dawl tal-evidenza kollha fil-każ.

### **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

Ir-rwol tal-imħallef huwa li jiżgura li l-partijiet jaġħmlu mistoqsijiet b'mod ġust lix-xhieda meta jixhdu. L-imħallef irid jaġixxi wkoll b'imparzjalità. L-imħallef jista' wkoll jistaqsi mistoqsijiet sabiex pereżempju jiċċara kwistjoni li tibqa' oskura jew biex jiftaħ linja oħra ta' inkjezza li jidher li tkun rilevanti. Ir-rwol tal-partijiet huwa li jippreżentaw ix-xhieda rispettivi tagħhom li mbagħad kull wieheġ minnhom jiġi kontroeżaminat mill-parti jew partijiet l-oħra.

Skont l-Att tal-2004 dwar ix-Xhieda Vulnerabbli (l-Iskozja) (Vulnerable Witnesses (Scotland) Act) xhieda vulnerabbli (kif definiti fl-Att) huma intitolati jitolbu miżuri speċjali (eż. konnessjoni diretta tat-televiżjoni, skrin, sostenitur) biex jgħinuhom jaġħtu l-evidenza tagħhom. F'ċerti proċedimenti taħt l-Att dwar it-Tfal (l-Iskozja) tal-1995 l-evidenza ta' xhud tista' tittiegħed ukoll permezz ta' konnessjoni diretta tat-televiżjoni.

## **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

### **3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

Il-qorti għandha diskrezzjoni jekk teskludix evidenza li tkun inkisbet b'mod mhux xieraq li tkun soġġetta għall-għan prevalenti tal-interessi tal-ġustizzja.

### **3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?**

Jekk parti f'kawża ċivili tagħti xhieda, il-qorti tqis dan flimkien ma' kwalunkwe evidenza oħra li tkun semgħet meta tkun qed tiegħu deċiżjoni dwar il-każ.

L-aħħar aġġornament: 09/09/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekka r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

## **Smiġħ ta' xhieda - Ġibiltà**

### **1 L-oneru tal-provi**

#### **1.1 X'inhuma r-regoli dwar l-oneru tal-provi?**

B'mod ġenerali, l-oneru tal-prova ta' fatt li jkun ikkontestat jinkombi fuq il-parti li tiddikjara dak il-fatt bħala parti mill-każ tagħha. Għalhekk l-attur għandu l-oneru li jipprova l-fatti li jkun meħtieġa biex tiġi stabbilita l-pretensjoni, filwaqt li l-konvenut ġeneralment jerfa' r-responsabbiltà li jipprova r-risposti għat-talba. Jekk dubbi dwar fatt ma jstgħux jiġu solvuti, il-parti li għandha l-oneru li tipprova l-fatt ma tkunx issodisfat l-oneru tal-prova, u l-qorti tiddeċiedi li l-fatt mhuwiex ippruvat. Madankollu, l-imħallef għandu d-dmir li jsolvi kwistjonijiet fattwali importanti u għandu jiddeċiedi li l-oneru ma jkunx ġie ssodisfat f'każijiet eċċezzjonali biss.

#### **1.2 Hemm xi regoli li permezz tagħhom ċerti fatti jiġu eżentati mill-oneru tal-provi? F'liema każijiet? Jistgħu jiġu ppreżentati provi sabiex jiġi ppruvat li preżunzjoni legali partikolari mhix valida?**

Ma hemmx bżonn li jingħataw provi ta' fatti li jkun ammessi. L-imħallfin jistgħu jibbażaw ruħhom ukoll fuq l-għarfien ġenerali tagħhom tal-ħajja biex jieħdu "konjizzjoni ġudizzjarja" (judicial notice) ta' fatti li jkun magħrufa sew jew stabbiliti biċ-ċar, u għalhekk ma jkunx hemm bżonn ta' evidenza tat-tali fatti.

Il-liġi tagħmel għadd ta' preżunzjonijiet li jistgħu jiġu kkonfutati b'evidenza kuntrarja. Dawn jinkludu preżunzjonijiet fir-rigward tal-leġittimità tat-tfal, il-validità taż-żwiġijiet, is-saħħa mentali ta' individwi, u l-mewt ta' persuni li għebu. L-innoċenza ta' reat hija preżunta, iżda kundanna kriminali hija ammissibbli fi proċedimenti ċivili bħala evidenza li parti wettqet reat (u tfigħer li l-parti jkollha l-oneru tal-prova tal-innoċenza).

Ikun hemm preżunzjoni ta' negliġenza meta attur jipprova li hu jkun sofra dannu minn sors li kien taħt il-kontroll esklussiv tal-konvenut, u li l-inċident kien tat-tip li normalment jirriżulta minn negliġenza. Preżunzjoni simili tinħoloq meta persuna tkun ġiet fdata b'oġġetti li jkun ntilfu jew inqerdu.

#### **1.3 Sa liema livell trid tkun konvinta l-qorti sabiex tagħti sentenza li tissejjes fuq l-eżistenza ta' dak il-fatt?**

L-istandard tal-provi f'każijiet ċivili huwa l-"bilanċ tal-probabbiltajiet". Fi kliem ieħor, il-qorti tiddeċiedi li fatt ġie stabbilit jekk tkun sodisfatta li l-fatt ikun aktar probabbli li seħħ milli le. Dan l-istandard jopera b'mod flessibbli: hija meħtieġa evidenza aktar konvinċenti biex jiġu stabbiliti allegazzjonijiet serji, bħal frodi, fil-bilanċ tal-probabbiltajiet, billi huwa ġeneralment meqjus li tali allegazzjonijiet x'aktarx ma jkunux veritieri.

### **2 Is-smiġħ tal-provi**

#### **2.1 Għas-smiġħ tal-provi dejjem ikun meħtieġ li jsir rikors minn parti, jew huwa wkoll possibbli li f'ċerti każijiet l-imħallef jisma' l-provi fuq l-inizjattiva tiegħu stess?**

L-evidenza tinkiseb fil-proċedimenti ċivili permezz tad-divulgazzjoni ta' dokumenti rilevanti mill-partijiet, u t-testimonjanza ta' xhieda u esperti.

F'kull każ japplikaw regoli differenti.

#### **Id-divulgazzjoni**

Il-partijiet fil-proċedimenti ċivili huma meħtieġa jiddivulgaw l-eżistenza ta' dokumenti fil-kontroll jew fil-pussess tagħhom, sal-punt li l-qorti tordna li jaġħmlu hekk, u jippermettu lill-partijiet l-oħra jispjegaw dawk id-dokumenti. Il-qorti normalment tordna "divulgazzjoni standard" li tirrikjedi li l-partijiet jaġħmlu tiftixa raġonevoli għal dokumenti li jew jappoġġaw jew jaffettwaw b'mod negattiv il-każ ta' xi parti, mingħajr il-ħtieġa li l-partijiet jippreżentaw rikors lill-qorti. Għal kull tip ieħor ta' divulgazzjoni, parti jeħtieġha tapplika għal permess mill-qorti. Il-qorti tista' wkoll tagħmel ordnijiet għall-preżervazzjoni tal-evidenza u l-proprjetà.

#### **Xhieda tal-fatt**

Il-partijiet ma għandhomx bżonn il-permess tal-qorti biex iressqu xhieda biex jixhdu b'aplogg għall-kawżi tagħhom. Madankollu, parti li tixtieq isserraħ fuq l-evidenza ta' xhud trid tinnotifika dikjarazzjoni ta' xhieda ffirmata mix-xhud li jkun fiha l-evidenza tax-xhud, u trid issejjaħ lix-xhud sabiex jixhed bil-fomm fil-proċess. Jekk il-parti ma tipprovdix dikjarazzjoni jew sommarju ta' xhud qabel il-kawża, il-parti ma tistax issejjaħ lil dak ix-xhud mingħajr il-permess tal-qorti. Barra minn hekk, il-qorti għandha setgħat estensivi biex tikkontrolla l-evidenza li tiġi ammessa u tista' teskludi evidenza li normalment tkun ammissibbli jew tillimita l-kontroeżami tax-xhieda.

Parti tista' titlob ukoll ordni mill-qorti biex din tippermetti lil xhud jagħti l-evidenza f'dikjarazzjoni ġuramentata meħuda minn eżaminatur maħtur mill-qorti qabel is-smiġ tal-kawża.

Ir-rwol tal-imħallef huwa essenzjalment li jevalwa l-evidenza ppreżentata mill-partijiet, u ma jinkludix funzjoni indipendenti ta' tfitxija ta' fatti.

### **Xhieda esperti**

Parti ma tistax isserraħ fuq evidenza tal-esperti sakemm il-qorti ma tagħtix permess. Il-qorti tista' tikkontrolla l-kwistjonijiet li fuqhom għandha tingħata l-evidenza esperta, il-forma li fiha tingħata l-evidenza, u t-tariffi pagabbli lill-espert.

Meta aktar minn parti waħda tkun tixtieq tippreżenta evidenza esperta dwar kwistjoni, il-qorti tista' tordna li l-evidenza tingħata minn espert wieħed li jingħata struzzjonijiet b'mod konġunt mill-partijiet, pjuttost milli minn esperti separati li jingħataw struzzjonijiet minn kull parti. Il-qorti tista' tordna dan fuq l-inizjattiva tagħha stess, mingħajr il-qbil tal-partijiet.

Il-qorti ma titlobx lill-partijiet jagħtu evidenza esperta fuq l-inizjattiva tagħha stess. Madankollu, il-qorti tista' taħtar hija stess espert bħala perit tal-qorti ("assessor") biex jassisti lill-qorti fir-rigward ta' kwistjoni. Il-qorti tista' tordna lill-perit tal-qorti iħejji perizja (li kopji tiegħu jridu jiġu pprovduti lill-partijiet) u jattendi l-proċess biex jagħti pariri lill-qorti.

## **2.2 Jekk ir-rikors min-naħa ta' parti għall-ġbir tal-provi jintlaqa', x'isir wara?**

### **Id-divulgazzjoni**

Wara ordni ta' divulgazzjoni, kull parti jeħtiġilha tinnotifika lill-partijiet l-oħra b'lista tad-dokumenti rilevanti li huma, jew li kienu, fil-pussess jew fil-kontroll tagħha. Il-partijiet l-oħra mbagħad ikunu intitolati jispezzjonaw u jkollhom kopji tad-dokumenti. Jistgħu jsiru flasijiet għall-ikkopjar.

### **Xhieda tal-fatt**

Il-qorti għandha tordna lill-partijiet biex, qabel il-kawża, jippreżentaw dikjarazzjonijiet ta' xhieda ffirmati minn kull xhud li jkunu beħsiebhom iserrħu fuqu. Id-dikjarazzjoni tista' tiġi abbozzata mix-xhud, iżda ta' spiss tiħejja mill-avukat tal-parti li x-xhud ikun qed jixhed f'isimha. Id-dikjarazzjoni għandha tistabbilixxi l-evidenza kollha tax-xhud, fi kliem ix-xhud, jekk dan ikun possibbli.

Jekk parti tkun għet ordnata tippreżenta dikjarazzjoni ta' xhud mingħand xhud iżda ma tkunx tista' tiksibha, il-parti tista' titlob il-permess tal-qorti sabiex tipprovdix sommarju tax-xhieda, li jistabbilixxi l-evidenza li x-xhud ikun mistenni jagħti jew fuq il-kwistjonijiet li l-parti jkollha l-intenzjoni li tagħmel mistoqsijiet lix-xhud dwarhom.

Jekk il-qorti tordna li evidenza ta' xhud għandha tiġi kkompilata f'depożizzjoni, ix-xhud jixhed oralment quddiem eżaminatur maħtur mill-qorti. L-eżami jsir bħallikieku kien proċess, b'opportunità sħiħa li jsir kontroeżami tax-xhud u tiġi prodotta traskrizzjoni tal-evidenza.

### **Xhieda esperti**

Jekk il-qorti tagħti permess għal evidenza esperta, il-partijiet jippreparaw istruzzjonijiet lill-espert(i). Meta jkun hemm espert konġunt, il-partijiet jistgħu jagħtu struzzjonijiet lill-espert b'mod separat jekk ma jkunx jista' jintlaħaq qbil dwar l-istruzzjonijiet. L-espert, li d-dmir prevalenti tiegħu huwa lejn il-qorti u mhux lejn il-parti jew il-partijiet li jagħtu l-istruzzjonijiet, għandu jħejji rapport bil-miktub. Parti tista' mbagħad tagħmel mistoqsijiet bil-miktub lil espert li ngħata struzzjonijiet b'mod konġunt jew minn parti oħra. Meta jkun hemm esperti separati, il-qorti tista' wkoll tordna li għandu jkun hemm diskussjonijiet bejn l-esperti biex jiġu identifikati oqsma ta' ftehim u ta' nuqqas ta' qbil. Ix-xhieda esperti huma intitolati li jifhallsu għas-servizzi tagħhom, normalment mill-parti jew mill-partijiet li jagħtuhom l-istruzzjonijiet.

## **2.3 Fl'lema każijiet il-qorti tista' tiċċad ir-rikors ta' parti għall-ġbir tal-provi?**

Kull meta l-partijiet jressqu rikorsi għal ordnijiet biex ikunu jistgħu jiksbu jew iressqu evidenza, il-qorti għandha tkun sodisfatta li l-evidenza inkwistjoni x'aktarx tkun rilevanti u ammissibbli. Meta tikkunsidra kif teżerċita s-setgħat tagħha, il-qorti jeħtiġilha tfitx ukoll li tittratta l-każijiet b'mod ġust, li jinkludi l-iffrankar ta' spejjeż u li tittratta l-każijiet b'mod ġust, veloċi u proporzjonat għall-importanza, il-komplessità u l-valur tat-talba. Dawn il-konsiderazzjonijiet jistgħu jwasslu lill-qorti biex tirrifjuta rikorsi jew biex tagħmel ordnijiet fuq inizjattiva tagħha stess (eż. dwar il-ħtieġa ta' espert konġunt wieħed pjuttost milli esperti separati maħtura minn kull parti).

## **2.4 X'inhuma l-mezzi differenti biex isiru l-provi?**

Il-fatti jistgħu jintwerew bil-provi permezz ta' evidenza, ta' preżunzjonijiet u ta' inferenzi li jirriżultaw mill-evidenza, u mill-qorti li tiegħu nota ġudizzjarja ta' ċerti fatti magħrufa (ara iktar 'il fuq). It-tipi ta' evidenza li wieħed jista' jserraħ fuqhom fi proċedimenti ċivili huma t-testimonjanza tax-xhieda, dokumenti u evidenza reali. Id-dokumenti jistgħu jinkludu dokumenti fuq karti, rekords tal-kompjuter, ritratti, u vidjoreġistrazzjonijiet u awdjoreġistrazzjonijiet. L-evidenza reali tikkonsisti f'oġġetti materjali oħra rilevanti għall-kwistjonijiet li qed jiġu diskussi li jiġu ppreżentati lill-qorti, bħall-prodotti li jiffurmaw is-suġġett ta' tilwima dwar il-proprietà intellettwali. Din tista' tinkludi wkoll imħallef li jagħmel aċċess fuq il-post ta' inċident.

## **2.5 X'inhuma l-mezzi biex jingħabu l-provi mingħand ix-xhieda u huma differenti mill-mezzi użati biex jingħabu l-provi mingħand ix-xhieda tal-periti tal-qorti? X'inhuma r-regoli fir-rigward tas-sottomissjoni ta' provi bil-miktub u ta' perizji/opinjoni ta' esperti?**

Fil-prinċipju, ix-xhieda ta' fatt jixhdu bil-fomm waqt il-proċess. Madankollu, kif intqal hawn fuq, kull parti tkun mitluba tippreżenta dikjarazzjoni ta' xhud għal kull xhud li l-parti jkun biħsiebha sserraħ fuqu għall-evidenza. Fil-proċess, ix-xhud jintalab jikkonferma l-verità u l-preċiżjoni tad-dikjarazzjoni tiegħu, li mbagħad tkun l-evidenza tax-xhud għall-parti li se jħitlu. Meta jkun għe notifikat sommarju tax-xhieda biss, ix-xhud ikollu jagħti evidenza orali aktar dettaljata. Ix-xhieda esperti jixhdu fir-rapporti miktubin sakemm il-qorti ma tordnax xi mod ieħor. Perizja trid tistabbilixxi l-konklużjonijiet, il-fatti u s-suppożizzjonijiet li tkun ibbażata fuqhom, u s-sustanza tal-istruzzjonijiet tal-espert. Il-qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm bżonn ukoll li espert jattendi l-proċess biex jixhed oralment. Perit (assessor) maħtur mill-qorti ma jkunx meħtieġ jagħti evidenza orali.

## **2.6 Hemm xi mezz ta' prova li huma iktar b'saħħithom minn oħrajn?**

Il-qorti għandha diskrezzjoni estensiva rigward l-importanza jew il-kredibilità li għandha tingħata lil kwalunkwe biċċa evidenza. Ma hemm l-ebda regola kontra l-produzzjoni ta' dikjarazzjoni magħmula barra l-qorti bħala evidenza tal-fatti f'dik id-dikjarazzjoni ("xhieda fuq kliem ħaddieħor"), għalhekk parti tista' tiddependi fuq ittra bħala evidenza tal-kontenut tagħha, jew fuq rapport ta' xhud ta' dikjarazzjoni magħmula minn persuna oħra. Madankollu, xhieda fuq kliem ħaddieħor ta' spiss tkun inqas kredibbli minn xhieda diretta, b'mod partikolari jekk min jagħmel id-dikjarazzjoni seta' jissejjaħ biex jixhed hu stess. Ċerti dokumenti u rekords jiġu aċċettati bħala awtentiċi. Pereżempju, ir-rekords ta' negozji u awtoritajiet pubbliċi huma aċċettati bħala awtentiċi jekk iċċertifikati bħala tali minn uffiċjal tan-negozju jew tal-awtorità pubblika. U diversi tipi ta' dokumenti uffiċjali (bħal leġiżlazzjoni, digriet, ordnijiet, trattati u rekords tal-qorti) jistgħu jiġu pprovati b'kopji stampati jew ċertifikati mingħajr ebda prova oħra.

## **2.7 Hemm obbligu li jintużaw ċerti mezz ta' prova biex jiġu ppruvati xi fatti partikolari?**

Ċerti tranżazzjonijiet (pereżempju testamenti u bejgħ ta' art) iridu jsiru bil-miktub, u għalhekk ikun meħtieġ li tingħata prova dokumentarja.

## **2.8 Ix-xhieda huma obbligati bil-liġi li jixhdu?**



B'mod ġenerali, fi proċedimenti ċivili, ix-xhieda li jkun kompetenti biex jixhu jistgħu jiġu mgħiegħla. Parti li tixtieq tiggarrantixxi l-attenzenza ta' xhud fi proċess tfejji taħrika tax-xhud li teħtieġ li x-xhud jittla' l-qorti biex jixhed. Ladarba tinħareġ mill-qorti u tiġi nnotifikata kif xieraq, it-taħrika torbot lix-xhud sa tmiem is-seduta.

Jekk il-qorti tordna li l-evidenza tax-xhud ikollha tittieħed fi stqarrija iżda x-xhud ma jattendix jew jirrifjuta li jwieġeb mistoqsijiet legali, il-parti li teħtieġ l-istqarrija tista' tagħmel talba għal ordni ulterjuri biex ix-xhud jattendi jew iwieġeb il-mistoqsijiet.

### **2.9 F'liema ċirkostanzi jistgħu jirrifjutaw li jixhdu?**

Ir-regola ġenerali li x-xhieda kompetenti jistgħu jiġu mgħiegħla jixhdu ma tapplikax għar-Regina, għal sovrani barranin u għall-familji tagħhom, għal aġenti diplomatiċi barranin u għal uffiċjali konsulari, għal rappreżentanti ta' ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali u għal imħallfin u ġurati (b'rabta mal-attivitatiet tagħhom f'dawk il-kapaċitajiet). Konjuġi u qraba tal-partijiet jistgħu jiġu mgħiegħla jixhdu fi proċedimenti ċivili.

Ix-xhieda li ġeneralment jistgħu jkun meħtieġa jixhdu xorta waħda jkun intitolati li jipprevjenu ċerti dokumenti milli jiġu spezzjonati u jirrifjutaw li jwieġbu ċerti mistoqsijiet fuq il-bażi ta' privileġġ. It-tipi ewlenin ta' privileġġ huma privileġġ professjonali legali (li japplika għall-komunikazzjonijiet li jsiru għall-iskop li jingħata jew jintalab parir legali, jew sabiex tinkiseb evidenza għal-litigazzjoni), il-privileġġ "mingħajr preġudizzju" (li japplika għall-komunikazzjonijiet bejn il-partijiet li jsiru f'tentattivi ġenwin biex tiġi kompromessa t-tliwima, bħal offeriti biex tiġi riżolta pretensjoni), u l-privileġġ kontra l-awtoinkriminazzjoni (li jfisser li xhud jista' ma jkunx meħtieġ li jagħti evidenza jekk ikun hemm periklu reali li din tesponi lix-xhud jew lill-konjuġi tax-xhud għal akkuża kriminali jew piena f'Ġibiltà). Il-privileġġ jista' jiġi rinunzjat.

L-evidenza tista' titrażżan ukoll abbażi ta' immunità għall-interess pubbliku jekk il-produzzjoni tagħha tmur kontra l-interess pubbliku. L-evidenza li tista' tkun koperta mill-immunità tinkludi evidenza relatata mas-sigurtà nazzjonali, ma' relazzjonijiet diplomatiċi, mal-ħidma tal-gvern ċentrali, mal-benesseri tat-tfal, mal-investigazzjoni ta' reat u mal-protezzjoni ta' kollaboraturi. Barra minn hekk, il-ġurnalisti mhumiex meħtieġa jiddivulgaw is-sorsi tagħhom sakemm id-divulgazzjoni ma tkunx neċessarja fl-interessi tal-ġustizzja jew tas-sigurtà nazzjonali jew għall-prevenzjoni ta' disturb jew ta' reat.

L-uffiċjali tal-Bank ma jistgħux jiġu mgħiegħla jiproduċu kotba bankarji jew jagħtu evidenza tal-kontenut tagħhom sakemm ma jkunx hemm raġunijiet speċjali biex il-qorti tordna li dan isir, iżda l-qorti tista' tordna li persuna tiġi tispjega jew tikkopja l-entrati tal-kont tal-bank.

### **2.10 Jekk persuna tirrifjuta li tixhed tista' tingħata multa jew tiġi sfurzata tixhed?**

Xhud li, wara li jkun ġie notifikat b'taħrika tax-xhieda, ma jattendix il-qorti jew jirrifjuta li jixhed jista' jiġi arrestat għal disprezz tal-qorti u jintbagħat il-ħabs.

### **2.11 Hemm persuni li ma jistgħux jixhdu?**

L-adulti kollha għandhom il-kompetenza li jixhdu fi proċedimenti ċivili ħlief jekk ma jkunux kapaċi jifhem n-natura tal-ġurament li x-xhieda għandhom jieħdu jew ma jkunux kapaċi jagħtu xhieda razzjonali, pereżempju minħabba mard mentali. Meta xhud li jkun minuri ma jifhimx in-natura tal-ġurament, l-evidenza tiegħu xorta tista' tiġi aċċettata, iżda biss jekk il-qorti tkun sodisfatta li l-minuri jifhem id-dmir li jgħid il-verità u "jifhem biżżejjed b'mod li dan jiġġustifika li tinstema' x-xhieda tiegħu".

### **2.12 X'inhu r-rwol tal-imħallef u tal-partijiet fis-smiġħ ta' xhud? B'liema kundizzjonijiet jista' jinstema' xhud permezz ta' vidjokonferenza jew ta' mezzi tekniċi oħrajn?**

#### **Ir-rwol tal-imħallef u tal-partijiet**

Tradizzjonalment, ix-xhieda kienu jixhdu taħt eżami (evidence-in-chief) fil-proċess bi twegħiba għall-mistoqsijiet indiretti magħmula minn avukat għall-parti li tkun f'arrkithom. Madankollu, dikjarazzjoni tax-xhud issa tgħodd bħala xhieda taħt eżami (evidence-in-chief) sakemm il-qorti ma tordnax mod ieħor. Ix-xhud jista' mbagħad jsirli kontroeżami minn konsulent legali tal-kontroparti, li jista' jistaqsi mistoqsijiet diretti lix-xhud. Ix-xhieda esperti li jixhdu oralment fil-proċess jista' wkoll isirli kontroeżami, iżda perit (assessor) maħtur mill-qorti ma jistax isirli kontroeżami mill-partijiet. L-imħallef jista' jagħmel mistoqsijiet lix-xhieda, normalment biex jikseb kjarifika tat-twegħibiet tagħhom għall-mistoqsijiet tal-avukat.

#### **Evidenza permezz ta' vidjokonnessjoni**

L-evidenza tista' tiġi pprovduta b'vidjokonnessjoni biss jekk il-qorti tagħti l-permess. Meta tkun qed tikkunsidra jekk għandhiex tagħmel ordni li jippermetti li tingħata l-evidenza b'dan il-mod, il-qorti tqis il-konvenjenza tal-użu tal-vidjokonferenzi (b'mod partikolari jekk xhud ikun marid jew barra mill-pajjiż), l-ispejjeż jew l-iffrankar assoċjati mal-użu ta' vidjokonnessjoni, u l-implikazzjonijiet għall-ġustizzja tal-proċedimenti (inkluż il-grad aktar limitat li bih il-qorti tista' tikkontrolla u tivvaluta x-xhud).

### **3 Il-valutazzjoni tal-provi**

#### **3.1 Meta l-provi ma jkunux inkisbu b'mod legali minn parti, il-qorti jkollha xi restrizzjonijiet meta tagħti s-sentenza tagħha?**

Jekk il-komunikazzjonijiet mibgħuta permezz tal-posta jew ta' sistema ta' telekomunikazzjoni (li tinkludi telefonati, faxes u e-mails) jiġu interċettati b'mod illegali, ma tistax tingħata evidenza tal-kontenut ta' dawk il-komunikazzjonijiet fi proċeduri legali. F'każijiet oħrajn, l-evidenza tkun ġeneralment ammissibbli anke jekk ma tkunx inkisbet b'mod xieraq. Madankollu, il-qorti għandha s-setgħa li teskludi evidenza illi kieku tkun ammissibbli. Fid-deċiżjoni dwar kif wieħed jipproċedi, tibbilanċja l-importanza tal-evidenza kontra l-gravità tal-kondotta mhux xierqa. Jekk iċ-ċirkostanzi ma jiġġustifikawx l-esklużjoni tal-evidenza, il-qorti tista' tippenalizza lill-parti li tkun aġixxiet b'mod mhux xieraq b'modi oħra, pereżempju billi tordnalha tħallas l-ispejjeż.

#### **3.2 Bħala parti fil-kawża, id-dikjarazzjoni tiegħi tgħodd bħala prova?**

Id-dikjarazzjonijiet tal-każ (jiġifieri d-dokumenti formali li jstabbilixxu l-każ ta' kull parti) jistgħu jintużaw bħala evidenza f'seduti interim, iżda mhumiex se jservu ta' evidenza fil-proċess.

Dikjarazzjonijiet tax-xhieda mogħtija mill-partijiet fil-proċedimenti huma ammissibbli bħala evidenza daqs dikjarazzjonijiet mogħtija minn entitajiet li ma jkunux partijiet.

L-aħħar aġġornament: 09/09/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea.

Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.